# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 132

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

21 ta' Mejju 2016


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI


★ **Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali** ..... 1

★ **Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing** 21

★ **Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi** ..... 58


II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/803 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** ..... 79

**Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea** ..... 81


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2016/804 tas-17 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti** ..... 85

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/805 tal-20 ta' Mejju 2016 li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' *Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *S. griseoviridis*), ir-razza O ta' *Candida oleophila*, FEN 560 (magħruf ukoll bħala ħelba jew għabra taż-żerriegħa tal-ħelba), Dekanoat tal-metil (CAS 110-42-9), Ottanoat tal-Metil (CAS 111-11-5) u t-taħlita tat-terpenojd QRD 460** (1) 95

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/806 tal-20 ta' Mejju 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 97


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/807 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) matul l-40 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni, id-69 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u s-96 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima dwar l-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni ta' Faċilitazzjoni, l-Anness IV tal-MARPOL, ir-Regolamenti SOLAS II-2/13 u II-2/18, il-Kodiċi tas-Sistemi ta' Sikurezza kontra n-Nirien u l-Kodiċi tal-Programm ta' Kontroll Imsaħħaħ tal-2011** ..... 99

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/808 tat-18 ta' Mejju 2016 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ATALANTA/2/2016)** ..... 103

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/809 tal-20 ta' Mejju 2016 dwar l-avviż mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jixtieq jieħu sehem f'ċerti atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u li mhumiex parti mill-acquis ta' Schengen** ..... 105

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/810 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar it-tieni serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2016/10)** ..... 107

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/811 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' April 2016 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/34 dwar miżuri relatati ma' operazzjonijiet immirati ta' rifinanzjament fuq żmien itwal (BĊE/2016/11)** ..... 129


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA (UE) 2016/800 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-11 ta' Mejju 2016**

**dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 82(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġu stabbiliti garanziji proċedurali li jiżguraw li tfal, jiġifieri persuni taħt l-età ta' 18-il sena, li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, jkunu kapaċi jifhmu u jsegwu dawn il-proċedimenti u biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal proċess ġust, u biex jiġi evitat li t-tfal jerġgħu jwettqu reat u li tiġi mrawma l-integrazzjoni soċjali tagħhom.

(2) Bl-istabbiliment ta' regoli minimi komuni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali ta' tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati, din id-Direttiva għandha l-għan li ssaħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' xulxin u b'hekk ittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonjiet f'materji kriminali. Tali regoli minimi komuni jeħtieġ ukoll ineħħu l-ostakli għall-moviment liberu taċ-ċittadini fit-territorju kollu tal-Istati Membri.

(3) Minkejja li l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-esperjenza wriet li dan waħdu mhux dejjem jipprovdi livell suffiċjenti ta' fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' Stati Membri oħra.

(4) Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar il-Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali ([3]) ("il-Pjan Direzzjonali"). Permezz ta' approċċ gradwali, il-Pjan Direzzjonali jirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri rigward id-dritt għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni (miżura A), id-dritt għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-informazzjoni dwar l-akkużi (miżura B), id-dritt għall-parir legali u l-għajnuna legali (miżura C), id-dritt li persuna tikkomunika mal-qraba, ma' min iħaddem u mal-awtoritajiet konsulari (miżura D), u garanziji speċjali għal persuni suspettati jew akkużati li

([1]) ĠU C 226, 16.7.2014, p. 63.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' April 2016.
([3]) ĠU C 295, 4.12.2009, p. 1.

jkunu vulnerabbli (miżura E). Il-Pjan Direzzjonali jenfasizza li l-ordni tad-drittijiet huwa indikattiv u għalhekk jimplika li jista' jinbidel skont il-prijoritajiet. Il-Pjan Direzzjonali huwa mfassal sabiex jopera fl-intier tiegħu; ikun biss meta l-partijiet komponenti kollha tiegħu jiġu implimentati li l-benefiċċji tiegħu esperjenzati kollha kemm huma.

(5) Fil-11 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Ewropew laqa' l-Pjan Direzzjonali u inkludih bħala parti mill-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini ([1]) (punt 2.4). Il-Kunsill Ewropew issottolinja l-karattru mhux eżawrjenti tal-Pjan Direzzjonali billi stieden lill-Kummissjoni biex teżamina elementi ulterjuri tad-drittijiet proċedurali minimi għall-persuni suspettati u akkużati, u biex tivvaluta jekk elementi oħra, bħal pereżempju l-preżunzjoni tal-innoċenza, jeħtieġx li jiġu indirizzati, biex tkun promossa kooperazzjoni aħjar f'dak il-qasam.

(6) S'issa ġew adottati erba' miżuri dwar d-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali, skont il-Pjan Direzzjonali, jiġifieri d-Direttivi 2010/64/UE ([2]), 2012/13/UE ([3]) u 2013/48/UE ([4]) u d-Direttiva (UE) 2016/343 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(7) Din id-Direttiva tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-Linji Gwida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal.

(8) Meta t-tfal huma suspettati jew persuni akkużati fi proċedimenti kriminali jew ikunu soġġetti għal mandat ta' arrest Ewropew skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ([6]) (persuni rikjesti) ikunu tfal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aħjar interessi tat-tifel dejjem ikunu kunsiderazzjoni primarja, skont l-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta).

(9) It-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali għandhom jingħataw attenzjoni partikolari sabiex jiġi ppreservat il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp u għall-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-soċjetà.

(10) Din id-Direttiva għandha tapplika għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali u għat-tfal li huma persuni rikjesti. Fir-rigward ta' tfal li huma persuni rikjesti, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw mill-mument tal-arrest tagħhom fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

(11) Din id-Direttiva, jew ċerti dispożizzjonijiet tagħha, għandhom japplikaw ukoll għal persuni suspettati jew persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, u għal persuni rikjesti li kienu tfal meta ġew soġġetti għal dawn il-proċedimenti, iżda li sussegwentement ikunu laħqu l-età ta' 18-il sena, u fejn l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tkun xierqa fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-maturità u l-vulnerabilità tal-persuna kkonċernata.

(12) Meta, filwaqt li persuna ssir persuna suspettata jew akkużata fi proċedimenti kriminali, dik il-persuna tkun laħqet l'età ta' 18-il sena, iżda r-reat kriminali seħħ meta l-persuna kienet tifel, l-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-garanziji proċedurali previsti minn din id-Direttiva sakemm din il-persuna tilħaq l-età ta' 21 sena, mill-inqas fir-rigward ta' reati kriminali li jkunu twettqu mill-istess persuna suspettata jew akkużata u li jkunu investigati u mressqa għall-prosekuzzjoni flimkien minħabba li dawn ikunu marbuta mill-qrib ma' proċedimenti kriminali li jkunu nbdew kontra dik il-persuna qabel l-età ta' 18-il sena.

(13) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-età tat-tifel abbażi tad-dikjarazzjonijiet tat-tifel stess, jagħmlu kontrolli dwar l-istat ċivili tat-tifel, riċerka dokumentarja, evidenza oħra u, jekk tali evidenza ma tkunx disponibbli jew tkun inkonklużiva, eżami mediku. Eżami mediku għandu jitwettaq bħala l-aħħar alternattiva u b'konformità stretta mad-drittijiet, l-integrità fiżika u d-dinjità umana tat-tifel. Fejn jibqa' dubju dwar l-età ta' persuna, dik il-persuna għandha, għall-finijiet ta'din id-Direttiva, titqies bħala tifel.

([1]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1).
([3]) Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1).
([5]) Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1).
([6]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

(14) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika fir-rigward ta' ċerti reati żgħar. Madankollu, hi għandha tapplika meta tifel li hu suspettat jew persuna akkużata ikun imċaħħad mil-libertà.

(15) F'xi Stati Membri awtorità li mhijiex qorti li jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet kriminali jkollha l-kompetenza biex timponi sanzjonijiet għajr iċ-ċaħda tal-libertà fir-rigward ta' reati relattivament minuri. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta' reati tat-traffiku stradali li jitwettqu fuq skala kbira u li jista' jkun li jiġu stabbiliti wara li jsir kontroll tat-traffiku. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn id-dritt ta' Stat Membru jipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjoni minn tali awtorità fir-rigward ta' reati minuri u jkun hemm dritt ta' appell jew il-possibilità li l-kawża titressaq b'xi mod ieħor quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, din id-Direttiva għandha għaldaqstant tapplika biss għall-proċedimenti quddiem dik il-qorti wara tali appell jew rinviju.

(16) F'xi Stati Membri, ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri tat-traffiku stradali, reati minuri fir-rigward ta' regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, mhux raġonevoli li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir-rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun imposta ċ-ċaħda tal-libertà bħala sanzjoni, din id-Direttiva għandha għaldaqstant tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.

(17) Din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-proċedimenti kriminali. Hi m'għandhiex tapplika għal tipi oħra ta' proċedimenti, b'mod partikolari fil-proċeduri li huma mfassla apposta għat-tfal u li jistgħu jwasslu għal miżuri protettivi, korrettivi jew edukattivi.

(18) Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2012/13/UE u 2013/48/UE. Din id-Direttiva tipprevedi salvagwardji kumplimentari ulterjuri fir-rigward tal-informazzjoni li trid tiġi mogħtija lit-tfal u lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet u l-vulnerabilitajiet speċifiċi tat-tfal.

(19) It-tfal għandhom jirċievu informazzjoni dwar l-aspetti ġenerali tal-iżvolġiment tal-proċedimenti. Għal dan l-għan, huma għandhom, b'mod partikolari, tingħatalhom spjegazzjoni qasira dwar il-passi proċedurali li jkun imiss fil-proċedimenti sa fejn dan ikun possibbli fid-dawl tal-interess tal-proċedimenti kriminali, u dwar ir-rwol tal-awtoritajiet involuti. L-informazzjoni li trid tingħata għandha tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-kawża.

(20) It-tfal għandhom jirċievu informazzjoni rigward id-dritt għal eżami mediku fl-istadju l-aktar bikri u xieraq tal-proċedimenti, mhux aktar tard miċ-ċaħda tal-libertà fejn tali miżura tittieħed fir-rigward tat-tifel.

(21) Fejn tifel ma jingħatax il-libertà, l-Ittra tad-Drittijiet mogħtija lit-tifel skont id-Direttiva 2012/13/UE għandha tinkludi informazzjoni ċara dwar id-drittijiet tat-tifel skont din id-Direttiva.

(22) L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri dwar drittijiet proċedurali applikabbli, bil-miktub, bil-fomm, jew bit-tnejn. Din l-informazzjoni għandha tingħata mill-aktar fis possibbli u għandha tkun dettaljata biżżejjed sabiex tiġi salvagwardjata l-ġustizzja tal-proċedimenti u l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tat-tifel.

(23) F'ċerti ċirkostanzi, li jistgħu wkoll ikunu relatati ma' wieħed biss mid-detenturi tar-responsabilità tal-ġenituri, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija lil persuna adulta xierqa oħra nominata mit-tifel u aċċettata bħala tali mill-awtorità kompetenti. Waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi hija fejn hemm raġunijiet oġġettivi u fattwali li jindikaw jew li jagħtu lok għal suspett li l-għotja ta' informazzjoni lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri tista' tippreġudika b'mod sostanzjali l-proċedimenti kriminali, b'mod partikolari, fejn l-evidenza tista' tiġi meqruda jew mibdula, ix-xhieda jistgħu jiġu influwenzati, jew id-detentur tar-responsabilità ta' ġenitur seta' kien involut fl-attività kriminali allegata flimkien mat-tifel.

(24) Fejn ma jibqgħux jeżistu ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu lill-awtoritajiet kompetenti biex jipprovdu informazzjoni lil xi persuna adulta xierqa oħra li ma tkunx id-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri, kwalunkwe informazzjoni li t-tifel jirċievi f'konformità ma' din id-Direttiva, u li tibqa' rilevanti matul il-proċedimenti, għandha tiġi pprovduta lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri. Dan ir-rekwiżit m'għandux itawwal il-proċedimenti kriminali bla bżonn.

(25) It-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati għandhom id-dritt ta' aċċess għal avukat f'konformità mad-Direttiva 2013/48/UE. Minħabba li t-tfal huma vulnerabbli u mhux dejjem kapaċi jifhmu għalkollox u jsegwu l-proċedimenti kriminali, huma għandhom jiġu assistiti minn avukat fis-sitwazzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. F'dawk is-sitwazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jirranġaw għat-tifel li jkun assistit minn avukat meta t-tifel jew id-detentur ta' responsabbiltà tal-ġenituri ma jkunx irranġaw għal tali assistenza. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għajnuna legali fejn din tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li t-tifel ikun qed jiġi assistit effettivament minn avukat.

(26) Assistenza minn avukat skont din id-Direttiva tippresupponi li t-tifel ikollu d-dritt ta' aċċess għal avukat skont id-Direttiva 2013/48/UE. Għaldaqstant, fejn l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tagħmilha impossibbli li t-tifel jiġi assistit minn avukat skont din id-Direttiva, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għad-dritt li t-tfal ikollhom aċċess għal avukat skont id-Direttiva 2013/48/UE. Min-naħa l-oħra, id-derogi u l-eċċezzjonijiet għal assistenza minn avukat stabbiliti f'din id-Direttiva m'għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' aċċess għal avukat f'konformità mad-Direttiva 2013/48/UE, jew id-dritt għal għajnuna legali f'konformità mal-Karta u mal-KEDB, u mal-liġi nazzjonali u liġi oħra tal-Unjoni.

(27) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva dwar assistenza minn avukat għandhom japplikaw mingħajr dewmien żejjed ladarba t-tfal jiġu mgħarrfa li huma suspettati jew li huma persuni akkużati. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, assistenza minn avukat tfisser appoġġ legali u rappreżentazzjoni minn avukat matul il-proċedimenti kriminali. Fejn din id-Direttiva tipprovdi għall-assistenza minn avukat matul l-interrogazzjoni, għandu jkun preżenti avukat. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tat-tifel li jkollu aċċess għal avukat skont id-Direttiva 2013/48/UE, assistenza minn avukat ma teħtieġx li avukat jkun preżenti matul kull att investigattiv jew ta' ġbir ta' provi.

(28) Sakemm dan ikun konformi mad-dritt għal proċess ġust, l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu lit-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati assistenza minn avukat, skont din id-Direttiva, ma għandux jinkludi li ġej: l-identifikazzjoni tat-tifel; id-determinazzjoni ta' jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni; il-verifikazzjoni tal-pussess ta' armi jew kwistjonijiet simili oħra ta' sikurezza; it-twettiq ta' atti investigattivi jew ta' ġbir ta' provi oħra minbarra dawk speċifikament imsemmija f'din id-Direttiva, bħal tfittxijiet fuq il-persuna, eżamijiet fiżiċi, testijiet tad-demm għall-alkoħol jew testijiet simili, jew it-teħid ta' ritratti jew marki tas-swaba; jew it-tressiq tat-tifel quddiem awtorità kompetenti jew iċ-ċediment tat-tifel lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri jew persuna adulta xierqa oħra, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(29) Fejn tifel li ma kienx inizjalment suspettat jew persuna akkużata, bħal xhud, isir suspettat jew persuna akkużata, tali tifel għandu jkollu d-dritt li ma jinkriminax lilu nnifsu u d-dritt li jibqa' sieket, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u l-KEDB, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Qorti tal-Ġustizzja) u mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita għas-sitwazzjoni prattika fejn tali tifel isir persuna suspettata jew akkużata matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, tifel għajr persuna suspettata jew akkużata isir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża sakemm it-tifel jiġi mgħarraf li huwa persuna suspettata jew akkużata u jkun assistit minn avukat f'konformità ma' din id-Direttiva.

(30) Sakemm dan ikun konformi mad-dritt għal proċess ġust, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jidderogaw mill-obbligu li jipprovdu assistenza minn avukat meta din ma tkunx proporzjonata fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-kawża, bl-intendiment li l-aħjar interessi tat-tifel għandhom dejjem ikunu ta' kunsiderazzjoni primarja. Fi kwalunkwe każ, it-tfal għandhom jiġu assistiti minn avukat meta jitressqu quddiem qorti kompetenti jew imħallef sabiex tittieħed deċiżjoni dwar detenzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, kif ukoll matul id-detenzjoni. Barra minn hekk, iċ-ċaħda tal-libertà m'għandhiex tiġi imposta bħala sentenza kriminali, sakemm it-tifel ma jkunx ġie assistit minn avukat b'tali mod li jippermetti li t-tifel jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' difiża b'mod effikaċi u, fi kwalunkwe każ, waqt is-smigħ tal-proċess quddiem qorti. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi f'dan ir-rigward.

(31) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jidderogaw temporanjament mill-obbligu li jipprovdu assistenza minn avukat fil-fażi ta' qabel il-proċess minħabba raġunijiet imperattivi, b'mod partikolari, fejn ikun hemm ħtieġa urġenti li jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna, jew fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun indispensabbli biex jiġi evitat li l-proċedimenti kriminali relatati ma' reat kriminali serju jiġu preġudikati b'mod sostanzjali, *inter alia* bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni dwar l-allegati kompliċi ta' reat kriminali serju, jew sabiex jiġi evitat it-telf ta' evidenza importanti fir-rigward ta' reat kriminali serju. Waqt deroga temporanja abbażi ta' waħda minn dawk ir-raġunijiet imperattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jinterrogaw lit-tfal mingħajr ma jkun preżenti l-avukat, dment li jkunu ġew

infurmati li għandhom dritt li jibqgħu siekta u li jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt, u li tali interrogazzjoni ma tippreġudikax id-drittijiet tad-difiża, inkluż d-dritt li ma tinkriminax lilha nnifsha. Għandu jkun possibbli li titwettaq l-interrogazzjoni, safejn meħtieġ, għall-għan uniku li tinkiseb informazzjoni li tkun essenzjali biex jiġu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna, jew biex jiġi evitat li l-proċedimenti kriminali jiġu preġudikati b'mod sostanzjali. Kwalunkwe abbuż minn din id-deroga temporanja jippreġudika, fil-prinċipju, b'mod irreparabbli d-drittijiet tad-difiża.

(32) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu b'mod ċar fil-liġi nazzjonali tagħhom ir-raġunijiet u l-kriterji għal tali deroga temporanja, u għandhom jagħmlu użu ristrett tagħha. Kwalunkwe deroga temporanja għandha tkun proporzjonali, tkun strettament limitata fiż-żmien, ma tkunx ibbażata esklużivament fuq it-tip ta' reat kriminali allegat jew il-gravità tiegħu, u ma għandhiex tippreġudika l-ġustizzja kumplessiva tal-proċedimenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn tkun ġiet awtorizzata deroga temporanja f'konformità ma' din id-Direttiva minn awtorità kompetenti li ma tkunx imħallef jew qorti, id-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tad-deroga temporanja tista' tiġi valutata minn qorti tal-anqas matul l-istadju tal-proċess.

(33) Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn it-tfal u l-avukat tagħhom hija essenzjali biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża u hija parti essenzjali tad-dritt għal proċess ġust. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-laqgħat u ta' forom oħra ta' komunikazzjoni bejn l-avukat u t-tifel fil-kuntest tal-assistenza minn avukat prevista f'din id-Direttiva, mingħajr deroga. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jindirizzaw is-sitwazzjoni fejn ikun hemm ċirkostanzi oġġettivi u fattwali li jqanqlu s-suspett li l-avukat huwa involut flimkien mat-tifel suspettat jew akkużat f'reat kriminali. Kwalunkwe attività kriminali min-naħa tal-avukat ma għandhiex titqies bħala assistenza leġittima tat-tfal fil-qafas ta' din id-Direttiva. L-obbligu li tiġi rispettata l-kunfidenzjalità ma jimplikax biss li l-Istati Membri għandhom jibqgħu lura milli jinterferixxu f'tali komunikazzjoni, jew ikollhom aċċess għaliha, imma jimplika wkoll li, meta t-tfal suspettati jew akkużati jiġu mċaħħda mil-libertà jew altrimenti jsibu ruħhom f'post taħt il-kontroll tal-Istat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti għall-komunikazzjoni jiddefendu u jipproteġu tali kunfidenzjalità. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe mekkaniżmu fis-seħħ f'faċilitajiet ta' detenzjoni bl-għan li jiġi evitat li d-detenuti jirċievu oġġetti illegali, bħall-iċċekkjar tal-korrispondenza, dment li tali mekkaniżmi ma jippermettux lill-awtoritajiet kompetenti li jaqraw il-komunikazzjoni bejn it-tfal u l-avukat tagħhom. Din id-Direttiva hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali li skonthom it-trasmissjoni tal-korrispondenza tista' tiġi rifjutata jekk min jibgħatha ma jaqbilx li l-korrispondenza tintbagħat l-ewwel lil qorti kompetenti.

(34) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal ksur ta' kunfidenzjalità li hija inċidentali għal operazzjoni ta' sorveljanza legali minn awtoritajiet kompetenti. Din id-Direttiva għandha tkun ukoll mingħajr preġudizzju għall-ħidma li ssir, pereżempju, mis-servizzi tal-intelligence nazzjonali, biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali skont l-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jew li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 72 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li skont it-Titolu V tal-Parti III tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, m'għandhiex taffettwa l-eżerċizzju tar-responsabilitajiet tal-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna.

(35) Tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali għandu jkollhom id-dritt għal valutazzjoni individwali sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom rigward il-protezzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-integrazzjoni soċjali, sabiex jiġi determinat jekk jeħtiġux miżuri speċjali matul il-proċedimenti kriminali, il-livell tar-responsabilità kriminali tagħhom u l-adegwatezza tal-piena jew tal-miżura edukattiva partikolari.

(36) Il-valutazzjoni individwali għandha, b'mod partikolari, tqis il-personalità tat-tifel u l-maturità, l-isfond ekonomiku, soċjali, u familjari tat-tifel, inkluż l-ambjent li jgħix fih, u kwalunkwe vulnerabilitajiet speċifiċi tat-tifel, bħal diżabilitajiet fit-tagħlim u diffikultajiet ta' komunikazzjoni.

(37) Għandu jkun possibbli li jiġu adattati l-livell u d-dettall tal-valutazzjoni individwali skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, filwaqt li jitqiesu s-serjetà tal-allegat reat kriminali u l-miżuri li jistgħu jittieħdu jekk it-tifel jinsab ħati tal-allegat reat. Valutazzjoni individwali li tkun saret fir-rigward tal-istess tifel fil-passat reċenti tkun tista' tiġi użata jekk tkun aġġornata.

(38) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-informazzjoni li toħroġ minn valutazzjoni individwali meta jiġi determinat jekk għandhiex tittieħed xi miżura speċifika li tikkonċerna t-tifel, bħal pereżempju l-għoti ta' kwalunkwe assistenza prattika; meta ssir valutazzjoni tal-adegwatezza u l-effikaċja ta' kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni fir-rigward tat-tifel, bħal deċiżjonijiet dwar detenzjoni proviżorja jew miżuri alternattivi; u l-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi individwali tat-tifel, meta jkunu qed jieħdu kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali, inkluż meta tingħata s-sentenza. Fejn valutazzjoni individwali tkun

għadha mhux disponibbli, dan m'għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jieħdu miżuri jew deċiżjonijiet bħal dawn, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva jiġu rispettati, inkluż it-twettiq tal-valutazzjoni individwali fl-aktar stadju bikri xieraq tal-proċedimenti. L-adegwatezza u l-effikaċja tal-miżuri jew deċiżjonijiet li jittieħdu qabel ma titwettaq valutazzjoni individwali jistgħu jkunu valutati mill-ġdid fejn il-valutazzjoni individwali ssir disponibbli.

(39) Il-valutazzjoni individwali għandha sseħħ fl-aktar stadju bikri xieraq tal-proċedimenti u fi żmien xieraq sabiex l-informazzjoni li toħroġ minnha tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-prosekutur, imħallef jew awtorità kompetenti oħra qabel il-preżentazzjoni tal-att ta' akkuża għall-finijiet tal-proċess. Madankollu għandu jkun possibbli li jiġi ppreżentat att ta' akkuża fin-nuqqas ta' valutazzjoni individwali, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tat-tifel. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fejn it-tifel ikun f'detenzjoni ta' qabel il-proċess u l-istennija li l-valutazzjoni individwali ssir disponibbli toħloq ir-riskju li tali detenzjoni tittawwal bla bżonn.

(40) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jidderogaw mill-obbligu li ssir valutazzjoni individwali, meta tali deroga tkun ġustifikata fiċ-ċirkostanzi tal-każ, waqt li tkun ikkunsidrata, *inter alia*, is-serjetà tal-allegat reat kriminali u l-miżuri li jkunu jistgħu jittieħdu jekk it-tifel jinstab ħati tat-tali reat, sakemm id-deroga tkun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tifel. F'dak il-kuntest, l-elementi rilevanti kollha għandhom jiġu kkunsidrati, inkluż jekk it-tifel fil-passat reċenti kienx is-suġġett ta' valutazzjoni individwali fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali jew le, jew jekk il-każ konċernat ikunx wieħed li jista' jitmexxa mingħajr att ta' akkuża.

(41) Id-dmir ta' kura lejn tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati huwa l-bażi ta' amministrazzjoni ġusta tal-ġustizzja, b'mod partikolari meta t-tfal ikunu mċaħħda mil-libertà tagħhom u, għaldaqstant, ikunu f'pożizzjoni partikolarment dgħajfa. Sabiex tiġi żgurata l-integrità personali tat-tifel li jiġi mċaħħad mil-libertà, it-tifel għandu jkollu d-dritt għal eżami mediku. Tali eżami mediku għandu jsir minn tabib jew professjonista kwalifikat ieħor, jew fuq l-inizjattiva tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari meta indikazzjonijiet speċifiċi tas-saħħa jiġġustifikaw tali eżami, jew b'rispons għal talba tat-tifel, tad-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri, jew tal-avukat tat-tifel. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti prattiċi dwar l-eżamijiet mediċi li għandhom jitwettqu f'konformità ma' din id-Direttiva, u dwar l-aċċess tat-tfal għal dawn l-eżamijiet. Tali arranġamenti jistgħu, *inter alia*, jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn żewġ talbiet jew aktar għal eżamijiet mediċi jsiru fir-rigward tal-istess tifel f'perjodu qasir ta' żmien.

(42) Tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali mhux dejjem ikunu kapaċi jifhmu l-kontenut tal-intervisti li jkunu soġġetti għalihom. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni suffiċjenti ta' tali tfal, l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi oħra għandha għalhekk tiġi reġistrata b'mod awdjoviżiv meta jkun proporzjonat li dan isir, filwaqt li jitqies, *inter alia*, jekk ikunx preżenti avukat jew le u jekk it-tifel ikunx imċaħħad mil-libertà jew le, bl-intendiment li l-aħjar interessi tat-tifel għandhom dejjem ikunu ta' kunsiderazzjoni primarja. Din id-Direttiva ma teħtieġx li l-Istati Membri jirreġistraw l-interrogazzjoni tat-tfal minn imħallef jew minn qorti.

(43) Fejn reġistrazzjoni awdjoviżiva għandha ssir f'konformità ma' din id-Direttiva imma problema teknika insormontabbli tagħmilha impossibbli li ssir din ir-reġistrazzjoni, il-pulizija jew awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi oħrajn għandhom ikunu jistgħu jinterrogaw lit-tifel mingħajr reġistrazzjoni awdjoviżiva, sakemm ikunu saru sforzi raġonevoli biex tingħeleb il-problema teknika, ma jkunx xieraq li jipposponu l-interrogazzjoni, sakemm dan ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tifel.

(44) Sew jekk l-interrogazzjoni tat-tfal tkunx irreġistrata b'mod awdjoviżiv jew le, l-interrogazzjoni għandha fi kwalunkwe każ issir b'tali mod li tqis l-età u l-maturità tat-tfal ikkonċernati.

(45) It-tfal jkunu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli meta jiġu mċaħħda mil-libertà. Għandhom għalhekk isiru sforzi speċjali sabiex tkun evitata ċ-ċaħda tal-libertà u, b'mod partikolari, id-detenzjoni tat-tfal fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti qabel id-determinazzjoni finali minn qorti tal-kwistjoni dwar jekk it-tifel ikkonċernat ikunx wettaq ir-reat kriminali, minħabba r-riskji possibbli għall-iżvilupp fiżiku, mentali u soċjali tagħhom, u minħabba li ċ-ċaħda mil-libertà tista' xxekkel l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-soċjetà. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti prattiċi, bħal linji gwida jew istruzzjonijiet lill-uffiċjali tal-pulizija, dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit għal sitwazzjonijiet ta' kustodja tal-pulizija. Fi kwalunkwe każ, dan ir-rekwiżit huwa mingħajr preġudizzju għall-possibilità għal uffiċjali tal-pulizija jew awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi li jaqbdu lit-tifel f'sitwazzjonijiet fejn, *prima facie*, jidher li jkun meħtieġ li wieħed jagħmel hekk, bħal fil-każ ta' *in flagrante delicto* jew immedjatament wara li jkun seħħ reat kriminali.

(46) L-awtoritajiet kompetenti dejjem għandhom jikkunsidraw miżuri alternattivi għad-detenzjoni (miżuri alternattivi) u għandhom jirrikorru għal miżuri bħal dawn fejn ikun possibbli. Tali miżuri alternattivi jistgħu jinkludu obbligu biex it-tifel ma jkunx f'ċerti postijiet jew obbligu għat-tifel li jgħix f'post speċifiku, restrizzjonijiet li jikkonċernaw kuntatt ma' persuni speċifiċi, l-obbligu ta' preżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti, parteċipazzjoni fi programmi edukattivi, jew, soġġett għall-kunsens tat-tifel, parteċipazzjoni fi programmi ta' trattament terapewtiku jew ta' disintossikazzjoni.

(47) Id-detenzjoni tat-tfal għandha tkun soġġetta għal rieżami perjodiku minn qorti, li tista' tkun komposta minn imħallef li jippresjiedi waħdu. Għandu jkun possibbli li tali rieżami perjodiku jitwettaq *ex officio* mill-qorti, jew fuq talba tat-tifel, tal-avukat tat-tifel jew ta' awtorità ġudizzjarja li mhix qorti, b'mod partikolari prosekutur. L-Istati Membri għandhom jipprovdu arranġamenti prattiċi f'dan ir-rigward, inkluż rigward is-sitwazzjoni fejn rieżami perjodiku jkun diġà twettaq *ex officio* mill-qorti u t-tifel jew l-avukat tat-tifel jitlob li jitwettaq wieħed ieħor.

(48) Meta t-tfal ikunu detenuti huma għandhom jibbenefikaw minn miżuri speċjali ta' protezzjoni. B'mod partikolari huma għandhom jinżammu separati mill-adulti sakemm ma jkunx meqjus li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li ma jsirx hekk, f'konformità mal-Artikolu 37(c) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, għandu jkun possibbli li fejn meħtieġ jibqa' miżmum separatament, b'konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-persuna konċernata. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-mod kif jiġu trattati t-tfal detenuti minħabba l-vulnerabilità intrinsika tagħhom. It-tfal għandu jkollhom aċċess għal faċilitajiet edukattivi skont il-ħtiġijiet tagħhom.

(49) L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tfal huma suspettati jew li huma persuni akkużati u li huma miżmuma fil-kustodja tal-pulizija jinżammu separati mill-adulti, sakemm ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li ma jsirx hekk, jew jekk, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jkunx possibbli li fil-prattika jsir dan, sakemm it-tfal jinżammu flimkien mal-adulti b'mod li jkun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tifel. Pereżempju, f'żoni b'popolazzjoni baxxa, għandu jkun possibbli, b'mod ta' eċċezzjoni li t-tfal jinżammu fil-kustodja tal-pulizija mal-adulti, sakemm dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tat-tifel. F'tali sitwazzjonijiet, għandha tkun mitluba viġilanza partikolari min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti sabiex tiġi protetta l-integrità fiżika u l-benesseri tat-tifel.

(50) Għandu jkun possibbli li t-tfal jiġu detenuti maż-żgħażagħ sakemm dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tat-tfal. Huwa għall-Istati Membri li jiddeterminaw liema persuni huma kkunsidrati li jkunu żgħażagħ skont il-liġi u l-proċeduri nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri huma mħeġġa jiddeterminaw li l-persuni li għandhom aktar minn 24 sena ma jistgħux jikkwalifikaw bħala żgħażagħ.

(51) Meta t-tfal huma detenuti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kif stabbilit f'din id-Direttiva. Tali miżuri għandhom, *inter alia*, jiżguraw l-eżerċizzju effettiv u regolari tad-dritt għall-ħajja familjari. It-tfal għandu jkollhom id-dritt li jżommu kuntatt regolari mal-ġenituri tagħhom, mal-familja u mal-ħbieb permezz ta' żjarat u korrispondenza, sakemm ma jkunux meħtieġa restrizzjonijiet eċċezzjonali fl-aħjar interessi tat-tifel jew fl-interessi tal-ġustizzja.

(52) L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll miżuri xierqa biex jiżguraw ir-rispett għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin tat-tifel. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jibqgħu lura milli jindaħlu fir-reliġjon jew it-twemmin tat-tifel. L-Istati Membri mhumiex rikjesti madankollu li jieħdu passi attivi biex jgħinu lit-tfal fil-qima.

(53) Fejn ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu miżuri xierqa f'sitwazzjonijiet oħra ta' ċaħda tal-libertà. Il-miżuri meħuda għandhom ikunu proporzjonati u xierqa għan-natura taċ-ċaħda tal-libertà, bħal kustodja jew detenzjoni tal-pulizija, u għat-tul ta' żmien tagħha.

(54) Professjonisti f'kuntatt dirett mat-tfal għandhom iqisu l-ħtiġijiet partikolari li jkollhom tfal ta' etajiet differenti u għandhom jiżguraw li l-proċedimenti jkunu adattati għalihom. Għal dawk l-għanijiet, dawk il-professjonisti għandhom ikunu speċifikament imħarrġa biex jaħdmu mat-tfal.

(55) It-tfal għandhom jiġu trattati b'mod adattat għall-età tagħhom, għall-bżonnijiet speċjali tagħhom, għall-maturità tagħhom u għal-livell ta' fehim, b' kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tagħhom, inkluż kwalunkwe diffikultajiet ta' komunikazzjoni li jista' jkollhom.

(56) B'kunsiderazzjoni tad-differenzi bejn it-tradizzjonijiet u s-sistemi legali fl-Istati Membri, il-privatezza tat-tfal matul il-proċedimenti kriminali għandha tiġi żgurata bl-aħjar mod possibbli bil-ħsieb, *inter alia*, li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tat-tfal fis-soċjetà. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li seduti tal-qorti li jinvolvu tfal jkunu abitwalment miżmuma bil-bibien magħluqa, jew jippermettu lill-qrati jew imħallfin jiddeċiedu li jorganizzaw dawn is-seduti bil-bibien magħluqa. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal sentenzi pronunzjati pubblikament f'konformità mal-Artikolu 6 tal-KEDB.

(57) It-tfal għandu jkollhom id-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt is-seduti tal-qorti li jkunu involuti fihom. Jekk iżjed minn persuna waħda jkollhom ir-responsabilità tal-ġenituri fir-rigward tal-istess tifel, it-tifel għandu jkollu d-dritt li jkun akkumpanjat minnhom ilkoll, sakemm dan ma jkunx possibbli fil-prattika minkejja l-isforzi raġonevoli tal-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti prattiċi għall-eżerċizzju mit-tfal tad-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt is-seduti tal-qorti li jkunu involuti fihom u dwar il-kundizzjonijiet li taħthom persuna li takkumpanja tista' tiġi eskluża temporanjament minn seduti tal-qorti. Tali arranġamenti jistgħu, *inter alia*, jindirizzaw is-sitwazzjoni fejn id-detentur tal-awtorità tal-ġenituri jkun temporanjament mhux disponibbli li jakkumpanja lit-tifel jew fejn id-detentur ma jkunx irid jagħmel użu mill-possibilità li jakkumpanja lit-tifel, sakemm jittieħed kont tal-aħjar interessi tat-tifel.

(58) F'ċerti ċirkostanzi, li jistgħu wkoll ikunu relatati ma' waħda biss mill-persuni li jkollhom ir-responsabilità tal-ġenituri, it-tifel għandu jkollu d-dritt li jkun akkumpanjat matul is-seduti tal-qorti minn adult xieraq ieħor li ma jkunx id-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri. Waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi hija fejn il-preżenza tad-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri li jkun qed jakkumpanja lit-tifel tista' tippreġudika l-proċedimenti kriminali b'mod sostanzjali, b'mod partikolari, fejn ċirkostanzi oġġettivi u fattwali jindikaw jew jagħtu lok għal suspett li l-provi jistgħu jinqerdu jew jiġu mibdula, ix-xhieda tista' tiġi influwenzata, jew id-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri seta' kien involut mat-tifel fl-attività kriminali allegata.

(59) F'konformità ma' din id-Direttiva, it-tfal għandu wkoll ikollhom id-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt stadji oħra tal-proċedimenti li fihom huma jkunu preżenti, pereżempju waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

(60) Id-dritt ta' persuna akkużata li tidher personalment fil-proċess huwa bbażat fuq id-dritt għal proċess ġust previst fl-Artikolu 47 tal-Karta u fl-Artikolu 6 tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprovdu inċentivi biex it-tfal jattendu għall-proċess tagħhom, inkluż billi jitressqu personalment u billi tintbagħat kopja taċ-ċitazzjoni lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri jew, fejn dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tifel, lil persuna adulta xierqa oħra. L-Istati Membri għandhom jipprovdu arranġamenti prattiċi rigward il-preżenza ta' tifel fil-proċess. Dawn l-arranġamenti jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet li taħthom tifel jista' jiġi eskluż temporanjament mill-proċess.

(61) Ċerti drittijiet previsti minn din id-Direttiva għandhom japplikaw għat-tfal li huma persuni rikjesti minn meta jiġu arrestati fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

(62) Il-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew huma kruċjali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'materji kriminali. Il-konformità tal-limiti ta' żmien li jinsabu fid-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI hija essenzjali għal tali kooperazzjoni. Għaldaqstant, filwaqt li t-tfal li huma persuni rikjesti għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ skont din id-Direttiva fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew, dawk il-limiti ta' żmien għandhom jiġu rispettati.

(63) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li mħallfin u prosekuturi li jittrattaw proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal ikollhom kompetenza speċifika f'dan il-qasam jew li jkollhom aċċess effettiv għal taħriġ speċifiku, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal, it-tekniki adattati għall-interrogazzjoni, il-psikoloġija tat-tfal, u l-komunikazzjoni b'lingwaġġ adattat għat-tfal. L-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu miżuri xierqa biex jippromwovu l-għoti ta' tali taħriġ speċifiku lill-avukati li jittrattaw il-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal.

(64) Sabiex tiġi monitorjata u valutata l-effikaċja ta' din id-Direttiva, jeħtieġ li tinġabar data rilevanti, minn data disponibbli, rigward l-implimentazzjoni tad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Tali data tinkludi data rreġistrata mill-awtoritajiet ġudizzjarji u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, sa fejn ikun possibbli, id-data amministrattiva miġbura mis-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali b'rabta mad-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, b'mod partikolari rigward l-għadd ta' tfal mogħtija aċċess għas-servizzi ta' avukat, l-għadd ta' valutazzjonijiet individwali mwettqa, l-għadd ta' intervisti rreġistrati b'mod awdjoviżiv u l-għadd ta' tfal li ġew imċaħħda mil-libertà.

(65) L-Istati Membri għandhom jirrispettaw u jiggarantixxu d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħar-razza, il-kulur, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, in-nazzjonalità, l-oriġini etnika jew soċjali, il-proprjetà, id-diżabilità jew it-twelid.

(66) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li jinsabu fil-Karta u fil-KEDB, inklużi l-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-integrità tal-persuna, id-drittijiet tat-tfal, l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust, il-preżunzjoni tal-innoċenza, u d-drittijiet tad-difiża. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentata skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(67) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jestendu d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva bl-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Tali livell ogħla ta' protezzjoni ma għandux jikkostitwixxi ostaklu għar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi ġudizzjarji li dawn ir-regoli minimi huma mfassla li jiffaċilitaw. Il-livell ta' protezzjoni pprovduta mill-Istati Membri qatt ma għandu jkun inqas mill-istandards previsti mill-Karta jew mill-KEDB, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(68) Ġaladarba l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti standards minimi komuni dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, ma jkunux jistgħu jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu pjuttost jintlaħqu aħjar, minħabba l-iskala u l-effett tagħha, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(69) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness għat-TUE u għat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex qed jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhumiex marbutin minnha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(70) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta minnha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(71) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]), l-Istati Membri refgħu r-responsabilità li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur jikkunsidra li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi komuni dwar ċerti drittijiet ta' tfal li huma:

(a) suspettati jew persuni akkużati fi proċediment,

(b) soġġetti għall-proċedura ta' mandat ta' arrest Ewropew skont id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI (persuni rikjesti).

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tapplika għat-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali. Din tapplika sad-determinazzjoni finali tal-kwistjoni dwar jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet reat kriminali, inkuż, fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell.

2. Din id-Direttiva tapplika għal tfal li huma soġġetti għall-proċedimenti relatati mal-(persuni rikjesti) mill-mument tal-arrest tagħhom fl-Istat Membru li jeżegwih b'konformità mal-Artikolu 17.

3. Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5, il-punt (b) tal-Artikolu 8(3) u tal-Artikolu 15, safejn dwak id-dispożizzjonijiet jirreferu għal detentur tar-responsabilità tal-ġenituri, din id-Direttiva, jew ċerti dispożizzjonijiet tagħha, tapplika għal persuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, fejn tali persuni kienu tfal meta ġew soġġetti għal dawn il-proċedimenti, iżda sussegwentement laħqu l-età ta' 18-il sena, u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jew ċerti dispożizzjonijiet tagħha, hija xierqa fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-maturità u l-vulnerabilità tal-persuna kkonċernata. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva meta l-persuna kkonċernata tkun laħqet l-età ta' 21.

4. Din id-Direttiva tapplika għal tfal li ma kinux inizjalment persuni suspettati jew akkużati iżda li jsiru persuni suspettati jew akkużati matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi.

5. Din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli nazzjonali li jiddeterminaw l-età tar-responsabilità kriminali.

6. Mingħajr preġudizzju għad-dritt għal proċess ġust, fir-rigward ta' reati minuri:

(a) meta l-liġi ta' Stat Membru tipprevedi l-impożizzjoni ta' sanzjoni minn awtorità li mhix qorti li jkollha kompetenza f'materji kriminali, u l-impożizzjoni ta' tali sanzjoni tista' tiġi appellata jew tkun riferuta għal tali qorti; jew

(b) meta ċ-ċaħda tal-libertà ma tkunx tista' tiġi imposta bħala sanzjoni

din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-proċedimenti quddiem qorti li jkollha kompetenza f'materji kriminali.

Fi kwalunkwe każ, din id-Direttiva għandha tapplika b'mod sħiħ meta t-tfal ikunu mċaħħda mil-libertà, irrispettivament mill-istadju tal-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tifel" tfisser persuna taħt l-età ta' 18-il sena;

(2) "detentur tar-responsabilità tal-ġenituri" tfisser kwalunkwe persuna li għandhom r-responsabilità tal-ġenituri fuq it-tifel;

(3) "responsabilità tal-ġenituri" tfisser id-drittijiet u r-responsabilitajiet kollha relatati mal-persuna jew il-proprjetà tat-tifel li huma mogħtija lil persuna fiżika jew persuna ġuridika b'sentenza, bl-operazzjoni tal-liġi jew b'xi ftehim li għandu effetti legali, inkluż id-drittijiet tal-kustodja u drittijiet ta' aċċess.

Fir-rigward tal-punt (1) tal-ewwel paragrafu, fejn ikun hemm inċertezza dwar jekk persuna jkollhiex l-età ta' 18-il sena, dik il-persuna għandha titqies tifel.

*Artikolu 4*

**Dritt għall-informazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta t-tfal jkunu mgħarrfa li huma suspettati jew li huma persuni akkużati, huma jiġu infurmati fil-pront dwar id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/13/UE u dwar aspetti ġenerali tal-iżvolġiment tal-proċeduri. L-Istati

Membri għandhom ukoll jiżguraw li t-tfal jiġu infurmati dwar id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Dik l-informazzjoni għandha tiġi mogħtija kif ġej:

(a) fil-pront malli t-tfal jiġu mgħarrfa li jkunu persuni ssuspettati jew akkużati fir-rigward ta':

(i) id-dritt li d-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri jiġi mgħarraf, kif previst fl-Artikolu 5;

(ii) id-dritt li jiġu assistiti minn avukat, kif previst fl-Artikolu 6;

(iii) id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tal-privatezza, kif previst fl-Artikolu 14;

(iv) id-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt xi stadji tal-proċedimenti għajr seduti tal-qorti, kif prevista fl-Artikolu 15(4);

(v) id-dritt għall-għajnuna legali, kif previst fl-Artikolu 18;

(b) fl-istadju l-aktar bikri xieraq tal-proċedimenti, fir-rigward ta':

(i) id-dritt għal valutazzjoni individwali, kif previst fl-Artikolu 7;

(ii) id-dritt għal eżami mediku, inkluż id-dritt għal assistenza medika, kif previst fl-Artikolu 8;

(iii) id-dritt għal limitazzjoni ta' ċaħda tal-libertà u tal-użu ta' miżuri alternattivi, inkluż id-dritt għal rieżami perjodiku tad-detenzjoni, kif previst fl-Artikoli 10 u 11;

(iv) id-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt is-seduti tal-qorti, kif previst fl-Artikolu 15(1);

(v) id-dritt li jkunu fiżikament preżenti waqt il-proċess, kif previst fl-Artikolu 16;

(vi) id-dritt għal rimedji effikaċi, kif previst fl-Artikolu 19;

(c) malli jiġu mċaħħda mil-libertà fir-rigward tad-dritt għal trattament speċifiku matul iċ-ċaħda tal-libertà, kif previst fl-Artikolu 12.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun mogħtija bil-miktub, bil-fomm jew bit-tnejn, b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, u li l-informazzjoni mogħtija tiġi reġistrata, bl-użu ta' proċedura ta' reġistrazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali.

3. Meta t-tfal, jingħataw Ittra tad-Drittijiet skont id-Direttiva 2012/13/UE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali Ittra tkun tinkludi riferenza għad-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**Dritt tat-tifel li d-detentur tal-awtorità tal-ġenituri jiġi mgħarraf**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri jingħata malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni li t-tifel jirċievi f'konformità mal-Artikolu 4.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata lil persuna adulta oħra xierqa nominata mit-tifel u aċċettata bħala tali mill-awtorità kompetenti meta ta' dik l-informazzjoni tingħata lid-detentur ta' responsabilità tal-ġenituri:

(a) ikun imur kontra l-aħjar interessi tat-tifel;

(b) ma jkunx possibbli minħabba li, wara li jkunu saru sforzi raġonevoli, l-ebda detentur tar-responsabilità tal-ġenituri ma jkun jista' jintlaħaq jew l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx magħrufa;

(c) ikun jista', abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi u fattwali, sostanzjalment jippreġudika l-proċedimenti kriminali.

Fejn it-tifel ma jkunx innomina persuna adulta xierqa oħra, jew fejn l-adult li jkun ġie nominat mit-tifel ma jkunx aċċettabbli għall-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kont tal-aħjar interessi tat-tifel, taħtar persuna oħra u tagħtiha l-informazzjoni. Dik il-persuna tkun tista' wkoll tkun ir-rappreżentant ta' awtorità jew ta' istituzzjoni oħra responsabbli għall-protezzjoni jew il-benesseri tat-tifel.

3. Meta ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-applikazzjoni ta' punt (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 2 ma jibqgħux jeżistu, kwalunkwe informazzjoni li t-tifel jirċievi f'konformità mal-Artikolu 4, u li tkun għadha rilevanti matul il-proċedimenti, għandha tingħata lid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri.

*Artikolu 6*

**Assistenza minn avukat**

1. It-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati li jkunu wettqu reat kriminali għandhom id-dritt ta' aċċess għal avukat f'konformità mad-Direttiva 2013/48/UE. Xejn f'din id-Direttiva, b'mod partikolari f'dan l-Artikolu, m'għandu jaffettwa dak id-dritt.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat f'konformità ma' dan l-Artikolu biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom b'mod effikaċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat mingħajr dewmien żejjed ladarba jiġu mgħarrfa li huma persuni suspettati jew akkużati. Fi kwalunkwe każ, it-tfal għandhom jiġu assistiti minn avukat mill-aktar mument bikri fost is-segwenti:

(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;

(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattiv jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 4;

(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;

(d) fejn jkunu ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.

4. Assistenza minn avukat għandha tinkludi s-segwenti:

(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jiltaqgħu fil-privat u jikkomunikaw mal-avukat li jirrappreżentahom, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat meta jkunu qed jiġu interrogati, u li l-avukat ikun jista' jipparteċipa b'mod effettiv waqt l-interrogazzjoni. Tali parteċipazzjoni għandha titmexxa skont il-proċeduri skont il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li tkun seħħet tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar skont il-liġi nazzjonali;

(c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal, bħala minimu, jiġu assistiti minn avukat matul is-segwenti atti investigattivi jew atti ta' ġbir ta' provi, meta dawk l-atti huma previsti skont il-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkun meħtieġa jew imħollija tkun preżenti għall-att konċernat:

(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;

(ii) konfrontazzjonijiet;

(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.

5. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn it-tfal u l-avukat tagħhom fl-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għall-assistenza ta' avukat, previst f'din id-Direttiva. Tali komunikazzjoni għandha tinkludi l-laqgħat, il-korrispondenza, il-konverżazzjonijiet telefoniċi u forom oħra ta' komunikazzjoni permessi skont il-liġi nazzjonali.

6. Sakemm dan ikun f'konformità mad-dritt għal proċess ġust, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-paragrafu 3 fejn l-assistenza minn avukat ma tkunx proporzjonata fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, waqt li titqies il-gravità tal-allegat reat kriminali, il-kumplessità tal-każ u l-miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' tali reat, bl-intendiment li l-aħjar interessi tat-tifel għandhom dejjem ikunu kunsiderazzjoni primarja.

Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal jiġu assistiti minn avukat:

(a) meta jitressqu quddiem qorti kompetenti jew imħallef sabiex tittieħed deċiżjoni dwar detenzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva; u

(b) matul id-detenzjoni.

L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li ċ-ċaħda tal-libertà m'għandhiex tiġi imposta bħala sentenza kriminali, sakemm it-tifel ma jkunx ġie assistit minn avukat b'tali mod li jippermetti li t-tifel jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' difiża b'mod effikaċi u, fi kwalunkwe każ, waqt is-seduti tal-proċess quddiem qorti.

7. Meta t-tifel jiġi assistit minn avukat f'konformità ma' dan l-Artikolu iżda ebda avukat ma jkun preżenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipposponu l-interrogazzjoni tat-tifel, jew atti investigattivi jew atti ta' ġbir ta' provi oħra previsti fil-punt (c) tal-paragrafu 4, għal perjodu ta' żmien raġonevoli biex jippermettu l-wasla tal-avukat meta tifel, jew fejn it-tifel ma qabbadx avukat, biex iqabbdu avukat għat-tifel.

8. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-proċess, l-Istati Membri jistgħu temporanjament jidderogaw mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sa fejn dan ikun ġustifikat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet imperattivi li ġejjin:

(a) meta jkun hemm ħtieġa urġenti li jiġu evitati konsegwenzi serji kontra l-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;

(b) meta azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġi evitat li l-proċedimenti kriminali rigward reat kriminali serju jiġu preġudikati b'mod sostanzjali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, meta jiġi applikat dan il-paragrafu, għandhom jikkunsidraw l-aħjar interessi tat-tifel.

Deċiżjoni li titmexxa interrogazzjoni fin-nuqqas tal-avukat skont dan il-paragrafu tista' tittieħed biss abbażi ta' każ b'każ minn awtorità ġudizzjarja, jew minn awtorità kompetenti oħra, bil-kundizzjoni li d-deċiżjoni tista' tiġi soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju.

*Artikolu 7*

**Dritt għal valutazzjoni individwali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal rigward il-protezzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-integrazzjoni soċjali.

2. Għal dan l-għan it-tfal li huma persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali għandhom ikunu valutati individwalment. Il-valutazzjoni individwali għandha, b'mod partikolari, tqis il-personalità u l-maturità tat-tifel, l-isfond ekonomiku, soċjali u familjari tat-tifel, kif ukoll kwalunkwe vulnerabilitajiet speċifiċi li jista' jkollu t-tifel.

3. Il-firxa u d-dettall tal-valutazzjoni individwali jistgħu jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-miżuri li jistgħu jittieħdu jekk it-tifel jinstab ħati tal-allegat reat kriminali, u jekk it-tifel fil-passat reċenti kienx is-suġġett ta' valutazzjoni individwali.

4. Il-valutazzjoni individwali għandha sservi biex tiġi stabbilita u reġistrata, skont il-proċedura ta' reġistrazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat, tali informazzjoni dwar il-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi individwali tat-tifel li jistgħu jkunu utli għall-awtoritajiet kompetenti meta:

(a) jkun qed jiġi determinat jekk għandhiex tittieħed kwalunkwe miżura speċifika li tibbenefika lit-tifel;

(b) ikunu qed jiġu valutati l-adegwatezza u l-effikaċja ta' kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni fir-rigward tat-tifel;

(c) tkun qed tittieħed kwalunkwe deċiżjoni jew azzjoni fil-proċedimenti kriminali, inkluż meta tingħata s-sentenza.

5. Il-valutazzjoni individwali għandha titwettaq fl-aktar stadju bikri xieraq tal-proċedimenti u, soġġett għall-paragrafu 6, qabel l-att ta' akkuża.

6. Fin-nuqqas ta' valutazzjoni individwali, att ta' akkuża jista' madankollu jiġi ppreżentat sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tat-tifel u sakemm il-valutazzjoni individwali hija fi kwalunkwe każ disponibbli fil-bidu tas-seduti tas-smigħ tal-proċess quddiem qorti.

7. Il-valutazzjonijiet individwali għandhom jitwettqu bl-involviment mill-qrib tat-tifel. Dawn għandhom jitwettqu minn persunal kwalifikat, li jsegwi, sa fejn hu possibbli, approċċ multidixxiplinari u li jinvolvi, fejn ikun xieraq, id-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri, jew persuna adulta xieraq oħra kif imsemmija fl-Artikoli 5 u 15 u/jew professjonista speċjalizzata.

8. Jekk l-elementi li jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjoni individwali jinbidlu b'mod sinifikanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni individwali tkun aġġornata matul il-proċedimenti kriminali.

9. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-obbligu li jwettqu valutazzjoni individwali fejn tali deroga tkun ġustifikata miċ-ċirkostanzi tal-każ, u sakemm dan ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tifel.

*Artikolu 8*

**Dritt għal eżami mediku**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tfal li jiġu mċaħħda mil-libertà jkollhom id-dritt għal eżami mediku mingħajr dewmien żejjed b'mod partikolari bl-għan li tiġi valutata l-kundizzjoni mentali u fiżika ġenerali tagħhom. L-eżami mediku għandu jkun kemm jista' jkun mhux invażiv u għandu jitwettaq minn tabib jew professjonist kwalifikat ieħor.

2. Ir-riżultati tal-eżami mediku għandhom jitqiesu meta jkun qed jiġi determinat jekk it-tifel ikunx kapaċi li jiġi soġġett għal interrogazzjoni, atti oħra investigattivi jew ta' ġbir tal-provi, jew kwalunkwe miżura meħuda jew maħsuba kontra t-tifel.

3. Tali eżami mediku għandu jitwettaq, fuq l-inizjattiva tal-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari meta indikazzjonijiet speċifiċi tas-saħħa jirrikjedu tali eżami, jew fuq talba ta' dawn li ġejjin:

(a) it-tifel,

(b) id-detentur tal-awtorità tal-ġenituri jew persuna adulta xierqa oħra kif imsemmi fl-Artikoli 5 u 15;

(c) l-avukat tat-tfal.

4. Il-konklużjoni tal-eżami mediku għandha tkun reġistrata bil-miktub. Fejn ikun meħtieġ, għandha tingħata assistenza medika.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir eżami mediku ieħor meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan.

*Artikolu 9*

**Reġistrazzjoni awdjoviżiva tal-interrogazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interrogazzjoni tat-tfal mill-pulizija jew minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi oħra matul il-proċedimenti kriminali, tiġi rreġistrata b'mod awdjoviżiv fejn dan ikun proporzjonat fiċ-ċirkostanzi tal-każ, waqt li jitqies, *inter alia*, jekk avukat ikunx preżenti jew le u jekk it-tifel ikunx imċaħħad mil-libertà jew le, sakemm l-aħjar interessi tat-tifel huma dejjem kunsiderazzjoni primarja.

2. Fl-assenza ta' reġistrazzjoni awdjoviżiva, l-interrogazzjoni għandha tiġi reġistrata b'mod xieraq ieħor, bħal pereżempju b' minuti bil-miktub, li jiġu debitament verifikati.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-possibilità li jsiru mistoqsijiet għall-iskop uniku tal-identifikazzjoni tat-tifel mingħajr reġistrazzjoni awdjoviżiva.

*Artikolu 10*

**Limitazzjoni taċ-ċaħda tal-libertà**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċaħda tal-libertà ta' tifel f'kull stadju tal-proċedimenti huwa limitat għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli. Għandhom jitqiesu l-età u s-sitwazzjoni individwali tat-tifel, u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċaħda tal-libertà, b'mod partikolari d-detenzjoni, għandha tkun imposta fuq it-tfal biss, bħala l-aħħar alternattiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe detenzjoni tkun ibbażata fuq deċiżjoni motivata li tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju minn qorti. Tali deċiżjoni għandha tkun suġġetta wkoll għal stħarriġ perjodiku, f'intervalli ta' żmien raġonevoli, minn qorti li għandu jitwettaq *ex officio* jew fuq talba tat-tifel, tal-avukat tat-tifel, jew ta' awtorità ġudizzjarja li mhijiex qorti. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet li jittieħdu skont dan il-paragrafu jittieħdu mingħajr dewmien mhux ġustifikat.

*Artikolu 11*

**Miżuri alternattivi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, kull fejn ikun possibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom rikors għal miżuri alternattivi għad-detenzjoni (miżuri alternattivi).

*Artikolu 12*

**Trattament speċifiku fil-każ ta' ċaħda tal-libertà**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal detenuti jinżammu separati mill-adulti, dejjem jekk ma jiġix ikkunsidrat li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li dan ma jseħħx.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li tfal li jinżammu fil-kustodja tal-pulizija jinżammu separati mill-adulti, sakemm:

(a) jiġi kkunsidrat li huwa fl-aħjar interessi tat-tifel li ma jsirx hekk; jew

(b) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jkunx possibbli fil-prattika li jsir dan, sakemm it-tfal jinżammu flimkien mal-adulti b'tali mod li dan ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tat-tifel.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, meta tifel detenut jilħaq l-età ta' 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibilità li dik il-persuna detenuta tibqa' miżmuma separatament mill-adulti detenuti fejn ikun meħtieġ, waqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-persuna kkonċernata, sakemm dan ikun fl-aħjar interessi tat-tfal li jkunu detenuti ma' dik il-persuna.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, u waqt li jitqies il-paragrafu 3, it-tfal jistgħu jiġu detenuti maż-żgħażagħ, sakemm dan ma jmurx kontra l-aħjar interessi tat-tfal.

5. Meta t-tfal huma detenuti, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex:

(a) jiżguraw u jippreservaw is-saħħa u l-iżvilupp fiżiku u mentali tagħhom;

(b) jiżguraw id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż fejn it-tfal għandhom diżabilitajiet fiżiċi, sensorji jew tat-tagħlim;

(c) jiżguraw l-eżerċizzju effettiv u regolari tad-dritt għal ħajja familjari tagħhom;

(d) jiżguraw l-aċċess għal programmi li jrawmu l-iżvilupp tagħhom u r-reintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà; u

(e) jiżguraw ir-rispett għal-libertà ta' reliġjon jew twemmin.

Il-miżuri meħuda skont dan il-paragrafu għandhom ikunu proporzjonati u xierqa għall-perijodu ta' detenzjoni.

Il-punti (a) u (e) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw ukoll għal sitwazzjonijiet ta' ċaħda tal-libertà minbarra detenzjoni. Il-miżuri meħuda għandhom ikunu proporzjonati u xierqa għal tali sitwazzjonijiet ta' ċaħda tal-libertà.

Il-punti (b), (c), u (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw biss għal sitwazzjonijiet ta' ċaħda tal-libertà minbarra detenzjoni biss sa fejn dak ikun xieraq u proporzjonat fid-dawl tan-natura u t-tul ta' tali sitwazzjonijiet.

6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li tfal li jiġu mċaħħda mil-libertà jkunu jistgħu jiltaqgħu mad-detentur tal-awtorità tal-ġenituri malajr kemm jista' jkun, fejn tali laqgħa tkun kompatibbli mar-rekwiżiti investigattivi u operattivi. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għan-nomina jew il-ħatra ta' persuna adulta xierqa oħra skont l-Artikolu 5 jew 15.

*Artikolu 13*

**Trattament f'waqtu u diliġenti tal-kawżi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adatti kollha biex jiżguraw li proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal jiġu trattati b'urġenza u bid-diliġenza dovuta.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li t-tfal jiġu dejjem trattati b'mod li jipproteġi d-dinjità tagħhom u xieraq għall-età tagħhom, maturità u għal-livell ta' fehim, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tagħhom, inkluż, kwalunkwe diffikultajiet li jista' jkollhom fil-komunikazzjoni.

*Artikolu 14*

**Dritt għall-protezzjoni tal-privatezza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi protetta l-privatezza tat-tfal waqt proċedimenti kriminali.

2. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li seduti ta' smigħ tal-qorti li jinvolvu tfal ikunu abitwalment miżmuma bil-bibien magħluqa, jew għandhom jippermettu qrati jew imħallfin jiddeċiedu li jinżammu dawn is-seduti ta' smigħ bil-bibien magħluqa.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li r-reġistrazzjonijiet li jissemmew fl-Artikolu 9 ma jiġux imxerrda pubblikament.

4. L-Istati Membri għandhom, filwaqt li jirrispettaw il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, iħeġġu lill-media sabiex tieħu miżuri awtoregolatorji sabiex tissodisfa l-għanijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 15*

**Dritt tat-tifel li jiġi akkumpanjat mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt il-proċedimenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt is-seduti ta' smigħ tal-qorti li jkunu involuti fihom.

2. It-tifel għandu d-dritt li jkun akkumpanjat minn persuna adulta xierqa oħra, li hija nominata mit-tifel u aċċettata bħala tali mill-awtorità kompetenti fejn il-preżenza tad-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri li jakkumpanja lit-tifel matul seduta ta' smigħ tal-qorti

(a) ikun imur kontra l-aħjar interessi tat-tifel;

(b) ma tkunx possibbli minħabba li, wara li jkunu saru sforzi raġonevoli, l-ebda detentur tar-responsabilità tal-ġenituri ma jkun jista' jintlaħaq jew l-identità tiegħu jew tagħha ma tkunx magħrufa; jew

(c) tkun tista', abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi u fattwali, sostanzjalment tippreġudika l-proċedimenti kriminali,

Fejn it-tifel ma jkunx innomina persuna adulta xierqa oħra, jew fejn l-adult li jkun ġie nominat mit-tifel ma jkunx aċċettabbli mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha, waqt li tqis l-aħjar interessi tat-tifel, taħtar persuna oħra biex takkumpanja lit-tifel. Dik il-persuna tkun tista' wkoll tkun ir-rappreżentant ta' awtorità jew ta' istituzzjoni oħra responsabbli għall-protezzjoni jew il-benesseri tat-tfal.

3. Meta ċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għal applikazzjoni ta' punt (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 2 ma jibqgħux jeżistu, it-tifel għandu jkollu d-dritt li jkun akkumpanjat mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri waqt is-seduti ta' smigħ tal-qorti li jkun fadal.

4. Barra mid-dritt previst skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jkunu akkumpanjati mid-detentur tar-responsabilità tal-ġenituri jew minn persuna adulta xierqa oħra kif imsemmi fil-paragrafu 2, matul stadji oħra tal-proċedimenti għajr seduti ta' smigħ tal-qorti li t-tifel ikun preżenti għalihom fejn l-awtorità kompetenti tqis li:

(a) huwa fl-aħjar interessi tat-tifel li jkun akkumpanjat minn dik il-persuna; u

(b) il-preżenza ta' dik il-persuna ma tippreġudikax l-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 16*

**Dritt tat-tfal li jkunu fiżikament preżenti, u li jieħdu sehem, fil-proċess tagħhom**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal ikollhom id-dritt li jkunu fiżikament preżenti waqt il-proċess tagħhom u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettulhom jieħdu sehem b'mod effikaċi waqt il-proċess, inkluż billi tingħatalhom l-opportunità li jinstemgħu u li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal, li ma kinux preżenti waqt il-proċess tagħhom, ikollhom id-dritt għal proċess ġdid jew għal rimedju legali ieħor, f'konformità ma' u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/343.

*Artikolu 17*

**Proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 4, 5, 6 u 8, l-Artikoli 10 sa 15 u l-Artikolu 18 japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' tfal li huma persuni rikjesti fil-mument tal-arrest tagħhom skont dawk il-proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

*Artikolu 18*

**Dritt għall-għajnuna legali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġi nazzjonali li għandha x'taqsam mal-għajnuna legali tiggarantixxi l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess għall-assistenza ta' avukat skont-l-Artikolu 6.

*Artikolu 19*

**Rimedji**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali, kif ukoll tfal li huma persuni rikjesti jkollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom skont din id-Direttiva.

*Artikolu 20*

**Taħriġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-faċilitajiet ta' detenzjoni li jittrattaw kawżi li jinvolvu t-tfal jirċievu taħriġ speċifiku sa livell xieraq tal-kuntatt tagħhom mat-tfal fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal, it-tekniki adattati għall-interrogazzjoni, il-psikoloġija tat-tfal u l-komunikazzjoni b'lingwaġġ adattat għat-tifel.

2. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u għad-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Istati Membri, u bir-rispett dovut għar-rwol ta' dawk responsabbli għat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-imħallfin u l-prosekuturi li jittrattaw il-proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal ikollhom kompetenza speċifika f'dan il-qasam, aċċess effettiv għal taħriġ speċifiku, jew it-tnejn li huma.

3. Bir-rispett dovut għall-indipendenza tal-professjoni legali u għar-rwol ta' dawk responsabbli għat-taħriġ tal-avukati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu l-għoti ta' taħriġ speċifiku kif imsemmi fil-paragrafu 2 għall-avukati li jittrattaw proċedimenti kriminali li jinvolvu t-tfal.

4. Permezz tas-servizzi pubbliċi tagħhom jew billi jiffinanzjaw l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għat-tfal, l-Istati Membri għandhom iħeġġu inizjattivi li jagħmluha possibbli għal dawk li jagħtu appoġġ lit-tfal u lis-servizzi ta' ġustizzja restorattiva, li jirċievu taħriġ adegwat f'livell xieraq għall-kuntatt tagħhom mat-tfal u li josservaw standards professjonali biex jiġi żgurat li tali servizzi jingħataw b'mod imparzjali, rispettuż u professjonali.

*Artikolu 21*

## Ġbir tad-data

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni sal-11 ta' Ġunju 2021, u wara din id-data kull tliet snin, id-data disponibbli li turi kif id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva ġew implimentati.

*Artikolu 22*

## Spejjeż

L-Istati Membri għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikoli 7, 8 u 9, irrispettivament mill-eżitu tal-proċedimenti, sakemm, fir-rigward tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 8, dawn ma jkunux koperti minn assigurazzjoni medika.

*Artikolu 23*

## Klawżola ta' nonregressjoni

Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jinftiehem li jillimita jew jidderoga minn kwalunkwe dritt jew salvagwardja proċedurali li huma garantiti skont il-Karta, il-KEDB, jew dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal jew id-dritt ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdi livell ogħla ta' protezzjoni.

*Artikolu 24*

## Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sal-11 ta' Ġunju 2019. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 25*

**Rapport**

Il-Kummissjoni għandha, sal-11 ta' Ġunju 2022, biex tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, inkluża evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6, akkumpanjat, jekk ikun meħtieġ, minn proposti leġislattivi.

*Artikolu 26*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 27*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Mejju 2016.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.A. HENNIS-PLASSCHAERT

# DIRETTIVA (UE) 2016/801 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Mejju 2016

## dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing

## (riformulazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 79(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Jeħtieġ li jsiru għadd ta' emendi lid-Direttivi 2004/114/KE ([4]) u 2005/71/KE ([5]). Dawk id-Direttivi, għal raġunijiet ta' ċarezza għandhom jiġu riformulati.

(2) Din id-Direttiva għandha tirrispondi għall-ħtieġa identifikata fir-rapporti ta' implimentazzjoni dwar id-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE sabiex tirrimedja n-nuqqasijiet identifikati, sabiex tiżgura aktar trasparenza u ċertezza legali u sabiex toffri qafas legali koerenti għal kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu fl-Unjoni. Għandha għalhekk tissimplifika u tirrazzjonalizza d-dispożizzjonijiet eżistenti għal dawk il-kategoriji fi strument uniku. Minkejja d-differenzi bejn il-kategoriji koperti minn din id-Direttiva, huma jikkondividu wkoll numru ta' karatteristiċi biex b'hekk huwa possibbli li jiġu indirizzati permezz ta' qafas legali komuni fil-livell tal-Unjoni.

(3) Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi għall-għan previst mill-Programm ta' Stokkolma, li jqarreb il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-immigrazzjoni minn barra l-Unjoni hija sors wieħed ta' nies b'ħiliet għoljin, u huma dejjem aktar mfittxija, b'mod partikolari, studenti u riċerkaturi. Huma għandhom rwol importanti fil-formazzjoni tar-riżorsa prinċipali tal-Unjoni — il-kapital uman — għax jiżguraw tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

(4) Ir-rapporti ta' implimentazzjoni dwar id-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE identifikaw ċerti nuqqasijiet, primarjament fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' ammissjoni, drittijiet, salvagwardji proċedurali, l-aċċess tal-istudenti għas-suq tax-xogħol waqt l-istudji tagħhom u dispożizzjonijiet ta' mobilità intra-UE. Tqies ukoll bħala neċessarju titjib speċifiku fir-rigward tal-kategoriji fakultattivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Konsultazzjonijiet sussegwenti usa' ġibdu wkoll l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li jkun hemm possibbiltajiet aħjar fit-tfittxija tal-impjiegi għar-riċerkaturi u l-istudenti kif ukoll protezzjoni aħjar għall-au pairs li mhumiex koperti mid-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE.

---

([1]) ĠU C 341, 21.11.2013, p. 50.
([2]) ĠU C 114, 15.4.2014, p. 42.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2016 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12).
([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15).

(5) Għall-istabbiliment gradwali ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi miżuri li għandhom jiġu adottati fl-oqsma tal-asil, l-immigrazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(6) Din id-Direttiva għandha wkoll timmira biex tinkoraġġixxi l-kuntatti bejn il-persuni kif ukoll il-mobilità, bħala elementi importanti tal-politika esterna tal-Unjoni, b'mod speċjali fejn jidħlu l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jew is-sħab strateġiċi tal-Unjoni. Għandha tippermetti kontribut aħjar fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità u s-Sħubijiet għall-Mobilità tiegħu, li joffru qafas konkreti għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi l-faċilitazzjoni u l-organizzazzjoni tal-migrazzjoni legali.

(7) Il-migrazzjoni għall-finijiet stipulati f'din id-Direttiva għandha tippromwovi l-ġenerazzjoni u l-akkwist tal-għarfien u l-ħiliet. Hija tikkostitwixxi forma ta' arrikkiment reċiproku għall-migranti kkonċernati, għall-pajjiż ta' oriġini tagħhom u għall-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li ssaħħaħ ir-rabtiet kulturali u tarrikkixxi d-diversità kulturali.

(8) Din id-Direttiva għandha tippromwovi lill-Unjoni bħala lok attraenti għar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll tressaqha 'l quddiem fil-kompetizzjoni globali għat-talent u b'hekk tiżgura żieda fil-kompetittività ġenerali u fir-rati tat-tkabbir tal-Unjoni filwaqt li toħloq l-impjiegi li jagħtu l-akbar kontribut lit-tkabbir tal-PDG. Li l-Unjoni tinfetaħ għal ċittadini ta' pajjiżi terz li jistgħu jiġu ammessi għal finijiet ta' riċerka hija wkoll parti mill-Inizjattiva Ewlenija tal-Unjoni għall-Innovazzjoni. Il-ħolqien ta' suq tax-xogħol miftuħ għal riċerkaturi tal-Unjoni u għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi kien ukoll iddikjarat bħala l-għan ewlieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, żona magħquda, fejn ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw b'mod ħieles.

(9) Huwa xieraq li tiġi ffaċilitata l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-fini li jwettqu attività ta' riċerka permezz ta' proċedura ta' ammissjoni li ma tiddependix fuq ir-relazzjoni legali mal-organizzazzjoni tar-riċerka ospitanti, u billi ma jkunx meħtieġ iktar permess tax-xogħol apparti awtorizzazzjoni. Din il-proċedura għandha tkun bbażata fuq il-kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni fl-Istati Membri. Għandha tagħti lil tal-ewwel rwol ċentrali fil-proċedura ta' ammissjoni bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat u jitħaffef d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għall-fini li jwettqu attività ta' riċerka fl-Unjoni filwaqt li jiġu ppreservati l-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika tal-immigrazzjoni. L-organizzazzjonijiet ta' riċerka, li l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li japprovaw minn qabel, għandhom ikunu jistgħu jiffirmaw jew ftehim ta' akkoljenza inkella kuntratt ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini li jwettqu attività ta' riċerka. L-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni abbażi tal-ftehim ta' akkoljenza jew il-kuntratt jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza.

(10) Ladarba l-isforz biex tintlaħaq il-mira ta' investiment ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka, fil-biċċa l-kbira, jikkonċerna s-settur privat, dan is-settur għandu jiġi mħeġġeġ, fejn xieraq, biex jirrekluta aktar riċerkaturi fis-snin li ġejjin.

(11) Sabiex l-Unjoni issir aktar attraenti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jwettqu attività ta' riċerka fl-Unjoni, il-membri tal-familji tagħhom, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE ([1]), għandhom jitħallew jakkumpanjawhom u jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet ta' mobilità intra-UE. Dawk il-membri tal-familja għandu jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol fl-ewwel Stat Membru u, fil-każ tal-mobilità fit-tul, fit-tieni Stat Membru, ħlief f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni bħal livelli partikolarment għolja ta' qgħad fejn l-Istati Membri għandhom iżommu l-possibbiltà li japplikaw test li juri li l-post ma jistax jimtela mis-suq domestiku tax-xogħol għal perijodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar. Bl-eċċezzjoni tad-derogi previsti f'din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2003/86/KE, inklużi r-raġunijiet għaċ-ċaħda jew irtirar jew rifjut ta' tiġdid. Konsegwentement, il-permessi ta' residenza tal-membri tal-familja jistgħu jiġu rtirati jew it-tiġdid tagħhom jista' jiġi rrifjutat jekk tiġi fi tmiemha l-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur li lilu jkunu qegħdin jakkumpanjaw u dawn ma jgawdu minn ebda dritt awtonomu ta' residenza.

(12) Fejn ikun opportun, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex iqisu kandidati b'dottorat bħala riċerkaturi għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(13) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex tinkoraġġixxi eżodu ta' mħuħ minn pajjiżi emerġenti jew li qegħdin jiżviluppaw. Għandhom jittiehdu miżuri li jappoġġaw l-integrazzjoni mill-ġdid ta' riċerkaturi fil-pajjiżi tal-oriġini tagħhom bi sħubija mal-pajjiżi ta' oriġini bil-ħsieb li tiġi stabbilita politika ta' migrazzjoni komprensiva.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja (ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12).

(14) Sabiex tiġi promossa l-Ewropa kollha kemm hi bħala ċentru dinji ta' eċċellenza għall-istudji u t-taħriġ, il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' dawk li jixtiequ jidħlu fl-Unjoni għal dawn l-għanijiet għandhom jitjiebu u jiġu simplifikati. Dan huwa konformi mal-objettivi tal-aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-kuntest tal-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja Ewropea. L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri hija parti minn dan l-isforz. F'dan il-kuntest u f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja ([1]), it-terminu "edukazzjoni għolja" jinkludi l-istituzzjonijiet terzjarji kollha li jistgħu jinkludu, fost oħrajn, l-universitajiet, l-universitajiet tax-xjenza applikata, l-istituti tat-teknoloġija, il-grandes écoles, l-iskejjel tan-negozju, l-iskejjel tal-inġinerija, l-IUT, il-kulleġġi tal-edukazzjoni għolja, l-iskejjel professjonali, il-politekniċi u l-akkademji.

(15) L-estensjoni u l-approfondiment tal-Proċess ta' Bologna varat permezz tad-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Bologna tal-Ministri Ewropej għall-Edukazzjoni tad-19 ta' Ġunju 1999 wasslu għal sistemi aktar komparabbli, kompatibbli u koerenti ta' edukazzjoni għolja fil-pajjiżi parteċipanti iżda lil hinn minnhom ukoll. Dan għaliex l-Istati Membri appoġġaw il-mobilità tal-istudenti u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja integrawha fil-kurrikuli tagħhom. Dan jeħtieġ li jkun rifless permezz ta' titjib fid-dispożizzjonijiet dwar il-mobilità intra-UE għall-istudenti. Wieħed mill-objettivi tad-Dikjarazzjoni ta' Bologna huwa li l-edukazzjoni għolja Ewropea tkun attraenti u kompetittiva. Il-Proċess ta' Bologna wassal għat-twaqqif taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja. L-istruttura fi tliet ċikli tagħha bi programmi u lawrji li jistgħu jiġu segwiti faċilment kif ukoll l-introduzzjoni ta' oqfsa ta' kwalifiki għamluha aktar attraenti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jistudjaw fl-Ewropa.

(16) It-tul u kundizzjonijiet oħra tal-korsijiet preparatorji għall-istudenti koperti minn din id-Direttiva għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom.

(17) L-evidenza li ċittadin ta' pajjiż terz huwa aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tista' tinkludi, fost affarijiet oħrajn ittra jew ċertifikat li jikkonferma r-reġistrazzjoni.

(18) Ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex ikunu ammessi bħala trainees għandhom jipprovdu evidenza li kisbu lawrja ta' edukazzjoni għolja fis-sentejn li jippreċedu d-data ta' applikazzjoni tagħhom jew minn meta jibdew jsegwu kors ta' studju f'pajjiż terz li jwassal għal lawrja ta' edukazzjoni għolja. Huma għandhom ukoll jippreżentaw ftehim ta' taħriġ li jinkludi deskrizzjoni tal-programm ta' taħriġ, l-għan edukattiv jew il-komponenti ta' tagħlim tiegħu, it-tul tiegħu u l-kundizzjonijiet li taħthom issir is-superviżjoni tat-trainee, li jagħti prova li huma ser jibbenefikaw minn taħriġ ġenwin u mhux ser jiġu utilizzati bħala ħaddiema normali. Minbarra dan, l-entitajiet ospitanti jistgħu jkunu meħtieġa li jissostanzjaw li t-traineeship ma jissostitwixxix impjieg. Jekk diġà jeżistu kundizzjonijiet speċifiċi fil-liġi nazzjonali, fil-ftehimiet kollettivi jew f'prattiki għat-trainees, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jesiġu li ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex ikunu ammessi bħala trainees jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet speċifiċi.

(19) L-impjegati trainees li jiġu biex jaħdmu fl-Unjoni fil-kuntest ta' trasferiment intra-azjendali mhumiex koperti minn din id-Direttiva, billi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(20) Din id-Direttiva għandha tappoġġa l-għanijiet tas-Servizz Volontarju Ewropew li jiżviluppa s-solidarjetà, il-fehim reċiproku u t-tolleranza fost iż-żgħażagħ u s-soċjetajiet li jgħixu fihom, filwaqt li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ. Sabiex ikun żgurat l-aċċess għas-Servizz Volontarju Ewropew b'mod konsistenti mal-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed japplikaw għall-fini tas-Servizz Volontarju Ewropew.

(21) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-iskulari, il-voluntiera ħlief dawk taħt is-Servizz Volontarju Ewropew u l-au pairs, sabiex jiġu ffaċilitati d-dħul u r-residenza tagħhom u jiġu żgurati d-drittijiet tagħhom.

(22) Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva għall-iskulari, dawn huma mħeġġa jiżguraw li l-proċedura nazzjonali ta' ammissjoni għall-għalliema li jakkumpanjaw esklużivament skulari fil-qafas ta' skema ta' skambju ta' skulari jew proġett edukattiv tkun koerenti mal-proċedura għall-iskulari prevista f'din id-Direttiva.

---

([1]) ĠU C 372, 20.12.2011, p. 36.

([2]) Id-Direttiva 2014/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali (ĠU L 157, 27.5.2014, p. 1).

(23) L-au pairing jikkontribwixxi għat-trawwim tal-kuntatti bejn in-nies billi ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw opportunità li jtejbu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom u jiżviluppaw l-għarfien tagħhom dwar l-Istati Membri u r-rabtiet kulturali magħhom. Fl-istess ħin, l-au pairs minn pajjiżi terzi jistgħu jkunu esposti għal riskji ta' abbuż. Biex jiżguraw it-trattament ġust tagħhom u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-rigward tad-dħul u r-residenza tal-au pairs.

(24) Jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu juru li huma qed jirċievu riżorsi matul il-perijodu tal-permanenza tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat minn għotja, "fellowship" jew borża ta' studju, kuntratt tax-xogħol validu, offerta vinkolanti ta' xogħol jew impenn finanzjarju minn organizzazzjoni ta' skambju ta' skulari, entità li tospita trainees, organizzazzjoni ta' skema ta' servizz volontarju, familja ospitanti jew organizzazzjoni li sservi ta' medjatur għall-au pairs, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' tali riżorsi fil-valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċjenti. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu ammont indikattiv ta' referenza li huma jikkunsidraw bħala li jikkostitwixxi "riżorsi suffiċjenti" li jista' jvarja għal kull waħda mill-kategoriji rispettivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(25) L-Istati Membri huma mħeġġa li jippermettu lill-applikanti jippreżentaw dokumenti u informazzjoni f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni, għajr il-lingwa jew lingwi uffiċjali tagħhom, determinata mill-Istat Membru konċernat.

(26) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jipprovdu għal proċedura ta' approvazzjoni għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi jew privati, jew għalihom it-tnejn, li jixtiequ jospitaw riċerkaturi li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi jew għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li jixtiequ jospitaw studenti li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Din l-approvazzjoni għandha tikkonforma mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istat Membru konċernat. Jinħtieġ li l-applikazzjonijiet għal organizzazzjonijiet ta' riċerka u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja approvati jiġu ffaċilitati u li jitħaffu d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu fl-Unjoni għall-fini ta' riċerka jew studji.

(27) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jipprovdu għal proċedura ta' approvazzjoni għall-entitajiet ospitanti rispettivi li jkunu jixtiequ jospitaw skulari, trainees jew voluntiera li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jinħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-possibbiltà li japplikaw din il-proċedura għal xi kategoriji tal-entitajiet ospitanti jew għalihom kollha. Din l-approvazzjoni għandha tikkonforma mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istat Membru konċernat. Applikazzjonijiet għal entitajiet ospitanti approvati għandhom iħaffu d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu fl-Unjoni għall-fini ta' taħriġ, servizz volontarju, jew skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi jew au pairing.

(28) Jekk l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' approvazzjoni għal entitajiet ospitanti, jinħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jew jippermettu l-ammissjoni biss permezz ta' entitajiet ospitanti jew jistabbilixxu proċedura ta' approvazzjoni, filwaqt li jippermettu wkoll l-ammissjoni permezz ta' entitajiet ospitanti mhux approvati.

(29) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li joħorġu awtorizzazzjonijiet għall-fini ta' studji, riċerka jew taħriġ għajr dawk irregolati mid-Direttiva, liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(30) Ladarba l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha għall-ammissjoni jkunu sodisfatti, l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni fi ħdan il-limiti taż-żmien speċifikati. Jekk Stat Membru joħroġ permess ta' residenza fit-territorju tiegħu biss u jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva relatati mal-ammissjoni, l-Istat Membru għandu jagħti liċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat il-viża meħtieġa u għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw b'mod effettiv għal dak il-fini. F'każ li l-Istat Membru ma joħroġx viżi, huwa għandu jagħti liċ-ċittadini kkonċernat ta' pajjiż terz permess ekwivalenti li jippermetti d-dħul.

(31) L-awtorizzazzjonijiet għandhom isemmu l-istatus taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat. Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jindikaw informazzjoni addizzjonali fuq karta jew li jippreżervawha f'format elettroniku, sakemm dan ma jżidx kundizzjonijiet oħra.

(32) Il-perijodi differenti tat-tul ta' żmien tal-awtorizzazzjonijiet skont din id-Direttiva għandhom jirriflettu n-natura speċifika tal-permanenza ta' kull kategorija ta' ċittadin ta' pajjiż terz koperta minn din id-Direttiva.

(33) L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt li jiddeterminaw li t-tul ta' żmien totali ta' residenza tal-istudenti ma jaqbiżx it-tul ta' żmien massimu, kif previst fil-liġi nazzjonali. F'dan ir-rigward, it-tul ta' żmien massimu tal-istudji jista' jinkludi wkoll, jekk ikun previst hekk fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru konċernat, l-estensjoni possibbli tal-istudji għall-fini li tiġi ripetuta sena waħda jew aktar ta' studji.

(34) Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jesiġu ħlas mingħand l-applikanti biex jiġu ttrattati l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet u notifiki. Il-livell tad-drittijiet imposti ma għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv sabiex ma jikkostitwixxix ostaklu għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

(35) Id-drittijiet mogħtija liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhomx jiddependu mill-forma tal-awtorizzazzjoni li tinħareġ minn kull Stat Membru.

(36) Għandu jkun possibbli li tiġi rifjutata l-ammissjoni għall-finijiet ta' din id-Direttiva għal raġunijiet iġġustifikati b'mod xieraq. B'mod partikolari, għandu jkun possibbli l-ammissjoni tiġi rrifjutata jekk Stat Membru jqis, abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti f'każ individwali, u b'kont meħud tal-prinċipju tal-proporzjonalità, li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat huwa theddida potenzjali għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika.

(37) L-għan ta' din id-Direttiva mhuwiex li tirregola l-ammissjoni u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg u ma għandhiex l-għan li tarmonizza l-liġijiet u prattiki nazzjonali fir-rigward tal-istatus tal-ħaddiema. Madankollu, huwa possibbli li f'xi Stat Membri kategoriji speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiż terz koperti minn din id-Direttiva huma meqjusa li jkunu f'relazzjoni ta' impjieg abbażi tal-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika nazzjonali. Fejn Stat Membru jqis riċerkaturi, voluntiera, trainees, jew au pairs li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala li huma f'relazzjoni ta' impjieg, dak l-Istat Membru għandu jżomm id-dritt li jiddetermina l-volumi ta' ammissjoni tal-kategorija jew kategoriji kkonċernati skont l-Artikolu 79(5) tat-TFUE.

(38) Fejn riċerkatur, voluntier, trainee jew au pair li huwa ċittadin ta' pajjiż terz japplika biex jiġi ammess biex jidħol f'relazzjoni ta' impjieg fi Stat Membru, għandu jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li japplika test li juri li dak il-post ma jistax jimtela mis-suq domestiku tax-xogħol.

(39) Fir-rigward ta' studenti, il-volumi ta' ammissjoni ma għandhomx japplikaw billi, anke jekk jitħallew jaħdmu matul l-istudji f'konformità mal-kundizzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, huma jfittxu ammissjoni għat-territorju tal-Istat Membri biex isegwu, bħala l-attività prinċipali tagħhom, kors ta' studju full-time li jista' jinkludi taħriġ obbligatorju.

(40) Fejn, wara li jkun ġie ammess għat-territorju tal-Istat Membru konċernat, riċerkatur, voluntier, trainee jew au pair japplika biex iġedded l-awtorizzazzjoni biex jidħol f'relazzjoni ta' impjieg jew biex ikompliha fl-Istat Membru konċernat, bl-eċċezzjoni ta' riċerkatur li jkompli r-relazzjoni ta' impjieg tiegħu mal-istess entità ospitanti, għandu jkun possibbli għal dak l-Istat Membru li japplika test li juri li post ma jistax jimtela mis-suq tax-xogħol domestiku.

(41) Fil-każ ta' dubji li jikkonċernaw ir-raġunijiet tal-applikazzjoni għal ammissjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu *jwettqu* l-verifiki xierqa jew jesiġu evidenza sabiex jivvalutaw, skont il-każ, ir-riċerka, l-istudji, it-taħriġ, is-servizz volontarju, l-iskema ta' skambju ta' skulari jew proġett edukattiv jew au pairing intenzjonat tal-applikant u jiġġieled kontra l-abbuż jew użu ħażin tal-proċedura stabbilita f'din id-Direttiva.

(42) Fejn l-informazzjoni pprovduta ma tkunx kompluta, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant f'perijodu raġonevoli dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u jistabbilixxu skadenza raġonevoli sabiex din tiġi pprovduta. Jekk l-informazzjoni addizzjonali ma tkunx ġiet ipprovduta fi żmien dik l-iskadenza, l-applikazzjoni tista' tiġi rifjutata.

(43) L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinnotifikaw lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. Huma għandhom jagħmlu dan bil-miktub kemm jista' jkun malajr, u l-aktar tard fi ħdan il-perijodu speċifikat f'din id-Direttiva.

(44) Din id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita l-mobilità intra-UE għar-riċerkaturi u studenti billi, inter alia jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-mobilità f'bosta Stati Membri. Għal dan il-fini, din id-Direttiva tistabbilixxi skema speċifika għall-mobilità intra-UE fejn ċittadin ta' pajjiż terz li għandu l-awtorizzazzjoni għall-fini ta' riċerka jew

studji maħruġa mill-ewwel Stat Membru huwa intitolat li jidħol, jibqa' u jwettaq parti mill-attività ta' riċerka jew mill-istudji fi Stat Membru ieħor jew f'diversi tieni Stati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-mobilità taħt din id-Direttiva.

(45) Sabiex ikun possibbli għar-riċerkaturi li jiċċaqalqu faċilment minn organizzazzjoni ta' riċerka għall-oħra għall-fini ta' riċerka, il-mobilità fuq perijodu qasir tagħhom għandha tkopri permanenzi fit-tieni Stati Membri għal perijodu sa 180 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 360 jum għal kull Stat Membru. Il-mobilità fuq perijodu twil għar-riċerkaturi għandha tkopri permanenzi fi Stat Membru ieħor jew f'diversi tieni Stati Membri oħrajn għal perijodu ta' aktar minn 180 jum għal kull Stat Membru. Membri tal-familja tar-riċerkaturi għandhom ikunu intitolati li jakkumpanjaw ir-riċerkatur matul il-mobilità. Il-proċedura għall-mobilità tagħhom għandha tkun allinjata ma' dik tar-riċerkatur li qiegħdin jakkumpanjaw.

(46) Fir-rigward tal-istudenti li huma koperti minn programmi tal-Unjoni jew dawk multilaterali jew ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-istudji tagħhom, din id-Direttiva għandha tipprevedi mobilità fi Stat Membru ieħor jew f'diversi tieni Stati Membri oħrajn għal perijodu li hu twil sa 360 jum għal kull Stat Membru.

(47) Fejn riċerkatur jew student jiċċaqlaq lejn it-tieni Stat Membru abbażi ta' proċedura ta' notifika u jkun meħtieġ dokument biex jiġi faċilitat l-aċċess għal servizzi u drittijiet, għandu jkun possibbli għat-tieni Stat Membri li joħroġ dokument li jattesta li r-riċerkatur jew l-istudent huwa intitolat għal permanenza fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Tali dokument ma għandux jikkostitwixxi kundizzjoni addizzjonali biex jibbenefika mid-drittijiet previsti f'din id-Direttiva u għandu jkun biss ta' natura dikjaratorja.

(48) Filwaqt li l-iskema speċifika ta' mobilità stabbilita b'din id-Direttiva għandha tistabbilixxi regoli awtonomi rigward id-dħul u l-permanenza għal fini ta' riċerka jew studji fi Stat Membru minbarra dak li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni inizjali, għandhom jibqgħu japplikaw ir-regoli l-oħrajn kollha li jirregolaw il-moviment ta' persuni fil-fruntieri kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-acquis ta' Schengen.

(49) Fejn l-awtorizzazzjoni tinħareġ minn Stat Membru li ma japplikax bis-sħiħ l-acquis ta' Schengen u r-riċerkatur jew il-membri tal-familja tiegħu jew l-istudent, fil-qafas tal-mobilità intra-UE, jaqsam fruntiera esterna fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), Stat Membru għandu jkun intitolat li jesiġi evidenza li turi li r-riċerkatur jew l-istudent qed jiċċaqlaq lejn it-territorju tiegħu għall-fini ta' riċerka jew studji jew li l-membri tal-familja qed jiċċaqalqu lejn it-territorju għall-fini li jakkumpanjaw ir-riċerkatur fil-qafas ta' mobilità. Barra minn hekk, fil-każ tal-qsim ta' fruntiera esterna fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/399, l-Istati Membri li japplikaw l-acquis ta' Schengen bis-sħiħ għandhom jikkonsultaw is-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen u għandhom jirrifjutaw id-dħul jew joġġezzjonaw għall-mobilità ta' persuni li għalihom tkun inħarġet twissija f'dik is-sistema għall-fini ta' ċaħda tad-dħul jew permanenza, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(50) Din id-Direttiva għandha tippermetti lit-tieni Stat jew Stati Membri li jesiġu li riċerkatur jew student, li jiċċaqlaq abbażi ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-ewwel Stat Membru u li ma jissodisfax, jew ma jissodisfax aktar, il-kundizzjonijiet għall-mobilità, jitlaq mit-territorju tagħhom. Fejn ir-riċerkatur jew l-istudent għandu awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru, it-tieni Stat Membru għandu jkun jista' jitlob li tali riċerkatur jew student imur lura lejn l-ewwel Stat Membru f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Fejn il-mobilità tkun permessa mit-tieni Stat Membru abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-ewwel Stat Membru u dik l-awtorizzazzjoni tiġi rtirata jew tkun skadiet waqt il-perijodu ta' mobilità, għandu jkun possibbli għat-tieni Stat Membru li jew jiddeċiedi li jirritorna lir-riċerkatur jew lill-istudent lil pajjiż terz, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE, jew li jitlob mingħajr dewmien lill-ewwel Stat Membru li jippermetti d-dħul mill-ġdid tar-riċerkatur jew student fit-territorju tiegħu. F'dan l-aħħar każ, l-ewwel Stat Membru għandu joħroġ dokument lir-riċerkatur jew student li jippermettilu d-dħul mill-ġdid fit-territorju tiegħu.

(51) Il-politiki u r-regoli tal-Unjoni dwar l-immigrazzjoni, minn naħa, u l-politiki u l-programmi tal-Unjoni li jiffavorixxu l-mobilità ta' riċerkaturi u studenti fuq livell tal-Unjoni, min-naħa l-oħra, għandhom jikkomplementaw aktar lil xulxin. Meta jiġi determinat il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni maħruġa lil riċerkaturi u studenti, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-mobilità ppjanata lejn l-Istati Membri l-oħra, f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-mobilità. Ir-riċerkaturi u l-istudenti koperti mill-programmi tal-Unjoni jew dawk

([1]) Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).
([3]) Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

multilaterali li jinkludu miżuri jew ftehimiet ta' mobilità bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar għandhom ikunu intitolati li jirċievu awtorizzazzjonijiet li jkopru tal-anqas sentejn, dment li jissodisfaw l-kundizzjonijiet rilevanti ta' ammissjoni għal dak il-perijodu.

(52) Sabiex ikun possibbli għall-istudenti li jkopru parti mill-istudji tagħhom u, jekk possibbli, biex jiksbu esperjenza prattika, dawn għandhom jingħataw, waqt l-istudji tagħhom, aċċess għas-suq tax-xogħol tal-Istat Membru fejn wettqu l-istudji tagħhom, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Għal dan il-fini, l-istudenti għandhom jitħallew jaħdmu għal ċertu ammont minimu ta' sigħat kif speċifikat f'din id-Direttiva. Il-prinċipju ta' aċċess għall-istudenti għas-suq tax-xogħol għandu jkun ir-regola ġenerali. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jieħdu kont tas-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol nazzjonali tagħhom.

(53) Bħala parti mill-ispinta sabiex fil-futur ikun hemm forza tax-xogħol ikkwalifikata sew, studenti li jiggradwaw fl-Unjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għall-perijodu speċifikat f'din id-Direttiva bil-ħsieb li jidentifikaw opportunitajiet ta' xogħol jew biex jistabbilixxu negozju. Ir-riċerkaturi għandu jkollhom dik il-possibbiltà wkoll wara li jlestu l-attività ta' riċerka tagħhom, kif definit fil-ftehim ta' akkoljenza. Sabiex jinħarġilhom permess ta' residenza għal dak il-fini, studenti u riċerkaturi jistgħu jintalbu jipprovdu evidenza f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Ladarba l-Istati Membri joħorġulhom tali permess ta' residenza, dawn ma jibqgħux jitqiesu bħala riċerkaturi u studenti fis-sens ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw, wara perijodu ta' żmien minimu stabbilit f'din id-Direttiva, jekk għandhomx ċans ġenwin li jiġu impjegati jew jistabbilixxu negozju. Din il-possibbiltà hija mingħajr preġudizzju għal obbligi oħra ta' rapportar previsti fil-liġi nazzjonali għal finijiet oħra. L-awtorizzazzjoni maħruġa għall-fini tal-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' xogħol jew stabbiliment ta' negozju ma għandhiex tagħti dritt awtomatiku ta' aċċess għas-suq tax-xogħol jew li jiġi stabbilit negozju. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt tagħhom li jikkunsidraw is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tagħhom meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li nħarġitlu awtorizzazzjoni li jibqa' fit-territorju għall-fini ta' tfittxija ta' xogħol jew ta' stabbiliment ta' negozju, japplika għal permess tax-xogħol biex jimla post.

(54) It-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiż terz koperti minn din id-Direttiva għandu jiġi żgurat f'konformità mal-Artikolu 79 tat-TFUE. Ir-riċerkaturi għandhom igawdu minn trattament indaqs ma' ċittadini tal-Istat Membru konċernat fir-rigward tal-Artikoli 12(1) u (4) tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) soġġetti għall-possibbiltà għal dak l-Istat Membru biex jillimita t-trattament indaqs fil-każijiet speċifiċi previsti f'din id-Direttiva. Id-Direttiva 2011/98/UE għandha tkompli tapplika għall-istudenti, inklużi r-restrizzjonijiet previsti f'dik id-Direttiva. Id-Direttiva 2011/98/UE għandha tkompli tapplika għat-trainees, il-voluntiera u l-au pairs meta dawn jitqiesu f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru konċernat. It-trainees, il-voluntiera u l-au pairs, meta dawn ma jitqisux bħala li huma f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru, kif ukoll l-iskulari għandhom igawdu minn trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru konċernat fir-rigward ta' sett minimu ta' drittijiet previsti fid-Direttiva. Dan jinkludi aċċess għall-oġġetti u servizzi, li ma jkoprix għotjiet jew self għall-istudji jew edukazzjoni vokazzjonali.

(55) It-trattament indaqs kif ipprovdut lir-riċerkaturi u l-istudenti, kif ukoll it-trainees, il-voluntiera u l-au pairs meta dawn jitqiesu f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru konċernat, jinkludi t-trattament indaqs fir-rigward ta' dawk l-oqsma tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Din id-Direttiva ma tarmonizzax il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri. Hija limitata għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali fil-qasam tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, din id-Direttiva ma tagħtix drittijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' membri tal-familja li jirrisjedu f'pajjiż terz. Madankollu, dan ma għandux jaffettwa d-dritt ta' superstiti li jidderivaw drittijiet minn ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn applikabbli, li jirċievu pensjonijiet tas-superstiti meta dawn jirrisjedu f'pajjiż terz.

(56) F'bosta Stati Membri d-dritt għal benefiċċji tal-familja huwa kundizzjonat minn ċerta rabta ma' dak l-Istat Membru peress li l-benefiċċji huma maħsubin biex jappoġġaw żvilupp demografiku pożittiv biex tiġi żgurata l-forza tax-xogħol futura f'dak l-Istat Membru. Għalhekk, din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt ta' Stat Membru li jirrestrinġi, taħt ċerti kundizzjonijiet, it-trattament indaqs fir-rigward tal-benefiċċji tal-familja meta r-riċerkatur u l-membri tal-familja li jakkumpanjawh ikunu qegħdin temporanjament f'dak l-Istat Membru.

([1]) Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

(57) Fil-każ ta' mobilità bejn l-Istati Membri, japplika r-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Din id-Direttiva ma għandhiex tagħti aktar drittijiet minn dawk diġà previsti fid-dritt eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali għal ċittadini ta' pajjiż terz li għandhom interessi transkonfinali bejn l-Istati Membri.

(58) Din id-Direttiva għandha tkun applikata mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet aktar favorevoli li jinsabu fid-dritt tal-Unjoni u fl-istrumenti internazzjonali applikabbli.

(59) Il-permessi tar-residenza previsti f'din id-Direttiva għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri użati fil-format uniformi previst fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 ([2]).

(60) Kull Stat Membru għandu jiżgura li informazzjoni adegwata u regolarment aġġornata tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali, speċjalment fuq l-internet, rigward l-entitajiet ospitanti approvati għall-finijiet ta' din id-Direttiva u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(61) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(62) L-Istati Membri għandhom jagħmlu effettivi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew opinjonijiet oħra, sħubija ma' minorità nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

(63) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([3]), l-Istati Membri ħadu l-impenn li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri tagħhom ta' traspożizzjoni b'wieħed jew aktar dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(64) Minħabba li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ u s-Servizz Volontarju Ewropew, bħala dispożizzjonijiet mandatorji, u ta' skambju ta' skulari, servizz volontarju għajr is-Servizz Volontarju Ewropew jew au pairing, bħala dispożizzjonijiet opzjonali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(65) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u t-TFUE u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

(66) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(67) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun ristrett għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva b'paragun mad-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet mhux mibdulin jiġu trasposti joriġina taħt dawk id-Direttivi.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiz terz (ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1).

([3]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(68) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri relattivi għal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati ta' applikazzjoni tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi:

(a) il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza għal perijodu ta' aktar minn 90 jum, fit-territorju tal-Istati Membri, u d-drittijiet, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familji tagħhom, għall-fini ta' riċerka, studji, taħriġ jew servizz volontarju fis-Servizz Volontarju Ewropew, u fejn l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, ta' skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi, servizz volontarju għajr is-Servizz Volontarju Ewropew jew au pairing;

(b) il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, u d-drittijiet, ta' riċerkaturi, u fejn applikabbli tal-membri tal-familja tagħhom, u studenti, imsemmija fil-punt (a), fi Stati Membri minbarra l-Istat Membru li jkun l-ewwel wieħed li jagħti awtorizzazzjoni liċ-ċittadin ta' pajjiż terz abbażi ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex ikunu ammessi jew li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini ta' riċerka, studji, taħriġ jew servizz volontarju fis-Servizz Volontarju Ewropew.L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jiġu ammessi għall-fini ta' skema ta' skambju ta' skulari jew proġett edukattiv, servizz volontarju għajr is-Servizz Volontarju Ewropew jew au pairing.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

(a) li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali jew li huma benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali f'konformità mad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew li huma benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ([2]) fi Stat Membru;

(b) li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi;

(c) li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li eżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu fl-Unjoni;

(d) li jgawdu minn status ta' resident għal perijodu fit-tul fi Stat Membru f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ([3]);

(e) li jgawdu, flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni taħt ftehimiet jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi, jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi;

(f) li jiġu fl-Unjoni bħala trainees impjegati fil-kuntest ta' trasferiment intra-azjendali skont id-Direttiva 2014/66/UE;

(g) li jiġu ammessi bħala ħaddiema bi kwalifiki għolja skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE ([4]).

([1]) Id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, 20.12.2011, p. 9).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalita' ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44).

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17).

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(1) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE;

(2) "riċerkatur" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu lawrja dottorali jew kwalifika ta' edukazzjoni għolja adegwata li tagħti lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz aċċess għal programmi ta' dottorat, li jiġi magħżul minn organizzazzjoni ta' riċerka u ammess fit-territorju ta' Stat Membru għat-twettiq ta' attività ta' riċerka li għaliha tkun normalment meħtieġa tali kwalifika;

(3) "student" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja u jkun ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex isegwi bħala attività prinċipali kors ta' studju full-time li jwassal għal kwalifika ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta minn dak l-Istat Membru, inklużi diplomi, ċertifikati u lawrji dottorali, f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, fejn jista' jkopri kors preparatorju qabel it-tali edukazzjoni, skont il-liġi nazzjonali, jew taħriġ obbligatorju;

(4) "skular" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex isegwi programm statali jew reġjonali rikonoxxut ta' edukazzjoni sekondarja ekwivalenti għal-livell 2 jew 3 tal-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni fil-kuntest ta' skema ta' skambju ta' skulari jew proġett edukattiv operat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva;

(5) "trainee" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li għandu lawrja ta' edukazzjoni għolja jew li qed isegwi kors ta' studju f'pajjiż terz li jwassal għal lawrja ta' edukazzjoni għolja u li jkun ammess fit-territorju ta' Stat Membru għal programm ta' taħriġ għall-fini li jikseb għarfien, prattika u esperjenza f'ambjent professjonali;

(6) "voluntier" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex jieħu sehem fi skema ta' servizz volontarju;

(7) "skema ta' servizz volontarju" tfisser programm ta' attivitajiet ta' solidarjetà prattika, ibbażat fuq skema rikonoxxuta bħala tali mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Unjoni, li għandu l-objettivi ta' interess ġenerali għal kawża mingħajr skop ta' qligħ, li fiha l-attivitajiet huma bla remunerazzjoni, ħlief għar-rimborż tal-ispejjeż u/jew għal somom żgħar ta' flus;

(8) "au pair" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex ikun temporanjament milqugħ f'familja sabiex itejjeb il-ħiliet lingwistiċi kif ukoll għarfien tiegħu tal-Istat Membru kkonċernat u li min-naħa tiegħu jagħmel xogħol tad-dar ħafif u li jieħu ħsieb it-tfal;

(9) "riċerka" tfisser xogħol kreattiv eżegwit fuq bażi sistematika sabiex jiżdied l-għarfien, inkluża l-konoxxenza dwar il-bniedem, il-kultura u s-soċjetà, u l-użu ta' dan l-għarfien sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet ġodda;

(10) "organizzazzjoni ta' riċerka" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata li twettaq riċerka;

(11) "istituzzjoni ta' edukazzjoni" tfisser istituzzjoni ta' edukazzjoni sekondarja pubblika jew privata rikonoxxuta mill-Istat Membru kkonċernat jew li l-korsijiet ta' studju tagħha huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva abbażi ta' kriterji trasparenti u li tipparteċipa fi skema ta' skambju ta' skulari jew proġett edukattiv għall-finijiet stabbiliti f'din id-Direttiva;

(12) "proġett edukattiv" ifisser sett ta' azzjonijiet edukattivi żviluppati mill-istituzzjoni ta' edukazzjoni ta' Stat Membru f'kooperazzjoni ma' stabbilimenti simili f'pajjiż terz, għall-finijiet tal-kondiviżjoni ta' kulturi u għarfien;

(13) "istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja" tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta jew ikkunsidrata bħala tali skont il-liġi nazzjonali li, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, toffri lawrji ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuti jew kwalifiki oħra f'livell terzjarju rikonoxxuti, ikun xi jkun jisimhom tali istituzzjonijiet, jew kwalunkwe istituzzjoni li, f'konformità mal-liġi jew prattika nazzjonali, toffri edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali f'livell terzjarju;

(14) "entità ospitanti" tfisser organizzazzjoni ta' riċerka, istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, istituzzjoni ta' edukazzjoni, organizzazzjoni responsabbli għal skema ta' servizz volontarju, jew entità li tospita trainees li għalihom iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun assenjat għall-finijiet ta' din id-Direttiva u li jkun jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament mill-forma legali tiegħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(15) "familja ospitanti" tfisser il-familja li temporanjament tilqa' au pair u taqsam il-ħajja ta' kuljum tagħha miegħu fit-territorju ta' Stat Membru abbażi ta' ftehim konkluż bejn dik il-familja u l-au pair;

(16) "impjieg" tfisser l-eżerċizzju ta' attivitajiet li jkopru kwalunkwe forma ta' ħidma jew xogħol regolati bil-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi applikabbli jew f'konformità ma' prattika stabbilita għal jew taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni ta' impjegatur;

(17) "impjegatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe entità legali, li għaliha jew taħt id-direzzjoni jew superviżjoni tagħha jitwettaq l-impjieg;

(18) "l-ewwel Stat Membru" tfisser l-Istat Membru li l-ewwel jagħti awtorizzazzjoni lil ċittadin ta' pajjiż terz abbażi ta' din id-Direttiva;

(19) "it-tieni Stat Membru" tfisser kwalunkwe Stat Membru minbarra l-ewwel Stat Membru

(20) "programmi tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludu miżuri ta' mobilità" tfisser programmi ffinanzjati mill-Unjoni jew minn Stati Membri li jippromwovu l-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiż terz fl-Unjoni jew fl-Istati Membri parteċipanti fil-programmi rispettivi;

(21) "awtorizzazzjoni" tfisser permess ta' residenza jew, jekk previst fil-liġi nazzjonali, viża għal permanenza twila maħruġa għall-finijiet ta' din id-Direttiva;

(22) "permess ta' residenza" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa bl-użu ta' format stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jintitola lid-detentur tiegħu li jibqa' fit-territorju ta' Stat Membru;

(23) "viża għal permanenza twila" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru kif hemm stipulat fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Schengen ([1]) jew maħruġa skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri li ma japplikawx l-acquis ta' Schengen bis-sħiħ;

(24) "membri tal-familja" tfisser iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2003/86/KE.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet aktar favorevoli**

1. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għal dispożizzjonijiet iktar favorevoli ta':

(a) ftehimiet bilaterali jew multilaterali konklużi bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u pajjiż terz wieħed jew aktar; jew

(b) ftehimiet bilaterali jew multilaterali konklużi bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.

2. Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri biex jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz li għalih din id-Direttiva tapplika fir-rigward tal-punt (a) tal-Artikolu 10(2) u l-Artikoli 18, 22, 23, 24, 25, 26, 34 u 35.

KAPITOLU II

**AMMISSJONI**

*Artikolu 5*

**Prinċipji**

1. L-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz taħt din id-Direttiva għandha tkun soġġetta għall-verifika ta' evidenza dokumentata li turi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jilħaq:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7; u

(b) il-kundizzjoni speċifiċi rilevanti fl-Artikoli 8, 11, 12, 13, 14 jew 16.

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-applikant jipprovdi l-evidenza dokumentata msemmija fil-paragrafu 1 b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni determinata minn dak l-Istat Membru.

([1]) Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19).

3. Fejn il-kundizzjonijiet ġenerali kollha u l-kundizzjonijiet speċifiċi rilevanti kollha għall-ammissjoni jintlaħqu, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz għandhom ikunu intitolati għal awtorizzazzjoni.

Fejn Stat Membru joħroġ permessi ta' residenza biss fit-territorju tiegħu u jintlaħqu l-kundizzjonijiet kollha ta'ammissjoni stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istat Membru kkonċernat għandu joħroġ għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz il-viża meħtieġa.

*Artikolu 6*

**Volumi ta' ammissjoni**

Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt ta' Stat Membru li jiddetermina, skont l-Artikolu 79(5) tat-TFUE, il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-istudenti, jekk l-Istat Membru kkonċernat iqis li dawn huma jew ser ikunu f'relazzjoni ta' impjieg. Abbażi ta' dan, applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tista' titqies inammissibbli jew tiġi rifjutata.

*Artikolu 7*

**Kundizzjonijiet ġenerali**

1. Fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz taħt din id-Direttiva, l-applikant għandu:

(a) jippreżenta dokument tal-ivvjaġġar validu, kif iddeterminat mil-liġi nazzjonali, u, jekk mitlub, applikazzjoni għal viża u viża valida jew, fejn applikabbli, permess ta' residenza validu jew viża valida għal permanenza twila; l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-perijodu ta' validità tad-dokument ta' vjaġġar jkopri mill-inqas it-tul ta' żmien tal-permanenza ppjanata;

(b) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun minorenni taħt il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, jippreżenta awtorizzazzjoni tal-ġenituri jew dokument ekwivalenti għall-permanenza ppjanata;

(c) jippreżenta evidenza li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jew, jekk previst fil-liġi nazzjonali, li applika għal assigurazzjoni medika għar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat; l-assigurazzjoni għandha tkun valida għal kemm iddum il-permanenza ppjanata;

(d) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru hekk jitlob, li d-drittijiet imposti biex tiġi ttrattata l-applikazzjoni previsti fl-Artikolu 36 tħallsu;

(e) jipprovdi l-evidenza mitluba mill-Istat Membru kkonċernat li, matul il-permanenza ppjanata, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ser ikollu riżorsi biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jkollu jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru, u l-ispejjeż tal-vjaġġ lura. Il-valutazzjoni tar-riżorsi suffiċjenti għandha tkun ibbażata fuq eżami individwali tal-każ u għandha tqis ir-riżorsi li jkunu ġejjin, fost l-oħrajn, minn għotja, borża ta' studju jew fellowship, kuntratt tax-xogħol validu jew offerta vinkolanti ta' impjieg jew impenn finanzjarju minn organizzazzjoni għal skema ta' skambju ta' skulari, entità li tospita t-trainees, organizzazzjoni għal skema ta' servizz volontarju, familja ospitanti jew organizzazzjoni li sservi ta' medjatur għall-au pairs.

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-applikant jipprovdi l-indirizz taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat fit-territorju tagħhom.

Fejn il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru teħtieġ li indirizz jingħata meta ssir l-applikazzjoni u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għadu ma jafx l-indirizz futur tiegħu, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw indirizz temporanju. F'tali każ, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jipprovdi l-indirizz permanenti tiegħu sa mhux aktar tard minn meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17.

3. L-Istati Membri jistgħu jindikaw ammont ta' referenza li huma jqisu li jikkostitwixxi "riżorsi suffiċjenti" kif imsemmi taħt il-punt (e) tal-paragrafu (1). Il-valutazzjoni tar-riżorsi suffiċjenti għandha tkun ibbażata fuq eżami individwali tal-każ.

4. L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata u eżaminata jew meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun qed jirrisjedi barra t-territorju tal-Istat Membru li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jixtieq jidħol jew meta hu jkun diġà qed jirrisjedi f'dak l-Istat Membru bħala detentur ta' permess ta' residenza validu jew viża għal permanenza twila.

Permezz ta' deroga, Stat Membru jista' jaċċetta, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, applikazzjoni ppreżentata meta ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ma jkunx fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida għal permanenza twila iżda jkun legalment preżenti fit-territorju tiegħu.

5. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għandhomx jiġu ppreżentati miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, mill-entità ospitanti, jew minn kwalunkwe minnhom.

6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma kkunsidrati bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika m'għandhomx jiġu ammessi.

*Artikolu 8*

**Kundizzjonijiet speċifiċi għar-riċerkaturi**

1. Barra mill-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz bil-għan ta' riċerka, l-applikant għandu jippreżenta ftehim ta' akkoljenza jew, jekk previst fil-liġi nazzjonali, kuntratt, skont l-Artikolu 10.

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu, skont il-liġi nazzjonali, impenn bil-miktub mill-organizzazzjoni ta' riċerka li, f'każijiet fejn riċerkatur jibqa' illegalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, dik l-organizzazzjoni ta' riċerka tkun responsabbli għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-permanenza u r-ritorn li jkunu tħallsu mill-fondi pubbliċi. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjoni ta' riċerka għandha tintemm l-iktar tard sitt xhur wara li jintemm il-ftehim ta' akkoljenza.

Fejn id-dritt ta' residenza tar-riċerkatur tiġi estiża skont l-Artikolu 25, ir-responsabbiltà tal-organizzazzjoni ta' riċerka msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun limitata sad-data tal-bidu tal-permess ta' residenza għall-fini tat-tiftix ta' impjieg jew ta' intraprenditorija.

3. Stat Membru li jkun stabbilixxa proċedura ta' approvazzjoni għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka skont l-Artikolu 9 għandu jeżenta applikanti milli jippreżentaw wieħed jew aktar mid-dokumenti jew waħda jew aktar mill-provi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew fil-punti (c), (d) jew (e) jew fl-Artikolu 7(2), fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu ser jiġu ospitati minn organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati.

*Artikolu 9*

**Approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka**

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu għal proċedura ta' approvazzjoni għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi u/jew privati li jixtiequ jospitaw riċerkatur taħt il-proċedura ta' ammissjoni stabbilita f'din id-Direttiva.

2. L-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka għandha tikkonforma mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew fil-prattika amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat. L-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni li jsiru minn organizzazzjonijiet ta' riċerka għandhom isiru skont dawn il-proċeduri u għandhom ikunu bbażati fuq il-kompiti statutorji jew l-għanijiet korporattivi tagħhom, skont il-każ, u fuq evidenza li jwettqu riċerka.

L-approvazzjoni mogħtija lil organizzazzjoni ta' riċerka għandha tkun għal perjodu minimu ta' ħames snin. F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu approvazzjoni għal perjodu iqsar.

3. Stat Membru jista', fost miżuri oħra, jirrifjuta li jġedded jew jiddeċiedi li jirtira l-approvazzjoni fejn:

(a) organizzazzjoni ta' riċerka ma tibqax tikkonforma mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 8(2) jew l-Artikolu 10(7);

(b) l-approvazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti; jew

(c) organizzazzjoni ta' riċerka tkun iffirmat ftehim ta' akkoljenza ma' ċittadin ta' pajjiż terz b'mod frodulenti jew b'negliġenza.

Fejn applikazzjoni għat-tiġdid tkun ġiet irrifjutata jew fejn l-approvazzjoni tkun ġiet irtirata, l-organizzazzjoni kkonċernata tista' tiġi pprojbita milli tapplika mill-ġdid għal approvazzjoni għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' tiġdid jew l-irtirar.

*Artikolu 10*

**Ftehim ta' akkoljenza**

1. Organizzazzjoni ta' riċerka li tixtieq tospita ċittadin ta' pajjiż terz għall-finijiet ta' riċerka għandha tiffirma ftehim ta' akkoljenza ma' dan tal-aħħar. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kuntratti li jkun fihom l-elementi msemmija fil-paragrafu 2 u, fejn applikabbli, il-paragrafu 3, jitqiesu ekwivalenti għal ftehimiet ta' akkoljenza għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

2. Il-ftehim ta' akkoljenza għandu jkun fih:

(a) it-titolu jew il-fini tal-attività ta' riċerka jew il-qasam ta' riċerka;

(b) impenn miċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex jaħdem għat-tlestija tal-attività ta' riċerka;

(c) impenn mill-organizzazzjoni ta' riċerka biex tospita ċittadin ta' pajjiż terz bil-għan li jlesti l-attività ta' riċerka;

(d) id-data ta' meta tibda jew tintemm attività ta' riċerka jew id-dewmien stmat tagħha;

(e) informazzjoni dwar il-mobilità maħsuba fit-tieni Stat Membru wieħed jew aktar jekk il-mobilità hija magħrufa fil-ħin tal-applikazzjoni fl-ewwel Stat Membru.

3. L-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll li l-ftehim ta' akkoljenza jkun fih:

(a) informazzjoni dwar ir-relazzjoni legali bejn l-organizzazzjoni tar-riċerka u r-riċerkatur;

(b) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkatur.

4. L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jistgħu jiffirmaw ftehimiet ta' akkoljenza biss jekk l-attività ta' riċerka tkun ġiet aċċettata mill-elementi rilevanti tal-organizzazzjoni, wara li ssir verifika ta' li ġej:

(a) l-għan u t-tul stmat tal-attività ta' riċerka, u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex din titwettaq;

(b) il-kwalifiki taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fid-dawl tal-għanijiet tar-riċerka, kif iċċertifikati minn kopja awtentikata tal-kwalifiki;

5. Il-ftehim ta' akkoljenza għandu jiskadi awtomatikament jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jiġix ammess jew meta r-relazzjoni legali bejn ir-riċerkatur u l-organizzazzjoni ta' riċerka tintemm.

6. L-organizzazzjonijiet ta' riċerka għandhom minnufih jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat bi kwalunkwe avveniment li x'aktarx jimpedixxi l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' akkoljenza.

7. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li, fi żmien xahrejn mid-data ta' skadenza tal-ftehim ta' akkoljenza kkonċernat, l-organizzazzjoni ta' riċerka għandha tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti maħtura għal dak il-għan bil-konferma li twettqet l-attività ta' riċerka.

8. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw fil-liġijiet nazzjonali tagħhom il-konsegwenzi tal-irtirar tal-approvazzjoni jew ta' rifjut ta' tiġdid tal-approvazzjoni għall-ftehimiet ta' akkoljenza eżistenti, konklużi skont dan l-Artikolu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-awtorizzazzjonijiet tar-riċerkaturi kkonċernati.

*Artikolu 11*

**Kundizzjonijiet speċifiċi għall-istudenti**

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini ta' studji, l-applikant għandu jipprovdi evidenza:

(a) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja biex jagħmel kors ta' studju;

(b) jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li l-miżati mitluba mill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tħallsu;

(c) jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li għandhom għarfien suffiċjenti tal-lingwa tal-kors li ser jiġi segwit;

(d) jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ser ikollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż tal-istudji.

2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li awtomatikament jikkwalifikaw għal assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment ikunu koperti għalihom iċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat bħala riżultat ta' reġistrazzjoni f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja għandhom jitqiesu li jilħqu l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1).

3. Stat Membru li jkun stabbilixxa proċedura ta' approvazzjoni għall-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja skont l-Artikolu 15 għandu jeżenta applikanti milli jippreżentaw wieħed jew aktar mid-dokumenti jew evidenza msemmijin fil-punti (b), (c) jew (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew fil-punt (d) tal-Artikolu 7(1) jew fl-Artikolu 7(2), fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu ser jiġu ospitati minn istituzzjonijiet approvati ta' edukazzjoni għolja.

*Artikolu 12*

**Kundizzjonijiet speċifiċi għall-iskulari**

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini ta' skema ta' skambju ta' skulari jew fi proġett edukattiv, l-applikant għandu jipprovdi evidenza:

(a) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx la taħt l-età minima jew il-grad minimu u lanqas jaqbeż l-età massima jew il-grad massimu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) li ġie aċċettat f'istituzzjoni ta' edukazzjoni;

(c) ta' parteċipazzjoni fi programm edukattiv rikonoxxut, statali jew reġjonali fil-kuntest ta' skema ta' skambju ta' skulari jew proġett edukattiv operat minn stabbiliment ta' edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva;

(d) li l-istabbiliment ta' edukazzjoni, jew, safejn previst fil-liġi nazzjonali, parti terza, jaċċettaw ir-responsabbiltà għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-permanenza fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispejjeż tal-istudji;

(e) li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu akkomodazzjoni matul il-permanenza minn xi familja jew f'xi faċilità ta' akkomodazzjoni speċjali fl-istabbiliment ta' edukazzjoni jew, safejn ikun previst fil-liġi nazzjonali, fi kwalunkwe faċilità oħra li tilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat u magħżula skont ir-regoli tal-iskema ta' skambju ta' skulari jew tal-proġett edukattiv li jkun qed jipparteċipa fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammissjoni ta' skulari li jipparteċipaw fi skema ta' skambju ta' skulari jew fi proġett edukattiv għal ċittadini ta' pajjiż terz li joffru l-istess possibbiltà liċ-ċittadini tagħhom stess.

*Artikolu 13*

***Kundizzjonijiet speċifiċi għat*-trainees**

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, għall-fini ta' taħriġ, l-applikant għandu:

(a) jippreżenta ftehim ta' taħriġ, li jipprevedi taħriġ teoretiku u prattiku, ma' entità ospitanti. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li tali ftehim ta' taħriġ ikun approvat mill-awtorità kompetenti u li t-termini li fuqhom il-ftehim ikun ġie bbażat jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi nazzjonali, ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki tal-Istat Membru kkonċernat. Il-ftehim ta' taħriġ għandu jinkludi:

   (i) deskrizzjoni tal-programm ta' taħriġ, inkluż l-għan edukattiv jew il-komponenti ta' tagħlim;

   (ii) it-tul tat-traineeship;

   (iii) il-kundizzjonijiet ta' kollokament u tas-superviżjoni tat-traineeship;

   (iv) is-sigħat tat-traineeship; u

   (v) ir-relazzjoni legali bejn it-trainee u l-entità ospitanti;

(b) jipprovdi evidenza li kiseb lawrja ta' edukazzjoni għolja fis-sentejn li jippreċedu d-data ta' applikazzjoni jew li qed isegwi kors ta' studju li jwassal għal lawrja ta' edukazzjoni għolja;

(c) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li matul il-permanenza ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ser ikollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż tat-taħriġ;

(d) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz irċieva jew ser jirċievi taħriġ fil-lingwa sabiex jakkwista l-għarfien meħtieġ għall-fini tat-traineeship;

(e) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li l-entità ospitanti taċċetta li tkun responsabbli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz, matul il-permanenza kollha fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż ta' sussistenza u ta' akkomodazzjoni;

(f) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jingħata akkomodazzjoni matul il-permanenza mill-entità ospitanti, l-akkomodazzjoni tkun tilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li t-traineeship ikun fl-istess qasam u fl-istess livell ta' kwalifika daqs il-lawrja ta' edukazzjoni għolja jew il-kors ta' studju msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-entità ospitanti tissostanzja li t-traineeship ma jiħux il-post ta' impjieg.

4. L-Istati Membri jistgħu jesiġu, skont il-liġi nazzjonali, impenn bil-miktub mill-entità ospitanti li, f'każijiet fejn trainee jibqa' illegalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, dik l-entità ospitanti tkun responsabbli għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-permanenza u r-ritorn li jkunu tħallsu mill-fondi pubbliċi. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-entità ospitanti għandha tintemm sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jintemm il-ftehim ta' taħriġ.

*Artikolu 14*

**Kundizzjonijiet speċifiċi għall-voluntiera**

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini ta' servizz volontarju, l-applikant għandu:

(a) jipprovdi ftehim mal-entità ospitanti jew, sa fejn hu previst mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, korp ieħor responsabbli fl-Istat Membru kkonċernat għall-iskema ta' servizz volontarju li fiha jkun qed jipparteċipa ċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Il-ftehim għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tal-iskema ta' servizz volontarju;

(ii) it-tul tas-servizz volontarju;

(iii) il-kundizzjonijiet ta' kollokament u tas-superviżjoni tas-servizz volontarju;

(iv) in-numru ta' sigħat ta' volontarjat;

(v) ir-riżorsi disponibbli biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza u ta' akkomodazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u somma minima ta' flus bħala *pocket money* għal matul il-permanenza; u

(vi) fejn applikabbli, it-taħriġ li ser jirċievi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex jgħinu jwettaq is-servizz ta' volontarjat;

(b) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li, jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jingħata akkomodazzjoni mill-entità ospitanti matul il-permanenza, l-akkomodazzjoni tkun tilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat;

(c) jipprovdi evidenza li l-entità ospitanti jew, sa fejn hu previst mil-liġi nazzjonali, korp ieħor responsabbli mill-iskema ta' servizz ta' volontarjat, għandhom polza ta' assigurazzjoni għall-partijiet terzi;

(d) jipprovdi evidenza, jekk l-Istat Membru jesiġi hekk, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz irċieva jew ser jirċievi introduzzjoni bażika tal-lingwa, l-istorja, l-istrutturi politiċi u soċjali ta' dak l-Istat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw limitu minimu u massimu tal-età għal ċittadini ta' pajjiż terz li japplikaw biex ikunu ammessi għal skema ta' servizz volontarju mingħajr preġudizzju għar-regoli taħt is-Servizz Volontarju Ewropew.

3. Il-voluntiera li jipparteċipaw fis-Servizz Volontarju Ewropew m'għandhomx ikunu mitluba jippreżentaw evidenza taħt il-punt (c) u, fejn applikabbli, il-punt (d) tal-paragrafu 1.

*Artikolu 15*

**Approvazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, stabbilimenti ta' edukazzjoni, organizzazzjonijiet responsabbli għal skema ta' servizz volontarju *jew entitajiet li jospitaw* trainees**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu għal proċedura ta' approvazzjoni għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, stabbilimenti ta' edukazzjoni, organizzazzjonijiet responsabbli minn skema ta' servizz volontarju jew entitajiet li jospitaw trainees.

2. L-approvazzjoni għandha tikkonforma mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew tal-prattika amministrattiva tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi proċedura ta' approvazzjoni skont il-paragrafi 1 u 2, huwa għandu jipprovdi informazzjoni ċara u trasparenti lill-entitajiet ospitanti kkonċernati dwar, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-approvazzjoni, il-perijodu tagħha ta' validità, il-konsegwenzi tan-nonkonformità, inkluż il-possibbiltà ta' rtirar jew nuqqas ta' tiġdid, kif ukoll dwar kwalunkwe sanzjoni applikabbli.

*Artikolu 16*

**Kundizzjonijiet speċifiċi għall-au pairs**

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini ta' xogħol bħala au pair, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu:

(a) jipprovdi ftehim bejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-familja ospitanti li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz bħala au pair, inklużi speċifikazzjonijiet dwar il-*pocket money* li għandu jirċievi, arranġamenti adegwati li jippermettu lill-au pair jattendi korsijiet u l-massimu ta' sigħat ta' dmirijiet fil-familja;

(b) jkollu età ta' bejn 18-il sena u 30 sena. F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, bħala au pair, li jkollu aktar mil-limitu ta' età massima;

(c) jipprovdi evidenza li l-familja ospitanti jew organizzazzjoni li tkun ta' medjatur għall-au pairs, sa fejn ikun previst mil-liġi nazzjonali, taċċetta r-responsabbiltà għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-permanenza kollha fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispejjeż tal-għajxien, l-akkomodazzjoni u r-riskji ta' inċidenti.

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex ikun ammess bħala au pair jipprovdi evidenza:

(a) ta' għarfien bażiku tal-lingwa tal-Istat Membru kkonċernat; jew

(b) li għandu edukazzjoni sekondarja, kwalifiki professjonali jew, fejn applikabbli, li jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jeżerċita professjoni regolata, kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li l-kollokament tal-au pairs għandu jsir biss minn organizzazzjoni li sservi ta' medjatur għall-au pairs taħt il-kundizzjonijiet definiti fil-liġi nazzjonali.

4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-membri tal-familja ospitanti jkunu ta' nazzjonalità differenti minn dik taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex ikun ammess għall-finijiet ta' au pairing u li ma jkollhomx rabtiet familjari maċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. In-numru massimu ta' sigħat għad-dmirijiet tal-au pair kull ġimgħa ma jistgħux jaqbżu 25 siegħa. L-au pair għandu jkollu minn tal-anqas ġurnata waħda fil-ġimgħa mingħajr responsabbiltajiet ta' au pair.

6. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu somma minima ta' flus bħala *pocket money* li għandha titħallas lill-au pair.

KAPITOLU III

**L-AWTORIZZAZZJONIJIET U T-TUL TA' ŻMIEN TA' RESIDENZA**

*Artikolu 17*

**Awtorizzazzjonijiet**

1. Meta l-awtorizzazzjoni tkun fil-forma ta' permess ta' residenza, l-Istati Membri għandhom jużaw il-format stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u għandhom idaħħlu t-termini "riċerkatur", "student", "skular", "trainee", "voluntier" jew "au pair" fuq dan il-permess ta' residenza.

2. Meta l-awtorizzazzjoni tkun fil-forma ta' viża għal permanenza twila, l-Istati Membri għandhom idaħħlu referenza li tiddikjara li din qed tinħareġ lil "riċerkatur", "student", "skular", "trainee", "voluntier" jew "au pair" taħt l-intestatura "rimarki" fuq l-istiker tal-viża.

3. Għal riċerkaturi u studenti li ġejjin fl-Unjoni fil-qafas ta' programm speċifiku tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità, jew ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar, l-awtorizzazzjoni għandha tagħmel referenza għal dak il-programm jew ftehim speċifiku.

4. Meta l-awtorizzazzjoni għal mobilità fuq perijodu twil tinħareġ lil riċerkatur fil-forma ta' permess ta' residenza, l-Istati Membri għandhom jużaw il-format stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u jdaħħlu "mobilità-riċerkatur" fuq il-permess ta' residenza. Meta l-awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perijodu twil tinħareġ lil riċerkatur fil-forma ta' viża għal permanenza twila, l-Istati Membri għandhom idaħħlu "mobilità-riċerkatur" taħt l-intestatura "rimarki" fuq l-istiker tal-viża.

*Artikolu 18*

**Perijodu ta' awtorizzazzjoni**

1. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għar-riċerkaturi għandu jkun mill-anqas sena, jew għat-tul tal-ftehim ta' akkoljenza fejn dan ikun iqsar. L-awtorizzazzjoni għandha tkun imġedda jekk l-Artikolu 21 ma jkunx japplika.

Il-perijodu ta' awtorizzazzjoni għar-riċerkaturi li huma koperti mill-Unjoni jew il-programmi multilaterali li jinkludu l-miżuri ta' mobilità għandu jkun minn tal-anqas sentejn, jew għat-tul tal-perijodu tal-ftehim ta' akkoljenza fejn dan ikun iqsar. Jekk il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7 ma jintlaħqux għas-sentejn jew għall-perijodu kollu tal-ftehim ta' akkoljenza, l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jivverifikaw li r-raġunijiet għall-irtirar stabbiliti fl-Artikolu 21 ma japplikawx.

2. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-istudenti għandu jkun mill-anqas sena, jew għat-tul tal-istudji fejn dan ikun iqsar. L-awtorizzazzjoni għandha tkun imġedda jekk l-Artikolu 21 ma japplikax.

Il-perijodu ta' awtorizzazzjoni għall-istudenti għandu jkun kopert mill-Unjoni jew minn programmi multilaterali li jinkludu miżuri ta' mobilità jew minn ftehim bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar għandu jkun mill-anqas sentejn, jew għat-tul tal-istudji tagħhom fejn dan ikun iqsar. Jekk il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7 ma jintlaħqux għas-sentejn jew għall-perijodu kollu ta' studju, l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jivverifikaw li r-raġunijiet għall-irtirar stabbiliti fl-Artikolu 21 ma japplikawx.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li l-perijodu totali ta' residenza għall-istudji ma għandux jaqbeż it-tul ta' żmien massimu, kif iddefinit fil-liġi nazzjonali.

4. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-iskulari għandu jkun għat-tul tal-iskema ta' skambju ta' skulari jew tal-proġett edukattiv fejn dan ikun iqsar minn sena, jew għal massimu ta' sena. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu darba t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-perijodu meħtieġ biex jitlestew l-iskema ta' skambju ta' skulari jew il-proġett edukattiv jekk l-Artikolu 21 ma japplikax.

5. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-au pairs għandu jkun għat-tul tal-ftehim ta' bejn l-au pair u l-familja ospitanti fejn dan ikun anqas minn sena, jew għal perijodu massimu ta' sena. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu darba t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għal perijodu massimu ta' sitt xhur, wara talba ġġustifikata mill-familja ospitanti, jekk l-Artikolu 21 ma japplikax.

6. Il-perijodu ta' validità għal awtorizzazzjoni għat-trainees għandu jkun għat-tul tal-ftehim ta' taħriġ fejn dan ikun iqsar minn sitt xhur, jew għal massimu ta' sitt xhur. Jekk il-perijodu tal-ftehim ikun ta' aktar minn sitt xhur, it-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni jista' jikkorrispondi għall-perijodu kkonċernat skont il-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu darba t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-perijodu meħtieġ biex jitlesta t-traineeship, jekk l-Artikolu 21 ma japplikax.

7. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għall-voluntiera għandu jkun għat-tul tal-ftehim imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1) fejn dan ikun iqsar minn sena, jew għal perijodu massimu ta' sena. Jekk il-perijodu tal-ftehim ikun ta' aktar minn sena, it-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni jista' jikkorrispondi għall-perijodu kkonċernat skont il-liġi nazzjonali.

8. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li, fil-każ li l-validità tad-dokument ta' vjaġġar tal-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun inqas minn sena jew inqas minn sentejn fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni m'għandhiex taqbeż il-perijodu ta' validità tad-dokument ta' vjaġġar.

9. Fejn l-Istati Membri jippermettu d-dħul u r-residenza matul l-ewwel sena abbażi ta' viża għal permanenza twila, għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal permess ta' residenza qabel l-iskadenza tal-viża għal permanenza twila. Il-permess ta' residenza għandu jinħareġ jekk l-Artikolu 21 ma japplikax.

*Artikolu 19*

## Informazzjoni addizzjonali

1. L-Istati Membri jistgħu jindikaw informazzjoni addizzjonali f'format stampat jew jaħżnu tali informazzjoni f'format elettroniku, kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u punt (a) 16 tal-Anness għalih. Din l-informazzjoni tista' tkun dwar ir-residenza u, f'każijiet koperti mill-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva, l-attivitajiet ekonomiċi tal-istudent u tinkludi b'mod partikolari l-lista sħiħa tal-Istati Membri li fihom ir-riċerkatur jew student beħsiebu jmur fil-qafas tal-mobilità jew l-informazzjoni rilevanti dwar programm tal-Unjoni jew multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew ftehim bejn żewġ istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja jew aktar.

2. L-Istati Membri jistgħu wkoll jistipulaw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun indikata fuq il-viża għal permanenza twila, kif imsemmi fil-punt 12 tal-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 ([1]).

KAPITOLU IV

## RAĠUNIJIET GĦAL RIFJUT, IRTIRAR JEW GĦAL NUQQAS TA' TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET

*Artikolu 20*

## Raġunijiet għal rifjut

1. L-Istati Membri għandhom jirrifjutaw applikazzjoni fejn:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7 u l-kundizzjonijiet speċifiċi rilevanti stipulati fl-Artikoli 8, 11, 12, 13, 14 jew 16 ma jintlaħqux;

(b) id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frodulenti, jew iffalsifikati, jew imbagħbsa;

(c) l-Istat Membru kkonċernat jippermetti biss l-ammissjoni permezz ta' entità ospitanti approvata u l-entità ospitanti ma tkunx approvata.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw applikazzjoni fejn:

(a) l-entità ospitanti, korp ieħor kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1), parti terza kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 12(1), il-familja ospitanti jew l-organizzazzjoni li sservi ta' medjatur bejn l-au pairs ikunu fallew milli jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom fir-rigward ta' sigurtà soċjali, tassazzjoni, drittijiet tax-xogħol jew kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) fejn applikabbli, it-termini ta' impjieg kif previsti fil-liġi nazzjonali jew fi ftehimiet kollettivi jew fil-prattiki tal-Istat Membru kkonċernat ma jintlaħqux mill-entità ospitanti jew il-familja ospitanti li ser timpjega ċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

(c) l-entità ospitanti, korp ieħor kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1), parti terza kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 12(1), il-familja ospitanti jew l-organizzazzjoni li sservi ta' medjatur bejn l-au pairs ikunu ġew sanzjonati f'konformità mal-liġi nazzjonali minħabba xogħol mhux iddikjarat jew impjieg illegali;

(d) l-entità ospitanti ġiet stabbilita jew topera bil-għan ewlieni li tiffaċilita d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

(e) fejn applikabbli, in-negozju tal-entità ospitanti qiegħed stralċjat jew ġie stralċjat taħt il-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza jew jekk ma tkunx qed issir attività ekonomika;

(f) l-Istat Membru jkollu evidenza jew raġunijiet serji u oġġettivi biex ikun stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ser jirrisjedi għal raġunijiet differenti minn dawk li applika għalihom biex ikun ammess.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1).

3. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz japplika biex ikun ammess f'relazzjoni ta' impjieg tax-xogħol fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' jivverifika jekk il-post inkwistjoni jistax jimtela' minn ċittadini ta' dak l-Istat Membru jew minn ċittadini oħra tal-Unjoni, jew minn ċittadini ta' pajjiż terz li qed jirrisjedu legalment f'dak l-Istat Membru, f'liema każ ikun jista' jirrifjuta l-applikazzjoni. Dan il-paragrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-preferenza għal ċittadini tal-Unjoni kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti ta' Adeżjoni rilevanti.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, kwalunkwe deċiżjoni li tiġi rifjutata applikazzjoni għandha tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

*Artikolu 21*

**Raġunijiet għall-irtirar jew għar-rifjut ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni**

1. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew, fejn applikabbli, jirrifjutaw li jġeddu awtorizzazzjoni fejn:

(a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 7, ħlief għall-Artikolu 7(6), jew il-kundizzjonijiet speċifiċi rilevanti stipulati fl-Artikoli 8, 11, 12, 13, 14, 16 jew il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18;

(b) l-awtorizzazzjoni jew id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frodulenti, jew iffalsifikati, jew imbagħbsa;

(c) l-Istat Membru kkonċernat jippermetti biss l-ammissjoni permezz ta' entità ospitanti approvata u l-entità ospitanti ma tkunx approvata;

(d) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrisjedi għal finijiet differenti minn dawk li għalihom iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġie awtorizzat jirrisjedi.

2. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu awtorizzazzjoni fejn:

(a) l-entità ospitanti jew korp ieħor imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1), parti terza kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 12(1), il-familja ospitanti jew l-organizzazzjoni li tkun qed isservi ta' medjatur bejn l-au pairs ikunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom fir-rigward ta' sigurtà soċjali, tassazzjoni, drittijiet tax-xogħol jew kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) fejn applikabbli, it-termini ta' impjieg kif previsti fil-liġi nazzjonali jew fi ftehimiet kollettivi jew fil-prattiki fl-Istat Membru kkonċernat ma jintlaħqux mill-entità ospitanti jew il-familja ospitanti li timpjega ċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

(c) l-entità ospitanti, korp ieħor imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1), parti terza kif imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 12(1), il-familja ospitanti jew l-organizzazzjoni li sservi ta' medjatur bejn l-au pairs ikunu ġew sanzjonati f'konformità mal-liġi nazzjonali minħabba xogħol mhux iddikjarat jew impjiegi illegali;

(d) l-entità ospitanti ġiet stabbilita jew topera bil-għan ewlieni li tiffaċilita d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

(e) fejn applikabbli, in-negozju tal-entità ospitanti qiegħed jiġi stralċjat jew ġie stralċjat taħt il-liġijiet nazzjonali dwar l-insolvenza jew ma tkunx qed issir attività ekonomika;

(f) fir-rigward ta' studenti, il-limiti ta' żmien imposti fuq l-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 24 ma jiġux rispettati jew student ma jagħmilx progress suffiċjenti fl-istudji rilevanti skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva.

3. Fil-każ ta' rtirar, meta jkun qed jivvaluta n-nuqqas ta' progress fl-istudji rilevanti, kif imsemmi fil-punt (f) tal-paragrafu 2, Stat Membru jista' jikkonsulta mal-entità ospitanti.

4. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, jew ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika.

5. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz japplika għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex jidħol f'relazzjonijiet ta' impjieg jew biex ikompli jkun fihom fi Stat Membru, bl-eċċezzjoni ta' riċerkatur li jkompli r-relazzjoni ta' impjieg mal-istess entità ospitanti, dak l-Istat Membru jista' jivverifika jekk il-post inkwistjoni jistax jimtela' minn ċittadini ta' dak l-Istat Membru jew minn ċittadini oħra tal-Unjoni, jew minn ċittadini ta' pajjiż terz li ilhom residenti f'dak l-Istat Membru għal żmien twil, f'liema każ jista' jirrifjuta li jġedded l-awtorizzazzjoni. Dan il-paragrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-preferenza għal ċittadini tal-Unjoni kif espress fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti ta' Adeżjoni rilevanti.

6. Fejn Stat Membru jkollu l-ħsieb li jirtira jew ma jġeddidx l-awtorizzazzjoni ta' student skont il-punti (a), (c), (d) jew (e) tal-paragrafu 2, l-istudent għandu jitħalla jippreżenta applikazzjoni biex ikun ospitat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja differenti għal kors ta' studju ekwivalenti sabiex ikunu jistgħu jitlestew l-istudji. L-istudent għandu jitħalla jibqa' fit-territorju tal-Istat Membri sakemm l-awtorità kompetenti jkunu ħadu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

7. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, kwalunkwe deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni jew li jiġi rifjutat it-tiġdid ta' awtorizzazzjoni għandha tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

## KAPITOLU V

## **DRITTIJIET**

### *Artikolu 22*

### **Trattament indaqs**

1. Ir-riċerkaturi għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat kif previst fl-Artikolu 12(1) u (4) tad-Direttiva 2011/98/UE.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-trattament indaqs fir-rigward tar-riċerkaturi:

(a) taħt il-punt (c) tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/98/UE, billi jeskludu għotjiet u self għall-istudju u l-manteniment jew għotjiet u self oħra;

(b) taħt il-punt (e) tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/98/UE, billi ma jagħtux benefiċċji għall-familja lir-riċerkaturi li ġew awtorizzati li jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għal perijodu li ma jeċċedix is-sitt xhur;

(c) taħt il-punt (f) tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/98/UE, billi jillimitaw l-applikazzjoni tiegħu għal każijiet fejn il-post ta' residenza rreġistrat jew tas-soltu tal-membri tal-familja tar-riċerkatur, li għalihom jitlob il-benefiċċji, jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat;

(d) taħt il-punt (g) tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2011/98/UE, billi jirrestrinġu l-aċċess għall-akkomodazzjoni.

3. It-trainees, il-voluntiera u l-au pairs, meta jitqiesu li huma f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru kkonċernat, u l-istudenti għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat kif previst fl-Artikolu 12(1) u (4) tad-Direttiva 2011/98/UE soġġett għar-restrizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu.

4. It-trainees, il-voluntiera, u l-au pairs, meta ma jitqisux li huma f'relazzjoni ta' impjieg fl-Istat Membru kkonċernat, u l-iskulari għandhom ikunu intitolati għal trattament indaqs rigward l-aċċess għal oġġetti u servizzi kif ukoll rigward il-forniment ta' oġġetti u servizzi li jkunu disponibbli għall-pubbliku, kif previst mil-liġi nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, rigward ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra f'konformità mal-proċeduri nazzjonali rilevanti.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtuhomx trattament indaqs rigward il-proċeduri għall-ksib ta' akkomodazzjoni u jew/servizzi previsti mill-uffiċċji pubbliċi għall-impjieg f'konformità mal-liġi nazzjonali.

### *Artikolu 23*

### **Tagħlim minn riċerkaturi**

Ir-riċerkaturi jistgħu, flimkien ma' attivitajiet ta' riċerka, jgħallmu skont il-liġi nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għadd massimu ta' sigħat jew ta' jiem għall-attività tat-tagħlim.

*Artikolu 24*

**Attivitajiet ekonomiċi minn studenti**

1. L-istudenti, barra mill-ħin ta' studju tagħhom u soġġett għar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-attività rilevanti fl-Istat Membru kkonċernat, għandhom ikunu intitolati li jiġu impjegati u jistgħu jkunu intitolati jeżerċitaw attività ekonomika bħala persuni li jaħdmu għal rashom, soġġett għal-limitazzjonijiet previsti fil-paragrafu 3.

2. Fejn jeħtieġ, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-istudenti u/jew lill-impjegaturi awtorizzazzjoni minn qabel skont il-liġi nazzjonali.

3. Kull Stat Membru għandu jiddetermina l-akbar għadd ta' sigħat fil-ġimgħa jew jiem jew xhur fis-sena permessi għal din l-attività, li ma għandhiex tkun inqas minn 15-il siegħa fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti f'jiem jew xhur fis-sena. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istat Membru kkonċernat tista' tittieħed inkonsiderazzjoni.

*Artikolu 25*

**Permanenza għall-fini ta' tfittix ta' impjieg jew intraprenditorija għal riċerkaturi u studenti**

1. Wara t-tlestija tar-riċerka jew l-studji, ir-riċerkaturi u l-istudenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru li ħareġ awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 17, abbażi tal-permess ta' residenza msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għal perijodu ta' mill-inqas disa' xhur sabiex ifittxu impjieg jew jibdew negozju.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu livell minimu ta' titlu akkademiku li l-istudenti għandhom ikunu laħqu sabiex jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dak il-livell ma għandux ikun ogħla mil-livell 7 tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki ([1]).

3. Għall-finijiet tal-permanenza msemmija fil-paragrafu 1, meta ssir applikazzjoni mir-riċerkatur jew l-istudent, l-Istati Membri għandhom joħorġu permess ta' residenza lil dak iċ-ċittadin tal-pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1030/2002, fejn il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (a), (c), (d) u (e) tal-Artikolu 7(1), l-Artikolu 7(6) u, fejn applikabbli, fl-Artikolu 7(2) ta' din id-Direttiva għadhom sodisfatti. L-Istati Membri għandhom jesiġu, għar-riċerkaturi, konferma mill-organizzazzjoni ta' riċerka tat-tlestija tal-attività ta' riċerka jew, għall-istudenti, evidenza li kisbu diploma jew ċertifikat ta' edukazzjoni għolja jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali. Fejn applikabbli, u jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 għadhom sodisfatti, il-permess ta' residenza previst f'dak l-Artikolu għandu jiġġedded kif meħtieġ.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw applikazzjoni taħt dan l-Artikolu fejn:

(a) il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 u, fejn applikabbli, fil-paragrafi 2 u 5 ma jiġux sodisfatti,

(b) id-dokumenti ppreżentati jkunu nkisbu b'mod frodulenti, jew ġew iffalsifikati, jew imbagħbsa.

5. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-applikazzjoni taħt dan l-Artikolu tar-riċerkatur jew tal-istudent u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tar-riċerkatur, tiġi ppreżentata mill-inqas 30 jum qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Artikoli 17 jew 26.

6. Jekk l-evidenza tal-ksib ta' diploma jew ċertifikat ta' edukazzjoni għolja jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali jew il-konferma mill-organizzazzjoni ta' riċerka tat-tlestija tal-attività ta' riċerka ma jkunux disponibbli qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni maħruġa taħt l-Artikolu 17, u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha jkunu sodisfatti, l-Istati Membri għandhom jippermettu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' fit-territorju tagħhom sabiex jippreżenta tali evidenza fi żmien raġonevoli f'konformità mal-liġi nazzjonali.

7. Wara minimu ta' tliet xhur mill-ħruġ tal-permess ta' residenza taħt dan l-Artikolu mill-Istat Membru kkonċernat, dan tal-aħħar jista' jitlob li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz jagħtu prova li huma għandhom ċans ġenwin li jiġu ingaġġati jew li jibdew negozju.

L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-impjieg li qiegħed ifittex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew in-negozju li qiegħed fil-proċess li jibda jikkorrispondi għal-livell ta' riċerka jew ta' studji li tlestew.

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1).

8. Jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3 jew 7 ma għadhomx sodisfatti, l-Istati Membri jistgħu jirtiraw il-permess ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tiegħu skont il-liġi nazzjonali.

9. It-tieni Stati Membri jistgħu japplikaw dan l-Artikolu għar-riċerkaturi u, fejn applikabbli, għall-membri tal-familja tar-riċerkatur jew għall-istudenti li jirrisjedu jew irrisjedew fit-tieni Stat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikoli 28, 29, 30 jew 31.

*Artikolu 26*

**Membri tal-familja ta' riċerkaturi**

1. Bil-għan li jippermettu lill-membri tal-familja ta' riċerkaturi jingħaqdu mar-riċerkatur fl-ewwel Stat Membru jew, fil-każ ta' mobilità għal perijodu twil, fit-tieni Stati Membri, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/86/KE bid-derogi stipulati f'dan l-Artikolu.

2. B'deroga mill-Artikolu 3(1) u mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/86/KE, l-għoti ta' permess ta' residenza lill-membri tal-familja ma għandux jiddependi mir-rekwiżit li r-riċerkatur ikollu prospetti raġonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti u jkollu perijodu minimu ta' residenza.

3. B'deroga mill-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1) u mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/86/KE, il-kundizzjonijiet u l-miżuri ta' integrazzjoni msemmija fihom jistgħu japplikaw biss wara li l-persuni kkonċernati jkunu ngħataw permess ta' residenza.

4. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2003/86/KE, il-permessi ta' residenza għall-membri tal-familja għandhom jingħataw minn Stat Membru, jekk il-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja jiġu sodisfatti, fi żmien 90 jum mid-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tipproċessa l-applikazzjoni għall-membri tal-familja fl-istess ħin mal-applikazzjoni għall-ammissjoni jew għall-mobilità għal perijodu twil tar-riċerkatur, f'każ li l-applikazzjoni għall-membri tal-familja tiġi ppreżentata fl-istess ħin. Il-permess ta' residenza għall-membri tal-familja għandu jingħata biss jekk għar-riċerkatur tinħareġ awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 17.

5. B'deroga mill-Artikoli 13(2) u (3) tad-Direttiva 2003/86/KE, it-tul tal-validità tal-permess ta' residenza tal-membri tal-familja għandu, bħala regola ġenerali, jintemm fid-data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur. Dan jinkludi, fejn applikabbli, awtorizzazzjonijiet maħruġa lir-riċerkatur għall-finijiet ta' tfittix ta' impjieg jew intraprenditorija f'konformità mal-Artikolu 25. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-perijodu ta' validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-membri tal-familja jkopru mill-inqas it-tul ta' żmien tal-permanenza ppjanata.

6. B'deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/86/KE, l-ewwel Stat Membru jew, fil-każ ta' mobilità għal perijodu twil, it-tieni Stati Membri ma għandhom japplikaw l-ebda limitu ta' żmien fir-rigward tal-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-membri tal-familja, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal livelli partikolarment għolja ta' qgħad.

KAPITOLU VI

**MOBILITÀ BEJN L-ISTATI MEMBRI**

*Artikolu 27*

**Mobilità fi ħdan l-UE**

1. Ċittadin ta' pajjiż terz li għandu awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru għall-finijiet ta' studji fil-qafas ta' programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew fil-qafas ta' qbil bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar, jew għall-finijiet ta' riċerka jista' jidħol u jibqa' sabiex iwettaq parti mill-istudji jew mir-riċerka f'wieħed mit-tieni Stati Membri jew f'diversi minnhom abbażi ta' dik l-awtorizzazzjoni u dokument tal-ivvjaġġar validu skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 28, 29 u 31 u soġġett għall-Artikolu 32.

2. Matul il-mobilità msemmija fil-paragrafu 1, ir-riċerkaturi jistgħu, flimkien ma' attivitajiet ta' riċerka, jgħallmu u l-istudenti jistgħu, flimkien mal-istudji tagħhom, jaħdmu, f'wieħed mit-tieni Stati Membri jew f'diversi minnhom f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 23 u 24 rispettivament.

3. Meta riċerkatur imur jgħix f'tieni Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 28 jew 29, il-membri tal-familja li jkollhom permess ta' residenza maħruġ f'konformità mal-Artikolu 26 għandhom ikunu awtorizzati jakkumpanjaw lir-riċerkatur fil-qafas tal-mobilità tar-riċerkatur taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30.

*Artikolu 28*

**Mobilità għal perijodu qasir tar-riċerkaturi**

1. Ir-riċerkatur li għandhom awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru għandhom ikunu intitolati li jibqgħu sabiex iwettqu parti mir-riċerka tagħhom fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' riċerka f'wieħed mit-tieni Stati Membri jew f'diversi minnhom għal perijodu ta' mhux aktar minn 180 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 360 jum għal kull Stat Membru, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li r-riċerkatur, l-organizzazzjoni ta' riċerka fl-ewwel Stat Membru jew l-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru u t-tieni Stat Membru dwar l-intenzjoni tar-riċerkatur li jwettaq parti mir-riċerka fl-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru.

F'tali każijiet, it-tieni Stat Membru għandu jippermetti li n-notifika ssir jew:

(a) meta ssir l-applikazzjoni fl-ewwel Stat Membru, fejn il-mobilità lejn it-tieni Stat Membru tkun diġà prevista f'dak l-istadju; jew

(b) wara li r-riċerkatur ikun ġie ammess fl-ewwel Stat Membru, hekk kif tkun magħrufa l-mobilità maħsuba lejn it-tieni Stati Membru.

3. Fejn in-notifika tkun saret f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 2, u fejn it-tieni Stat Membru ma jkun qajjem l-ebda oġġezzjoni mal-ewwel Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 7, il-mobilità tar-riċerkatur lejn it-tieni Stat Membru tista' sseħħ fi kwalunkwe mument fi ħdan il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

4. Fejn in-notifika tkun saret f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 2, il-mobilità tista' tinbeda immedjatament wara n-notifika lit-tieni Stat Membru jew fi kwalunkwe mument wara dan fi ħdan il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

5. In-notifika għandha tinkludi d-dokument tal-ivvjaġġar validu, kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1) u l-awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru li tkopri l-perijodu tal-mobilità.

6. It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifika tinkludi t-trażmissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) il-ftehim ta' akkoljenza fl-ewwel Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 10 jew, jekk it-tieni Stat Membru jitlob hekk, ftehim ta' akkoljenza konkluż mal-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru;

(b) fejn mhux speċifikat fil-ftehim ta' akkoljenza, it-tul ta' żmien u d-dati ppjanati tal-mobilità;

(c) evidenza li r-riċerkatur għandu assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment jiġu koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1);

(d) evidenza li waqt il-permanenza r-riċerkatur ser ikollu biżżejjed riżorsi biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru, kif previst fil-punt (e) tal-Artikolu 7(1), kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn l-ewwel Stat membru fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(4);

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifikatur jipprovdi, qabel il-bidu tal-mobilità, l-indirizz tar-riċerkatur ikkonċernat fit-territorju tat-tieni Stat Membru.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifikatur jippreżenta d-dokumenti f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni ddeterminata minn dak l-Istat Membru.

7. Abbażi tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni Stat Membru jista' joġġezzjona għall-mobilità tar-riċerkatur lejn it-territorju tiegħu fi żmien 30 jum minn meta tiġi riċevuta n-notifika kompluta, fejn:

(a) ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 5 jew, fejn applikabbli, fil-paragrafu 6;

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għal rifjut stipulati fil-punti (b) jew (c) tal-Artikolu 20(1) jew fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu;

(c) ikun intlaħaq il-perijodu massimu ta' permanenza msemmi fil-paragrafu 1.

8. Ir-riċerkaturi li jitqiesu ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandhomx jitħallew jidħlu jew jibqgħu fit-territorju tat-tieni Stat Membru.

9. L-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru għandhom jinformaw mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru u lin-notifikatur bil-miktub dwar l-oġġezzjoni tagħhom għall-mobilità. Fejn it-tieni Stat Membru joġġezzjona għall-mobilità f'konformità mal-paragrafu 7 u l-mobilità tkun għadha ma seħħitx, ir-riċerkatur ma għandux jitħalla jwettaq parti mir-riċerka fl-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru. Fejn il-mobilità tkun diġà seħħet, għandu japplika l-Artikolu 32(4).

10. Wara li jiskadi l-perijodu ta' oġġezzjoni, it-tieni Stat Membru jista' joħroġ dokument għar-riċerkatur li jattesta li dan huwa intitolat jibqa' fit-territorju tiegħu u jgawdi mid-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

*Artikolu 29*

**Mobilità għal perijodu twil tar-riċerkaturi**

1. B'rabta mar-riċerkaturi li għandhom awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru u li għandhom l-intenzjoni li jibqgħu sabiex iwettqu parti mir-riċerka tagħhom fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' riċerka f'wieħed mit-tieni Stati Membri jew f'diversi minnhom għal perijodu ta' aktar minn 180 jum għal kull Stat Membru, it-tieni Stat Membru għandu jew:

(a) japplika l-Artikolu 28 u jippermetti lir-riċerkatur jibqa' fit-territorju abbażi ta' u matul il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-ewwel Stat Membru; jew

(b) japplika l-proċedura prevista fil-paragrafi minn 2 sa 7.

It-tieni Stat Membru jista' jiddefinixxi perijodu massimu tal-mobilità għal perijodu twil ta' riċerkatur li ma għandhiex tkun inqas minn 360 jum.

2. Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil:

(a) it-tieni Stat Membru jista' jesiġi li r-riċerkatur, l-organizzazzjoni ta' riċerka fl-ewwel Stat Membru jew l-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru jibagħtu d-dokumenti li ġejjin:

(i) dokument tal-ivvjaġġar validu, kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1) u awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru;

(ii) evidenza li r-riċerkatur għandu assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment jiġu koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1);

(iii) evidenza li waqt il-permanenza r-riċerkatur ser ikollu biżżejjed riżorsi biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru, kif previst fil-punt(e) tal-Artikolu 7(1), kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn l-ewwel Stat Membru fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(4);

(iv) il-ftehim ta' akkoljenza fl-ewwel Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 10 jew, jekk it-tieni Stat Membru jitlob hekk, ftehim ta' akkoljenza konkluż mal-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru;

(v) fejn ma jkunu speċifikati fl-ebda dokument ippreżentat mill-applikant, it-tul ta' żmien u d-dati ppjanati tal-mobilità.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li l-applikant jipprovdi l-indirizz tar-riċerkatur ikkonċernat fit-territorju tiegħu. Fejn il-liġi nazzjonali tat-tieni Stat Membru teħtieġ li jingħata indirizz meta ssir l-applikazzjoni u r-riċerkatur ikkonċernat għadu ma jafx l-indirizz futur tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jaċċetta indirizz temporanju. F'tali każ, ir-riċerkatur għandu jipprovdi l-indirizz permanenti tiegħu mhux aktar tard minn meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perijodu twil.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li l-applikant jippreżenta d-dokumenti f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni ddeterminata minn dak l-Istat Membru.

(b) it-tieni Stat Membru għandu jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-mobilità għal perijodu twil u jinnotifika d-deċiżjoni bil-miktub lill-applikant mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 90 jum mid-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta lill-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru;

(c) ir-riċerkatur ma għandux ikun mitlub jitlaq mit-territorji tal-Istati Membri sabiex jippreżenta l-applikazzjoni u ma għandux ikun soġġett għal rekwiżit ta' viża;

(d) ir-riċerkatur għandu jitħalla jwettaq parti mir-riċerka tiegħu fl-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil mill-awtoritajiet kompetenti, dment li:

(i) la l-perijodu msemmi fl-Artikolu 28(1) u lanqas il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-ewwel Stat Membru ma jkunu skadew; u

(ii) jekk it-tieni Stat Membru jesiġi hekk, l-applikazzjoni kompluta tkun ġiet ippreżentata lit-tieni Stat Membru mill-inqas 30 jum qabel ma tibda l-mobilità għal perijodu twil tar-riċerkatur;

(e) applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil ma tistax tintbagħat fl-istess ħin bħal notifika għal mobilità għal perijodu qasir. Fejn ikun hemm bżonn ta' mobilità għal perijodu twil wara li tkun bdiet il-mobilità għal perijodu qasir tar-riċerkatur, it-tieni Stat Membru jista' jitlob li l-applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil tiġi ppreżentata mill-inqas 30 jum qabel it-tmiem tal-mobilità għal perijodu qasir.

3. It-tieni Stat Membru jista' jirrifjuta applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil fejn:

(a) ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (a) tal-paragrafu 2;

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għal rifjut stipulati fl-Artikolu 20, bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu;

(c) l-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur fl-ewwel Stat Membru tiskadi matul il-proċedura; jew

(d) fejn applikabbli, jintlaħaq il-perijodu massimu ta' permanenza msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

4. Ir-riċerkaturi li jitqiesu ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandhomx jitħallew jidħlu jew jibqgħu fit-territorju tat-tieni Stat Membru.

5. Fejn it-tieni Stat Membru jieħu deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għar-riċerkatur għandha tinħareġ awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 17(4). It-tieni Stat Membru għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru meta tinħareġ awtorizzazzjoni għal mobilità għal perijodu twil.

6. It-tieni Stat Membru jista' jirtira l-awtorizzazzjoni għal mobilità għal perijodu twil fejn:

(a) ma jiġux jew ma għadhomx jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (a) tal-paragrafu 2 jew fil-paragrafu 4; jew

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 21, bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 1, il-punt (f) tal-paragrafu 2, u l-paragrafi 3, 5 u 6 ta' dak l-Artikolu.

7. Meta Stat Membru jieħu deċiżjoni dwar mobilità għal perijodu twil, il-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 34 għandhom japplikaw kif meħtieġ.

*Artikolu 30*

**Mobilità tal-membri tal-familja tar-riċerkaturi**

1. Il-membri tal-familja ta' riċerkatur li għandhom permess ta' residenza validu maħruġ mill-ewwel Stat Membru għandhom ikunu intitolati jidħlu, u jibqgħu, fit-tieni Stat Membru jew f'diversi tieni Stati Membri sabiex jakkumpanjaw lir-riċerkatur.

2. Meta t-tieni Stat Membru japplika l-proċedura ta' notifika msemmija fl-Artikolu 28(2), huwa għandu jitlob it-trażmissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 5 u l-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 28 relatati mal-membri tal-familja li jakkumpanjaw lir-riċerkatur;

(b) evidenza li l-membru tal-familja rrisjeda bħala membru tal-familja tar-riċerkatur fl-ewwel Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 26.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifikant jippreżenta d-dokumenti f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni ddeterminata minn dak l-Istat Membru.

It-tieni Stat Membru jista' joġġezzjona għall-mobilità tal-membru tal-familja lejn it-territorju tiegħu fejn il-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu ma jiġux sodisfatti. Il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 7 u l-paragrafu 9 tal-Artikolu 28 għandhom japplikaw għal dawk il-membri tal-familja kif meħtieġ.

3. Meta t-tieni Stat Membru japplika l-proċedura msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 29(1), għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni mir-riċerkatur jew mill-membri tal-familja tar-riċerkatur lill-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru. It-tieni Stat Membru għandu jesiġi li l-applikant jibgħat id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin relatati mal-membri tal-familja:

(a) id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa skont il-punti (i), (ii), (iii) u (v) tal-punt (a) tal-Artikolu 29(2) relatati mal-membri tal-familja li jakkumpanjaw lir-riċerkatur;

(b) evidenza li l-membru tal-familja rrisjeda bħala membru tal-familja tar-riċerkatur fl-ewwel Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 26.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li l-applikant jippreżenta d-dokumenti f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni ddeterminata minn dak l-Istat Membru.

It-tieni Stat Membru jista' ma jilqax l-applikazzjoni għall-mobilità fit-tul tal-membru tal-familja lejn it-territorju tiegħu fejn il-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu ma jiġux sodisfatti. Il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2, il-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 3, il-paragrafu 5, il-punt (b) tal-paragrafu 6 u l-paragrafu 7 tal-Artikolu 29 għandhom japplikaw għal dawk il-membri tal-familja kif meħtieġ.

Il-validità tal-awtorizzazzjoni għall-mobilità fit-tul tal-membri tal-familja għandha, bħala regola ġenerali, tintemm fid-data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni tar-riċerkatur maħruġa mit-tieni Stat Membru.

L-awtorizzazzjoni għall-mobilità fit-tul tal-membri tal-familja tista' tiġi rtirata jew it-tiġdid tagħha jista' jiġi rrifjutat jekk l-awtorizzazzjoni għall-mobilità fit-tul tar-riċerkatur li qegħdin jakkumpanjaw tiġi rtirata jew it-tiġdid tagħha jiġi rrifjutat u huma ma jgawdu minn l-ebda dritt awtonomu ta' residenza.

4. Il-membri tal-familja li jitqiesu ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandhomx jitħallew jidħlu jew jibqgħu fit-territorju tat-tieni Stat Membru.

*Artikolu 31*

**Mobilità ta' studenti**

1. Studenti li għandhom awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru, u li huma koperti minn programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew minn qbil bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar għandhom ikunu intitolati jidħlu u jibqgħu sabiex iwettqu parti mill-istudji tagħhom f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'wieħed mit-tieni Stati Membri jew f'diversi minnhom għal perijodu ta' mhux aktar minn 360 jum għal kull Stat Membru, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi minn 2 sa 10.

Student li mhuwiex kopert minn programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludu miżuri ta' mobilità jew minn qbil bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar, għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex jidħol u jibqa' fit-tieni Stat Membru sabiex iwettaq parti mill-istudji f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja f'konformità mal-Artikoli 7 u 11.

2. It-tieni Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja fl-ewwel Stat Membru, lill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja fit-tieni Stat Membru jew lill-istudent biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel u tat-tieni Stati Membri dwar l-intenzjoni tal-istudent li jwettaq parti mill-istudji fl-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja fit-tieni Stat Membru.

F'każijiet bħal dawn, it-tieni Stat Membru għandu jippermetti li n-notifika ssir jew:

(a) meta ssir l-applikazzjoni fl-ewwel Stat Membru, fejn il-mobilità lejn it-tieni Stat Membru tkun diġà prevista f'dak l-istadju; jew

(b) wara li l-istudent jiġi ammess fl-ewwel Stat Membru, hekk kif tkun magħrufa l-mobilità maħsuba lejn it-tieni Stati Membru.

3. Fejn in-notifika tkun saret f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 2, u fejn it-tieni Stat Membru ma jkun qajjem l-ebda oġġezzjoni mal-ewwel Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 7, il-mobilità tal-istudent lejn it-tieni Stat Membru tista' sseħħ fi kwalunkwe mument fi ħdan il-perijodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

4. Fejn in-notifika saret f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 2 u fejn it-tieni Stat Membru ma jkun qajjem l-ebda oġġezzjoni bil-miktub għall-mobilità tal-istudent, f'konformità mal-paragrafu 7 u 9, il-mobilità għandha titqies bħala approvata u tista' sseħħ fit-tieni Stat Membru.

5. In-notifika għandha tinkludi d-dokument tal-ivvjaġġar validu, kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), u l-awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru li tkopri l-perijodu kollu tal-mobilità.

6. It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifika tinkludi t-trażmissjoni tad-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) evidenza li l-istudent iwettaq parti mill-istudji fit-tieni Stat Membru fil-qafas ta' programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew ta' qbil bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar u evidenza li l-istudent ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja fit-tieni Stat Membru;

(b) fejn mhux speċifikat taħt il-punt (a), it-tul ta' żmien u d-dati ppjanati tal-mobilità;

(c) evidenza li l-istudent għandu assigurazzjoni medika għar-riskji kollha li normalment jiġu koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1);

(d) evidenza li waqt il-permanenza l-istudent ser ikollu biżżejjed riżorsi biex ikopri l-ispejjeż ta' sussistenza mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru kif previst fil-punt (e) tal-Artikolu 7(1), spejjeż tal-istudji, kif ukoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn l-ewwel Stat Membru fil-każijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(4);

(e) evidenza li l-miżati imposti mill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tħallsu, fejn applikabbli.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifikatur jipprovdi, qabel il-bidu tal-mobilità, l-indirizz tal-istudent ikkonċernat fit-territorju tat-tieni Stat Membru.

It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li n-notifikatur jippreżenta d-dokumenti f'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat Membru jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni ddeterminata minn dak l-Istat Membru.

7. Abbażi tan-notifika msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni Stat Membru jista' joġġezzjona għall-mobilità tal-istudent fit-territorju tiegħu fi żmien 30 jum minn meta tiġi riċevuta n-notifika kompluta, jekk:

(a) ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 5 jew 6;

(b) tapplika waħda mir-raġunijiet għal rifjut stipulati fil-punti (b) jew (c) tal-Artikolu 20(1) jew fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu;

(c) jintlaħaq il-perijodu massimu ta' permanenza msemmi fil-paragrafu 1.

8. L-istudenti li jitqiesu ta' theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika ma għandhomx ikunu permessi jidħlu jew jibqgħu fit-territorju tat-tieni Stat Membru.

9. L-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru għandhom, mingħajr dewmien, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru u lin-notifikatur bil-miktub dwar l-oġġezzjoni tagħhom għall-mobilità. Fejn it-tieni Stat Membru joġġezzjona għall-mobilità f'konformità mal-paragrafu 7, l-istudent ma għandux jitħalla jwettaq parti mill-istudji fl-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja fit-tieni Stat Membru.

10. Wara li jiskadi l-perijodu ta' oġġezzjoni, it-tieni Stat Membru jista' joħroġ dokument għall-istudent li jattesta li dan huwa intitolat jibqa' fit-territorju tiegħu u jgawdi mid-drittijiet previsti f'din id-Direttiva.

*Artikolu 32*

**Salvagwardji u sanzjonijiet f'każijiet ta' mobilità**

1. Fejn l-awtorizzazzjoni għall-finijiet ta' riċerka jew studji tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li ma japplikax l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ u r-riċerkatur jew l-istudent jaqsam fruntiera esterna biex jidħol fit-tieni Stat Membru fil-qafas ta' mobilità, l-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru għandhom ikunu intitolati li bħala evidenza tal-mobilità jitolbu l-awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru u:

(a) kopja tan-notifika f'konformità mal-Artikolu 28(2) jew l-Artikolu 31(2), jew

(b) fejn it-tieni Stat Membru jippermetti mobilità mingħajr notifika, evidenza li l-istudent iwettaq parti mill-istudji fit-tieni Stat Membru fil-qafas ta' programm tal-Unjoni jew programm multilaterali li jinkludi miżuri ta' mobilità jew ta' qbil bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar, jew għar-riċerkaturi, jew kopja tal-ftehim ta' akkoljenza li jispeċifika d-dettalji tal-mobilità tar-riċerkatur jew, fejn id-dettalji tal-mobilità mhumiex speċifikati fil-ftehim ta' akkoljenza, ittra mill-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru li tispeċifika mill-inqas it-tul ta' żmien tal-mobilità fi ħdan l-UE u l-post tal-organizzazzjoni ta' riċerka fit-tieni Stat Membru.

Fil-każ tal-membri tal-familja tar-riċerkatur, l-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru għandhom ikunu intitolati jeħtieġu bħala evidenza tal-mobilità l-awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru u kopja tan-notifika f'konformità mal-Artikolu 30(2) jew evidenza li qegħdin jakkumpanjaw lir-riċerkatur.

2. Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru jirtiraw l-awtorizzazzjoni, huma għandhom jinfurmaw mill-ewwel l-awtoritajiet tat-tieni Stat Membru, fejn applikabbli.

3. It-tieni Stat Membru jista' jesiġi li jiġi infurmat mill-entità ospitanti tat-tieni Stat Membru jew mir-riċerkatur jew mill-istudent dwar kwalunkwe modifika li taffettwa l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom il-mobilità tħalliet isseħħ.

4. Fejn ir-riċerkatur jew, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tiegħu, jew l-istudent ma jissodisfawx jew ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-mobilità:

(a) it-tieni Stat Membru jista' jitlob li r-riċerkatur u, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tiegħu, jew l-istudent jieqfu immedjatament minn kull attività u jitilqu mit-territorju tiegħu;

(b) l-ewwel Stat Membru għandu, fuq it-talba tat-tieni Stat Membru, jippermetti d-dħul mill-ġdid tar-riċerkatur u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tiegħu jew tal-istudent mingħajr formalitajiet u mingħajr dewmien. Dan għandu japplika wkoll jekk l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-ewwel Stat Membru skadiet jew ġiet irtirata matul il-perijodu tal-mobilità fit-tieni Stat Membru.

5. Fejn ir-riċerkatur jew il-membri tal-familja tiegħu jew l-istudent jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, dak l-Istat Membru għandu jikkonsulta s-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen. Dak l-Istat Membru għandu jirrifjuta d-dħul jew joġġezzjona għall-mobilità ta' persuni li għalihom tkun inħarġet twissija fis-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen biex jiġu rrifjutati d-dħul u l-permanenza.

## KAPITOLU VII

## PROĊEDURA U TRASPARENZA

### *Artikolu 33*

### Sanzjonijiet kontra entitajiet ospitanti

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal sanzjonijiet kontra entitajiet ospitanti jew, f'każijiet koperti mill-Artikolu 24, kontra impjegaturi li ma ssodisfawx l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

### *Artikolu 34*

### Garanziji ta' proċedura u trasparenza

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jadottaw deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew għat-tiġdid tagħha u jinnotifikaw lill-applikant bil-miktub bid-deċiżjoni, f'konformità mal-proċeduri ta' notifika skont il-liġi nazzjonali, mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn 90 jum mid-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan fl-Artikolu, fil-każ li l-proċedura ta' ammissjoni hija relatata ma' entità ospitanti approvata kif imsemmi fl-Artikoli 9 u 15, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni kompluta għandha tittieħed mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn 60 jum.

3. Fejn l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni pprovduta b'appoġġ għall-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-applikant f'perijodu raġonevoli dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u jistabbilixxu skadenza raġonevoli biex din tiġi pprovduta. Il-perijodu msemmi fil-paragrafi 1 jew 2 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet kompetenti jkunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Jekk l-informazzjoni jew id-dokumenti addizzjonali ma jkunux ġew ipprovduti fi żmien l-iskadenza, l-applikazzjoni tista' ma tintlaqax.

4. Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tiddikjara inammissibbli jew li ma tilqax applikazzjoni jew li tirrifjuta t-tiġdid għandhom jingħataw lill-applikant bil-miktub. Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tirtira awtorizzazzjoni għandhom jingħataw bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tirtira awtorizzazzjoni jistgħu jingħataw bil-miktub ukoll lill-entità ospitanti.

5. Kwalunkwe deċiżjoni li tiddikjara inammissibbli jew li ma tilqax applikazzjoni, li tirrifjuta t-tiġdid, jew li tirtira awtorizzazzjoni għandha tkun miftuħa għal kontestazzjoni legali fl-Istat Membru kkonċernat, f'konformità mal-liġi nazzjonali. In-notifika bil-miktub għandha tispeċifika l-qorti jew l-awtorità amministrattiva li quddiemha jista' jitressaq l-appell u l-limitu ta' żmien għat-tressiq tal-appell.

*Artikolu 35*

**Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli faċilment għall-applikanti l-informazzjoni dwar il-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għal applikazzjoni u l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza, inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali, taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tagħhom. Dan għandu jinkludi, fejn applikabbli, il-livell tar-riżorsi suffiċjenti fix-xahar, inklużi r-riżorsi suffiċjenti meħtieġa biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-istudji jew l-ispejjeż tat-taħriġ, mingħajr preġudizzju għal eżami individwali ta' kull każ, u d-drittijiet imposti applikabbli.

L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jippubblikaw il-listi tal-entitajiet ospitanti approvati għall-finijiet ta' din id-Direttiva. Il-verżjonijiet aġġornati ta' dawn il-listi għandhom jiġu ppubblikati mill-aktar fis possibbli wara kwalunkwe modifika li ssirilhom.

*Artikolu 36*

**Drittijiet imposti**

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li ċittadini ta' pajjiż terz inklużi, fejn applikabbli, membri tal-familja, jew entitajiet ospitanti jħallsu drittijiet għat-trattament ta' notifiki u applikazzjonijiet f'konformità ma' din id-Direttiva. Il-livell ta' tali drittijiet ma għandux ikun sproporzjonat jew eċċessiv.

KAPITOLU VIII

**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 37*

**Kooperazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt li għandhom jikkooperaw b'mod effettiv u jkunu responsabbli biex jirċievu u jibagħtu l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikoli minn 28 sa 32. L-Istati Membri għandhom jagħtu preferenza lill-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi.

2. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1:

(a) dwar il-proċeduri applikati għall-mobilità msemmija fl-Artikoli 28 sa 31;

(b) jekk dak l-Istat Membru jippermetti biss l-ammissjoni ta' studenti jew riċerkaturi permezz ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja approvati;

(c) dwar programmi multilaterali għal studenti u riċerkaturi li jinkludu miżuri ta' mobilità u qbil bejn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew aktar.

*Artikolu 38*

**Statistika**

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni statistika dwar l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa għall-finijiet ta' din id-Direttiva u ta' notifiki riċevuti skont l-Artikolu 28(2) jew l-Artikolu 31(2) u, safejn jista' jkun possibbli, dwar l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiż terz li l-awtorizzazzjonijiet tagħhom ġew imġedda jew irtirati. L-istatistika dwar il-membri tal-familja ammessi tar-riċerkaturi għandha tiġi kkomunikata bl-istess mod. Dik l-istatistika għandha tkun disaggregata skont iċ-ċittadinanza u, safejn jista' jkun possibbli skont il-perijodu tal-validità tal-awtorizzazzjonijiet.

2. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tirrigwarda l-perijodi ta' referenza ta' sena kalendarja waħda u għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena ta' referenza. L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2019.

3. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkomunikata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

*Artikolu 39*

**Rappurtar**

Perjodikament, u għall-ewwel darba sat-23 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u tipproponi emendi jekk ikun xieraq.

*Artikolu 40*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-23 ta' Mejju 2018. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti dwar id-direttivi mħassra minn din id-Direttiva għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif tali referenza għandha ssir u kif dik id-dikjarazzjoni għandha titfassal.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 41*

**Tħassir**

Id-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE jitħassru għall-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva b'effett mill-24 ta' Mejju 2018, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta' dawk id-Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness I ta' din id-Direttiva.

Għall-Istati Membri marbutin b'din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Direttivi mħassrin għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabelli ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

---

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23).

*Artikolu 42*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 43*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Mejju 2016.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.A. HENNIS-PLASSCHAERT

*ANNESS I*

## Parti A

### Id-Direttivi mħassra

(imsemmijin fl-Artikolu 41)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE (ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.)

Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15.)

## Parti B

### Skadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati ta' applikazzjoni

(imsemmijin fl-Artikolu 41)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | Data ta' applikazzjoni |
|---|---|---|
| 2004/114/KE | 12.1.2007 | |
| 2005/71/KE | 12.10.2007 | |

*ANNESS II*

Tabelli ta' Korrelazzjoni

| Id-Direttiva 2004/114/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(a) | Artikolu 1(a) |
| Artikolu 1(b) | — |
| — | Artikolu 1(b) |
| Artikolu 2, frażi introduttorja | Artikolu 3, frażi introduttorja |
| Artikolu 2(a) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 2(b) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 2(c) | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 2(d) | Artikolu 3(5) |
| — | Artikolu 3(6) |
| Artikolu 2(e) | Artikolu 3(11) u (13) |
| Artikolu 2(f) | Artikolu 3(7) |
| Artikolu 2(g) | Artikolu 3(22) |
| — | Artikolu 3(8) |
| — | Artikolu 3(12) |
| — | Artikolu 3(14) sa (21) |
| — | Artikolu 3(23) u (24) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 2(1) |
| Artikolu 3(2)(a) sa (d) | Artikolu 2(2)(a) sa (d) |
| Artikolu 3(2)(e) | — |
| — | Artikolu 2(2)(e) sa (g) |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5(1) |
| — | Artikolu 5(2) u (3) |
| — | Artikolu 6 |
| Artikolu 6(1)(a) sa (c) u (e) | Artikolu 7(1)(a) sa (d) |
| Artikolu 6(1)(d) | Artikolu 7(6) |
| Artikolu 6(2) | — |
| — | Artikolu 7(2) u (3) |
| Artikolu 7(1), frażi introduttorja | Artikolu 11(1), frażi introduttorja |
| Artikolu 7(1)(a) | Artikolu 11(1)(a) |
| Artikolu 7(1)(b) | Artikoli 7(1)(e) u 11(1)(d) |
| Artikolu 7(1)(c) | Artikolu 11(1)(c) |
| Artikolu 7(1)(d) | Artikolu 11(1)(b) |

| Id-Direttiva 2004/114/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 7(2) | Artikolu 11(2) |
| — | Artikolu 11(3) |
| Artikolu 8 | Artikolu 31 |
| Artikolu 9(1) u (2) | Artikolu 12(1) u (2) |
| Artikolu 10, frażi introduttorja | Artikolu 13(1), frażi introduttorja |
| Artikolu 10(a) | Artikolu 13(1)(a) |
| — | Artikolu 13(1)(b) |
| Artikolu 10(b) | Artikoli 7(1)(e) u 13(1)(c) |
| Artikolu 10(c) | Artikolu 13(1)(d) |
| — | Artikolu 13(1)(e) u (f) |
| — | Artikolu 13(2) sa (4) |
| Artikolu 11, frażi introduttorja | Artikolu 14(1), frażi introduttorja |
| Artikolu 11(a) | Artikolu 14(2) |
| Artikolu 11(b) | Artikolu 14(1)(a) |
| — | Artikolu 14(1)(b) |
| Artikolu 11(c) | Artikolu 14(1)(c) |
| Artikolu 11(d) | Artikolu 14(1)(d) |
| Artikolu 12(1) | Artikolu 18(2) |
| Artikolu 12(2) | Artikolu 21(2)(f) |
| Artikolu 13 | Artikolu 18(4) |
| Artikolu 14 | Artikolu 18(6) |
| Artikolu 15 | Artikolu 18(7) |
| — | Artikolu 18(3), (5), (8) u (9) |
| — | Artikoli 16, 17 u 19 |
| Artikolu 16(1) | Artikolu 21(1)(a) u (b) |
| — | Artikolu 21(1)(c) u (d) |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 21(4) |
| — | Artikolu 21(2)(a) sa (e) |
| — | Artikolu 21(3) |
| — | Artikolu 21(5) sa (7) |
| — | Artikolu 22(3) u (4) |
| Artikolu 17(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza | Artikolu 24(1) |
| Artikolu 17(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza | Artikolu 24(3) |
| Artikolu 17(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 24(2) |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 24(3) |
| Artikolu 17(3) u (4) | — |
| — | Artikolu 24 |
| — | Artikolu 27 |

| Id-Direttiva 2004/114/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 30 |
| — | Artikoli 32 u 33 |
| Artikolu 18(1) | Artikolu 34(1) |
| — | Artikolu 34(2) |
| Artikolu 18(2), (3) u (4) | Artikolu 34(3), (4) u (5) |
| Artikolu 19 | — |
| — | Artikolu 35, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 20 | Artikolu 36 |
| — | Artikoli 37 u 38 |
| Artikolu 21 | Artikolu 39 |
| Artikoli 22 sa 25 | — |
| — | Artikoli 40 sa 42 |
| Artikolu 26 | Artikolu 43 |
| — | Annessi I u II |

| Id-Direttiva 2005/71/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1(a) |
| Artikolu 2, frażi introduttorja | Artikolu 3, frażi introduttorja |
| Artikolu 2(a) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 2(b) | Artikolu 3(9) |
| Artikolu 2(c) | Artikolu 3(10) |
| Artikolu 2(d) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 2(e) | Artikolu 3(22) |
| Artikoli 3(1) | Artikolu 2(1) |
| Artikolu 3(2)(a) | Artikolu 2(2)(a) |
| Artikolu 3(2)(b) | — |
| Artikolu 3(2)(c) | Artikolu 2(2)(b) |
| Artikolu 3(2)(d) | — |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 9(2) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 5(4) | Artikolu 10(7) |
| Artikolu 5(5) | Artikolu 35, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 5(6) | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 5(7) | Artikolu 10(8) |

| Id-Direttiva 2005/71/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 6(1) | Artikolu 10(1) |
| — | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 6(2)(a) | Artikolu 10(4) |
| Artikolu 6(2)(b) | Artikolu 7(1)(e) |
| Artikolu 6(2)(c) | Artikolu 7(1)(c) |
| Artikolu 6(2)(d) | Artikolu 10(3) |
| Artikolu 6(3) | — |
| Artikolu 6(4) u (5) | Artikolu 10(5) u (6) |
| Artikolu 7(1)(a) | Artikolu 7(1)(a) |
| Artikolu 7(1)(b) | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 7(1)(c) | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 7(1)(d) | Artikolu 7(6) |
| Artikolu 7(1), l-aħħar subparagrafu | — |
| Artikolu 7(2) | — |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 8 | Artikolu 18(1) |
| Artikolu 9 | Artikolu 26 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 21(1)(a), (b) u (d) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 21(4) |
| Artikolu 11(1) u (2) | Artikolu 23 |
| Artikolu 12 | Artikolu 22(1) u (2) |
| Artikolu 13 | Artikoli 28 u 29 |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 7(5) |
| Artikolu 14(2) u (3) | Artikolu 7(4) |
| Artikolu 14(4) | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 15(1) | Artikolu 34(1) |
| — | Artikolu 34(2) |
| Artikolu 15(2) | Artikolu 34(3) |
| Artikolu 15(3) | Artikolu 34(4) |
| Artikolu 15(4) | Artikolu 34(5) |
| Artikolu 16 | Artikolu 39 |
| Artikolu 17 sa 20 | — |
| Artikolu 21 | Artikolu 43 |

# DIRETTIVA (UE) 2016/802 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Mejju 2016

## dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi

## (kodifikazzjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE ([3]) ġiet emendata kemm-il darba ([4]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, dik id-Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

(2) Il-politika ambjentali tal-Unjoni, kif stabbilita fil-programmi ta' azzjoni dwar l-ambjent u b'mod partikolari fis-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali li ġie adottat bid-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali li ġie adottat bid-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), għandha bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-kisba ta' livelli ta' kwalità tal-arja li ma joħolqux impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u li ma jkunux ta' riskju għalihom.

(3) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha timmira biex ikun hemm livell għoli tal-protezzjoni li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni.

(4) Din id-Direttiva tistabbilixxi l-kontenut massimu permess ta' kubrit fiż-żejt karburant tqil, fil-gażojl, fil-gażojl għal użu marittimu u fiż-żejt diżil għal użu marittimu użati fl-Unjoni.

(5) L-emissjonijiet mit-trasport marittimu minħabba l-kombustjoni ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut għoli ta' kubrit jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja fil-forma ta' diossidu tal-kubrit u materja partikulata, li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent u jikkontribwixxu għad-depożitu aċiduż. Mingħajr il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva, l-emissjonijiet mill-bastimenti kienu jkunu fi żmien qasir ogħla mill-emissjonijiet mis-sorsi l-oħra kollha bbażati fuq l-art.

---

([1]) ĠU C 12, 15.1.2015, p. 117.

([2]) Pożizzjoni tal-Parliament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' April 2016..

([3]) Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13).

([4]) Ara l-Anness III, Parti A.

([5]) Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

([6]) Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

(6) L-aċidifikazzjoni u d-diossidu tal-kubrit atmosferiku jagħmlu ħsara lill-ekosistemi sensittivi, inaqqsu l-biodiversità u jnaqqsu l-valuri tal-amenitajiet u jaffettwaw ħażin il-produzzjoni tal-uċuħ u t-tkabbir ta' foresti. Ix-xita aċida li tinżel fl-ibliet tista' tikkawża ħsarat sinifikanti għall-bini u wirt arkitettoniku. It-tniġġiż mill-aċidu solforiku jista' wkoll ikollu effett sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fost dawk is-setturi tal-popolazzjoni li jsofru minn mard respiratorju.

(7) L-aċidifikazzjoni hija fenomenu li jaqsam il-fruntieri li jeħtieġ kemm soluzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll soluzzjonijiet nazzjonali jew lokali.

(8) L-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' materja partikolari fl-atmosfera.

(9) It-tniġġis tal-arja kkawżat minn bastimenti rmiġġati huwa kawża maġġuri ta' tħassib għal ħafna bliet li għandhom portijiet fil-kuntest tal-isforzi tagħhom biex jirrispettaw il-valuri ta' limitu tal-Unjoni għall-kwalità tal-arja.

(10) L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu tal-elettriku minn sorsi terrestri, billi l-elettriku għall-bastimenti ta' llum normalment jiġi pprovdut minn magni awżiljarji.

(11) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali huma Partijiet Kontrattwali għall-Konvenzjoni tal-*UN-ECE* tat-13 ta' Novembru 1979 dwar Tniġġiż tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Twila. It-tieni Protokoll tal-*UN-ECE* dwar tniġġiż transkonfini bid-diossidu tal-kubrit jistipula li l-Partijiet Kontrattwali għandhom inaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit bi 30 % jew iktar tat-tnaqqis speċifikat fl-ewwel Protokoll, u t-tieni Protokoll tal-*UN-ECE* huwa bbażat fuq il-premessa li ż-żidiet u livelli kritiċi se jkomplu jkunu maqbuża f'ċerti żoni sensittivi. Miżuri oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit jibqgħu jkunu meħtieġa. Il-Partijiet Kontrattwali għandhom għalhekk jagħmlu aktar tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit.

(12) Il-kubrit, li huwa preżenti b'mod naturali fi kwantitajiet żgħar fiż-żejt u l-faħam, ilu għal għexieren ta' snin rikonoxxut bħala s-sors dominanti ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit, li huma waħda mill-kawżi prinċipali tax-"xita aċida" u waħda mill-kawżi maġġuri tat-tniġġis tal-arja li jinħass f'ħafna żoni industrijali u tal-ibliet.

(13) Studji wrew li l-benefiċċji mit-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit bit-tnaqqis tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti spiss ikunu ferm akbar mill-ispejjeż stmati għall-industrija f'din id-Direttiva. It-teknoloġija teżisti u hija stabbbilita sewwa biex jitnaqqas il-livell ta' kubrit tal-karburanti likwidi.

(14) B'konformità mal-Artikolu 193 tat-TFUE, din id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lil kwalunkwe Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri protettivi iktar stretti sabiex jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni bikrija fir-rigward tal-kontenut massimu tal-kubrit fil-karburanti għal użu marittimu, pereżempju bl-użu ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet barra Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$. Tali miżuri huma meħtieġa li jkunu kompatibbli mat-Trattati u għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni.

(15) Stat Membru, qabel ma jintroduċi miżuri ġodda, aktar stretti, għandu jinnotifika bl-abbozz tagħhom lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(16) It-TFUE jirrikjedi li tingħata konsiderazzjoni lill-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, ċioé d-dipartimenti barranin Franċiżi, l-Ażores, Madeira u l-Gżejjer Kanari.

(17) Fir-rigward tal-limitu tal-kontenut ta' kubrit fiż-żejt karburant tqil, huwa xieraq li jsiru dispożizzjonijiet għal derogi fi Stati Membri u reġjuni fejn il-kondizzjonijiet ambjentali jippermettu.

(18) Fir-rigward tal-limitu fuq il-kontenut tal-kubrit fiż-żejt karburant tqil, huwa wkoll xieraq li jsiru dispożizzjonijiet għal derogi għall-użu tagħhom fl-impjanti ta' kombustjoni li jikkonformaw mal-valuri limiti ta' emissjoni stabbiliti fid-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), jew fl-Anness V tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabilixxi proċedura għall-għoti ta' infomazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

([2]) Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1).

([3]) Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

(19) Għal impjanti ta' kombustjoni tar-raffineriji esklużi mill-ambitu tal-punt (d) tal-Artikolu 3(2) jew il-punt (c) tal-Artikolu 3(3) ta' din id-Direttiva, l-emissjoni ta' diossidu tal-kubrit bħala medja fuq tali impjanti m'għandhiex teċċedi il-limiti stipulati fid-Direttiva 2001/80/KE, jew fl-Anness V għad-Direttiva 2010/75/UE, jew f'xi reviżjoni futura ta' dawk id-Direttivi. Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiftakru li s-sostituzzjoni b'karburanti barra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 2 m'għandhiex tipproduċi żieda fl-emissjonijiet ta' tniġġiż li jġib l-aċidità.

(20) Fl-2008, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) adottat riżoluzzjoni sabiex jiġi emendat l-Anness VI tal-Protokoll tal-1997 biex jemenda l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri, tal-1973, kif modifikata mill-Protokoll tal-1978 relatat magħha (MARPOL), li tinkludi regolamenti għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-arja minn vapuri. L-Anness VI rivedut tal-MARPOL daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2010.

(21) L-Anness VI rivedut tal-MARPOL jintroduċi, fost l-oħrajn, limiti aktar stretti għall-kubrit tal-karburanti għal użu marittimu fiż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ (1,00 % mill-1 ta' Lulju 2010 u 0,10 % mill-1 ta' Jannar 2015) kif ukoll fiż-żoni tal-baħar barra ż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ (3,50 % mill-1 ta' Jannar 2012 u, bħala prinċipju, 0,50 % mill-1 ta' Jannar 2020). Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma obbligati, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom, jesiġu li l-vapuri jużaw karburant b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 1,00 % fiż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ mill-1 ta' Lulju 2010. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-liġi internazzjonali kif ukoll sabiex jiġi żgurat infurzar korrett tal-istandards il-ġodda għall-kubrit li ġew stabbiliti b'mod globali fl-Unjoni, din id-Direttiva għandha tkun allinjata mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL. Sabiex tiġi żgurata kwalità minima tal-karburant użat minn vapuri għal konformità abbażi tal-karburant jew abbażi tat-teknoloġija, ma għandux jitħalla jintuża fl-Unjoni karburant għal użu marittimu li l-kontenut ta' kubrit tiegħu jeċċedi l-istandard ġenerali ta' 3,50 %, ħlief għall-karburanti forniti lil vapuri li jużaw metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li joperaw b'mod magħluq.

(22) L-emendi għall-Anness VI tal-MARPOL fir-rigward taż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ huma possibbli taħt proċeduri tal-IMO. Fil-każ li iktar tibdiliet, inklużi eżenzjonijiet, jiġu introdotti fir-rigward tal-applikazzjoni ta' limiti għal Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ fl-Anness VI tal-MARPOL, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe tali tibdil u, fejn ikun xieraq, mingħajr dewmien tagħmel il-proposta meħtieġa skont it-TFUE sabiex iġġib din id-Direttiva f'konformità mar-regoli tal-IMO fir-rigward taż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$.

(23) L-introduzzjoni ta' kwalunkwe żona ġdida ta' kontroll tal-emissjonijiet għandha tkun suġġetta għall-proċess tal-IMO taħt l-Anness VI tal-MARPOL u għandha tkun ibbażata fuq każ fundat tajjeb għal raġunijiet ambjentali u ekonomiċi u appoġġata minn data xjentifika.

(24) Skont ir-Regolament 18 tal-Anness VI rivedut tal-MARPOL, l-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiżguraw id-disponibilità ta' karburanti għal użu marittimu li jkunu konformi ma' din id-Direttiva.

(25) Fil-perspettiva tad-dimensjoni globali tal-politiki ambjentali u l-emissjonijiet mill-bastimenti, għandhom jiġu stabbiliti standards ambizzjużi għall-emissjonijiet fuq livell globali.

(26) L- Unjoni se tkompli tinsisti għal protezzjoni aktar effettiva ta' żoni sensittivi għall-emissjonijiet ta' $SO_x$ u tnaqqis fil-valur limitu normali għaż-żejt karburant tal-*bunker* fl-IMO.

(27) Il-vapuri tal-passiġġieri joperaw l-aktar fil-portijiet jew qrib zoni tal-kosta u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma sinifikanti. Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja madwar il-portijiet u ż-żoni tal-kosta, dawk il-vapuri huma mehtiega jużaw karburant għal użu marittimu b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 1,50 % sa meta standards aktar stretti jkunu japplikaw għall-bastimenti kollha fl-ibħra territorjali, żoni ekonomici esklużivi u ż-żoni ta' kontroll tat-tniġġiż tal-Istati Membri.

(28) Sabiex tigi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal teknoloġiji ġodda tal-magni bil-potenzjal għal aktar tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet fis-settur marittimu, il-Kummissjoni għandha tesplora iktar opportunitajiet sabiex taġevola u tinkoraġġixxi l-użu ta' magni li joperaw bil-gass fil-bastimenti.

(29) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva huwa meħtieġ l-infurzar korrett tal-obbligi fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu. L-esperjenza mill-implimentazzjoni tad-Direttiva 1999/32/KE wriet li hemm bżonn ta' sistema aktar b'saħħitha ta' monitoraġġ u infurzar sabiex tigi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Direttiva. Għal dak il-għan, huwa meħtieg li l-Istati Membri jiżguraw teħid ta' kampjuni suffiċjentement frekwenti u preċiżi ta' karburant għal użu marittimu li jitqiegħed fis-suq jew li jintuża abbord il-vapuri kif ukoll verifika regolari tar-reġistri li jinżammu abbord il-vapuri u tan-noti ta' kunsinna tal-bunker. Jeħtieg ukoll li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Sabiex tkun żgurata informazzjoni iktar trasparenti, huwa xieraq ukoll li ssir dispożizzjoni biex ir-reġistru tal-fornituri lokali ta' karburant għal użu marittimu jkun disponibbli b'mod pubbliku.

(30) Il-konformità mal-limiti baxxi ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu, b'mod partikolari fiż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$, tista' twassal għal żieda sinifikanti fil-prezz ta' tali karburanti, għall-inqas fuq perjodu qasir, u jista' jkollha effett negattiv fuq il-kompetittività tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra meta mqabbel ma' modi oħra tat-trasport, kif ukoll fuq il-kompetittività tal-industriji fil-pajjiżi li jikkonfinaw ma' Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$. Huma meħtieġa soluzzjonijiet xierqa sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità għall-industriji affettwati, tali l-possibilità li jkunu jistgħu jintużaw metodi alternattivi ta' konformità li jkunu iżjed effettivi f'termini ta' spejjeż mill-konformità fuq il-bażi tal-karburanti u jiġi pprovdut appoġġ, fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni għandha, abbażi inter alia ta' rapporti mill-Istati Membri, tissorvelja mill-qrib l-impatti tal-konformità tas-settur tat-trasport marittimu mal-istandards il-ġodda tal-kwalità tal-karburanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibilità ta' tranżizzjoni modali mit-trasport bil-baħar lura għal dak fuq l-art, u għandha, jekk ikun xieraq, tipproponi miżuri xierqa biex tikkontrobatti tali tendenza.

(31) Huwa importanti li t-tranżizzjoni modali minn trasport fuq il-baħar għal trasport fuq l-art tkun limitata peress li jekk dejjem jiżdied is-sehem ta' merkanzija li tinġarr bit-triq, dan f'ħafna każijiet ikun jmur kontra l-objettivi tal-Unjoni fir-rigward tat-tibdil fil-klima u jżid il-konġestjoni.

(32) L-ispejjeż tar-rekwiżiti ġodda biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit jistgħu jirriżultaw fi tranżizzjoni modali minn trasport fuq il-baħar għal trasport fuq l-art u jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetittività tal-industriji. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu sħiħ minn strumenti bħall-Marco Polo u n-network tat-trasport trans-Ewropew biex tipprovdi għajnuna mmirata biex jitnaqqas ir-riskju tat-tranżizzjoni modali. L-Istati Membri jistgħu jqisu li jkun meħtieġ li jipprovdu appoġġ lill-operaturi affettwati minn din id-Direttiva skont ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(33) Skont il-linji gwida eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali, u mingħajr preġudizzju għall-bidliet futuri li jsiru fihom, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għajnuna mill-Istat favur operaturi affettwati minn din id-Direttiva, inkluża għajnuna għall-operazzjonijiet ta' *retrofitting* ta' bastimenti eżistenti, jekk tali miżuri ta' għajnuna jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, b'mod partikolari fid-dawl tal-linji gwida applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tista' tqis li l-użu ta' ċerti metodi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet imorru lil hinn mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva billi jnaqqsu mhux biss l-emissjonijiet tad-diossidju tal-kubrit iżda wkoll emissjonijiet oħrajn.

(34) Għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess għal metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Dawk il-metodi jistgħu jipprovdu tnaqqis fl-emissjonijiet tal-anqas ekwivalenti għal, jew saħansitra ikbar minn, dak li jista' jinkiseb bl-użu ta' karburanti b'livell baxx ta' kubrit, sakemm huma ma jkollhomx effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, bħall-ekosistemi tal-baħar, u sakemm jiġu żviluppati suġġett għal mekkaniżmi adegwati ta' approvazzjoni u kontroll. Il-metodi alternattivi diġà magħrufa, bħall-użu ta' sistemi abbord għat-tindif tal-gass tal-*exhaust*, it-taħlita ta' karburant u gass naturali likwifikat jew l-użu tal-bijokarburanti, għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Unjoni. Huwa importanti li jiġi promoss l-ittestjar u l-iżvilupp ta' metodi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, sabiex, fost raġunijiet oħra, tkun limitata t-tranżizzjoni modali minn trasport fuq il-baħar għal trasport fuq l-art.

(35) Il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għandhom il-potenzjal għal tnaqqis sinifikanti tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tippromwovi l-ittestjar u l-iżvilupp u ta' tali teknoloġiji, *inter alia* billi tikkunsidra t-twaqqif ta' programm konġunt kofinanzjat mal-industrija ibbażat fuq prinċipji minn programmi simili, bħall-Programm *Clean Sky*.

(36) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u partijiet interessati, għandha tkompli tiżviluppa miżuri identifikati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2011 intitolat "Tnaqqis ta' emissjonijiet inkwinanti mit-trasport marittimu u għodda għal trasport fuq l-ilma sostenibbli".

(37) Fil-każ ta' disgwid fil-forniment ta' żejt mhux maħdum, prodotti taż-żejt jew idrokarburi oħra, il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-applikazzjoni ta' limitu ogħla ġewwa t-territorju ta' Stat Membru.

(38) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi xierqa biex jissorveljaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Għandhom jiġu ppreżentati rapporti dwar il-kontenut tal-kubrit tal-karburanti likwidi lill-Kummissjoni.

(39) Jinħtieġ li din id-Direttiva tinkludi indikazzjonijiet dettaljati dwar il-kontenut u l-format tar-rapport sabiex ikun żgurat rappurtar iżjed armonizzat.

(40) Is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-valuri ekwivalenti ta' emissjoni għal, u l-kriterji tal-użu ta', il-metodi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II ta' din id-Direttiva, sabiex jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku b' mod li jiżgura konsistenza stretta mal-istrumenti rilevanti tal-IMO, u fir-rigward tal-emendar tal-punti (a) sa (e) u (p) tal-Artikolu 2, il-punt (b)(i) tal-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 13(3) ta' din id-Direttiva sabiex dawk id-dispożizzjonijiet jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inklużi dawk fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(41) Sabiex jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill [1].

(42) Huwa xieraq li l-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti li twaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] jgħin lill-Kummissjoni fl-approvazzjoni tal-metodi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li mhumiex koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE [3].

(43) Penali effettivi, proporzjonati u disważivi huma importanti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jinkludu f'dawk il-penali multi kkalkulati b'mod li jiżguraw li l-multi għall-inqas iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi miksuba mill-ksur tagħhom u li dawk il-multi jiżdiedu gradwalment fil-każ ta' ksur ripetut. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet dwar il-penali.

(44) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi msemmija fl-Anness III, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Għan u kamp ta' applikazzjoni**

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' ċerti tipi ta' karburanti likwidi u b'hekk jitnaqqsu l-effetti ħżiena ta' tali emissjonijiet fuq il-bniedem u l-ambjent.

2. It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit li jirriżulta mill-kombustjoni ta' ċerti karburanti likwidi derivati miż-żejt għandu jinkiseb billi jkunu imposti limiti fuq il-kontenut ta' kubrit ta' tali karburanti bħala kondizzjoni għall-użu tagħhom fit-territorju, l-ibħra territorjali u ż-żoni ekonomiċi esklussivi jew żoni ta' kontroll tat-tniġġis tal-Istati Membri.

Il-limitazzjonijiet fuq il-kontenut ta' kubrit f'ċerti karburanti likwidi derivati miż-żejt kif stabbiliti f'din id-Direttiva ma għandhomx, madankollu, japplikaw għal:

(a) karburanti maħsuba għal skopijiet ta' riċerka u ittestjar;

(b) karburanti maħsuba għall-ipproċessar qabel il-kombustjoni finali;

(c) karburanti li għandhom jiġu proċessati fl-industrija tar-raffinazzjoni;

(d) karburanti wżati u mqiegħda fis-suq fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni sakemm l-Istati Membri relevanti jiżguraw li f'dawk ir-reġjuni:

 (i) l-istandards tal-kwalità tal-arja jiġu osservati;

 (ii) żjut karburanti tqal ma jkunux użati f'każ li l-kontenut tagħhom ta' kubrit ikun iktar minn 3 % tal-massa;

[1] Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l- prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[2] Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

[3] Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu (ĠU L 46, 17.2.1997, p. 25).

(e) karburanti wżati minn bastimenti tal-gwerra u bastimenti oħra f'servizz militari. Madankollu, kull Stat Membru għandu jagħmel ħiltu sabiex jiżgura, billi jadotta l-miżuri adegwati li ma jxekklux l-operazzjonijiet jew il-kapaċità operazzjonali ta' dawk il-bastimenti, li l-bastimenti joperaw b'mod konsistenti, safejn ikun raġonevoli u prattiku, ma' din id-Direttiva;

(f) kwalunkwe użu ta' karburant f'bastiment meħtieġ għall-iskop speċifiku tal-protezzjoni tas-sigurtà ta' bastiment jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar;

(g) kwalunkwe użu ta' karburanti f'bastiment li jsir meħtieġ minħabba xi danni li jkun sofra l-bastiment jew it-tagħmir tiegħu, sakemm jittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha wara li jkun seħħ id-dannu sabiex jipprevjenu jew jimminimizzaw emissjonijiet eċċessivi u sakemm il-miżuri jittieħdu kemm jista' jkun malajr għat-tiswija tad-dannu. Dan ma japplikax jekk is-sid jew il-kaptan ikun aġixxa bil-ħsieb li jikkawża d-dannu, jew bi traskuraġni;

(h) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, il-karburanti użati abbord bastimenti li jużaw metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet skont l-Artikoli 8 u 10.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' dan id-Direttiva s-segwenti definizzjonijiet għandhom japplikaw:

(a) "żejt karburant tqil" tfisser:

(i) kull karburant likwidu derivat miż-żejt, ħlief il-karburant għal użu marittimu, li jaqa' taħt il-Kodiċijiet CN 2710 19 51 sa 2710 19 68, 2710 20 31, 2710 20 35 jew 2710 20 39, jew

(ii) kull karburant likwidu derivat miż-żejt, minbarra l-gażojl kif definit fil-punt (b) u minbarra karburanti għal użu marittimi kif definiti fil-punti (c), (d) u (e), li, minħabba l-limiti ta' distillazzjoni tiegħu, jaqa' taħt il-kategorija ta' żjut tqal maħsuba għall-użu bħala karburanti u li minnu anqas minn 65 % bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250 °C bil-metodu ASTM D86. Jekk id-distillazzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilità bil-metodu ASTM D86, il-prodott taż-żejt ikun bl-istess mod kategorizzat bħala żejt karburant tqil;

(b) "gażojl" tfisser:

(i) kull karburant likwidu derivat miż-żejt, ħlief il-karburant għal użu marittimu, li jaqa' taħt il-Kodiċijiet CN 2710 19 25, 2710 19 29, 2710 19 47, 2710 19 48, 2710 20 17 jew 2710 20 19, jew

(ii) kull karburant likwidu derivat miż-żejt, ħlief il-karburant għal użu marittimu, li minnu inqas minn 65 % bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250 °C u li tal-inqas minnu 85 % bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla fi 350 °C bil-metodu ASTM D86.

Il-karburanti tad-diżil, kif definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] huma esklużi minn din id-definizzjoni. Il-karburanti użati f'makkinarju mobbli mhux għall-użu fit-toroq u tratturi agrikoli huma wkoll esklużi minn din id-definizzjoni;

(c) "karburant għal użu marittimu" tfisser kull karburant likwidu derivat miż-żejt maħsub għall-użu fuq bastiment jew li jintuża fuq bastiment, inklużi dawk il-karburanti definiti fl-ISO 8217. Dan jinkludi kwalunkwe karburant likwidu derivat miż-żejt għall-użu fuq bastimenti tal-kanali interni jew dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, kif definiti rispettivament fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], meta tali bastimenti jkunu fuq il-baħar;

(d) "żejt diżil għal użu marittimu" tfisser kwalunkwe karburant għal użu marittimu kif iddefinit għall-grad DMB fit-Tabella I tal-ISO 8217 bl-eċċezzjoni tar-referenza għall-kontenut ta' kubrit;

(e) "gażojl għal użu marittimu" tfisser kwalunkwe karburanti għal użu marittimu kif iddefinit għall-gradi DMX, DMA u DMZ fit-Tabella I tal-ISO 8217 bl-eċċezzjoni tar-referenza għall-kontenut ta' kubrit;

---

(1) Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

(2) Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' susinkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux għat-triq (ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1).

(3) Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri marbuta mad-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 15).

(f) "MARPOL" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti, 1973, kif modifikata bil-Protokoll tal-1978 tagħha;

(g) "l-Anness VI tal-MARPOL" tfisser l-Anness, intitolat "Regolamenti għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Arja mill-Bastimenti", li l-Protokoll tal-1997 żied mal-MARPOL;

(h) "Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$" tfisser żoni ta' baħar hekk definiti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fl-Anness VI tal-MARPOL;

(i) "bastimenti tal-passiġġieri" tfisser bastimenti li jġorru aktar minn tnax-il passiġġier, fejn passiġġier huwa kull persuna li mhijiex:

(i) il-kaptan u l-membri tal-ekwipaġġ jew xi persuna oħra impjegata jew ingaġġata fi kwalunkwe kapaċità abbord bastiment fix-xogħol ta' dak il-bastiment, u

(ii) tarbija taħt l-età ta' sena;

(j) "servizzi regolari" tfisser serje ta' vjaġġi ta' bastiment tal-passiġġieri magħmula sabiex jaqdu l-bżonnijiet tat-traffiku bejn l-istess zewġ portijiet jew aktar, jew serje ta' vjaġġi minn u sal-istess port mingħajr waqfien intermedji:

(i) skont itinerarju ppubblikat, jew

(ii) bi vjaġġi tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxu skeda rikonoxxibbli;

(k) "bastiment tal-gwerra" tfisser bastiment li huwa parti mill-forzi armati ta' xi Stat, li jkollu marki esterni li jiddistingwu tali bastiment bin-nazzjonalità tiegħu, taħt il-kmand ta' uffiċjal li jkun debitament inkarigat mill-gvern tal-Istat u li ismu jkun jidher fil-lista adatta tas-servizz jew fl-ekwivalenti tagħha, u li jkun ekwipaġġat b'persunal taħt id-dixxiplina tal-forzi armati regolari;

(l) "bastimenti irmiġġati" tfisser bastimenti li jkunu sorġuti jew ankrati sewwa f'port fl- Unjoni filwaqt li jgħabbu, iħottu jew jalloġġaw (hotelling), inkluż il-ħin li fih ma jkunux involuti fl-operazzjonijiet ta' tagħbija;

(m) "tqegħid fis-suq" tfisser il-forniment lil, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta', terzi persuni, bi ħlas jew mingħajr ħlas, fi kwalunkwe parti fil-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri, ta' karburanti għal użu marittimu għall-kombustjoni abbord. Din teskludi il-forniment jew id-disponibilità ta' karburanti għal użu marittimu għall-esportazzjoni f'tankijiet tat-tagħbija tal-bastimenti;

(n) "reġjuni ultraperiferiċi" tfisser id-dipartimenti barranin Franċiżi, l-Ażores, Madeira u l-Gżejjer Kanari, kif stabbiliti fl-Artikolu 349 tat-TFUE;

(o) "metodu ta' tnaqqis tal-emissjonijiet" tfisser kwalunkwe atrezzatura, materjal, tagħmir jew apparat li għandhom jiġu installati fuq vapur jew proċedura oħra, karburant alternattiv, jew metodu ta' konformità, użati bħala alternattiva għal karburant għal użu marittimu b'livell baxx ta' kubrit li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, u li jkunu verifikabbli, kwantifikabbli u infurzabbli;

(p) "il-metodu ASTM" tfisser il-metodi stabbiliti mis-Soċjetà Amerikana għall-Ittestjar u Materjali fl-edizzjoni tal-1976 tad-definizzjonijiet ta' standards u speċifikazzjonijiet għal prodotti taż-żejt u lubrikanti;

(q) "impjant ta' kombustjoni" tfisser kwalunkwe apparat tekniku li fih il-karburanti jiġu ossidizzati sabiex tintuża s-sħana ġġenerata.

*Artikolu 3*

**Kontenut massimu ta' kubrit fiż-żejt karburant tqil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx żjut karburanti tqal fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tagħhom ikun iktar minn 1,00 % tal-massa.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2015, suġġett għal monitoraġġ adegwat tal-emissjonijiet minn awtoritajiet kompetenti, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal żjut karburanti tqal użati:

(a) f'impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2001/80/KE, li huma suġġetti għall-Artikolu 4(1) jew (2) jew il-punt (a) tal-Artikolu 4(3) ta' dik id-Direttiva u li jkunu konformi mal-limiti ta' emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit għal tali impjanti kif stipulat f'dik id-Direttiva;

(b) f'impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2001/80/KE, li huma suġġetti għall-punt (b) tal-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 4(6) ta' dik id-Direttiva u li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jeċċedux 1 700 $mg/Nm^3$ b'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3 % tal-volum fi stat niexef;

(c) f'impjanti ta' kombustjoni li ma jaqgħux taħt il-punti (a) jew (b), u li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jeċċedux 1 700 mg/$Nm^3$ b'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3 % tal-volum fi stat niexef;

(d) għal kombustjoni f'raffineriji, fejn il-medja fix-xahar ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit mifruxa fuq l-impjanti ta' kombustjoni kollha fir-raffinerija, irrispettivament mit-tip ta' karburant jew mit-taħlita ta' karburanti użati, iżda esklużi impjanti li jaqgħu taħt il-punti (a) u (b), turbini tal-gass u magni li jaħdmu bil-gass, ma teċċedix 1 700 mg/$Nm^3$ b'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3 % tal-volum fi stat niexef.

3. Mill-1 ta' Jannar 2016, suġġett għal monitoraġġ adegwat tal-emissjonijiet minn awtoritajiet kompetenti, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal żjut karburanti tqal użati:

(a) f'impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2010/75/UE, u li jkunu konformi mal-limiti ta' emissjonijiet għad-diossidu tal-kubrit għal tali impjanti kif stipulat fl-Anness V ta' dik id-Direttiva jew, fejn dawk il-valuri tal-limitu ta' emissjonijiet ma jkunux applikabbli skont dik id-Direttiva, li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jeċċedix 1 700 mg/$Nm^3$ b'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3 % tal-volum fi stat niexef;

(b) f'impjanti ta' kombustjoni li ma jaqgħux taħt il-punt (a), u li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jeċċedix 1 700 mg/$Nm^3$ b'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3 % tal-volum fi stat niexef;

(c) għal kombustjoni f'raffineriji, fejn il-medja fix-xahar ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit mifruxa fuq l-impjanti ta' kombustjoni kollha fir-raffinerija, irrispettivament mit-tip ta' karburant jew mit-taħlita ta' karburanti użati, iżda esklużi impjanti li jaqgħu taħt il-punt (a), turbini tal-gass u magni li jaħdmu bil-gass, ma teċċedix 1 700 mg/$Nm^3$ b'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3 % tal-volum fi stat niexef.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ebda impjant ta' kombustjoni li juża żejt karburant tqil b'konċentrazzjoni ta' kubrit ogħla minn dik imsemmija fil-paragrafu 1 ma jitħaddem mingħajr permess maħruġ minn awtorità kompetenti, li tispeċifika l-limiti tal-emissjonijiet.

*Artikolu 4*

**Kontenut massimu ta' kubrit fil-gażojl**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużax gażojl fit-territorji tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tiegħu jeċċedi 0,10 % tal-massa.

*Artikolu 5*

**Kontenut massimu ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx karburanti għal użu marittimu fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tagħhom jeċċedi 3,50 % tal-massa, ħlief għall-karburanti fornuti lill-bastimenti li jużaw metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet suġġetti għall-Artikolu 8 li joperaw b'mod magħluq.

*Artikolu 6*

**Il-kontenut massimu ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu użati f'ibħra territorjali, f'żoni ekonomiċi esklużivi u f'żoni ta' kontroll tat-tniġġis tal-Istati Membri, inklużi Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$, u minn vapuri tal-passiġġieri li joperaw servizzi regolari lejn u minn portijiet tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx karburanti għal użu marittimu fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħhom u fiż-żoni ta' kontroll tat-tniġġis tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-karburanti bħala proporzjon tal-massa ikun iktar minn:

(a) 3,50 % mit-18 ta' Gunju 2014;

(b) 0,50 % mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti kollha tal-bnadar kollha, inklużi l-bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra mill-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 5 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 7.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtiega sabiex jiżguraw li ma jintużawx karburanti għal użu marittimu fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, fiż-żoni ekonomici esklużivi tagħhom u fiż-żoni ta' kontroll tat-tniggis tagħhom li jaqgħu fi hdan Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-karburanti bħala proporzjon tal-massa ikun iktar minn:

(a) 1,00 % sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0,10 % mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti tal-bnadar kollha, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tqis kif dovut kwalunkwe bidla futura fir-rekwiżiti skont l-Anness VI tal-MARPOL applikabbli fiż-Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$, u, fejn ikun xieraq, mingħajr dewmien żejjed tagħmel kull proposta rilevanti bil-ħsieb li tiġi emendata din id-Direttiva kif meħtieġ.

3. Id-data tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 għal kwalunkwe żona ġdida tal-baħar, inklużi portijiet, deżinjati mill-IMO bħala Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ skont ir-Regolament 14(3)(b) tal-Anness VI tl-MARPOL għandha tkun 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-deżinjazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-infurzar tal-paragrafu 2 tal-inqas fir-rigward ta':

— bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom; u

— fil-każ ta' Stati Membri li jikkonfinaw ma' Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$, bastimenti li jtajru kwalunkwe bandiera waqt li jkunu fil-portijiet tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jieħdu wkoll azzjoni addizzjonali ta' infurzar fir-rigward ta' bastimenti oħra skont il-liġi marittima internazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx karburanti għal użu marittimu fl-ibħra territorjali tagħhom, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħhom u fiż-żoni ta' kontroll tat-tniġġis tagħhom li jinsabu barra Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet ta' $SO_x$ minn vapuri tal-passiġġieri li joperaw servizzi regolari lejn jew minn kwalunkwe port tal-Unjoni jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-karburanti ikun iktar minn 1,50 % tal-massa sal-1 ta' Jannar 2020.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-infurzar ta' dan ir-rekwiżit tal-inqas fir-rigward ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u ta' bastimenti li jtajru kwalunkwe bandiera waqt li qiegħdin fil-portijiet tagħhom.

6. L-Istati Membri għandhom jesiġu li r-reġistri li jinżammu abbord il-vapuri jimtlew korrettament, inklużi operazzjonijiet ta' bdil tal-karburanti.

7. L-Istati Membri għandhom jippruvaw jiżguraw id-disponibilità ta' karburanti għal użu marittimu li jikkonformaw ma' din id-Direttiva u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar id-disponibilità ta' tali karburanti għal użu marittimu fil-portijiet u t-terminals tagħhom.

8. Jekk Stat Membru jsib li bastiment ma jkunx konformi mal-istandards għall-karburanti għal użu marittimu li jikkonformaw ma' din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru hija intitolata titlob li l-bastiment:

(a) jippreżenta reġistru tal-azzjonijiet meħuda biex jipprova jiżgura li jkun konformi; u

(b) jipprovdi evidenza li huwa pprova jixtri karburant għal użu marittimu li huwa f'konformità ma' din id-Direttiva skont il-pjan tal-vjaġġ tiegħu u, jekk dan ma kienx disponibbli fejn stabbilit fil-pjan, li saru tentattivi biex jinstabu għejun alternattivi għal tali karburant għal użu marittimu u li, minkejja l-ikbar sforzi biex jinkiseb karburant għal użu marittimu li jkun f'konformità ma' din id-Direttiva, ma kien disponibbli għax-xiri l-ebda karburant għal użu marittimu ta' dan it-tip.

Il-vapur m'għandux ikun meħtieġ li jiddevja mill-vjaġġ intenzjonat tiegħu jew li jittardja l-vjaġġ bla bżonn sabiex ikun f'konformità.

Jekk vapur jipprovdi t-tagħrif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis iċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u l-evidenza ppreżentata bil-għan li jiddetermina l-azzjoni xierqa li għandu jieħu, inkluż li ma jiħux miżuri ta' kontroll.

Vapur għandu jinnotifika lill-Istat tal-bandiera tiegħu u lill-awtorità kompetenti tal-port ta' destinazzjoni rilevanti meta ma jkunx jista' jixtri karburant għal użu marittimu li jkun konformi ma' din id-Direttiva.

L-Istat tal-port għandu jinnotifika lill-Kummissjoni meta vapur ikun ippreżenta evidenza ta' nuqqas ta' disponibilità ta' karburanti għal użu marittimu li jkunu konformi ma' din id-Direttiva.

9. L-Istati Membri għandhom, skont ir-Regolament 18 tal-Anness VI tal-MARPOL:

(a) iżommu reġistru pubblikament disponibbli tal-fornituri lokali ta' karburanti għal użu marittimu;

(b) jiżguraw li l-kontenut ta' kubrit fil-karburanti kollha għal użu marittimu mibjugħa fit-territorju tagħhom jiġi ddokumentat mill-fornitur fuq nota ta' kunsinna tal-bunker, akkumpanjata minn kampjun issiġillat u ffirmat mir-rappreżentant tal-vapur li jirċievi l-karburant;

(c) jieħdu azzjoni kontra fornituri ta' karburanti għal użu marittimu li jkunu nstabu li kkonsenjaw karburant li ma jaqbilx mal-ispeċifikazzjoni indikata fuq in-nota ta' kunsinna tal-bunker;

(d) jiżguraw li tittieħed azzjoni rimedjali sabiex kwalunkwe karburant għal użu marittimu li jkun instab li mhuwiex konformi jinġieb f'konformità.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żjut diżil għal użu marittimu ma jitpoġġewx fis-suq fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk iż-żjut diżil għal użu marittimu ikun iktar minn 1,50 % tal-massa.

*Artikolu 7*

**Kontenut massimu ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu użati minn vapuri rmiġġati f'portijiet tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li vapuri rmiġġati f'portijiet tal-Unjoni ma jużawx karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jkun iktar minn 0,10 % tal-massa, filwaqt li jitħalla ħin suffiċjenti għall-ekwipaġġ biex ilesti kwalunkwe operazzjoni neċessarja ta' bdil tal-karburant kemm jista' jkun malajr wara l-irmiġġ u kemm jista' jkun tard qabel it-tluq.

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-ħin ta' kwalunkwe operazzjoni ta' bdil tal-karburant jiġi rreġistrat fir-reġistru li jinżamm abbord il-vapuri.

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax:

(a) kull meta, skont l-iskedi ppubblikati, il-vapuri jkunu ser jibqgħu rmiġġati għal inqas minn sagħtejn;

(b) għal vapuri li jitfu l-magni kollha u jużaw l-elettriku terrestri waqt li jkunu rmiġġati fil-portijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jitqiegħedx gażojl għal użu marittimu fis-suq fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dak il-gażojl għal użu marittimu jkun iktar minn 0,10 % tal-massa.

*Artikolu 8*

**Metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet minn vapuri tal-bnadar kollha fil-portijiet tagħhom, fl-ibħra territorjali tagħhom, fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħhom u fiż-żoni tagħhom ta' kontroll tat-tniġġis, bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7, suġġett għall-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-vapuri li jużaw il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom kontinwament jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit li jkun mill-anqas ekwivalenti għat-tnaqqis li jinkiseb bl-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7. Il-valuri tal-emissjonijiet ekwivalenti għandhom ikunu ddeterminati skont l-Anness I.

3. L-Istati Membri għandhom, bħala soluzzjoni alternattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jinkoraġġixxu l-użu ta' sistemi terrestri għal-provvista tal-enerġija lill-bastimenti rmiġġati.

4. Il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konformi mal-kriterji speċifikati fl-istrumenti msemmija fl-Anness II.

5. Fejn ikun iġġustifikat fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku rigward metodi alternattivi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet u b'mod li jiżgura konsistenza stretta mal-istrumenti u standards rilevanti adottati mill-IMO, il-Kummissjoni:

(a) hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' delega, skont l-Artikolu 16, li jemendaw l-Annessi I u II;

(b) għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw ir-rekwiżiti dettaljati għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet, fejn xieraq. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 9*

**Approvazzjoni ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-użu fuq vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru**

1. Il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/98/KE għandhom jiġu approvati skont dik id-Direttiva.

2. Il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jkunux koperti mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu approvati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002, billi jiġu kkunsidrati:

(a) il-linji gwida żviluppati mill-IMO;

(b) ir-riżultati ta' kwalunkwe prova mwettqa skont l-Artikolu 10;

(c) l-effetti fuq l-ambjent, inkluż tnaqqis tal-emissjonijiet li jista' jinkiseb, u l-impatti fuq ekosistemi f'portijiet u estwarji magħluqa; u

(d) il-fattibbiltà tal-monitoraġġ u l-verifika.

*Artikolu 10*

**Provi ta' metodi ġodda ta' tnaqqis tal-emissjonijiet**

L-Istati Membri jistgħu, b'koperazzjoni ma' Stati Membri oħra, kif ikun xieraq, japprovaw provi ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vapuri, fuq vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom, jew f'żoni tal-baħar li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Matul dawk il-provi, ma għandux ikun obbligatorju l-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 6 u 7, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni u kwalunkwe Stat portwali kkonċernat jiġu nnotifikati bil-miktub mill-anqas sitt xhur qabel jibdew il-provi;

(b) il-permessi għall-provi ma jkunux għal iżjed minn 18-il xahar;

(c) il-vapuri kollha involuti jinstallaw tagħmir li ma jistax jitbagħbas għall-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet ta' gass miċ-ċumnija u jużawh matul il-perjodu kollu tal-prova;

(d) il-vapuri kollha involuti jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun tal-anqas ekwivalenti għal dak li kieku jintlaħaq bil-limiti fuq il-kubrit għall-karburanti speċifikati f'din id-Direttiva;

(e) matul il-perjodu kollu tal-prova jkun hemm stabbiliti sistemi xierqa għall-immaniġġar tal-iskart għal kwalunkwe skart iġġenerat mill-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet;

(f) matul il-perjodu kollu tal-prova ssir stima tal-impatti fuq l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari fuq l-ekosistemi f'portijiet u estwarji magħluqa; u

(g) ir-riżultati sħaħ jiġu pprovduti lill-Kummissjoni u jsiru pubblikament disponibbli fi żmien sitt xhur minn meta jintemmu l-provi.

*Artikolu 11*

**Miżuri finanzjarji**

L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri finanzjarji favur l-operaturi affetwati minn din id-Direttiva fejn tali miżuri finanzjarji jkunu skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat li jkunu applikabbli u li għandhom jiġu adottati f'dan il-qasam.

*Artikolu 12*

**Bidla fil-forniment tal-karburanti**

Jekk, bħala riżultat ta' bidla f'daqqa fil-forniment ta' żejt mhux maħdum, prodotti taż-żejt jew idrokarburi oħra, isir diffiċli għal Stat Membru li japplika l-limiti tal-kontenut massimu ta' kubrit imsemmi fl-Artikoli 3 u 4, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza limitu ogħla li jkun applikabbli fit-territorju ta' dak l-Istat Membru għal perjodu ta' mhux iktar minn sitt xhur. Hija għandha tinnotifika lill-Kunsill u lill-Istati Membri bid-Deċiżjoni tagħha. Kwalunkwe Stat Membru jista' jirriferi dik id-Deċiżjoni lill-Kunsill fi żmien xahar. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni differenti fi żmien xahrejn.

*Artikolu 13*

**Teħid tal-kampjuni u analiżi**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiċċekkjaw permezz ta' teħid tal-kampjuni li l-kontenut ta' kubrit fil-karburanti użati jkun konformi mal-Artikoli 3 sa 7. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-limitu rilevanti għall-kontenut massimu ta' kubrit fil-karburant. Dan għandu jsir perjodikament b'suffiċjenza ta' frekwenza u kwantitajiet b'mod li l-kampjuni u l-kwantitajiet ikunu rappreżentattivi tal-karburant eżaminat, u fil-każ ta' karburant għal użu marittimu, tal-karburant li jkun qiegħed jintuża mill-bastimenti waqt li jkunu f'żoni tal-baħar jew f'portijiet rilevanti. Il-kampjuni għandhom jiġu analizzati mingħajr dewmien żejjed.

2. Għandhom jintużaw il-mezzi li ġejjin ta' teħid tal-kampjuni, analiżi u ispezzjoni ta' karburant għal użu marittimu:

(a) l-ispezzjoni tar-reġistri li jinżammu abbord il-vapuri u n-noti ta' kunsinna tal-bunker; u

(b) kif ikun xieraq, il-mezzi li ġejjin ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi:

(i) it-teħid ta' kampjuni tal-karburant għal użu marittimu għal kombustjoni abbord waqt li jkun qed jiġi kkonsenjat lill-vapuri, skont il-Linji gwida għat-teħid ta' kampjuni ta' żejt karburant sabiex tiġi ddeterminata l-konformità tiegħu mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL, adottat fis-17 ta' Lulju 2009 permezz tar-Riżoluzzjoni 182(59) tal-Kumitat għal-Protezzjoni tal-Ambjent Marittimu (MEPC) tal-IMO, u analiżi tal-kontenut ta' kubrit tiegħu, jew

(ii) it-teħid ta' kampjuni u analiżi tal-kontenut ta' kubrit ta' karburant għal użu marittimu għall-kombustjoni abbord li jkun jinsab f'tankijiet, fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, u f'kampjuni tal-bunker issiġillati abbord il-vapuri.

3. Il-metodu ta' referenza adottat sabiex jiġi stabbilit il-kontenut ta' kubrit għandu jkun il-metodu ISO 8754 (2003) jew EN ISO 14596:2007.

Sabiex jiġi stabbilit jekk il-karburant għal użu marittimu ikkonsenjat lill-vapuri u użat abbord il-vapuri huwiex konformi mal-limiti ta' kubrit meħtieġa skont l-Artikoli 4 sa 7 għandha tintuża l-proċedura ta' verifika tal-karburant stipulata fl-Appendiċi VI tal-Anness VI tal-MARPOL.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward ta':

(a) il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni;

(b) il-metodi ta' teħid tal-kampjuni;

(c) id-definizzjoni ta' kampjun rappreżentattiv tal-karburant eżaminat.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 14*

**Rapportar u reviżjoni**

1. Fuq il-bażi tar-riżultati tat-teħid ta' kampjuni, analiżi u ispezzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 13, l-Istati Membri għandhom, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, jissottomettu rapport lill-Kummissjoni dwar il-konformità mal-istandards tal-kubrit stipulati f'din id-Direttiva għas-sena preċedenti.

Fuq il-bażi tar-rapporti rċevuti skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u n-notifiki rigward in-nuqqas ta' disponibilità ta' karburant għal użu marittimu li jikkonforma ma' din id-Direttiva sottomessi mill-Istati Membri skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 6(8), il-Kummissjoni għandha, fi żmien 12-il xahar mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, tfassal u tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ħtieġa għat-tisħiħ ulterjuri tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u tagħmel kwalunkwe proposta leġislattiva xierqa għal dak il-għan.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġislattivi. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra fir-rapport tagħha l-potenzjal għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja filwaqt li tqis, *inter alia*: rapporti annwali sottomessi skont il-paragrafu 1 u 3; il-kwalità tal-arja u l-aċidifikazzjoni osservati; l-ispejjeż għall-karburant; l-impatt eknomiku potenzjali u t-tranżizzjoni modali osservata; u l-progress fit-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vapuri.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fir-rapport u l-format tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 15*

**Adattament għall-progess xjentifiku u tekniku**

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 16 fir-rigward tal-adattamenti tal-punti (a) sa (e) u (p) tal-Artikolu 2, tal-punt (b)(i) tal-Artikolu 13(2) u tal-Artikolu 13(3) għall-progress xjentifiku u tekniku. Tali adattamenti ma għandhomx jirriżultaw f'bidliet diretti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew fil-limiti fuq il-kubrit għall-karburanti speċifikati f'din id-Direttiva.

*Artikolu 16*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega msemmija fl-Artikolu 8(5) u fl-Artikolu 15 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-17 ta' Diċembru 2012. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe att ta' delega li jkun diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha fl-istess ħin tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att ta' delega adottat skont l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 15 jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 17*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħtix opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

**Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-penali li japplikaw għall-ksur tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.

Il-penali stabbiliti għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u disważivi u jistgħu jinkludu multi kkalkulati b' mod li jiżguraw li l-multi tal-inqas iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi miksuba mill-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kif imsemmija fl-ewwel paragrafu u li dawk il-multi jiżdiedu gradwalment fil-każ ta' ksur ripetut.

*Artikolu 19*

**Tħassir**

Id-Direttiva 1999/32/KE, kif emendata mill-atti elenkati fl-Anness III, Parti A, hija mħassra, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 20*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 21*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Mejju 2016.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | J.A. HENNIS-PLASSCHAERT |

*ANNESS I*

**VALURI EKWIVALENTI TA' EMISSJONIJIET GĦALL-METODI TA' TNAQQIS TA' EMISSJONIJIET KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(2)**

Il-limiti ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu imsemmija fl-Artikoli 6 u 7 ta din id-Direttiva u fir-Regolamenti 14.1 u 14.4 tal-Anness VI tal-MARPOL u l-valuri ta' emissjonijiet korrispondenti msemmija fl-Artikolu 8(2):

| Kontenut ta' Kubrit f'karburanti għal użu marittimu (% m/m) | Proporzjon ta' Emissjonijiet ta' $SO_2$ (ppm)/$CO_2$ (% v/v) |
|---|---|
| 3,50 | 151,7 |
| 1,50 | 65,0 |
| 1,00 | 43,3 |
| 0,50 | 21,7 |
| 0,10 | 4,3 |

Nota:

— L-użu tal-limiti tal-Proporzjon ta' Emissjonijiet japplika biss meta jintuża distillat ibbażat fuq il-petroleum jew żjut karburanti residwi.

— F'każijiet iġġustifikati fejn il-konċentrazzjoni ta' $CO_2$ titnaqqas mill-unità tat-tindif tal-gass tal-egżost (EGC), il-konċentrazzjoni ta' $CO_2$ tista' titkejjel fil-punt tad-dħul għall-unità tal-EGC, sakemm ikun jista' jintwera biċ-ċar li dik il-metodoloġija hija korretta.

*ANNESS II*

**KRITERJI GĦALL-UŻU TAL-METODI TAT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(4)**

Il-metodi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8 għandhom tal-anqas jikkonformaw mal-kriterji speċifikati fl-istrumenti li ġejjin, kif applikabbli:

| Metodu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet | Kriterji għall-użu |
|---|---|
| Taħlita ta' karburanti għal użu marittimu u gass li jevapora (boil-off gas) | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/769/UE ([1]) |
| Sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost | Riżoluzzjoni MEPC.184(59) adottata fis-17 ta' Lulju 2009<br>"L-ilma tal-ħasil li jirriżulta mis-sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost li jagħmlu użu mill-kimiċi, additivi, preparazzjonijiet u kimiċi rilevanti maħluqa *in situ*", imsemmija fil-punt 10.1.6.1 tar-Riżoluzzjoni MEPC.184(59), ma għandux jintrema fil-baħar inkluż f'portijiet magħluqa, portijiet, u estwarji, sakemm ma jkunx ippruvat mill-operatur tal-bastiment li r-rimi ta' ilma tal-ħasil ma joħloqx impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u lanqas ikun ta' riskju għalihom. Jekk il-kimika użata tkun soda kawstika, ikun biżżejjed li l-ilma tal-ħasil jissodisfa l-kriterji stipulati fir-Riżoluzzjoni MEPC.184 (59) u li l-pH tiegħu ma jkunx iktar minn 8,0. |
| Bijokarburanti: | L-użu tal-bijokarburanti kif definiti fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li jikkonformaw mal-istandards CEN u ISO rilevanti.<br>It-taħlitiet ta' bijokarburanti u karburanti għal użu marittimu għandhom jikkonformaw mal-istandards tal-kubrit stipulati fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 6(1), (2) u (5) u fl-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva. |

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/769/UE tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar l-iffissar ta' kriterji għall-użu ta' metodi teknoloġiċi minn trasportaturi tal-gass naturali likwifikat bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit baxx li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4b tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi kif emendata bid-Direttiva 2005/33/KE tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontenut ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu (ĠU L 328, 14.12.2010, p. 15).

([2]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

*ANNESS III*

**PARTI A**

Id-Direttiva mħassra flimkien mal-emendamenti suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 19)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE<br>(ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13) | |
| Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1) | Il-punt 19 tal-Anness I biss |
| Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 191, 22.7.2005, p. 59) | |
| Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 87, 31.3.2009, p. 109) | Il-punt 3.4 tal-Anness biss |
| Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88) | Artikolu 2 biss |
| Direttiva 2012/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>(ĠU L 327, 27.11.2012, p. 1) | |

**PARTI B**

Skadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 19)

| Direttiva | Skadenza għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 1999/32/KE | 1 ta' Lulju 2000 |
| 2005/33/KE | 11 ta' Awwissu 2006 |
| 2009/30/KE | 31 ta' Diċembru 2010 |
| 2012/33/UE | 18 ta' Ġunju 2014 |

*ANNESS IV*

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Direttiva 1999/32/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1(2), subparagrafu 2, kliem introduttiv | Artikolu 1(2), subparagrafu 2, kliem introduttiv |
| Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (a), (b) u (c) | Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (a), (b) u (c) |
| Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (d), kliem introduttiv | Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (d), kliem introduttiv |
| Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (d), l-ewwel inċiż | Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (d)(i) |
| Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (d), it-tieni inċiż | Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (d)(ii) |
| Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (e) sa (h) | Artikolu 1(2), subparagrafu 2, (e) sa (h) |
| Artikolu 2, kliem introduttiv | Artikolu 2, kliem introduttiv |
| Artikolu 2, punt 1 | Artikolu 2(a) |
| Artikolu 2, punt 1, l-ewwel inċiż | Artikolu 2(a)(i) |
| Artikolu 2, punt 1, it-tieni inċiż | Artikolu 2(a)(ii) |
| Artikolu 2, punt 2 | Artikolu 2(b) |
| Artikolu 2, punt 2, l-ewwel inċiż | Artikolu 2(b)(i) |
| Artikolu 2, punt 2, it-tieni inċiż | Artikolu 2(b)(ii) |
| Artikolu 2, punt 2, il-kliem finali | Artikolu 2(b), il-kliem finali |
| Artikolu 2, punt 3 | Artikolu 2(c) |
| Artikolu 2, punt 3a | Artikolu 2(d) |
| Artikolu 2, punt 3b | Artikolu 2(e) |
| Artikolu 2, punt 3c | Artikolu 2(f) |
| Artikolu 2, punt 3d | Artikolu 2(g) |
| Artikolu 2, punt 3e | Artikolu 2(h) |
| Artikolu 2, punt 3f | Artikolu 2(i) |
| Artikolu 2, punt 3 g | Artikolu 2(j) |
| Artikolu 2, punt 3h | Artikolu 2(k) |
| Artikolu 2, punt 3i | Artikolu 2(l) |
| Artikolu 2, punt 3k | Artikolu 2(m) |
| Artikolu 2, punt 3 l | Artikolu 2(n) |
| Artikolu 2, punt 3 m | Artikolu 2(o) |
| Artikolu 2, punt 4 | Artikolu 2(p) |
| Artikolu 2, punt 5 | Artikolu 2(q) |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 3a | Artikolu 5 |

| Direttiva 1999/32/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 4(a)(1) | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 4a(1a) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 4a(2) | Artikolu 6(3) |
| Artikolu 4a(3) | Artikolu 6(4) |
| Artikolu 4a(4) | Artikolu 6(5) |
| Artikolu 4a(5) | Artikolu 6(6) |
| Artikolu 4a(5a) | Artikolu 6(7) |
| Artikolu 4a(5b) | Artikolu 6(8) |
| Artikolu 4a(6) | Artikolu 6(9) |
| Artikolu 4a(7) | Artikolu 6(10) |
| Artikolu 4b | Artikolu 7 |
| Artikolu 4c(1) u (2) | Artikolu 8(1) u (2) |
| Artikolu 4c(2a) | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 4c(3) | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 4c(4) | Artikolu 8(5) |
| Artikolu 4d | Artikolu 9 |
| Artikolu 4e | Artikolu 10 |
| Artikolu 4f | Artikolu 11 |
| Artikolu 5 | Artikolu 12 |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 13(1) |
| Artikolu 6(1a) | Artikolu 13(2) |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 13(3) |
| Artikolu 6(1b) | Artikolu 13(4) |
| Artikolu 7(1) u (2) | Artikolu 14(1) u (2) |
| Artikolu 7(1a) | Artikolu 14(3) |
| Artikolu 7(3) | — |
| Artikolu 7(4) | Artikolu 15 |
| Artikolu 9 | Artikolu 17 |
| Artikolu 9a | Artikolu 16 |
| Artikolu 10 | — |
| Artikolu 11(1) | Artikolu 18, l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 18, it-tieni paragrafu |
| — | Artikolu 19 |
| Artikolu 12 | Artikolu 20 |

| Direttiva 1999/32/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 13 | Artikolu 21 |
| Annessi I u II | Annessi I u II |
| — | Anness III |
| — | Anness IV |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/803

**tas-7 ta' Mejju 2015**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Kroazja, biex tikkonkludi Protokoll li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ([1]), biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll").

(2) Dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess fl-24 ta' April 2014.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(4) Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Protokoll li jemenda Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

([1]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L 334, 6.12.2012, p. 3.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna(i) bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tiegħu, mill-iffirmar tiegħu mill-partijiet ([1]), sakemm jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

([1]) Id-data li minnha għandu jiġi applikat proviżorjament il-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

**PROTOKOLL**

**li jemenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

billi huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u billi huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "l-Istati Membri"), u

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-RENJU ĦAXEMITA TAL-ĠORDAN,

min-naħa l-oħra,

WARA LI KKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja hija Parti għall-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, minn-naħa l-oħra ([1]), iffirmat fil-15 ta' Diċembru 2010 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").

*Artikolu 2*

It-test tal-Ftehim bil-lingwa Kroata ([2]) għandu jsir awtentiku taħt l-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

*Artikolu 3*

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Madankollu, jekk dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Partijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, huwa għandu jidħol fis-seħħ skont l-Artikolu 29(1) tal-Ftehim, xahar wara d-data tal-aħħar nota fi skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet li jikkonfermaw it-tlestija tal-proċeduri kollha neċessarji għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

2. Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim u għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-iffirmar tiegħu mill-Partijiet.

Magħmul fi Brussell fit-3 ta' Mejju 2016, f'żewġ kopji, bil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan, Ungeriż, u bl-Għarbi fejn kull test huwa ugwalment awtentiku.

([1]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ĠU L 334, 6.12.2012, p. 3.
([2]) Edizzjoni Speċjali bil-Kroat, Kapitolu 7 Volum 24, p. 280.

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna
عن الدول الأعضاء



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
عن الإتحاد الأوروبي



За Хашемитското кралство Йордания
Por el Reino Hachemí de Jordania
Za Jordánské hášimovské království
For Det Hashemitiske Kongerige Jordan
Für das Haschemitische Königreich Jordanien
Jordaania Hašimiidi Kuningriigi nimel
Για το Χασεμιτικό Βασίλειο της Ιορδανίας
For the Hashemite Kingdom of Jordan
Pour le Royaume hachémite de Jordanie
Za Hašemitsku Kraljevinu Jordan
Per il Regno hascemita di Giordania
Jordānijas Hāšimītu Karalistes vārdā –
Jordanijos Hašimitų Karalystės vardu
A Jordán Hásimita Királyság részéről
Għar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan
Voor het Hasjemitisch Koninkrijk Jordanië
W imieniu Jordańskiego Królestwa Haszymidzkiego
Pelo Reino Hachemita da Jordânia
Pentru Regatul Hașemit al Iordaniei
Za Jordánske hášimovské kráľovstvo
Za Hašemitsko kraljevino Jordanijo
Jordanian hašemiittisen kuningaskunnan puolesta
För Hashemitiska konungariket Jordanien
عن المملكة الأردنية الهاشمية

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2016/804

## tas-17 ta' Mejju 2016

## li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 322(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 ([3]) ġie riformulat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 ([4]). Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 ser jidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom ([5]). Dik id-Deċiżjoni għadha ma daħlitx fis-seħħ.

(2) Sabiex il-Kummissjoni (l-Eurostat) tingħata biżżejjed żmien biex tivvaluta d-dejta rilevanti dwar l-introjtu nazzjonali gross (ING) u biex il-Kumitat tal-ING jingħata biżżejjed żmien biex jistabbilixxi opinjoni dwar id-dejta tal-ING, kwalunkwe bidla fl-ING ta' sena finanzjarja partikolari għandha tkun possibbli sat-30 ta' Novembru tar-raba' sena wara dik is-sena finanzjarja. Il-perijodu għaż-żamma ta' dokumenti ta' sostenn relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u r-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING għandu, konsegwentement, ukoll jiġi estiż mit-30 ta' Settembru sat-30 ta' Novembru tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja li jirreferu għaliha.

(3) Dan ir-Regolament għandu jirrifletti il-prattika eżistenti li biha l-kontijiet tal-Kummissjoni għal skopijiet ta' riżorsi proprji msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 ("kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni") jinżammu mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali tagħhom. Il-kunċett ta' teżor għandu jkopri wkoll entitajiet pubbliċi oħra li jeżerċitaw funzjonijiet simili.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2015 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU C 5, 8.1.2016, p. 1.
([3]) Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplementa d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).
([4]) Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).
([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom: tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

(4) Il-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni għandhom jinżammu mingħajr ebda imposta jew imgħax. L-applikazzjoni ta' imposti jew imgħax negattiv inaqqas il-baġit tal-Unjoni u jwassal għat-trattament inugwali tal-Istati Membri. Għalhekk, fejn hu applikabbli mgħax negattiv għall-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkreditaw ammont daqs l-ammont ta' mgħax negattiv. Billi wħud mill-Istati Membri ma għandhomx il-possibbiltà li jevitaw l-impatt finanzjarju tal-obbligu li jikkreditaw dawn l-ammonti ta' mgħax negattiv fil-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni, huwa xieraq li l-Kummissjoni, meta tkopri l-ħtiġijiet tagħha tar-riżorsi ta' flus kontanti, timmira li tnaqqas dak l-impatt billi tiġbed bi prijorità mill-ammonti kkreditati fil-kontijiet ikkonċernati.

(5) Il-kontijiet tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni għandhom biss jiġu ddebitati fuq struzzjoni tal-Kummissjoni. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' mgħax negattiv.

(6) Fl-interess taċ-ċarezza u l-leġġibbiltà, l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu jinqasam f'diversi Artikoli.

(7) Il-Kummissjoni għandha, fi kwalunkwe ħin, ikollha disponibbli biżżejjed riżorsi ta' flus kontanti biex tikkonforma mal-ħtiġijiet għal pagamenti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-baġit, li huma partikolarment ikkonċentrati fl-ewwel xhur tas-sena. Il-Kummissjoni diġà għandha l-possibbiltà li tistieden lill-Istati Membri jressqu 'l quddiem sa żewġ porzjonijiet addizzjonali ta' wieħed minn tnax għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas tan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Sabiex jitnaqqas aktar ir-riskju ta' dewmien fil-ħlas minħabba nuqqasijiet temporanji ta' riżorsi ta' flus kontanti, għandu jkun possibbli li l-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jressqu 'l quddiem sa nofs porzjon addizzjonali ta' wieħed minn tnax għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas tan-nefqa tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), safejn dan huwa ġġustifikat mill-ħtiġijiet fi flus kontanti. Madankollu, sabiex tiġi evitata pressjoni eċċessiva fuq it-teżori nazzjonali, l-ammont totali li jista' jitressaq 'il quddiem għall-istess xahar ma għandux jeċċedi żewġ porzjonijiet addizzjonali ta' wieħed minn tnax. Barra minn hekk, minħabba r-rekwiżiti tal-ħlas speċifiċi applikabbli għall-FAEG, dan ma jistax jiġi applikat għad-detriment tal-FAEG.

(8) Skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-aġġustamenti għal riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING u tgħarraf lill-Istati Membri b'dan, fil-ħin sabiex huma jdaħħlu dawn l-aġġustamenti fil-kont tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru. L-ammonti tal-aġġustamenti li kellhom isiru disponibbli fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Diċembru 2014 kienu ta' daqs bla preċedent. Sabiex jiġu evitati restrizzjonijiet baġitarji kbar iżżejjed fuq l-Istati Membri eżatt qabel tmiem is-sena, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1377/2014 ([3]) emenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 sabiex, f'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddefferixxu d-dħul ta' dawn l-aġġustamenti fil-kont tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni.

(9) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000, hekk kif emendat, mhux ser jibqa' japplika ladarba r-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 jidħol fis-seħħ. Madankollu, dan ma għandux jippreġudika l-validità ta' dawk id-differimenti għad-dħul tal-aġġustamenti diġà mitluba formalment skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014 meta dan ir-Regolament tal-aħħar kien għadu fis-seħħ.

(10) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, u sabiex tiġi limitata l-pressjoni fiskali fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni b'mod partikolari lejn tmiem is-sena, il-proċedura għall-aġġustament tar-riżorsi proprji tal-VAT u tal-ING għandhom jiġu ssimplifikati. Għandu jkun hemm aktar żmien bejn in-notifika formali lill-Istati Membri tal-aġġustamenti meħtieġa u d-dħul tagħhom fil-kont tar-riżorsi proprji tal-Kummissjoni. Tali notifika u d-dħul għandhom iseħħu fl-istess sena, peress li dik is-sena tkun rilevanti wkoll għar-reġistrazzjoni tal-impatt fuq il-kontijiet tal-gvern u għall-finijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Għandu jkun hemm ridistribuzzjoni immedjata tal-ammont globali tal-aġġustamenti fost l-Istati Membri skont is-sehem rispettiv tagħhom tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING. Dan jelimina l-ħtieġa għad-deroga stabbilita bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014.

---

([1]) Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([2]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

([3]) Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1377/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 367, 23.12.2014, p. 14).

(11) Sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni, il-proċedura għall-kalkolu tal-imgħax għandha tiżgura b'mod partikolari li r-riżorsi proprji jkunu disponibbli b'mod f'waqtu u b'mod sħiħ.

(12) Sabiex jittejbu ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, il-każijiet fejn huwa dovut imgħax għal ħlas tard għandhom jiġu definiti għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING. Fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet ta' dawk ir-riżorsi proprji, li għandhom ċiklu ta' verifika li jippermetti korrezzjonijiet u aġġustamenti rispettivament fi żmien perijodu ta' erba' snin, kwalunkwe bidla għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING li tirriżulta minn tali korrezzjonijiet jew aġġustamenti ma għandhiex tagħti lok għall-kalkolu retroattiv tal-imgħax. L-imgħax fir-rigward ta' dawk ir-riżorsi għandu għalhekk ikun pagabbli biss fil-każ ta' dewmien biex jiddaħħlu l-ammonti tal-porzjonijiet ta' wieħed minn tnax ta' kull xahar u l-ammonti li jirriżultaw mill-kalkolu tal-aġġustamenti annwali għas-snin finanzjarji preċedenti. Barra minn hekk, sabiex jinżamm inċentiv xieraq għat-teħid ta' azzjoni korrettiva, l-imgħax għandu jkun pagabbli wkoll f'każ ta' dewmien biex jiddaħħlu l-ammonti li jirriżultaw minn korrezzjonijiet partikolari fir-rendikonti tal-VAT fid-data speċifikata skont il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 ([1]). Barra minn hekk, meta Stat Membru jonqos milli jipprovdi, fil-limitu ta' żmien espliċitu stabbilit mill-Kummissjoni, il-korrezzjonijiet fid-dejta tal-ING meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-punti nnotifikati mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, l-imgħax għandu jiġi applikat ukoll għal kwalunkwe żieda ta' riżorsi proprji li tirriżulta minn aġġustament imwettaq bħala konsegwenza tal-indirizzar tal-punt innotifikat. Dan l-imgħax għandu jiġi applikat sa mill-mument meta l-ammont tal-aġġustament kellu jiddaħħal, jiġifieri, l-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik li fiha skada l-limitu ta' żmien espliċitu, sal-mument meta dak l-ammont aġġustat jiddaħħal fil-kont. F'konformità mar-regoli u l-prattika eżistenti, kull dewmien biex tiddaħħal entrata fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali għandu jagħti lok għall-kalkolu ta' mgħax.

(13) Is-sistema tar-rata tal-imgħax stabbilita fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 tinkludi żieda fissa ta' żewġ (2) punti perċentwali għar-rata bażika u żieda progressiva ta' 0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien, bir-rata miżjuda applikabbli għall-perijodu kollu tad-dewmien. Dik is-sistema tar-rata tal-imgħax kienet strumentali biex jiġi żgurat li r-riżorsi proprji jkunu disponibbli b'mod f'waqtu u b'mod sħiħ, u l-elementi ewlenin tagħha għandhom għalhekk jinżammu.

(14) Madankollu, ir-regoli eżistenti li jipprevedu rata dejjem tiżdied wasslu għall-ħlas ta' rati tal-imgħax għoljin ħafna f'każijiet eċċezzjonali li jinvolvu dewmien ta' ħafna snin. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità tas-sistema filwaqt li jinżamm l-effett deterrenti, iż-żieda akkumulata għal dik ir-rata bażika għandha tkun limitata għal massimu annwali ta' 16-il punt perċentwali.

(15) Min-naħa l-oħra, iż-żieda fissa eżistenti ta' żewġ punti perċentwali għar-rata bażika għal perijodi qosra ta' dewmien, b'mod partikolari tista' twassal għal diżinċentiv biex ir-riżorsi proprji jsiru disponibbli b'mod f'waqtu f'ċirkostanzi fejn l-ispejjeż ta' rifinanzjament fis-suq monetarju jkunu ogħla mill-imgħax pagabbli. Sabiex ikompli jissaħħaħ il-funzjonament tajjeb tas-sistema, iż-żieda fissa għar-rata bażika għandha għalhekk tiżdied għal 2,5 punti perċentwali u r-rata ta' mgħax li tirriżulta applikata ma għandhiex tkun inqas minn din il-perċentwali, anke meta r-rata bażika applikabbli tkun fin-negattiv. Dan għandu, b'mod partikolari, jipprevjeni d-dewmien biex isiru disponibbli l-wieħed minn tnax ta' kull xahar tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING, li bħalissa jikkostitwixxu aktar minn 80 % ta' dħul tal-baġit tal-Unjoni.

(16) Sabiex tiġi promossa l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet li għadhom kemm ġew introdotti tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandu jkun possibbli għall-Istati Membri li jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni dawk l-ammonti ta' riżorsi proprji tradizzjonali li jirriżultaw irrekuperabbli minħabba d-dħul differit fil-kontijiet jew notifika differita tad-dejn doganali sabiex ma jiġux ippreġudikati investigazzjonijiet kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika mill-aktar fis possibbli mal-Istati Membri, u taġġorna, fejn meħtieġ, il-kriterji li ser jiggwidaw il-valutazzjoni tal-każijiet li jinvolvu din il-possibbiltà.

(17) Is-soll ta' rapportar għal każijiet ta' riżorsi proprji tradizzjonali li jkunu ġew iddikjarati jew ikkunsidrati bħala irrekuperabbli għandu jiżdied sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

(18) Għandu jiġi ċċarat li l-possibbiltà għall-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 biex tiġbed aktar mill-assi disponibbli tagħha biex tiżgura l-konformità mal-obbligi tal-Unjoni

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għal ġbir tar-riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).
([2]) Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

fil-każ biss ta' inadempjenza f'self ikkuntrattat jew iggarantit skont regolamenti u deċiżjonijiet tal-Kunsill tkopri wkoll ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet li, wara t-Trattat ta' Lisbona, għandhom jiġu adottati mhux biss mill-Kunsill iżda mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(19) Ħlief f'każijiet eċċezzjonali, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri, jew lill-banek ċentrali nazzjonali tagħhom, bl-ordnijiet tagħha ta' transazzjonijiet ta' ċaqliq ta' flus kontanti li jaffettwaw il-kontijiet li nfetħu għall-finijiet tar-riżorsi proprji mill-inqas jum wieħed qabel ma għandhom jiġu esegwiti dawk l-ordnijiet.

(20) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(21) Għal raġunijiet ta' konsistenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-istess jum meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014. L-emenda stabbilita f'dan ir-Regolament għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 sabiex tiġi salvagwardjata l-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tad-deroga introdotta mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1377/2014 sad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament. L-emenda stabbilita f'dan ir-Regolament għall-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 għandha tapplika fejn id-data dovuta tar-riżorsa proprja tkun wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, għal raġunijiet ta' proporzjonalità, l-Istati Membri għandhom jibbenefikaw ukoll mil-limitazzjoni fuq iż-żieda totali tar-rata tal-imgħax, kif ukoll mil-limitazzjonijiet fuq il-ħlas ta' mgħax għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT biss fir-rigward tad-dewmien speċifikat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014, kif emendat b'dan ir-Regolament, għar-riżorsi proprji li kienu dovuti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, meta dawk ir-riżorsi proprji jkunu saru magħrufa wara dik id-data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-dokumenti ta' sostenn li jirrigwardaw il-proċeduri statistiċi u l-bażijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003 għandhom jinżammu mill-Istati Membri sat-30 ta' Novembru tar-raba' sena wara s-sena finanzjarja kkonċernata. Id-dokumenti ta' sostenn li jirrigwardaw il-bażi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT għandhom jinżammu għall-istess perijodu.".

(2) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kontijiet għar-riżorsi proprji għandhom jinżammu mit-teżor ta' kull Stat Membru jew minn entità pubblika li teżerċita funzjonijiet simili ("it-teżor") jew mill-bank ċentrali nazzjonali ta' kull Stat Membru. Dawk il-kontijiet għandhom ikunu maqsuma skont it-tip ta' riżorsi.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel inċiż ir-referenza għall-"Artikolu 10(3)" hija sostitwita bir-referenza għall-"Artikolu 10a(1)";

(ii) it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10b(5) għandu jiġi rreġistrat kull sena, ħlief għall-aġġustamenti partikolari msemmija fl-Artikolu 10b(2)(b), li għandhom jiġu rreġistrati fil-kontijiet fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar li jsegwi l-qbil bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni.".

(3) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 10, 10a u 10b, kull Stat Membru għandu jikkredita r-riżorsi proprji fil-kont li nfetaħ f'isem il-Kummissjoni mat-teżor tiegħu jew mal-bank ċentrali nazzjonali. Soġġett għall-applikazzjoni ta' mgħax negattiv kif imsemmi fit-tielet subparagrafu, dak il-kont jista' jiġi ddebitat biss fuq struzzjoni mill-Kummissjoni.

Dan il-kont għandu jinżamm fil-munita nazzjonali u ħieles minn kwalunkwe imposta u mgħax.";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Meta mgħax negattiv huwa applikat għal dak il-kont, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkredita l-kont b'ammont li jikkorrispondi għall-ammont ta' tali mgħax negattiv applikat, sa mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara l-applikazzjoni ta' tali mgħax negattiv.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jew il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jittrasmettu dan li ġej lill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi:

(a) fil-jum tax-xogħol li fih ir-riżorsi proprji jiġu kkreditati fil-kont tal-Kummissjoni, rendikont jew avviż ta' kreditu li juri d-dħul tar-riżorsi proprji;

(b) mingħajr preġudizzju għall-punt (a), sa mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara l-ikkreditar tal-kont, rendikont li juri d-dħul tar-riżorsi proprji.".

(4) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

**It-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali**

1. Wara t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ġbir f'konformità mal-Artikoli 2(3) u 10(3) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, id-dħul tar-riżorsi proprji tradizzjonali msemmi fl-Artikolu 2(1)(a) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jsir mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol ta' wara d-dsatax-il jum tat-tieni xahar li jsegwi x-xahar li matulu jkun ġie stabbilit l-intitolament f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, għal intitolamenti murija f'kontijiet separati skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3), id-dħul irid isir mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol ta' wara d-dsatax-il jum tat-tieni xahar li jsegwi x-xahar li matulu jkunu ġew irkuprati l-intitolamenti.

2. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem b'xahar id-dħul tar-riżorsi, għajr ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għalihom fil-ħmistax tal-istess xahar.

Kull dħul imressaq 'il quddiem għandu jiġi aġġustat fix-xahar li jsegwi meta jsir id-dħul imsemmi fil-paragrafu 1. Dan l-aġġustament għandu jinvolvi d-dħul negattiv ta' ammont ugwali għal dak mogħti fid-dħul riportat.

*Artikolu 10a*

**Id-disponibbiltà tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING**

1. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, filwaqt li jitqies l-impatt li għandhom fuq dawn ir-riżorsi l-korrezzjoni permessa lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u t-tnaqqis gross permess lid-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, għandhom jiġu kkreditati fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar, bl-ammonti jkunu wieħed minn kull tnax tat-totali rilevanti fil-baġit, ikkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati tal-kambju tal-aħħar jum tal-kwotazzjoni tas-sena kalendarja ta' qabel is-sena baġitarja, kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C.

2. Għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas tan-nefqa tal-FAEG skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), kif ukoll skont il-qagħda tal-likwidità finanzjarja tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem, sa xahrejn fl-ewwel kwart tas-sena finanzjarja, id-dħul ta' wieħed minn tnax, jew frazzjoni minnu, tal-ammonti fil-baġit għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT- u għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, filwaqt li jitqies l-impatt li għandhom fuq dawn ir-riżorsi l-korrezzjoni permessa lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u t-tnaqqis gross permess lid-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja.

Soġġett għat-tielet subparagrafu, għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħlas tan-nefqa tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), kif ukoll skont il-qagħda tal-likwidità finanzjarja tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu

'l quddiem, fl-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, id-dħul sa nofs addizzjonali ta' wieħed minn tnax tal-ammonti fil-baġit għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT u għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, filwaqt li jitqies l-impatt li għandhom fuq dawn ir-riżorsi l-korrezzjoni permessa lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u t-tnaqqis gross permess lid-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja.

L-ammont totali li l-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna mill-Kummissjoni biex iressqu 'l quddiem fl-istess xahar skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandu, f'ebda każ, jeċċedi ammont li jikkorrispondi għal żewġ partijiet addizzjonali minn tnax.

Wara l-ewwel sitt xhur, id-dħul rikjest ta' kull xahar ma jistax jeċċedi wieħed minn tnax mir-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u fuq l-ING, filwaqt li jibqa' fil-limitu tal-ammonti mdaħħla fil-baġit għal dak l-iskop.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan bil-quddiem, mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel id-dħul rikjest skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri bil-quddiem ħafna, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel id-dħul rikjest skont it-tieni subparagrafu, bl-intenzjoni tagħha li jintalab tali dħul.

Il-paragrafu 4 li jirrigwarda l-ammont li għandu jiddaħħal f'Jannar ta' kull sena, u l-paragrafu 5, applikabbli jekk il-baġit ma jkunx għadu ġie finalment adottat qabel il-bidu tas-sena finanzjarja, għandhom ikunu applikabbli għal dan id-dħul antiċipat.

3. Kwalunkwe bidla fir-rata uniformi tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, fir-rata tar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, fil-korrezzjoni permessa lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u fil-finanzjament tagħha msemmi fl-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, u fil-finanzjament tat-tnaqqis gross permess lid-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja tkun tirrikjedi l-adozzjoni finali ta' baġit emendatorju u twassal għal riaġġustamenti tal-ħlasijiet ta' wieħed minn tnax li jkunu ddaħħlu sa mill-bidu tas-sena finanzjarja.

Dawn ir-riaġġustamenti għandhom isiru meta jsir l-ewwel dħul wara l-adozzjoni finali tal-baġit emendatorju jekk ikun adottat qabel is-sittax tax-xahar. Inkella dawn għandhom jitwettqu meta jsir it-tieni dħul wara l-adozzjoni finali. B'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament Finanzjarju, dawn ir-riaġġustamenti għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-baġit emendatorju kkonċernat.

4. Il-kalkolu tal-wieħed minn tnax għal Jannar ta' kull sena finanzjarja jkun ibbażat fuq l-ammonti previsti fl-abbozz tal-baġit, imsemmi fl-Artikolu 314(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u kkonvertiti fil-muniti nazzjonali bir-rati tal-kambju tal-ewwel jum tal-kwotazzjoni ta' wara l-15 ta' Diċembru tas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena baġitarja; l-aġġustament għandu jsir mad-dħul għax-xahar ta' wara.

5. Jekk il-baġit ma jkunx ġie finalment adottat sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel id-dħul għal Jannar tas-sena finanzjarja ta' wara, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar, inkluż Jannar, parti waħda minn tnax tal-ammont tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT, u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING, filwaqt li jitqies l-effett fuq dawn ir-riżorsi tal-korrezzjoni permessa lir-Renju Unit għall-iżbilanċi baġitarji u tat-tnaqqis gross permess lid-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, li ddaħħlu fl-aħħar baġit finalment adottat; l-aġġustament għandu jsir fl-ewwel data dovuta wara l-adozzjoni finali tal-baġit jekk jiġi adottat qabel is-sittax tax-xahar. Inkella, l-aġġustament għandu jsir fit-tieni data dovuta wara l-adozzjoni finali tal-budget.

6. Ma għandu jkun hemm ebda reviżjoni sussegwenti fil-finanzjament tat-tnaqqis gross permess lid-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja fil-każ ta' modifiki fid-dejta tal-ING skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003.

*Artikolu 10b*

**Aġġustamenti għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING tas-snin finanzjarji preċedenti**

1. Abbażi tad-dikjarazzjoni annwali dwar ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT prevista fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89, kull Stat Membru għandu, fis-sena ta' wara dik meta ntbagħtet id-dikjarazzjoni, ikun iddebitat b'ammont ikkalkulat mill-informazzjoni li tkun tinsab f'dik id-dikjarazzjoni billi tiġi applikata r-rata uniformi adottata għas-sena finanzjarja li tirreferi għaliha d-dikjarazzjoni, u jkun ikkreditat bit-12-il pagament magħmula għal dik is-sena finanzjarja. Madankollu, ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ta' kull Stat

Membru li għaliha tiġi applikata dik ir-rata ma tistax taqbeż il-perċentwal determinat mill-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom tal-ING tiegħu, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(7) ta' dik id-Deċiżjoni.

2. Kwalunkwe korrezzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 għandha twassal, għal kull Stat Membru kkonċernat li l-bażi tiegħu, meta jitqiesu dawk il-korrezzjonijiet, ma taqbiżx il-perċentwali ddeterminati mill-Artikoli 2(1)(b) u 10(2) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, għall-aġġustamenti li ġejjin għall-bilanċ stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

(a) il-korrezzjonijiet skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 magħmula sal-31 ta' Lulju għandhom iwasslu għal aġġustament ġenerali fis-sena ta' wara;

(b) aġġustament partikolari jista' jiddaħħal fi kwalunkwe żmien jekk l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jaqblu dwar dan skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89;

(c) meta l-miżuri li tieħu l-Kummissjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 biex tikkorreġi l-bażi jwasslu għal aġġustament partikolari tad-dħul fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament, dak l-aġġustament għandu jsir fid-data speċifikata mill-Kummissjoni f'konformità ma' dawk il-miżuri.

It-tibdil għall-ING imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu wkoll iwassal għal aġġustament tal-bilanċ ta' kwalunkwe Stat Membru li r-riżorsa bbażata fuq il-VAT tiegħu, meta jitqiesu l-korrezzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ikollha bħala limitu massimu l-perċentwali determinati bl-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom.

3. Abbażi taċ-ċifri għall-ING aggregat bil-prezzijiet tas-suq u l-komponenti tiegħu mis-sena ta' qabel, fornuti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, kull Stat Membru, fis-sena ta' wara s-sena tal-forniment taċ-ċifri, għandu jiġi ddebitat bl-ammont ikkalkulat billi tiġi applikata għall-ING tiegħu r-rata adottata għas-sena preċedenti għas-sena tal-forniment taċ-ċifri, u kkreditat bil-pagamenti magħmula matul dik is-sena.

4. Kwalunkwe kambjament fl-ING tas-snin finanzjarji preċedenti skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003, soġġett għall-Artikolu 5 tiegħu, għandu jwassal għal kull Stat Membru kkonċernat għal aġġustament fil-bilanċ stabbilit skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Wara t-30 ta' Novembru tar-raba' sena wara sena finanzjarja partikolari, kwalunkwe tibdil fl-ING ma għandux jibqa' jiġi kkunsidrat, ħlief fuq punti nnotifikati f'dan il-limitu ta' żmien jew mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru.

5. Għal kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tikkalkula d-differenza bejn l-ammonti li tirriżulta mill-aġġustamenti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, bl-eċċezzjoni ta' ċerti aġġustamenti skont il-paragrafi 2(b) u (c), kif ukoll ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammonti totali tal-aġġustamenti bil-perċentwal li l-ING ta' dak l-Istat Membru jirrappreżenta fl-ING tal-Istati Membri kollha, kif applikabbli fil-15 ta' Jannar għall-baġit fis-seħħ għas-sena ta' wara s-sena tal-forniment tad-dejta għall-aġġustamenti (l-"ammont nett").

Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, l-ammonti għandhom jiġu kkonvertiti bejn il-munita nazzjonali u l-euro bir-rati tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena tal-kalendarju li tiġi qabel is-sena tad-dħul fil-kontijiet, kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, is-serje C.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-ammonti li jirriżultaw minn dan il-kalkolu qabel l-1 ta' Frar tas-sena ta' wara dik tal-forniment tad-dejta għall-aġġustamenti. Kull Stat Membru għandu jdaħħal l-ammont nett fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tal-istess sena.

6. L-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu jikkostitwixxu operazzjonijiet ta' introjtu fir-rigward tas-sena finanzjarja li fiha jridu jiddaħħlu fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1).

(*) Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

(**) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).".

(5) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-aġġustament matul is-sena li tiġi wara s-sena finanzjarja kkonċernata.

Il-kalkolu għandu jsir abbażi taċ-ċifri li ġejjin relatati mas-sena finanzjarja rilevanti:

(a) l-ING aggregat bil-prezzijiet tas-suq u l-komponenti tiegħu, fornuti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1287/2003;

(b) l-eżitu tal-baġit tan-nefqa operazzjonali li tikkorrispondi mal-miżura jew mal-politika inkwistjoni.

L-aġġustament għandu jkun ugwali għar-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont totali tan-nefqa inkwistjoni, bl-eċċezzjoni tan-nefa ffinanzjata minn pajjiżi terzi parteċipanti, bil-perċentwal li l-ING tal-Istat Membru li hu intitolat għall-aġġustament jirrappreżenta fl-ING tal-Istati Membri kollha. L-aġġustament għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri parteċipanti skont skala determinata billi jiġi diviż l-ING rispettiv tagħhom bl-ING tal-Istati Membri parteċipanti kollha. Għall-finijiet li jiġi kkalkolat l-aġġustament, l-ammonti għandhom jiġu kkonvertiti bejn il-munita nazzjonali u l-euro bir-rata tal-kambju fl-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena kalendarja li tiġi qabel is-sena baġitarja kkonċernata, kif ippublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* serje C.

L-aġġustament għal kull sena rilevanti għandu jsir darba biss u jkun finali fl-eventwalità ta' modifika sussegwenti taċ-ċifra tal-ING.".

(6) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

**Imgħax fuq l-ammonti li jkunu saru disponibbli tard**

1. Kwalunkwe dewmien fid-dħul fil-kont imsemmi fl-Artikolu 9(1) għandu jagħti lok għall-ħlas tal-imgħax mill-Istat Membru kkonċernat.

2. Għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u l-ING, l-imgħax għandu jkun dovut biss fir-rigward ta' dewmien fid-dħul tal-ammonti:

(a) imsemmija fl-Artikolu 10a;

(b) li jirriżultaw mill-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10b(5), fil-mument speċifikat fit-tielet subparagrafu tiegħu;

(c) li jirriżultaw minn aġġustamenti partikolari għar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT skont l-Artikolu 10b(2)(c) ta' dan ir-Regolament, fid-data speċifikata mill-Kummissjoni skont miżuri meħuda minnha skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89;

(d) li jirriżultaw minn nuqqas ta' Stat Membru li jipprovdi korrezzjonijiet għad-dejta tal-ING meħtieġa biex jiġu indirizzati punti nnotifikati mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru kif imsemmija fl-Artikolu 10b(4), sal-iskadenza ffissata mill-Kummissjoni. L-imgħax fuq l-aġġustamenti li jirriżultaw minn dawn il-korrezzjonijiet għandhom jiġu kkalkulati mill-ewwel jum tax-xogħol ta' Ġunju tas-sena ta' wara dik meta tkun għaddiet l-iskadenza ffissata mill-Kummissjoni.

3. L-irkupru ta' ammonti ta' mgħax li jkunu inqas minn EUR 500 għandu jiġi rrinunzjat.

4. Fil-każ ta' Stati Membri li jagħmlu parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata kif ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* is-serje C, li l-Bank Ċentrali Ewropew ikun applika għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid fl-ewwel jum tax-xahar li fih ħabtet id-data dovuta, jew 0 fil-mija, skont liema jkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali.

Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għal kull xahar ta' dewmien.

Iż-żieda totali skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhiex taqbeż is-16-il punt perċentwali. Ir-rata miżjuda għandha tiġi applikata għall-perijodu kollu tad-dewmien.

5. Fil-każ ta' Stati Membri li ma jagħmlux parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata applikata mill-banek ċentrali fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni għall-operazzjonijiet ewlenin tagħhom ta' finanzjament mill-ġdid, jew 0 fil-mija, skont liema jkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali. Għall-Istati Membri li ma jkollhomx disponibbli r-rata tal-bank ċentrali, ir-rata tal-imgħax għandha tkun ugwali għar-rata l-aktar ekwivalenti applikata fl-ewwel jum tax-xahar inkwistjoni fis-suq monetarju tal-Istat Membru, jew 0 fil-mija, skont liema jkun l-aktar, miżjuda bi 2,5 punti perċentwali.

Din ir-rata għandha tiżdied b'0,25 ta' punt perċentwali għal kull xahar ta' dewmien.

Iż-żieda totali skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ma għandhiex taqbeż is-16-il punt perċentwali. Ir-rata miżjuda għandha tiġi applikata għall-perijodu kollu tad-dewmien.

6. Għall-ħlas tal-imgħax imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 9(2) u (3) għandu japplika mutatis mutandis.".

(7) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal it-tieni subparagrafu li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jinħelsu mill-obbligu li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu għall-intitolamenti stabbiliti skont l-Artikolu 2 jekk dawk l-intitolamenti jirriżultaw irrekuperabbli minħabba l-posponiment tad-dħul fil-kontijiet jew in-notifika tad-dejn doganali sabiex ma tiġix ippreġudikata investigazzjoni kriminali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fi żmien tliet xhur mid-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 2 jew skont il-limiti ta' żmien imsemmija f'dak il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni rapport b'informazzjoni dwar dawk il-każijiet fejn il-paragrafu 2 ikun ġie applikat, dment li d-drittijiet stabbiliti involuti jaqbżu l-EUR 100 000.";

(8) fl-Artikolu 14, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Fil-każ biss ta' inadempjenza skont it-termini ta' self ikkuntrattat jew iggarantit f'konformità ma' regolamenti u deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill, jew mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, f'ċirkostanzi li fihom il-Kummissjoni ma tkunx tista' tattiva miżuri oħra previsti mill-arranġamenti finanzjarji li japplikaw għal dan is-self fil-ħin sabiex tkun żgurata l-konformità mal-obbligi legali tal-Unjoni lejn dawk li jisilfu, jistgħu jkunu applikati l-paragrafi 2 u 4 b'mod temporanju, indipendentement mill-kondizzjonijiet fil-paragrafu 2, għat-trattament tad-djun tal-Unjoni.

4. Soġġett għat-tieni subparagrafu, id-differenza bejn l-assi totali u l-ħtiġijiet f'riżorsi ta' flus kontanti għandha tiġi diviża fost l-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli, proporzjonalment mad-dħul tal-baġit stmat minn kull wieħed minnhom.

Il-Kummissjoni għandha, meta tkopri l-ħtiġijiet tagħha f'riżorsi ta' flus kontanti, timmira sabiex tnaqqas l-impatt tal-obbligu tal-Istati Membri li jikkreditaw l-ammonti ta' mgħax negattiv skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(1) permezz ta' ġbid bi prijorità fuq is-somom ikkreditati fil-kontijiet ikkonċernati.".

(9) L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

**Eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ħlas**

1. L-Istati Membri jew il-bank ċentrali nazzjonali tagħhom għandhom jeżegwixxu l-ordnijiet ta' ħlas tal-Kummissjoni fuq istruzzjonijiet tal-Kummissjoni u f'mhux aktar minn tlett ijiem tax-xogħol mill-jum li jirċevuhom. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ċaqliq ta' flus kontanti, l-Istati Membri jew il-bank ċentrali nazzjonali tagħhom għandhom jeżegwixxu l-ordnijiet fil-perijodu mitlub mill-Kummissjoni li, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, għandha tinnotifikahom mill-inqas jum wieħed qabel ma l-ordni tkun trid tiġi eżegwita.

2. L-Istati Membri jew il-bank ċentrali nazzjonali tagħhom għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi u sa mhux aktar tard mit-tieni jum tax-xogħol wara li titlesta kull tranżazzjoni, rendikont li juri l-movimenti relatati.".

(10) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 18*

**Tħassir**

1. Soġġett għall-paragrafu 2, ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

2. L-Artikolu 10(7a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1150/2000 huwa mħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014.

Soġġett għat-tielet u r-raba' subparagrafi, għandu japplika mill-istess data.

Il-punt (6) tal-Artikolu 1 għandu japplika għall-kalkolu tal-interessi għal ħlas tard tar-riżorsi proprji li jkunu dovuti wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, il-limitazzjoni taż-żieda totali tar-rata tal-imgħax għal 16-il punt perċentwali, kif ukoll il-limitazzjoni tal-ħlas tal-imgħax għar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT fir-rigward biss ta' dewmien fid-dħul tal-ammonti li jirriżultaw minn aġġustamenti partikolari għalihom fid-data speċifikata b'segwitu għal miżuri meħuda mill-Kummissjoni, għandhom japplikaw ukoll għall-kalkolu tal-imgħax għal ħlas tardiv ta' riżorsi proprji li kienu dovuti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, fejn dawk ir-riżorsi proprji ma kinux saru magħrufa għall-Kummissjoni jew għall-Istat Membru kkonċernat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-punt 10 tal-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M.H.P. VAN DAM

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/805**

**tal-20 ta' Mejju 2016**

**li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' *Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *S. griseoviridis*), ir-razza O ta' *Candida oleophila*, FEN 560 (magħruf ukoll bħala ħelba jew għabra taż-żerriegħa tal-ħelba), Dekanoat tal-metil (CAS 110-42-9), Ottanoat tal-Metil (CAS 111-11-5) u t-taħlita tat-terpenojd QRD 460**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ma ġie stabbilit l-ebda MRL speċifiku għal *Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *S. griseoviridis*), ir-razza O ta' *Candida oleophila*, FEN 560 (magħruf ukoll bħala ħelba jew għabra taż-żerriegħa tal-ħelba) u t-taħlita tat-terpenojd QRD 460. Peress li dawk is-sustanzi ma ġewx inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament. Id-dekanoat tal-metil (CAS 110-42-9) u l-ottanoat tal-metil (CAS 111-11-5) jiffurmaw parti mill-grupp ta' aċidi xaħmin C7-C20 li huwa inkluż fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Fir-rigward ta' FEN 560 (magħruf ukoll bħala ħelba jew għabra taż-żerriegħa tal-ħelba), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet ([2]) li l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.

(3) Fir-rigward tat-taħlita tat-terpenojd QRD 460, l-Awtorità kkonkludiet ([3]) li l-inklużjoni ta' dik is-sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.

(4) Fir-rigward ta' *Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *S. griseoviridis*) ([4]) l-Awtorità ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-dieta għall-konsumaturi peress li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-maniġers tar-riskji. Tali kunsiderazzjoni ulterjuri kienet riflessa fir-rapport ta' eżami ([5]) li kkonkluda li r-riskju għall-bniedem permezz ta' metaboliti minn din is-sustanza huwa negliġibbli. Għaldaqstant, huwa xieraq li dik is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(5) Fir-rigward tar-razza O ta' *Candida oleophila* ([6]), l-Awtorità ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-dieta għall-konsumaturi peress li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-maniġers tar-riskji. Tali kunsiderazzjoni ulterjuri kienet riflessa fir-rapport ta' eżami ([7]) li kkonkluda li r-riskju għall-bniedem permezz ta' metaboliti minn din is-sustanza huwa negliġibbli. Għaldaqstant, huwa xieraq li dik is-sustanza tiġi inkluża fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva għabra taż-żerriegħa tal-ħelba (FEN 560). *EFSA Journal* 2010; 8(3):1448, 50 pp.

([3]) EFSA (L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel), 2014. Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva taħlita tat-terpenojd QRD-460. *EFSA Journal* 2014;12(10):3816, 41 pp.

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għas-sustanza attiva *Streptomyces* K61 (qabel magħrufa bħala *Streptomyces griseoviridis*). *EFSA Journal* 2013;11(1):3061, 40 pp.

([5]) Rapport ta' eżami għas-sustanza attiva *Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *Streptomyces griseoviridis*) iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Lulju 2008 fid-dawl tal-inklużjoni ta' *Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *Streptomyces griseoviridis*) fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. SANCO/1865/08 — rev. 5, 11 ta' Lulju 2014.

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida tas-sustanza attiva razza O ta' *Candida oleophila*. EFSA Journal 2012;10(11):2944, 27, pp.

([7]) Rapport ta' eżami magħmul għas-sustanza attiva r-razza O ta' *Candida oleophila* ffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Marzu 2013 fid-dawl tal-approvazzjoni tar-razza O ta' *Candida oleophila* bħala sustanza attiva f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. SANCO/10395/2013 rev 1, 15 ta' Marzu 2014.

(6) Id-dekanoat tal-metil (CAS 110-42-9) ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]) bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE ([2]) u huwa meqjus bħala approvat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ebda impuritajiet rilevanti ma ġew identifikati għal dik is-sustanza. Barra minn hekk, l-esponiment naturali għad-dekanoat tal-metil huwa ferm ogħla minn dak marbut mal-użu ta' dik is-sustanza bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Għaldaqstant jixraq li din is-sustanza tinżamm fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 iżda b'mod separat mill-grupp tal-aċidi xaħmin C7-C20 biex tkun żgurata t-trasparenza.

(7) L-ottonoat tal-metil (CAS 111-11-5) ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva 2008/127/KE u huwa meqjus bħala approvat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Ebda impuritajiet relevanti ma ġew identifikati għal dik is-sustanza. Barra minn hekk, l-esponiment naturali għall-ottanoat tal-metil huwa ferm ogħla minn dak marbut mal-użu ta' dik is-sustanza bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Għaldaqstant jixraq li din is-sustanza tinżamm fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 iżda b'mod separat mill-grupp tal-aċidi xaħmin C7-C20 biex tkun żgurata t-trasparenza.

(8) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu f'ordni alfabetika: "*Streptomyces* K61 (qabel magħruf bħala *S. griseoviridis*)", "ir-razza O ta' *Candida oleophila*", "FEN 560 (imsejjaħ ukoll ħelba jew għabra taż-żerriegħa tal-ħelba)", "Dekanoat tal-metil (CAS 110-42-9)", "Ottanoat tal-metil (CAS 111-11-5)" u "it-taħlita tat-terpenojd QRD 460".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) Id-Direttiva Tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).
([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/806

## tal-20 ta' Mejju 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 104,4 |
| | TR | 63,7 |
| | ZZ | 84,1 |
| 0707 00 05 | TR | 105,8 |
| | ZZ | 105,8 |
| 0709 93 10 | TR | 138,4 |
| | ZZ | 138,4 |
| 0805 10 20 | EG | 47,0 |
| | IL | 62,4 |
| | MA | 54,9 |
| | TR | 41,8 |
| | ZA | 75,5 |
| | ZZ | 56,3 |
| 0805 50 10 | AR | 166,2 |
| | TR | 143,1 |
| | ZA | 190,7 |
| | ZZ | 166,7 |
| 0808 10 80 | AR | 111,7 |
| | BR | 101,6 |
| | CL | 124,4 |
| | CN | 107,2 |
| | NZ | 157,8 |
| | US | 198,5 |
| | ZA | 103,2 |
| | ZZ | 129,2 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/807

### tal-15 ta' Marzu 2016

### dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) matul l-40 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni, id-69 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u s-96 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima dwar l-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni ta' Faċilitazzjoni, l-Anness IV tal-MARPOL, ir-Regolamenti SOLAS II-2/13 u II-2/18, il-Kodiċi tas-Sistemi ta' Sikurezza kontra n-Nirien u l-Kodiċi tal-Programm ta' Kontroll Imsaħħaħ tal-2011

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-azzjoni mill-Unjoni fis-settur tat-trasport marittimu għandu jkollha l-għan li ttejjeb is-sigurtà marittima, li tipproteġi l-ambjent tal-baħar u li tiffaċilita t-traffiku marittimu internazzjonali.

(2) Il-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI (FAL), imlaqqa' fid-39 sessjoni tiegħu, approva emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali, 1965 (il-"Konvenzjoni FAL"). Dawk l-emendi huma mistennija jiġu adottati matul l-40 sessjoni tal-FAL li ser ssir f'April 2016.

(3) Il-Kumitat tal-Protzzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-OMI, imlaqqa' fit-68 sessjoni tiegħu (MEPC 68), qabel li ġiet riċevuta notifika suffiċjenti skont ir-Regolament 13 tal-Anness IV tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri ("l-Anness IV tal-MARPOL") sabiex parti mill-Baħar Baltiku tkun tista' tiġi denominata bħala Żona Speċjali. Konsegwentement, id-dati effettivi biex dik id-denominazzjoni ssir effettiva previsti fir-Regolament 11.3 tal-Anness IV tal-MARPOL setgħu jiġu stabbiliti għal dik iż-Żona Speċjali. L-MEPC 68 ikkonkluda li jkun hemm bżonn ta' emendi għar-Regolamenti 1 u 11 tal-Anness IV tal-MARPOL, biex id-denominazzjoni ta' dik il-parti taż-Żona Speċjali ssir effettiva, u li għandhom jiġu proposti emendi għall-Anness IV tal-MARPOL għal dak il-għan. Dawk l-emendi huma mistennija li jiġu adottati matul id-69 sessjoni tal-MEPC li ser ssir f'April 2016.

(4) Il-Kumitat tas-Sigurtà Marittima (MSC) tal-OMI, imlaqqa' fil-95 sessjoni tiegħu, approva emendi għar-Regolamenti II-2/13 u II-2/18 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sistemi ta' Sikurezza kontra n-Nirien ("Kodiċi FSS") u l-Kodiċi tal-Programm ta' Kontroll Imsaħħaħ tal-2011 (il-"Kodiċi ESP"). Dawk l-emendi huma mistennija li jiġu adottati fis-96 sessjoni tal-MSC, li ser issir f'Mejju 2016.

(5) Ir-rieżami ġenerali tal-Konvenzjoni FAL timmodernizza d-dispożizzjonijiet tagħha, waqt li tikkunsidra l-iżviluppi fil-qasam tat-trasmissjoni tal-informazzjoni u d-data b'mezzi elettroniċi u l-kunċett ta' "single window". B'mod partikolari, hija tintroduċi miżuri ta' rilevanza għall-Unjoni rigward id-dħul ta' numri tal-viża fil-listi tal-passiġġieri iżda mhux fil-listi tal-ekwipaġġ u d-dritt tal-awtoritajiet li jagħmlu obbligatorju s-sottomissjonijiet tal-formoli b'mod elettroniku. L-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jipprevedu li mill-1 ta' Ġunju 2015, il-formalitajiet ta' rappurtar għall-bastimenti li jaslu f'portijiet fl-Istati Membri jew li jitilqu minnhom għandhom jiġu aċċettati biss f'format elettroniku permezz ta' "single window" u li sa dik id-data l-Istati Membri għandhom jaċċettaw formoli FAL fuq il-karta għall-issodisfar tal-formalitajiet ta' rappurtar. Id-Direttiva 2010/65/UE tipprevedi wkoll li mill-1 ta' Ġunju 2015 l-informazzjoni rikjesta skont att legali

[1] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2010/65/UE tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE (ĠU L 283, 29.10.2010, p. 1).

tal-Unjoni għandha tiġi pprovduta f'format elettroniku. Ir-rekwiżit li jiġi inkluż numru tal-viża fejn japplika fil-listi tal-ekwipaġġ u tal-passiġġieri jirriżulta mill-punt 3.1.2 tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(6) L-Artikolu VIII tal-Konvenzjoni FAL jobbliga lill-dawk il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni FAL li jsibuha imprattikabbli li jikkonformaw ma' xi standard tal-Konvenzjoni FAL, jew li jqisu li huwa neċessarju għal raġunijiet speċjali li jadottaw rekwiżiti jew proċeduri dokumentarji differenti, biex jinnotifikaw dawk id-differenzi lis-Segretarju Ġenerali. Ċerti rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2010/65/UE u fir-Regolament (KE) Nru 562/2006 jimponu obbligi aktar stretti mir-regoli rilevanti previsti fil-Konvenzjoni FAL u għalhekk jirrappreżentaw differenza fis-sens tal-Artikolu VIII ta' dik il-Konvenzjoni li jeħtieġ tiġi notifikata.

(7) L-emendi għall-Anness IV tal-MARPOL huma maħsubin biex jipprovdu l-qafas legali għall-implimentazzjoni tal-ftehim mill-MEPC 68 li ġew riċevuti biżżejjed notifiki dwar id-disponibbiltà tal-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet biex jippermettu li d-dispożizzjonijiet taż-Żona Speċjali tal-Baħar Baltiku jsiru effettivi u li, konsegwentement, jistgħu jiġu stabbiliti d-dati effettivi għan-denominazzjoni ta' parti mill-Baħar Baltiku bħala Żona Speċjali, f'konformità ma' dawk in-notifiki. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jipprevedi d-disponibbiltà ta' faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet, li hija koperta wkoll bir-Regolament 12bis tar-Riżoluzzjoni MEPC.200(62) tal-OMI, għall-iskop li jitnaqqas ir-rimi fil-baħar ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u ta' fdalijiet mill-merkanzija, b'mod speċjali rimi illegali, minn bastimenti li jużaw portijiet fl-Unjoni.

(8) L-emendi għar-Regolament SOLAS II-2/13 ser jintroduċu rekwiżiti għall-evalwazzjoni ta' rotot ta' evakwazzjoni permezz ta' analiżi tal-evakwazzjoni kmieni fil-proċess tad-disinn, li għandhom japplikaw għal bastimenti tal-passiġġieri ro-ro ġodda u bastimenti tal-passiġġieri oħrajn li jġorru iktar minn 36 passiġġier. Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) tapplika għall-vapuri tal-passiġġieri u l-inġenji tal-baħar għall-passiġġieri ta' veloċità għolja li jaħdmu fuq vjaġġi domestiċi. L-Artikolu 6(2)(a)(i) ta' dik id-Direttiva jipprevedi li vapuri ġodda tal-passiġġieri tal-Klassi A għandhom jikkonformaw kompletament mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974, kif emendata. Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/45/KE tistipula regoli dettaljati dwar ir-rotot tal-evakwazzjoni fuq bastimenti tal-passiġġieri ro-ro għal bastimenti tal-Klassi B, C u D, kif stabbilit fl-Anness I, Kapitolu II, Parti B, paragrafu 6-1.

(9) L-emendi għar-Regolament SOLAS II-2/18 li jikkonċernaw żoni għall-inżul ta' ħelikopters fuq bastimenti tal-passiġġieri ro-ro ġodda sejrin jagħmlu obbligatorji d-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari tal-OMI MSC.1/Circ.1431 tal-31 ta' Mejju 2012 dwar Linji Gwida għall-approvazzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar bir-ragħwa għall-ħelikopters. Ir-Regolament 18, Parti B, Kapitolu II-2 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/45/KE jipprevedi li bastimenti mgħammra bil-pjattaforma għall-ħelikopters għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-regolament SOLAS kif rivedut fl-1 ta' Jannar 2003 li issa huma mistennija li jiġu emendati.

(10) Il-Kapitolu 8 rivedut tal-Kodiċi FSS ser jipprevedi li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-ispeċifikazzjoni tal-kwalità tal-ilma pprovduta mill-manifattur tas-sistema biex jiġu evitati l-korrużjoni interna u s-sadd intern tal-bexxiexi. L-Artikolu 6(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/45/KE jipprevedi li bastimenti tal-passiġġieri ġodda tal-Klassi A għandhom jikkonformaw kompletament mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974, kif emendata, li tinkorpora l-Kodiċi FSS li sar obbligatorju taħt is-SOLAS permezz tar-Riżoluzzjoni MSC.99(73) tal-OMI. Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/45/KE tistipula regoli dettaljati fuq it-Tifi tan-Nirien għal bastimenti tal-Klassi B, C u D, kif stabbilit fl-Anness I, Kapitolu II-2, Parti A, paragrafi 4.5 u 4.8.

(11) Il-Kapitolu 17 ġdid] tal-Kodiċi FSS ser jagħti speċifikazzjonijiet aktar dettaljati tat-tagħmir għat-tifi tan-nar bir-ragħwa għall-protezzjoni tal-faċilitajiet tal-ħelikopters kif meħtieġ skont il-Kapitolu II-2 tas-SOLAS. L-Artikolu 6(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/45/KE jipprevedi li vapuri tal-passiġġieri ġodda tal-Klassi A għandhom jikkonformaw kompletament mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974, kif emendata, li tinkorpora l-Kodiċi FSS li sar obbligatorju taħt is-SOLAS permezz tar-Riżoluzzjoni MSC.99(73) tal-OMI. Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/45/KE tistipula regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti speċjali għal faċilitajiet tal-ħelikopters għal bastimenti tal-Klassi B, C u D, kif stabbilit fl-Anness I, Kapitolu II, Parti B, paragrafu 18.

(12) Sa fejn l-emendi għar-Regolament SOLAS II-2/13, ir-Regolament SOLAS II-2/18, il-Kapitolu 8 rivedut tal-Kodiċi FSS u l-Kapitolu 17 ġdid tal-Kodiċi FSS jistgħu jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/45/KE li jikkonċernaw vapuri tal-passiġġieri u inġenji tal-baħar tal-passiġġieri ta' veloċità għolja li jaħdmu fuq vjaġġi domestiċi, dawk l-emendi jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81).

([3]) Id-Direttiva Nru 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).

(13) L-emendi għall-Kodiċi ESP 2011 huma maħsubin biex jarmonizzaw l-użu ta' termini relatati ma' organizzazzjonijiet rikonoxxuti. L-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jagħmlu obbligatorja l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni (CAS) tal-OMI għat-tankers taż-żejt b'buq wieħed li jkollhom aktar minn 15-il sena,. Il-Programm ta' Kontroll Imsaħħaħ matul spezzjonijiet ta' Bastimenti tat-Tagħbija bl-Ingrossa u ta' Tankers taż-Żejt jew il-Programm ta' Kontroll Imsaħħaħ (ESP) jispeċifika kif issir din il-valutazzjoni intensifikata. Billi l-CAS tuża l-ESP bħala l-istrument biex tikseb l-għan tagħha, kull bidla fl-ispezzjonijiet ESP tkun applikabbli awtomatikament permezz tar-Regolament (UE) Nru 530/2012.

(14) L-Unjoni la hija Membru tal-OMI u lanqas parti kontraenti għall-konvenzjonijiet u l-kodiċijiet rilevanti. Huwa għalhekk neċessarju li l-Kunsill jawtorizza lill-Istati Membri biex jesprimu l-pożizzjoni tal-Unjoni u biex jesprimu l-kunsens tagħhom li jintrabtu b'dawk l-emendi, sa fejn huma jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha adottata f'isem l-Unjoni fl-40 sessjoni tal-Kumitat ta' Faċilitazzjoni tal-OMI għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni ta' Faċilitazzjoni kif speċifikat fid-Dokument FAL 40/3 tal-OMI.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fid-69 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi għar-Regolamenti 1 u 11 tal-Anness IV tal-MARPOL, kif speċifikat fl-Anness għad-Dokument MEPC 69/3/3 tal-OMI.

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fis-96 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima tal-OMI għandha tkun taqbel mal-adozzjoni tal-emendi li ġejjin:

— għar-Regolament SOLAS II-2/13 kif mogħtija fl-Anness 14 għad-dokument MSC 95/22/add.2 tal-OMI;

— għar-Regolament SOLAS II-2/18 kif mogħtija fl-Anness 2 għad-dokument SSE 2/20 tal-OMI;

— għall-Kapitolu 8 tal-Kodiċi FSS kif mogħtija fil-punt 1 tal-Anness 18 għad-dokument 95/22/add.2 tal-OMI;

— għall-Kapitolu 17 tal-Kodiċi FSS kif mogħtija fil-punt 2 tal-Anness 18 għad-dokument 95/22/add.2 tal-OMI;

— għall-Kodiċi ESP tal-2011 kif mogħtija fl-Anness 15 għad-dokument 95/22/add.2 tal-OMI.

*Artikolu 4*

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni kif indikat fl-Artikoli 1, 2 u 3 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri, li huma membri tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

2. Jista' jsir qbil dwar bidliet minuri fil-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3 mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed (ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3).

*Artikolu 5*

L-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jagħtu l-kunsens tagħhom li jintrabtu, fl-interess tal-Unjoni, bl-emendi msemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3, sa fejn dawn jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.G. KOENDERS

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2016/808**

**tat-18 ta' Mejju 2016**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (ATALANTA/2/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ("Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE").

(2) Fit-3 ta' Lulju 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni 2014/433/PESK ([2]) biex ħatar lill-Maġġur Ġeneral Martin SMITH bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(3) Ir-Renju Unit ippropona li l-Brigadier Ġeneral Robert A. MAGOWAN CBE jieħu post il-Maġġur Ġeneral Martin SMITH bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE jappoġġa dik il-proposta.

(5) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Robert A. MAGOWAN huwa b'dan maħtur, b'effett mit-3 ta' Ġunju 2016, Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta).

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2014/433/PESK hija mħassra.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2014 tat-3 ta' Lulju 2014 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) (2014/433/PESK) (ĠU L 198, 5.7.2014, p. 5).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mit-3 ta' Ġunju 2016.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/809

## tal-20 ta' Mejju 2016

## dwar l-avviż mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jixtieq jieħu sehem f'ċerti atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u li mhumiex parti mill-acquis ta' Schengen

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li qieset il-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(5) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-Artikolu 331(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 10(4) tal-Protokoll Nru 36 jippermetti lir-Renju Unit jinnotifika lill-Kunsill, mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu tranżitorju ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 10(3) tal-Protokoll Nru 36, li ma jaċċettax, fir-rigward ta' atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li kienu ġew adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Protokoll Nru 36.

(2) B'ittra lill-President tal-Kunsill tal-24 ta' Lulju 2013, ir-Renju Unit uża din il-possibilità billi nnotifika li ma aċċettax is-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja, bil-konsegwenza li l-atti rilevanti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali waqqfu japplikaw għar-Renju Unit fl-1 ta' Diċembru 2014.

(3) L-Artikolu 10(5) tal-Protokoll Nru 36 jippermetti lir-Renju Unit jinnotifika lill-Kunsill ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem f'atti li ma baqgħux japplikaw għalih.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/858/UE ([1]) ikkonfermat il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'għadd ta' atti.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/836/UE ([2]) kkonfermat li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ([3]), id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI ([4]) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI ([5]) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjonijiet ta' Prüm") ma baqgħetx tapplika għar-Renju Unit mill-1 ta' Diċembru 2014 u ma ppermettietx lir-Renju Unit milli jaċċessal-bażi tad-dejta tal-Eurodac għal finijiet ta' infurzar tal-liġi sakemm huwa jipparteċipa fid-Deċiżjonijiet ta' Prüm. Id-Deċiżjoni 2014/836/UE talbet ukoll lir-Renju Unit biex iwettaq każ sħiħ tal-operat u l-implimentazzjoni sabiex jivvaluta l-merti u l-benefiċċji prattiċi li jipparteċipa mill-ġdid fid-Deċiżjonijiet ta' Prüm. Ir-Renju Unit għamel il-każ tal-operat u l-implimentazzjoni u l-Parlament tiegħu vvota favur li jipparteċipa mill-ġdid fid-Deċiżjonijiet ta' Prüm.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/857/UE ([6]) ikkonfermat in-notifika tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward l-intenzjoni ta' parteċipazzjoni f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jinsabu f'atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/858/UE tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar l-avviż mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jixtieq jieħu sehem f'ċerti atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u li mhumiex parti mill-acquis ta' Schengen (ĠU L 345, 1.12.2014, p. 6)

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/836/UE tas-27 ta' Novembru 2014 li tiddetermina ċerti arraġamenti konsegwenzjali u tranżizzjoniali dwar il-waqfien tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'ċerti atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (ĠU L 343, 28.11.2014, p. 11).

([3]) Id–Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

([5]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji (ĠU L 322, 9.12.2009, p. 14).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/857/UE tal-1 ta' Diċembru 2014 ikkonfermat in-notifika tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward l-intenzjoni ta' parteċipazzjoni f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jinsabu f'atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/365/KE and 2004/926/KE (ĠU L 345, 1.12.2014, p. 1).

(7) Permezz tal-ittra lill-President tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar, 2016, ir-Renju Unit għamel użu ulterjuri mill-Artikolu 10(5) tal-Protokoll Nru 36 biex jinnotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, id-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI u d-Deċiżjoni Qafas 2009/905/ĠAI.

(8) Għal atti li mhumiex parti mill-acquis ta' Schengen, l-Artikolu 10(5) tal-Protokoll Nru 36 jirreferi għall-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 jirreferi għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 331(1) TFUE. Din l-aħħar dispożizzjoni tistipula biex il-Kummissjoni tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Istat Membru li jixtieq jieħu sehem u tinnota fejn xieraq li l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni ġew issodisfati.

(9) Skont ir-raba' sentenza tal-Artikolu 10(5) tal-Protokoll Nru 36, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u r-Renju Unit ifittxu li jerġgħu jistabbilixxu l-akbar livell possibbli ta' parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-acquis tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr ma tintlaqat l-operabbiltà prattika tad-diversi partijiet tiegħu u filwaqt li tiġi rispettata l-koerenza tagħhom.

(10) Il-kundizzjonijiet tar-raba' sentenza tal-Artikolu 10(5) tal-Protokoll Nru 36 huma ssodisfati għall-atti li r-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu biex jipparteċipa fihom.

(11) Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-atti elenkati fil-premessa 7 għandha għalhekk tkun ikkonfermata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill huma kkonfermati:

id-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI,

id-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI,

id-Deċiżjoni Qafas 2009/905/ĠAI.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din tidħol fis-seħħ fil-21 ta' Mejju 2016.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**DEĊIŻJONI (UE) 2016/810 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tat-28 ta' April 2016**

**dwar it-tieni serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2016/10)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 12.1, it-tieni inċiż tal-Artikolu 18.1 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2014/34 [1] tipprovdi sensiela ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs) li għandhom isiru fuq perijodu ta' sentejn mill-2014 sal-2016.

(2) Fl-10 ta' Marzu 2016, sabiex iwettaq il-mandat tiegħu għall-istabbiltà tal-prezzijiet, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jniedi serje ġdida ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs-II), bil-għan li jittaffew il-kundizzjonijiet ta' kreditu tas-settur privat u jiġi stimulat il-ħolqien tal-kreditu. It-TLTROs-II għandhom l-għan li jsaħħu t-trażmissjoni tal-politika monetarja billi jiġi inċentivat is-self mill-banek lis-settur privat mhux finanzjarju, jiġifieri lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji, fi Stati Membri li jużaw l-euro bħala l-munita tagħhom. Din il-miżura ma hijiex intiża li tappoġġa s-self mill-banek lil unitajiet domestiċi għall-finijiet ta' xiri ta' djar. Għalhekk, is-self eliġibbli lis-settur privat mhux finanzjarju fil-kuntest ta' din il-miżura jeskludi self lil unitajiet domestiċi għall-finijiet ta' xiri ta' djar. Flimkien ma miżuri mhux standard oħrajn fis-seħħ, it-TLTROs-II għandhom l-għan li jikkontribwixxu għar-ritorn ta' rati ta' inflazzjoni għal livelli taħt, imma qrib it-2 % matul medda ta' żmien medju.

(3) Bħal fl-ewwel serje ta' TLTROs, sabiex tithaffef il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet li, għal raġunijiet ta' organizzazzjoni, jissellfu mill-Eurosistema billi jużaw struttura ta' grupp, huwa previst li l-parteċipazzjoni fit-TLTROs-II ser tkun possibbli fuq bażi ta' grupp meta jkun hemm bażi istituzzjonali għat-trattament ta' grupp. Il-parteċipazzjoni ta' grupp se ssir permezz ta' membru tal-grupp wieħed speċifiku u fejn ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet preskritti. Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet marbutin mad-distribuzzjoni tal-likwidità intragrupp, fil-każ ta' gruppi li huma stabbiliti fuq il-bażi tar-rabtiet mill-qrib bejn il-membri, il-membri kollha tal-grupp għandhom jikkonfermaw b'mod formali bil-miktub il-parteċipazzjoni tagħhom fil-grupp. Grupp TLTRO li kien rikonoxxut għall-finijiet tat-TLTROs bis-saħħa tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 jista' jipparteċipa fit-TLTROs-II bħala grupp TLTRO-II bla ħsara għal ċerti proċeduri dwar in-notifika u r-rikonoxximent.

(4) L-ammont kumplessiv li jista' jiġi missellef taħt it-TLTROs-II se jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-ammont totali ta' self eliġibbli ta' parteċipant lis-settur privat mhux finanzjarju pendenti fil-31 ta' Jannar 2016, wara li jitnaqqas kull ammont misluf qabel mill-parteċipant TLTRO-II taħt l-ewwel żewġ TLTROs mwettqa f'Settembru u Diċembru 2014 bis-saħħa tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 u li jkun għadu pendenti fid-data tal-ħlas ta' TLTRO-II.

(5) Ir-rata ta' mgħax applikabbli għal kull TLTRO-II se tkun iddeterminata skont l-istorja ta' self tal-parteċipant fil-perijodu mill-1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2018 skont il-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(6) Minn 24 xahar wara l-ħlas ta' kull TLTRO-II, il-parteċipanti ser ikollhom l-għażla li jħallsu lura l-ammonti allokati skont il-proċeduri stabbiliti minn qabel fuq bażi trimestrali.

(7) L-istituzzjonijiet li jixtiequ jieħdu sehem fit-TLTROs ser ikunu soġġetti għal ċerti rekwiżiti ta' rapportar. Id-dejta rapportata se tintuża: (a) fid-determinazzjoni tal-limitu fuq is-self, (b) fil-kalkolu tal-kriterju ta' referenza applikabbli, (c) għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-parteċipanti fil-konfront tal-kriterji ta' referenza tagħhom, u

[1] Deċiżjoni BĊE/2014/34 tad-29 ta' Lulju 2014 dwar miżuri fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament immirati aktar fit-tul (ĠU L 258, 29.8.2014, p. 11).

(d) għal finijiet analitiċi oħra kif meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurosistema. Huwa maħsub ukoll li l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem il-"BĊNi") li jirċievu d-dejta rapportata jistgħu jiskambjaw dik id-dejta ġewwa l-Eurosistema sa fejn u sal-livell neċessarju għall-implimentazzjoni xierqa tal-qafas TLTRO-II, kif ukoll analiżi tal-effettività tagħha u għal finijiet analitiċi oħra tal-Eurosistema. Id-dejta rapportata tista' tinqasam ġewwa l-Eurosistema għall-finijiet tal-validazzjoni tad-dejta pprovduta.

(8) Sabiex istituzzjonijiet ta' kreditu jitħallew bi żmien biżżejjed biex jagħmlu preparazzjonijiet operattivi għall-ewwel TLTRO-II, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien bla bżonn,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "kriterju ta' referenza ta' self nett" ifisser l-ammont ta' self nett eliġibbli li parteċipant għandu bżonn li jaqbeż fil-perijodu 1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2018 sabiex jikkwalifika għal rata ta' imgħax fuq is-self TLTRO-II tal-parteċipant li huwa inqas baxx mir-rata inizjali applikata u li hija kkalkulata skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ddettaljati fl-Artikolu 4 u l-Anness 1, rispettivament;

(2) "kriterju ta' referenza tal-ammont pendenti" tfisser is-somma tas-self pendenti eliġibbli tal-parteċipant fil-31 ta' Jannar 2016 u l-kriterju ta' referenza ta' self nett li huwa kkalkulat skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ddettaljati stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-Anness I, rispettivament;

(3) "limitu tal-offerta" jfisser l-ammont limitu li jista' jiġi missellef minn partiċipant fi kwalunkwe TLTRO-II kkalkulat skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ddetaljati stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-Anness I, rispettivament;

(4) "limitu fuq is-self" ifisser l-ammont kumplessiv li jista' jiġi missellef minn partiċipant fi kwalunkwe TLTRO-II kkalkulat skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ddetaljati stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-Anness I, rispettivament;

(5) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif iddefinita fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tal-Linja gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) ([1]);

(6) "self eliġibbli" ifisser self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi (inklużi istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi) residenti, kif iddefinit fil-punt (4) tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 ([2]), fi Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, ħlief għal self lill-unitajiet domestiċi għal xiri ta' djar, kif iddettaljat iktar fl-Anness II;

(7) "self nett eliġibbli" ifisser self gross fil-forma ta' self eliġibbli nett mill-ħlasijiet lura tal-ammonti pendenti ta' self eliġibbli tul perjodu speċifiku, kif huwa spjegat iktar fl-Anness II;

(8) "l-ewwel perijodu ta' referenza" ifisser l-perijodu mill-1 ta' Frar 2015 sal-31 ta' Jannar 2016;

(9) "istituzzjoni finanzjarja monetarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja monetarja kif iddefinita fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ([3]);

(10) "kodiċi IFM" ifisser kodiċi ta' identifikazzjoni uniku għal IFM fil-lista tal-IFMi miżmuma u ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal skopijiet statistiċi skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2103 (BĊE/2013/33);

([1]) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poter tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol.3, p. 19-22).

([3]) Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

(11) "ammonti pendenti ta' self eliġibbli" tfisser self eliġibbli pendenti fil-karta tal-bilanċ, bl-esklużjoni ta' self eliġibbli titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor mingħajr dekontabilizzar mill-karta tal-bilanċ, kif spjegat iktar fl-Anness II;

(12) "parteċipant" tfisser kontroparti eliġibbli għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-politika monetarja tal-Eurosistema b'konformità mal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), li jagħmel offerti fi proċeduri tal-offerti tat-TLTRO-II jew fuq bażi individwali jew fuq bażi ta' grupp bħala istituzzjoni prinċipali u li huwa soġġett għad-drittijiet u l-obbligi kollha marbutin mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċeduri tal-offerta tat-TLTRO-II;

(13) "BĊN relevanti", b'referenza għal partiċipant partikolari, tfisser il-BĊN tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit parteċipant;

(14) "it-tieni perijodu ta' referenza" jfisser il-perijodu mill-1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2018;

*Artikolu 2*

**It-tieni serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal**

1. L-Eurosistema għandha twettaq erba' TLTROs-II skont kalendarju indikattiv għal TLTROs-II ippubblikat fuq is-sit tal-BĊE.

2. Kull TLTRO-II għandu jimmatura erba' snin wara d-data ta' ħlas rispettiv, f'jum li jikkoinċidi mad-data tal-ħlas ta' operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament, skont il-kalendarju indikattiv għal TLTROs-II ppubblikat fis-sit elettroniku tal-BĊE.

3. It-TLTROs-II għandhom:

(a) ikunu operazzjonijiet ta' treġġigħ lura li jipprovdu likwidità;

(b) jiġu eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(c) jiġu eżegwiti permezz ta' proċedura ta' offerti standard; u

(d) jiġu eżegwiti fil-forma ta' proċeduri ta' offerti b'rata fissa.

4. Il-kundizzjonijiet standard li taħthom il-BĊNi huma lesti li jidħlu f'operazzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw fir-rigward tat-TLTROs-II, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu l-proċeduri għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' suq miftuħ, il-kriterji li jistabbilixxu l-eliġibbiltà tal-kontropartijiet u l-kollateral għall-finijiet tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema u s-sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-kontropartijiet. Kull waħda minn dawn il-kundizzjonijiet hija stabbilita fl-oqfsa legali ġenerali u temporanji applikabbli għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament u kif implimentata fl-oqfsa nazzjonali kuntrattwali u/jew regolatorji tal-BĊNi.

5. F'każ ta' kunflitt bejn din id-Deċiżjoni u l-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), flimkien ma' kwalunkwe att legali ieħor tal-BĊE li jistabbilixxi l-qafas legali applikabbli għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal u/jew kwalunkwe miżura nazzjonali li timplimentah f'livell nazzjonali, għandha tipprevali din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

**Parteċipazzjoni**

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jieħdu sehem fit-TLTROs fuq bażi individwali jekk ikunu kontropartijiet eliġibbli għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jieħdu sehem f'TLTROs-II fuq bażi ta' grupp billi jgħaqqdu grupp tat-TLTROs. Il-parteċipazzjoni fuq bażi ta' grupp hija relevanti sabiex jiġu kkalkolati l-limiti fuq il-limitu fuq is-self u l-kriterji ta' referenza applikabbli kif stabbilit fl-Artikolu 4 u l-obbligi ta' rapportar assoċjati kif stabbiliti fl-Artikolu 7. Il-parteċipazzjoni fuq bażi ta' grupp għandha tkun soġġetta għar-restrizzjonijiet li ġejjin:

(a) istituzzjoni ma tistax tkun membru ta' iktar minn grupp wieħed tal grupp TLTRO-II;

(b) istituzzjoni li tieħu sehem fit-TLTROs-II fuq bażi ta' grupp ma tistax tieħu sehem fuq bażi individwali;

(c) l-istituzzjoni maħtura bħala l-istituzzjoni prinċipali għandha tkun l-uniku membru tal-grupp tat-TLTRO-II li tista' tieħu sehem fil-proċeduri ta' offerta tat-TLTRO-II; u

(d) il-kompożizzjoni u l-istituzzjoni prinċipali ta' grupp tat-TLTRO-II għandhom jibqgħu l-istess għat-TLTROs kollha, bla ħsara għall-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu.

3. Għall-parteċipazzjoni fit-TLTROs-II permezz ta' grupp TLTRO-II, għandhom jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin.

(a) B'effett mill-aħħar jum tax-xahar li jippreċedi l-applikazzjoni msemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu, kull membru ta' grupp partikolari għandu:

(i) ikollu rabta mill-qrib ma' membru ieħor tal-grupp skont it-tifsira ta' "rabta mill-qrib" kif iddefinit fl-Artikolu 138 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u r-referenzi li fihom għal "kontroparti", "garanti", "emittent" jew "debitur" għandhom jinftiehmu bħala referenza għal membru ta' grupp; jew

(ii) ikollu r-riżervi meħtieġa fl-Eurosistema skont ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2003/9) ([1]) b'mod indirett permezz ta' membru ieħor tal-grupp jew jintuża minn membru ieħor tal-grupp sabiex b'mod indirett iżomm ir-riżervi meħtieġa mal-Eurosistema.

(b) Il-grupp għandu jaħtar membru wieħed bħala l-istituzzjoni prinċipali għall-grupp. L-istituzzjoni prinċipali għandha tkun kontroparti eliġibbli għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(c) Kull membru tal-grupp tat-TLTRO-II għandu jkun istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stati Membru li jużа l-euro bħala l-munita tiegħu u għandu jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 55 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

(d) Bla ħsara għall-punt (e), l-istituzzjoni prinċipali għandha tapplika għal parteċipazzjoni fil-BĊN tagħha skont il-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-II ppubblikat fuq is-sit tal-BĊE. L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(i) isem l-istituzzjoni prinċipali;

(ii) lista tal-kodiċijiet tal-IFM u l-ismijiet tal-istituzzjonijiet kollha li ser jiddaħħlu fil-grupp tat-TLTROs-II;

(iii) spjegazzjoni tal-bażi għal applikazzjoni fi grupp, inkluża lista tar-rabtiet mill-qrib u/jew ir-relazzjonijiet ta' żamma ta' riżervi b'mod indirett bejn il-membri tal-grupp billi kull membru jiġi identifikat bil-kodiċi tal-IFM tiegħu;

(iv) fil-każ ta' membri ta' grupp li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (ii) tal-punt (a): konferma bil-miktub mingħand l-istituzzjoni prinċipali li tiċċertifika li kull membru tal-grupp tat-TLTRO-II iddeċieda formalment li jsir membru tal-grupp tat-TLTRO-II inkwistjoni u jaqbel li ma jiħux sehem f'TLTROs-II bħala kontroparti individwali jew bħala membru fi grupp tat-TLTRO-II ieħor, flimkien mal-evidenza xierqa li l-konferma relevanti bil-miktub ġiet eżegwita minn firmatarji awtorizzati kif xieraq. Istituzzjoni prinċipali tista' tagħti l-konferma neċessarja fir-rigward tal-membri tal-grupp TLTRO-II tagħha fejn ikun hemm fis-seħħ arranġamenti, bħal dawk għaż-żamma indiretta ta' riżervi minimi bis-saħħa tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), li jgħidu espressament li l-membri tal-grupp rilevanti jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema esklużivament permezz tal-istituzzjoni ewlenija. Il-BĊN rilevanti, f'kooperazzjoni mal-BĊNi tal-membri tal-grupp rilevanti, jistgħu jivverifikaw l-validità tal-konferma bil-miktub kkonċernata; u

(v) Fil-każ ta' membru ta' grupp li għalih japplika l-punt (i) tal-punt (a): (1) konferma bil-miktub mill-membru tal-grupp rilevanti dwar id-deċiżjoni formali tiegħu li jsir membru fil-grupp tat-TLTROs-II inkwistjoni u li ma jiħux sehem f'TLTROs-II bħala kontroparti individwali jew bħala membru fi gruppi oħrajn tat-TLTROs-II; u (2) evidenza xierqa, ikkonfermata mill-BĊN tal-membru tal-grupp relevanti, li din id-deċiżjoni formali ttieħdet fl-ogħla livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-istruttura korporattiva tal-membru bħall-Bord tad-Diretturi jew ekwivalenti b'konformità ma' kwalunkwe liġi applikabbli.

([1]) Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9), (ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10).

(e) Grupp TLTRO rikonoxxut għall-finijiet tat-TLTROs bis-saħħa tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 jista' jipparteċipa fit-TLTROs-II bħala grupp TLTRO-II sakemm l-istituzzjoni prinċipali tiegħu tissottometti notifika bil-miktub f'dak is-sens lill-BĊN rilevanti skont il-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-II ppubblikat fis-sit elettroniku tal-BĊE. In-notifika għandha tinkludi:

(i) lista ta' membri tal-grupp TLTRO li ddeċidew formalment li jkunu membri tal-grupp TLTRO-II inkwistjoni u ma jipparteċipawx fit-TLTRO-II bħala kontropartijiet individwali jew bħala membri ta' ebda grupp TLTRO-II ieħor. Fil-każ ta' membri tal-grupp li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (ii) jew il-punt (a), l-istituzzjoni prinċipali tista' tipprovdi n-notifika neċessarja meta jkun hemm ftehim fis-seħħ, kif imsemmi fil-punt (iv) tal-punt (d), li jgħid espressament li l-membri tal-grupp rilevanti jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema esklussivament permezz tal-istituzzjoni prinċipali. Il-BĊN rilevanti, f'kooperazzjoni mal-BĊNi tal-membri tal-grupp rilevanti, jistgħu jivverifikaw l-validità ta' dik il-lista; u

(ii) evidenza xierqa, kif jista' jintalab mill-BĊN tal-istituzzjoni prinċipali, li ġiet eżegwita mill-firmatarji debitament awtorizzati.

(f) L-istituzzjoni prinċipali għandha tikseb konferma mill-BĊN tagħha li l-grupp tat-TLTRO-II ġie rikonoxxut. Qabel ma joħroġ il-konferma tiegħu, il-BĊN relevanti jista' jitlob kull informazzjoni addizzjonali oħra li hija relevanti għall-valutazzjoni tiegħu tal-grupp tat-TLTRO-II potenzjali mill-istituzzjoni prinċipali. Meta jivvaluta applikazzjoni ta' grupp, il-BĊN relevanti għandu jqis ukoll kull valutazzjoni mill-BĊNi tal-membri tal-grupp li tista' tkun meħtieġa, bħal verifiki ta' dokumentazzjoni pprovduta skont il-punti (d) jew (e) skont il-każ.

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, anki istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għas-superviżjoni konsolidata, inklużi friegħi tal-istess istituzzjoni ta' kreditu, għandhom jitqiesu bħala applikanti xierqa għar-rikonoxximent tal-grupp tat-TLTRO-II u għandhom ikunu meħtieġa jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu *mutatis mutandis*. Din tiffaċilita t-tiswir ta' gruppi tat-TLTRO-II fost dawn l-istituzzjonijiet, meta dawn l-istituzzjonijiet ikunu parti mill-istess entità ġuridika. Għall-finijiet tal-konferma tat-tiswir, jew bidla fil-kompożizzjoni, ta' grupp TLTRO-II ta' dan it-tip, il-paragrafu 39(d)(iv) u l-paragrafu 6(b)(ii)(4) għandhom japplikaw rispettivament.

4. Jekk waħda jew iktar mill-istituzzjonijiet inklużi fl-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-grupp tat-TLTRO-II ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3, il-BĊN relevanti jista' jiċħad b'mod parzjali l-applikazzjoni tal-grupp propost. F'dan il-każ, l-istituzzjonijiet li jissottomettu l-applikazzjoni jistgħu jiddeċiedu li jaġixxu bħala grupp TLTRO-II bil-kompożizzjoni limitata għal dawk il-membri tal-grupp li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa jew inkella jirtiraw l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-grupp tat-TLTRO-II.

5. F'każijiet eċċezzjonali, meta jkun hemm ġustifikazzjonijiet oġġettivi, il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jitbiegħed mir-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2 u 3.

6. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 5 ta' hawn fuq, il-kompożizzjoni ta' grupp rikonoxxut skont il-paragrafu 3 tista' tinbidel fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) Membru għandu jiġi eskluż mill-grupp TLTRO-II jekk ma jissodisfax iktar ir-rekwiżiti tal-punt (a) jew (c) tal-paragrafu 3. Il-BĊN tal-membru tal-grupp rilevanti għandu jinforma lill-istituzzjoni prinċipali dwar in-nuqqas tal-membru tal-grupp li jissodisfa dawk ir-rekwiżiti.

F'dawk il-każijiet, l-istituzzjoni prinċipali għandha tgħarraf lill-BĊN tagħha dwar il-bidla fl-istatus tal-membru tal-grupp tagħha.

(b) Jekk, fir-rigward tal-grupp TLTRO-II, jiġu stabbiliti rabtiet mill-qrib addizzjonali jew investimenti indiretti ta' riżervi meħtieġa mal-Eurosistema wara l-aħħar jum tax-xahar li jippreċedi l-applikazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3, il-kompożizzjoni tal-grupp TLTRO-II tista' tinbidel biex tirrifletti ż-żieda ta' membru ġdid, iżda:

(i) l-istituzzjoni prinċipali għandha tapplika mal-BĊN tagħha għar-rikonoxximent ta' bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp tat-TLTROs-II;

(ii) l-applikazzjoni msemmija fil-punt (i) tinkludi:

(1) isem il-istituzzjoni prinċipali;

(2) il-lista tal-kodiċijiet tal-IFM u l-ismijiet tal-istituzzjonijiet kollha li huma intiżi li jiddaħħlu fil-kompożizzjoni ġdida tal-grupp tat-TLTROs-II;

(3) spjegazzjoni tal-bażi għal applikazzjoni, inkluża dettalji tat-tibdil fir-rabtiet mill-qrib u/jew ir-relazzjonijiet ta' żamma ta' riżervi b'mod indirett bejn il-membri tal-grupp billi kull membru jiġi identifikat bil-kodiċi tal-IFM tiegħu;

(4) fil-każ ta' membri ta' grupp li għalihom japplika l-punt (ii) tal-paragrafu 3(a): konferma bil-miktub mingħand l-istituzzjoni prinċipali li tiċċertifika li kull membru tal-grupp tat-TLTRO-II iddeċieda formalment li jsir membru tal-grupp tat-TLTRO-II inkwistjoni u ddeċieda formalment li jkun membru tat-TLTROs-II inkwistjoni u biex ma jipparteċipax fit-TLTROs-II bħala kontroparti individwali jew bħala membru ta' kwalunkwe grupp TLTRO-II ieħor. Istituzzjoni prinċipali tista' tagħti ċ-ċertifikazzjoni neċessarja fir-rigward tal-membri tal-grupp TLTRO-II tagħha fejn ikun hemm fis-seħħ arranġamenti, bħal dawk għaż-żamma indiretta ta' riżervi minimi bis-saħħa tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), li jgħidu espressament li l-membri tal-grupp rilevanti jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-Eurosistema esklużivament permezz tal-istituzzjoni prinċipali. Il-BĊN rilevanti, f'kooperazzjoni mal-BĊNi tal-membri tal-grupp rilevanti, jistgħu jivverifikaw l-validità ta' dik il-konferma bil-miktub; u

(5) fil-każ ta' membri ta' grupp li għalihom japplika l-punt (1) tal-paragrafu 3(a), konferma bil-miktub minn kull membru addizzjonali tad-deċiżjoni formali tiegħu biex ikun membru tal-grupp TLTRO-II inkwistjoni u mhux biex jipparteċipa fit-TLTROs-II bħala kontroparti individwali jew bħala membru ta' kwalunkwe grupp TLTRO-II ieħor, u konferma bil-miktub minn kull membru tal-grupp TLTRO-II, inkluż kemm fil-kompożizzjoni l-qadima u dik ġdida, tad-deċiżjoni formali tiegħu biex jaqbel mal-kompożizzjoni ġdida tal-grupp TLTRO-II, flimkien mal-evidenza xierqa, ikkonfermat mill-BĊN tal-membru tal-grupp rilevanti, kif iddettaljat fil-punt (v) tal-paragrafu 3(d); u

(iii) l-istituzzjoni prinċipali għandha tikseb konferma mill-BĊN tagħha li l-grupp tat-TLTRO-II ġie rikonoxxut. Qabel ma joħroġ il-konferma tiegħu, il-BĊN rilevanti jista' jitlob kull informazzjoni rilevanti oħra relevanti għall-valutazzjoni tiegħu tal-kompożizzjoni ġdida tal-grupp tat-TLTRO-II mill-istituzzjoni prinċipali. Meta jivvaluta applikazzjoni ta' grupp, il-BĊN relevanti għandu jqis ukoll kull valutazzjoni mill-BĊNi tal-membri tal-grupp li tista' tkun meħtieġa, bħal verifiki ta' dokumentazzjoni previsti skont il-punt (ii).

(c) Jekk, fir-rigward tal-grupp TLTRO-II, għaqda, akkwiżizzjoni jew diviżjoni li tinvolvi membri tal-grupp TLTRO-II iseħħu wara l-aħħar jum tax-xahar li jiġi qabel l-applikazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3 u dik l-operazzjoni ma tirriżulta fl-ebda bidla fis-sett ta' self eliġibbli, il-kompożizzjoni tal-grupp tat-TLTRO-II jista' jinbidel biex jirrifletti l-għaqda, akkwiżizzjoni jew diviżjoni, skont il-każ, iżda l-kundizzjonijiet elenkati fil-punt (b) għandhom jitħarsu.

7. Meta l-Kunsill Governattiv ikun aċċetta tibdil fil-kompożizzjoni tal-grupp TLTRO-II skont il-paragrafu 5, jew tibdil fil-kompożizzjoni tal-gruppi TLTRO-II ikun sar skont il-paragrafu 6, sakemm il-Kunsill Governattiv ma jkunx iddeċieda mod ieħor, dan li ġej għandu japplika:

(a) fir-rigward tat-tibdil li għalih japplikaw il-paragrafu 5 jew il-paragrafu 6(b), l-istituzzjoni prinċipali tista' tieħu sehem f'TLTRO-II fuq il-bażi tal-kompożizzjoni l-ġdida tal-grupp tat-TLTRO-II tagħha għall-ewwel darba sitt ġimgħat wara li dik l-istituzzjoni prinċipali tippreżenta l-applikazzjoni b'suċċess għar-rikonoxximent tal-kompożizzjoni ġdida tal-grupp lill-BĊN tagħha; u

(b) istituzzjoni li m'għadhiex membru ta' grupp tat-TLTRO-II m'għandhiex tieħu sehem f'xi TLTRO-II oħrajn la b'mod individwali u lanqas bħala membru ta' grupp ieħor tat-TLTRO-II, sakemm ma tissottomettix applikazzjoni ġdida biex tipparteċipa skont il-paragrafi 1, 3 jew 6.

8. Jekk istituzzjoni prinċipali titlef l-eliġibbiltà tagħha bħala kontroparti għall-operazzjonijiet tas-suq miftuħ tal-politika monetarja tal-Eurosistema, il-grupp tat-TLTRO-II tagħha m'għandux jibqa' rikonoxxut u din l-istituzzjoni prinċipali għandha tkun obbligata li tħallas lura l-ammonti kollha mislufin taħt it-TLTROs-II.

*Artikolu 4*

**Limitu fuq is-self, limitu tal-offerta u kriterji ta' referenza**

1. Il-limiti fuq is-self applikabbli għal parteċipant individwali għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tad-dejta dwar is-self fir-rigward tal-ammonti pendenti ta' self eliġibbli u s-self nett eliġibbli tal-parteċipant individwali. Il-limitu fuq is-self applikabbli għall-parteċipant li huwa l-istituzzjoni prinċipali ta' grupp tat-TLTROs għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tad-dejta aggregata dwar is-self fir-rigward tal-ammonti pendenti ta' self eliġibbli u s-self nett eliġibbli tal-membri kollha tal-grupp tat-TLTROs.

2. Il-limitu fuq is-self ta' kull parteċipant għandu jkun ta' 30 % tal-ammont pendenti totali ta' self eliġibbli tiegħu fil-31 ta' Jannar 2016 wara li jitnaqqas kull ammont misluf qabel mill-parteċipant tat-TLTRO-II taħt l-ewwel żewġ TLTROs magħmulin f'Settembru u Diċembru 2014 bis-saħħa tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 u li għadu pendenti fid-data tal-ħlas ta' TLTRO-II wara li titqies kull notifika legalment vinkolanti għall-ħlas bikri sottomessa mill-partiċipant skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 jew kull notifika legalment vinkolanti għall-ħlas mill-ġdid bikri obbligatorju provdut mill-BĊN rilevanti skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34. Il-kalkoli tekniċi rilevanti huma mfissra fl-Anness I.

3. Jekk membru tal-grupp TLTRO rikonoxxut għall-finijiet tat-TLTROs bis-saħħa tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 ma jkunx irid ikun membru tal-grupp TLTRO-II rispettivament, għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu fuq is-self tat-TLTO-II għal dik l-istituzzjoni ta' kreditu bħala parteċipant individwali, dik l-istituzzjoni għandha titqies li sselfet taħt it-TLTROs magħmulin f'Settembru u Diċembru 2014 ammont daqs l-ammont misluf mill-istituzzjoni prinċipali tal-grupp TLTRO f'dawn iż-żewġ operazzjonijiet u li għadhom pendenti fid-data tal-ħlas ta' TLTRO-II immultiplikat bis-sehem ta' self eliġibbli tal-membru lil dawk tal-grupp TLTRO fit-30 ta' April 2014. Dan l-aħħar ammont jitnaqqas mill-ammont li l-grupp TLTRO-II rispettiv jitqies li ssellef taħt it-TLTROs magħmulin f'Settembru u Diċembru 2014 għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu ta' fuq is-self tat-TLTRO-II tal-istituzzjoni prinċipali.

4. Il-limitu tal-offerta ta' kull parteċipant għandu jkun daqs il-limitu fuq is-self wara li jitnaqqsu l-ammonti mislufin taħt it-TLTROs-II ta' qabel. Dan l-ammont għandu jitqies li jirrappreżenta limitu massimu tal-offerta għal kull parteċipant u għandhom jgħoddu r-regoli applikabbli għall-offerti li jaqbżu l-limitu massimu tal-offerta, kif stabbilit fl-Artikolu 36 tal-Linja Gwida(UE) 2015/510 (BĊE/2014/60). Il-kalkoli tekniċi rilevanti huma mfissra fl-Anness I.

5. Il-kriterju ta' referenza ta' self nett ta' parteċipant għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' self nett eliġibbli fl-ewwel perijodu ta' referenza, kif ġej:

(a) għal parteċipanti li jirrapportaw self nett eliġibbli pożittiv jew żero fl-ewwel perijodu ta' referenza, il-kriterju ta' referenza tas-self nett għandu jkun żero;

(b) għall-parteċipanti li jirrapportaw self nett eliġibbli negattiv fl-ewwel perijodu ta' referenza, il-kriterju ta' referenza tas-self nett għandu jkun daqs is-self nett eliġibbli għall-ewwel perijodu ta' referenza.

Il-kalkoli tekniċi rilevanti huma mfissra fl-Anness I. Il-kriterju ta' referenza ta' self nett għall-parteċipanti li ngħataw liċenzji bankarji wara l-31 ta' Jannar 2015 għandu jkun żero sakemm il-Kunsill Governattiv, f'ċirkustanzi fejn huwa oġġettivament ġġustifkat, jiddeċiedi mod ieħor.

6. Il-kriterju ta' referenza ta' ammont pendenti ta' parteċipant għandu jiġi ddeterminat bħala s-somma ta' self pendenti eliġibbli mill-31 ta' Jannar 2016 u l-kriterju ta' referenza tas-self nett. Il-kalkoli tekniċi rilevanti huma mfissra fl-Anness I.

*Artikolu 5*

**Imgħax**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2, ir-rata ta' imgħax applikabbli għall-ammont misluf taħt kull TLTRO-II għandha tkun ir-rata fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament li tipprevali fi żmien tal-għoti tal-offerta fir-rigward tat-TLTRO-II rilevanti.

2. ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti mislufin mill-parteċipanti li s-self nett eliġibbli fit-tieni perijodu ta' referenza jaqbeż il-kriterju ta' referenza tas-self nett għandu jkun marbut ukoll mar-rata tal-imgħax fuq il-faċilità ta' depożitu eżistenti fiż-żmien tal-allokazzjoni ta' kull TLTRO-II skont id-dispożizzjonijiet u l-kalkoli ddettaljati stabbiliti fl-Anness I. Ir-rata tal-imgħax għandha tiġi kkomunikata lill-parteċipanti qabel l-ewwel data ta' ħlas lura bikri f'Ġunju 2018 skont il-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-II ippubblikat fis-sit eletroniku tal-BĊE.

3. L-imgħax għandu jitħallas bl-arretrati mal-maturazzjoni ta' kull TLTRO-II, jew meta jsir il-ħlas lura bikri kif stabbilit fl-Artikolu 6, skont kif ikun applikabbli.

4. Jekk, minħabba l-eżerċitar ta' rimedji disponibbli għal BĊN skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji tiegħu, parteċipant ikun meħtieġ li jħallas lura l-ammont pendenti TLTRO-II qabel ma tiġi kkomunikata r-rata tal-imgħax applikabbli lil dak il-parteċipant, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti mislufin minn dak il-parteċipant taħt kull TLTRO-II għandha tkun ir-rata fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament eżistenti fiż-żmien tal-allokazzjoni tal-offerta fir-rigward tat-TLTRO-II rilevanti.

*Artikolu 6*

**Ħlas lura bikri**

1. B'bidu minn 24 xahar wara l-ħlas ta' kull TLTRO-II, il-parteċipanti għandhom, fuq bażi trimestrali, l-għażla li jtemmu jew inaqqsu l-ammont tat-TLTROs-II kkonċernati, qabel il-maturità.

2. Dati ta' ħlas lura bikri għandhom jikkoinċidu mad-data tal-ħlas ta' operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament, kif speċifikat mill-Eurosistema.

3. Sabiex jibbenefika minn proċedura ta' ħlas lura bikri, parteċipant għandu jgħarraf lill-BĊN relevanti li biħsiebu jħallas lura bil-proċedura ta' ħlas lura bikri fid-data ta' ħlas lura bikri, tal-inqas ġimgħa qabel dik id-data ta' ħlas lura bikri.

4. In-notifika msemmija fil-paragrafu 3 għandha ssir vinkolanti fuq il-parteċipant kkonċernat ġimgħa qabel id-data ta' ħlas lura bikri li tirreferi għaliha. Nuqqas min-naħa tal-parteċipant li jħallas, bis-sħiħ jew b'mod parzjali, l-ammont dovut skont il-proċedura ta' ħlas lura bikri sad-data ta' ħlas lura jista' jirriżulta fl-impożizzjoni ta' penali finanzjarja. Il-penali finanzjarja applikabbli għandha tiġi kkalkulata skont l-Anness VII tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u għandha tikkorrispondi mal-penali finanzjarja applikata għal nuqqasijiet ta' konformità ma' obbligi biex jiġi kkollateralizzat b'mod adegwat u mħallas l-ammont li l-kontroparti ġie assenjat fir-rigward ta' tranżazzjoni mħassra għal għanijiet ta' politika monetarja. L-impożizzjoni ta' penali finanzjarja għandha tkun mingħajr ħsara għad-dritt relevanti tal-BĊN li jeżerċita r-rimedji stabbiliti għal meta jseħħ każ ta' inadempjenza kif stabbilit fl-Artikolu 166 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti ta' rapportar**

1. Kull parteċipant fit-TLTROs-II għandu jissottometti lill-BĊN relevanti d-dejta identifikata fil-mudell tar-rapportar provdut fl-Anness II kif ġej:

(a) dejta dwar l-ewwel perijodu ta' referenza għall-finijiet li jiġi stabbilit il-limitu fuq is-self tal-parteċipant, il-limiti tal-offerta u l-kriterji ta' referenza (iktar 'il quddiem msejjaħ l-"ewwel rapport"); u

(b) dejta dwar it-tieni perijodu ta' referenza għall-finijiet li jiġu ddeterminati r-rati ta' imgħax applikabbli (iktar 'il quddiem msejjaħ it-"tieni rapport")

2. Id-dejta għandha tiġi pprovduta skont:

(a) il-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-II ppubblikat fis-sit eletroniku tal-BĊE;

(b) il-linji gwida previsti fl-Anness II; u

(c) l-istandards minimi għall-preċiżjoni u konformità mal-kunċetti speċifikati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

3. Termini użati fir-rapport sottomess mill-parteċipanti għandhom jiġu interpretati skont id-definizzjonijiet ta' dawk it-termni fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

4. L-istituzzjonijiet prinċipali tal-gruppi ta' TLTRO-II għandhom jissottomettu rapporti tad-dejta aggregata fir-rigward tal-membri kollha tal-grupp tat-TLTROs. Barra minn hekk, il-BĊN tal-istituzzjoni prinċipali jew BĊN ta' membru ta' grupp tat-TLTRO-II jistgħu, f'koordinazzjoni mal-BĊN tal-istituzzjoni prinċipali, jeħtieġu li l-istituzzjoni prinċipali tissottometti dejta diżaggregata għal kull membru ta' grupp individwali.

5. Kull parteċipant għandu jiżgura li l-kwalità tad-dejta sottomessa bis-saħħa tal-paragrafi 1 u 2 tiġi vvalutata minn awditur estern skont ir-regoli li ġejjin:

(a) l-awditur jista' jivvaluta d-dejta fl-ewwel rapport bħala parti mill-verifika tar-rendikonti finanzjarji annwali tal-partiċipant u r-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur għandhom jintbagħtu sal-iskadenza speċifikata fil-kalendarju indikattiv għat-TLTROs-II ippubblikat fis-sit elettroniku tal-BĊE;

(b) ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur dwar it-tieni rapport għandhom jiġu sottomessi flimkien mat-tieni rapport sakemm, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, ma tiġix approvata skadenza differenti mill-BĊN rilevanti; f'dan il-każ, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti mislufa mill-parteċipant li talab l-estensjoni għandha tiġi kkomunikata biss wara r-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur jiġu sottomessi; jekk, wara l-approvazzjoni tal-BĊN rilevanti, il-parteċipant jiddeċiedi li jittermina jew inaqqas l-ammont għat-TLTROs-II tiegħu qabel ma jissottometti r-riżultati tal-valutazzjoni tal-awditur, ir-rata tal-imgħax applikabbli għall-ammonti li għandhom jitħallsu lura mill-parteċipant għandha tkun ir-rata fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament eżistenti fiż-żmien tal-allokazzjoni tal-offerta fir-rigward tat-TLTRO-II rilevanti;

(c) il-valutazzjonijiet tal-awditur għandhom jiffokaw fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3. B'mod partikolari, l-awditur għandu:

(i) jivvaluta l-preċiżjoni tad-dejta pprovduta billi jivverifika li s-sett ta' self eliġibbli tal-parteċipant inkluż, fil-każ ta' istituzzjoni prinċipali s-self eliġibbli għall-membri tal-grupp TLTRO-II, jissodisfax il-kriterji tal-eliġibbiltà;

(ii) jivverifika li d-dejta rapportata tikkonforma mal-linji gwida speċifikati fl-Anness II u mal-kunċetti mdaħħla permezz tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33);

(iii) jivverifika li d-dejta rapportata hija konsistenti mad-dejta miġbura bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33); u

(iv) jivverifika jekk il-kontrolli u l-proċeduri humiex fis-seħħ għall-validazzjoni tal-integrità, il-preċiżjoni u l-konsistenza tad-dejta.

Fil-każ ta' parteċipazzjoni fuq bażi ta' grupp, ir-riżultati għandhom jinqasmu mal-BĊNi tal-membri tal-grupp TLTRO-II oħrajn. Fuq talba tal-BĊN tal-partiċipant, riżultati ddettaljati tal-valutazzjonijiet li jsiru skont dan il-paragrafu għandhom jiġu pprovduti lil dak il-BĊN u, fil-każ ta' parteċipazzjoni tal-grupp, sussegwentement jinqasmu mal-BĊNi tal-membri tal-grupp.

L-Eurosistema tista' tipprovdi gwida ulterjuri fuq il-mod kif il-valutazzjoni tal-awditur għandha ssir f'liema każ il-parteċipanti għandhom jiżguraw li dik il-gwida tiġi applikata mill-awdituri fil-valutazzjoni tagħhom.

6. Wara bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp TLTRO-II jew riorganizzazzjoni korporattiva, bħal għaqda, akkwiżizzjoni jew diviżjoni, li taffettwa is-sett tas-self eliġibbli tal-partiċipant, l-ewwel rapport rivedut għandu jiġi sottomess skont l-istruzzjonijiet rċevuti mill-BĊN tal-partecipant. Il-BĊN rilevanti għandu jevalwa l-impatt tar-reviżjoni u jieħu azzjoni xierqa. Din l-azzjoni tista' tinkludi rekwiżit biex jitħallsu lura ammonti mislufin li, wara li tittieħed inkunsiderazzjoni l-bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp TLTRO-II jew ir-riorganizzazzjoni korporattiva, jaqbżu l-limitu fuq is-self rilevanti. Il-parteċipant ikkonċernat (li jista' jinkludi entità mwaqqfa ġdida wara r-riorganizzazzjoni korporattiva) għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali mitluba mill-BĊN rilevanti għall-għajnuna fil-valutazzjoni tal-impatt tar-reviżjoni.

7. Id-dejta pprovduta mill-parteċipanti bis-saħħa ta' dan l-Artikolu tista' tintuża mill-Eurosistema għall-implimentazzjoni tal-qafas TLTRO-II, kif ukoll għall-analiżi tal-effettività tal-qafas u għanijiet analitiċi tal-Eurosistema oħrajn.

*Artikolu 8*

**Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar**

1. Meta parteċipant jonqos milli jirrapporta jew jikkonforma mar-rekwiżiti tal-verifika, jew fejn jiġu identifikati żbalji fid-dejta rapportata, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) Jekk parteċiplant jonqos milli jissottometti l-ewwel rapport sal-iskadenza rilevanti, il-limitu għas-self tiegħu għandu jiġi ffissat għal żero.

(b) Jekk parteċipant jonqos milli jissottometti t-tieni rapport sal-iskadenza rilevanti jew jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7(5) jew (6), ir-rata tal-imgħax fuq l-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament eżistenti fiż-żmien tal-allokazzjoni tal-offerta fir-rigward tat-TLTRO-II rilevanti għandha tkun applikabbli għall-ammonti mislufin minn dak il-parteċipant taħt it-TLTROs-II.

(c) Jekk parteċipant, jew fir-rigward tal-verifika msemmija fl-Artikolu 7(5) jew mod ieħor, jidentifika żbalji fid-dejta sottomessa fir-rapporti, inklużi ineżattezzi jew inkompletezza, għandu jinnotifika lill-BĊN rilevanti bihom fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-BĊN rilevanti ikun ġie nnotifkat b'dawn l-iżbalji, jew fejn dawn l-iżbalji jaslu għall-attenzjoni tiegħu mod ieħor: (i) il-parteċipant għandu jipprovdi kull informazzjoni addizzjonali mitluba mill-BĊN rilevanti biex jgħin fil-valutazzjoni tal-impatt tal-iżball ikkonċernat, u (ii) il-BĊN rilevanti jista' jieħu l-azzjoni xierqa, li tista' tinkludi aġġustament għar-rata tal-imgħax applikata lis-self tal-parteċipant taħt it-TLTROs-II u rekwiżit għall-ħlas lura tal-ammonti mislufa, minħabba żball, li jaqbżu l-limutu għas-self tal-parteċipant.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe sanzjoni li tista' tiġi imposta skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/10 al-Bank Ċentrali Ewropew [1] fir-rigward tal-obbligi ta' rapportar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2016.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' April 2016.

*Il-President tal-BĊE*
Mario DRAGHI

---

[1] Deċiżjoni BĊE/2010/10 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Awwissu 2010 dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rapportar tal-istatistika, (ĠU L 226, 28.8.2010, p. 48).

*ANNESS I*

**IT-TWETTIQ TAT-TIENI SERJE TA' OPERAZZJONIJIET TA' RIFINANZJAMENT IMMIRATI FUQ ŻMIEN ITWAL**

1. **Kalkolu tal-limitu fuq is-self u l-limitu tal-offerta**

Il-parteċipanti f'waħda mit-tieni serje ta' operazzjoni speċifika ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTRO-II), li jaġixxu jew individwalment jew bħala istituzzjoni prinċipali ta' grupp TLTRO-II, huma suġġetti għal limitu fuq is-self. Il-limitu fuq is-self ikkalkolat ser jitqarreb għall-figura multipla li jmiss ta' EUR 10 000.

Il-limitu fuq is-self applikabbli għal parteċipant individwali fit-TLTROs-II huwa kkalkulat fuq il-bażi tal-ammont ta' self eliġibbli pendenti fil-31 ta' Jannar 2016. Il-limitu fuq is-self applikabbli għall-istituzzjoni prinċipali ta' grupp tat-TLTRO-II huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-ammonti ta' self eliġibbli pendenti fil-31 ta' Jannar 2016 fir-rigward tal-membri kollha tal-grupp TLTRO-II.

Il-limitu fuq is-self huwa ta' 30 % fuq l-ammont pendenti ta' self eliġibbli li jirrigwarda lill-parteċipant [1] fil-31 ta' Jannar 2016 wara li jitneħħew l-ammonti mislufin mill-parteċipant fl-operazzjoni speċifika ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs) magħmulin f'Settembru u Diċembru 2014 bis-saħħa tad-Deċiżjoni BĊE/2014/34 u li għadhom pendenti fid-data tal-ħlas ta' TLTRO-II, jiġifieri:

$BA_k = 0{,}3 \times OL_{Jan2016} - OB$ għal $k = 1,\ldots,4$

Hawn $BA_k$ huwa l-limitu fuq is-self fit-TLTRO-II $k$ (bi $k = 1,\ldots,4$), $OL_{Jan2016}$ huwa l-ammont ta' self miżmum mill-parteċipant li huwa pendenti fil-31 ta' Jannar 2016 u $OB_k$ huwa l-ammont misluf mill-parteċipant fit-TLTRO1 u t-TLTRO2 tal-ewwel serje TLTRO u għadu pendenti fid-data tal-ħlas ta' *TLTRO-II k*.

Il-limitu tal-offerta applikabbli għal kull parteċipant f'kull TLTRO-II huwa l-limitu ta' self wara li jitnaqqas is-self tal-parteċipant fit-TLTROs-II preċedenti.

Fejn $C_k \geq 0$ ikun is-self ta' parteċipant fit-TLTRO-II $k$. Il-limitu tal-offerta $BL_k$ għal dan il-parteċipant f'operazzjoni $k$ huwa:

$BL_1 = BA_1$ u

$$BL_k = BA_k - \sum_{j=1}^{k-1} C_j, \text{ għal } k = 2, 3, 4.$$

2. **Kalkolu tal-kriterji ta' referenza**

Fejn $NL_m$ huwa s-self nett eliġibbli ta' parteċipant f'xahar kalendarju $m$, ikkalkulat bħala l-fluss gross ta' parteċipant ta' self eliġibbli ġdid f'dak ix-xahar bit-tnaqqis ta' ħlasijiet lura ta' self eliġibbli, kif iddefinit fl-Anness II.

Indika b'*NLB* il-kriterju ta' referenza tas-self nett għal dan il-parteċipant. Dan huwa ddefinit kif ġej:

$NLB = \min(NL_{Feb2015} + NL_{March2015} + \ldots + NL_{Jan2016}, 0)$

Dan jimplika li jekk il-parteċipant għandu self nett eliġibbli pożittiv jew żero fl-ewwel perijodu ta' referenza, mela $NLB = 0$. Jekk, madankollu, il-parteċipant għandu self nett eliġibbli pożittiv jew żero fl-ewwel perijodu ta' referenza, mela $NLB = NL_{Feb2015} + NL_{March2015} + \ldots + NL_{Jan2016}$.

Uri b'*OAB* l-kriterju ta' referenza ta' ammont pendenti ta' parteċipant. Dan huwa ddefinit kif ġej:

$OAB = \max(OL_{Jan2016} + NLB, 0)$

[1] Referenzi għal "parteċipant" għandhom jinftiehmu li japplikaw għal parteċipanti individwali jew gruppi TLTRO-II

3. **Kalkolu tar-rata ta' imgħax**

Fejn $NS_{Jan2018}$ juri l-ammont miksub billi jingħadd is-self nett eliġibbli fuq perijodu mill-1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2018 u l-ammont ta' self eliġibbli pendenti mill-31 ta' Jannar 2016; dan huwa kkalkulat bħala $NS_{Jan2018} = OL_{Jan2016} + NL_{Feb2016} + NL_{March2016} + \ldots + NL_{Jan2018}$

Indika issa b'$EX$ il-perċentwali ta' devjazzjoni $NS_{Jan2018}$ mill-kriterju ta' referenza tal-ammont pendenti, jiġifieri,

$$EX = \frac{(NS_{Jan2018} - OAB)}{OAB} \times 100$$

Fejn $OAB$ huwa żero, $EX$ jitqies daqs 2.5.

Fejn $r_k$ hija rata ta' imgħax li tiġi applikata għat-TLTRO-II $k$. Fejn $MRO_k$ u $DF_k$ hija r-rata tal-operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament (MRO) u r-rata tal-faċilità tad-depożitu, espressi bħala r-rati ta' perċentwali annwali, eżistenti fiż-żmien tal-allokazzjoni tat-TLTRO-II $k$, rispettivament. ir-rata tal-imgħax hija ddeterminata kif ġej:

a) Jekk parteċipant ma jaqbiżx il-kriterju ta' referenza tal-ammont tas-self eliġibbli pendenti fil-31 ta' Jannar 2018, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata lill-ammonti kollha mislufa mill-parteċipant taħt it-TLTROs-II hija daqs ir-rata MRO applikabbli fi żmien tal-allokazzjoni ta' kull TLTRO-II, jiġifieri:

   jekk $EX \leq 0$, mela $r_k = MRO_k$.

b) Jekk parteċipant jaqbeż il-kriterju ta' referenza tal-ammont tas-self eliġibbli pendenti b'mill-inqas 2,5 % fil-31 ta' Jannar 2018, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata lill-ammonti kollha mislufa mill-parteċipant taħt it-TLTROs-II hija daqs ir-rata tal-faċilità ta' depożitu applikabbli fi żmien tal-allokazzjoni ta' kull TLTRO-II, jiġifieri:

   jekk $EX \geq 2{,}5$, mela $r_k = DF_k$.

c) Jekk parteċipant jaqbeż il-kriterju ta' referenza tal-ammont tas-self eliġibbli pendenti imma b'inqas minn 2,5 % fil-31 ta' Jannar 2018, ir-rata tal-imgħax li għandha tiġi applikata lill-ammonti kollha mislufa mill-parteċipant taħt it-TLTROs-II hija ggradata b'mod lineari skont il-perċentwali li biha il-parteċipant jaqbeż il-kriterju ta' referenza tal-ammonti pendenti tas-self eliġibbli, jiġifieri:

   jekk $0 < EX < 2{,}5$, mela $r_k = MRO_k - \frac{(MRO_k - DF_k) \times EX}{2{,}5}$.

   Ir-rata tal-imgħax tiġi espressa bħala rata ta' perċentwali annwali, imqarrba sar-raba' pożizzjoni deċimali li jmiss.

*ANNESS II*

**IT-TIENI SERJE TA' OPERAZZJONIJIET TA' RIFINANZJAMENT SPEĊIFIĊI FUQ ŻMIEN ITWAL — LINJI GWIDA GĦALL-MILI TAL-FORMOLA TA' RAPPORTAR**

1. **Introduzzjoni** ([1])

Dawk il-linji gwida jipprovdu struzzjonijiet għall-kumpilazzjoni tar-rapporti tad-dejta li l-parteċipanti fit-TLTROs-II għandhom jissottomettu skont l-Artikolu 7. Ir-rekwiżiti tar-rapportar huma ppreżentati fil-mudell tar-rapportar fl-aħħar ta' dan l-Anness. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ukoll ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-gruppi tat-TLTRO-II li jieħdu sehem fl-operazzjonijiet.

It-taqsima 2 u 3 jipprovdu informazzjoni ġenerali dwar il-kumpilazzjoni u t-trasmissjoni tad-dejta u t-taqsima 4 jispjegaw l-indikaturi li għandhom jiġu rrapportati.

2. **Informazzjoni ġenerali**

Il-miżuri li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-limitu fuq is-self huma marbutin ma' self tal-korporazzjonijiet finanzjarji (IFM) lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji taż-żona tal-euro u self IFM lil unitajiet domestiċi taż-żona tal-euro ([2]), bl-esklużjoni ta' self għax-xiri ta' djar, fil-muniti kollha. Skont l-Artikolu 7 rapporti tad-dejta għandhom jiġu sottomessi għal żewġ perijodi ta' referenza ddefiniti fl-Artikolu 1. B'mod partikolari, informazzjoni dwar l-ammonti pendenti ta' self eliġibbli fi tmiem ix-xahar ta' qabel il-bidu tal-perjodu u fi tmiem il-perjodu, kif ukoll is-self nett eliġibbli matul il-perjodu (ikkalkolat bħala self gross nett mill-ħlasijiet lura tas-self) irid jiġi rrapportat għalih għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji u għal unitajiet domestiċi. Ammonti pendenti ta' self eliġibbli huma aġġustati biex jaħsbu għal self li huwa ttitolizzat jew ttrasferit mod ieħor u li mhux dekontabilizzat. Informazzjoni ddettaljata hija meħtieġa wkoll fuq subkomponenti rilevanti ta' dawn il-partiti, kif ukoll fuq l-effetti li jirriżultaw f'tibdil lil ammonti pendenti ta' self eliġibbli imma ma humiex relatati ma' self nett eliġibbli (iktar 'il quddiem "aġġustamenti għall-ammonti pendenti"), li jkopru wkoll xiri u bejgħ ta' self u trasferimenti ta' self oħra.

Fir-rigward tal-użu ta' informazzjoni miġbura, id-dejta fuq l-ammonti pendenti ta' self eliġibbli fil-31 ta' Jannar 2016 se tintuża għad-determinazzjoni tal-limitu fuq is-self. Barra minn hekk, id-dejta fuq self nett eliġibbli matul l-ewwel perijodu ta' referenza għandu jintuża għall-kalkolu tal-kriterju ta' referenza tas-self nett u l-kriterju ta' referenza tal-ammont pendenti. Fil-frattemp dejta fuq self nett eliġibbli matul it-tieni perijodu ta' referenza għandha tintuża għall-valutazzjoni tal-iżviluppi tas-self u, għaldaqstant, ir-rati ta' imgħax applikabbli. L-indikaturi kollha l-oħrajn fil-mudell huma meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konsistenza interna tal-informazzjoni u l-konsistenza tagħha mad-dejta statistika miġbura fi ħdan l-Eurosistema, kif ukoll għall-monitoraġġ fil-fond tal-impatt tal-programm tat-TLTRO-II.

Il-qafas ġenerali sottostanti t-tlestija tar-rapporti tad-dejta huwa pprovdut mir-rekwiżiti ta' rapportar tal-IFM taż-żona tal-euro fil-kuntest tal-istatistika dwar il-partiti tal-karta tal-bilanċ (BSI) tal-IFM, kif speċifikat fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). B'mod partikolari, fir-rigward tas-self, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) jeħtieġ li dan "[għandu jiġi rrapportat] skont l-ammont tal-kapital pendenti fl-aħħar tax-xahar. It-tħassir u tnaqqis fil-valur kif iddeterminat mill-prattiki ta' kontabbiltà relevanti għandhom ikunu esklużi minn dan l-ammont. […] is-self m'għandux ikun nnettjat kontra ebda assi jew passiv oħra. Madankollu, għall-kuntrarju tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 8(2), li jimplikaw ukoll li s-self irid jiġi rrapportat gross mill-provvedimenti, l-Artikolu 8(4) jistipula li l-BĊNi jistgħu jħallu r-rapportar ta' self kopert wara li jitnaqqsu l-koperturi u r-rapportar ta' self mixtri skont il-prezz miftiehem fil-ħin tal-akkwist tagħhom [jiġifieri l-valur tat-tranżazzjoni tagħhom], sakemm dawn il-prattiċi tar-rapportar ikunu applikati mill-operaturi kollha residenti li jirrapportaw". L-implikazzjonijiet li din id-devjazzjoni mill-gwida ġenerali dwar il-BSI għandha għall-kumpilazzjoni tar-rapporti tad-dejta huma rriveduti f'iktar dettall iktar 'il quddiem.

Ir-Regolament BĊE/2013/33 għandu jintuża wkoll bħala d-dokument ta' referenza fir-rigward tad-definizzjonijiet li jridu jiġu applikati fil-kumpilazzjoni tar-rapporti tad-dejta. Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 1 għad-definizzjonijiet ġenerali, u l-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II għal definizzjoni tal-kategoriji tal-istrumenti li għandhom ikunu koperti taħt "self" u tas-setturi ta' parteċipanti rispettivament. Huwa importanti, fil-qafas tal-BSI, li r-riċevibbli tal-imgħax dovut fuq is-self ikun soġġett għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ hekk kif isir dovut (jiġifieri fuq bażi tad-dovuti minflok meta fil-fatt jiġi riċevut), iżda ma għandux ikun eskluż mid-dejta fuq l-ammonti pendenti ta' self. Madankollu, imgħax kapitalizzat għandu jiġi rreġistrat bħala parti mill-ammonti pendenti.

([1]) Il-qafas kunċettwali wara r-rekwiżiti tar-rapportar baqa' ma nbidilx meta mqabbel ma' dak speċifikat fid-Deċiżjoni BĊE/2014/34.

([2]) Għall-finijiet tar-rapportar ta' dejta "unitajiet domestiċi" tinkludi istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jaqdu lil unitajiet domestiċi.

Filwaqt li ħafna mid-dejta li trid tiġi rrapportata fil-formola diġà tinġabar mill-IFM skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-parteċipanti li jagħmlu offerti fit-TLTRO-II għandhom jiġbru ċerta informazzjoni addizzjonali. Il-qafas metodoloġiku għall-istatistiki tal-BSI, kif stipulat fil-“Manual on MFI balance sheet statistics” ([1]) (“Manwal dwar l-istatistiki tal-karta tal-bilanċ tal-IFM”), jipprovdi t-tagħrif ta' sfond kollu meħtieġ biex tinġabar din id-dejta addizzjonali; iktar dettalji huma pprovduti fil-punt 4 dwar id-definizzjonijiet tal-indikaturi individwali.

3. **Struzzjonijiet ġenerali ta' rapportar**

(a) Struttura tal-mudell dwar ir-rapportar

Il-mudell jinkludi indikazzjoni tal-perijodu li d-dejta tirriferi għalih u tiġbor flimkien l-indikaturi f'żewġ blokok: Self IFM lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji taż-żona tal-euro u self IFM lill-unitajiet domestiċi taż-żona tal-euro għal xiri ta' djar. Id-dejta fiċ-ċelloli kollha mmarkati bl-isfar hija kkalkolata mid-dejta mdaħħla f'ċelloli oħrajn, fuq il-bażi tal-formuli pprovduti. Il-mudell jinkorpora wkoll regola ta' validazzjoni li tivverifika l-konsistenza bejn ammonti u tranżazzjonijiet pendenti.

(b) Definizzjoni tal-“perjodu tar-rapportar”

Il-perjodu tar-rapportar jirrappreżenta l-medda ta' dati li għaliha tirreferi d-dejta. Hemm żewġ perijodi ta' rapportar fit-TLTRO-II, jiġifieri “l-ewwel perijodu ta' referenza”, 1 ta' Frar 2015 sal-31 ta' Jannar 2016, u “t-tieni perijodu ta' referenza”, l-1 ta' Frar 2016 sal-31 ta' Jannar 2018. L-indikaturi marbutin ma' ammonti pendenti jridu jiġu rrapportati kif kienu fi tmiem ix-xahar ta' qabel ma beda l-perjodu tar-rapportar u fi tmiem il-perjodu tar-rapportar; għalhekk, għall-ewwel perjodu ta' referenza ammonti pendenti għandhom jiġu rrapportati kif huma fil-31 ta' Jannar 2015 u fil-31 ta' Jannar 2016, u għat-tieni perijodu ta' referenza l-ammonti pendenti jridu jiġu rrapportati kif huma fil-31 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Jannar 2018. Min-naħa tagħha, id-dejta fuq tranżazzjonijiet u aġġustamenti trid tkopri l-effetti relevanti kollha li jseħħu matul il-perjodu tar-rapportar.

(c) Ir-rapportar fir-rigward ta' gruppi tat-TLTROs

Fir-rigward ta' parteċipazzjoni ta' grupp fit-TLTROs-II, bħala regola d-dejta għandha tiġi rrapportata fuq bażi aggregata. Madankollu, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊNi) għandhom il-possibbiltà li jiġbru t-tagħrif fuq bażi ta' istitituzzjonijiet individwali, jekk jitqies li dan huwa xieraq.

(d) Tranżmissjoni tar-rapporti tad-dejta

Ir-rapporti tad-dejta kompletati għandhom jintbagħtu lill-BĊN relevanti kif speċifikat fl-Artikolu 7 u skont il-kalendarju indikattiv għal TLTROs-II ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE, li jistipula wkoll il-perjodi ta' referenza li jridu jkunu koperti f'kull trażmizzjoni u liema vintages tad-dejta għandhom jintużaw għall-kumpilazzjoni tad-dejta.

(e) Unità tad-dejta

Id-dejta trid tiġi rrapportata f'termini ta' eluf ta' euro.

4. **Definizzjonijiet**

Din is-sezzjoni tipprovdi definizzjonijiet tal-partiti li jridu jiġu rrapportati; l-enumerazzjoni użata fil-formola ta' rapportar hija indikata fil-parentesi.

(a) Ammonti pendenti ta' self eliġibbli (1 u 4)

Id-dejta f'dawn iċ-ċelloli tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-figuri rrapportati fir-rigward tal-partiti sussegwenti, jiġifieri “Ammonti pendenti fil-karta tal-bilanċ” (1.1 u 4.1), bit-tnaqqis tal-“Ammonti pendenti ta' self li huma titolizzati jew ittrasferiti b'xi mod ieħor iżda mhux dekontabilizzati mill-karta tal-bilanċ” (1.2 u 4.2), b'żieda tal-“Provvedimenti pendenti kontra self eliġibbli” (1.3 u 4.3). L-aħħar subterminu huwa relevanti biss f'każijiet li fihom, għall-kuntrarju tal-prattika ġenerali tal-BSI, is-self jiġi rrapportat nett mill-provvedimenti.

([1]) Ara l-“Manual on MFI balance sheet statistics”, BĊE, April 2012, disponibbli fuq is-sit elettroniku www.ecb.europa.eu. B'mod partikolari, is-Sezzjoni 2.1.4, p. 76 tirrigwarda r-rapportar statistiku ta' self.

(i) Ammonti pendenti fil-karta tal-bilanċ (1.1 u 4.1)

Din il-partita tinkludi ammonti pendenti ta' self mogħti lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi taż-żona tal-euro, bl-esklużjoni ta' self għax-xiri ta' djar. Għall-kuntrarju tal-imgħax kapitalizzat, l-imgħax dovut huwa eskluż mill-indikaturi.

Dawn iċ-ċelloli fuq il-mudell huma marbuta direttament mar-rekwiżiti tal-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) (Taqsima 2 tat-Tabella 1 fuq stokks tax-xahar).

Għal definizzjoni iktar dettaljata tal-partiti li jridu jiddaħħlu fir-rapporti tad-dejta, ara l-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u s-Sezzjoni 2.1.4 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics".

(ii) L-ammonti pendenti ta' self li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor iżda mhux dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ (1.2 u 4.2)

Din il-partita tinkludi l-ammonti pendenti ta' self li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor iżda li ma ġiex dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ. L-attivitajiet kollha ta' titolizzazzjoni jridu jiġu rrapportati, indipendentement minn fejn huma residenti l-korporazzjonijiet tal-veikoli finanzjarji. Self provdut bħala kollateral lill-Eurosistema għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-politika monetarja fil-forma ta' pretensjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw fi trasferiment mingħajr dekontabilizzar mill-karta tal-bilanċ huma esklużi minn din il-partita.

Il-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) (Taqsima 5.1 tat-Tabella 5a fuq id-dejta tax-xahar) tkopri l-informazzjoni meħtieġa fuq self titolizzat lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi li ma ġewx dekontabilizzati, iżda ma teħtieġx li dawn tal-aħħar jitqassmu skont l-iskop. Barra minn hekk, ammonti pendenti ta' self li ġie ttrasferit b'xi mod ieħor (jiġifieri mhux permezz ta' titolizzazzjoni) iżda li mhuwiex dekontabilizzat, mhumiex koperti mir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Għalhekk, għall-finijiet tal-kumpilazzjoni tar-rapporti tad-dejta, huma meħtieġa estrazzjonijiet ta' dejta separati mid-databases interni tal-IFM.

Għal iktar dettalji tal-partiti li jridu jiddaħħlu fir-rapporti tad-dejta, ara l-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u s-Sezzjoni 2.3 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics".

(iii) Provvedimenti pendenti kontra self eliġibbli (1.3 u 4.3)

Din id-dejta hija relevanti biss għal dawk l-istituzzjonijiet li, għall-kuntrarju tal-prattika ġenerali tal-BSI, jirrapportaw self nett mill-provvedimenti. Fil-każ ta' istituzzjonijiet li jagħmlu offerti bħala grupp tat-TLTRO-II, dan ir-rekwiżit japplika biss għal dawk l-istituzzjonijiet fil-grupp li jirreġistraw self nett mill-provvedimenti.

Din il-partita tinkludi provvedimenti individwali u kollettivi għal indeboliment u telf minn self (qabel ma jsir tħassir u tnizzil fil-valur). Id-dejta trid tirreferi għal self eliġibbli pendenti fil-karta tal-bilanċ, jiġifieri huwa eskluż self li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li ma ġiex dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ.

Kif intqal iktar 'il fuq fit-tielet subparagrafu tal-punt 2, bħala regola, fl-istatistiki tal-BSI is-self għandu jiġi rrapportat bl-ammont pendenti ta' kapital, bil-provvedimenti korrispondenti li jiġu allokati f'"Kapital u riżervi". F'dawn il-każijiet, m'għandha tiġi rrapportata l-ebda informazzjoni separata dwar provvedimenti. Fl-istess ħin, f'każijiet li fihom is-self jiġi rrapportat nett mill-provvedimenti, dan it-tagħrif addizzjonali jrid jiġi rrapportat sabiex tingħabar dejta kompletament paragunabbli bejn l-IFM.

Meta tkun prattika normali li jiġu rrapportati ammonti pendenti ta' self nett mill-provvedimenti, il-BĊNi għandhom l-għażla li jagħmlu r-rapportar ta' dan it-tagħrif mhux obbligatorju. Madankollu, f'dawn il-każijiet il-kalkoli skont il-qafas tat-TLTROs-II ser ikunu msejsin fuq l-ammonti ta' self pendenti fil-karta tal-bilanċ nett mill-provvedimenti ([1]).

Għal dettalji addizzjonali, ara r-referenza għad-dispożizzjonijiet fid-definizzjoni ta' "*Kapital u riżervi*" fil-Parti 2 tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

([1]) Din l-eċċezzjoni għandha applikazzjonijiet għar-rapportar tad-dejta fuq tħassir u tnizzil fil-valur ukoll, kif iċċarat iktar 'il quddiem.

(b) Self nett eliġibbli (2)

Dawn iċ-ċelloli tal-mudell ta' rapportar jirreġistraw is-self nett (tranżazzjonijiet) mogħti matul il-perjodu tar-rapportar. Id-dejta tiġi kkalkolata fuq il-bażi tal-figuri rrapportati għas-subpartiti, jiġifieri s-"Self gross" (2.1) nieqes il-"Ħlasijiet lura" (2.2).

Self li huwa negozjat mill-ġdid matul il-perjodu tar-rapportar għandu jiġi rrapportat kemm bħala "Ħlasijiet lura" kif ukoll bħala "Self gross" meta jseħħ in-negozjar mill-ġdid. Id-dejta dwar l-aġġustament trid tinkludi effetti marbutin man-negozjar mill-ġdid tas-self.

Fil-prinċipju, tranżazzjonijiet "mreġġa' lura" matul il-perjodu (jiġifieri self mogħti u mħallas lura matul il-perjodu) għandhom jiġu rrapportati kemm bħala "Self gross" kif ukoll bħala "Ħlasijiet lura". Madankollu, l-IFM li jagħmlu offerti jistgħu jitħallew jeskludu dawn l-operazzjonijiet ukoll meta jikkompilaw ir-rapporti tad-dejta, sabiex jittaffa l-piż tar-rapportar tagħhom. F'dan il-każ, għandhom jinfurmaw lill-BĊN rilevanti u d-dejta fuq l-aġġustamenti għall-ammonti pendenti għandha teskludi wkoll effetti marbutin ma' dawn l-operazzjonijiet imreġġa' lura. Din l-eċċezzjoni ma tapplikax għal self mogħti matul il-perjodu li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor.

Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll dejn tal-karta tal-kreditu, self ċirkolanti u kreditu fuq kont kurrenti bankarju. Għal dawn l-istrumenti, bidliet fil-bilanċi minħabba ammonti użati jew prelevati matul il-perjodi tar-rapportar għandhom jintużaw bħala indikaturi għas-self nett. L-ammonti pożittivi għandhom jiġu rrapportati bħala "Self gross" (2.1), filwaqt li l-ammonti negattivi għandhom jiġu rrapportati (bis-sinjal pożittiv) bħala "Ħlasijiet lura" (2.2).

(i) Self gross (2.1)

Din il-partita tinkludi l-fluss tas-self ġdid gross fil-perjodu tar-rapportar, għajr kwalunkwe akkwiżizzjoni ta' self. Kreditu mogħti relatat ma' dejn tal-karta tal-kreditu, self ċirkolanti u kreditu fuq kont kurrenti bankarju għandu jiġi rrapportat ukoll, kif spjegat iktar 'il fuq.

Ammonti miżjudin matul il-perjodu mal-bilanċi dovuti tal-klijent, pereżempju, mal-kapitalizzazzjoni tal-imgħax (għall-kuntrarju tad-dovuti tal-imgħax) u l-miżati, għandhom ikunu inklużi wkoll.

(ii) Ħlasijiet lura (2.2)

Din il-partita tinkludi l-fluss ta' ħlasijiet lura tal-kapital matul il-perjodu tar-rapportar, bl-esklużjoni ta' dawk marbutin ma' self titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li mhuwiex dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ. Il-ħlasijiet lura relatati mad-dejn tal-karta tal-kreditu, self ċirkolanti u kreditu fuq kont kurrenti bankarju għandhom jiġu rrapportati wkoll, kif spjegat iktar 'il fuq.

Il-ħlasijiet tal-imgħax marbutin mal-imgħax dovut li ma jkunx għadu ġie kapitalizzat, ċessjoni tas-self u aġġustamenti oħrajn fl-ammonti pendenti (inklużi tħassir u tniżżil fil-valur) ma għandhomx jiġu rrapportati.

(c) Aġġustamenti fl-ammonti pendenti

Dawn iċ-ċelloli tal-mudell ta' rapportar huma sabiex jiġu rrapportati bidliet fl-ammonti pendenti (tnaqqis (–) u żidiet (+)) li jseħħu tul il-perjodu tar-rapportar li mhumiex marbutin mas-self nett. Tali bidliet iseħħu minn operazzjonijiet bħal titolizzazzjonijiet tas-self u trasferimenti oħrajn ta' self matul il-perjodu tar-rapportar, u minn aġġustamenti oħrajn marbutin mar-rivalutazzjonijiet dovuti għal bidliet fir-rati tal-kambju, tħassir u tniżżil fil-valur ta' self u riklassifikazzjonijiet. Id-dejta f'dawn iċ-ċelloli tiġi kkalkolata b'mod awtomatiku fuq il-bażi tal-figuri rrapportati fis-subpartiti, jiġifieri "Bejgħ u xiri ta' self u trasferimenti oħrajn ta' self matul il-perjodu tar-rapportar" (3.1) miżjuda ma' "Aġġustamenti oħrajn" (3.2).

(i) Bejgħ u xiri ta' self u trasferimenti ta' self oħrajn matul il-perjodu tar-rapportar (3.1)

— Flussi netti ta' self titolizzat b'impatt fuq l-istokks tas-self (3.1 A)

Din il-partita tinkludi fiha l-ammont nett tas-self li huwa ttitolizzat matul il-perjodu tar-rapportar b'impatt fuq l-istokks tas-self irrapportati, ikkalkolati bħala l-akkwisti wara li jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet ([1]). L-attivitajiet kollha ta' titolizzazzjoni jridu jiġu rrapportati, indipendentement minn fejn huma residenti l-korporazzjonijiet tal-veikoli finanzjarji. It-trasferimenti tas-self għandhom jiġu rreġistrati bl-ammont nominali ta' tħassir u tniżżil fil-valur fi żmien il-bejgħ. Dan it-tħassir u tniżżil fil-valur għandu jiġi rrapportat, meta jkun jista' jiġi identifikat, taħt il-partita 3.2B fil-mudell (ara iktar 'il quddiem). Fil-każ tal-IFM li jirrapportaw self nett mill-provvedimenti, it-trasferimenti għandhom jiġu rreġistrati bil-valur tal-karta tal-bilanċ (jiġifieri l-ammont nominali nett mill-provvedimenti pendenti) ([2]).

Ir-rekwiżiti tal-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) (Taqsima 1.1 tat-Tabella 5a fuq id-dejta tax-xahar u t-Tabella 5b fuq id-dejta trimestrali) ikopru dawn l-elementi.

Għal definizzjoni iktar dettaljata tal-partiti li għandhom jiġu rrapportati, ara l-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u s-Sezzjoni 2.3 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics".

— Flussi netti ta' self li huwa ttrasferit b'xi mod ieħor b'impatt fuq l-istokks tas-self (3.1B)

Din il-partita tinkludi l-ammont nett ta' self soġġett għal ċessjoni jew akkwiżizzjoni matul il-perjodu b'impatt fuq l-istokks tas-self irrapportat f'operazzjonijiet mhux relatati ma' attivitajiet ta' titolizzazzjoni, u hija kkalkolata bħala l-akkwisti wara li jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet. It-trasferimenti għandhom jiġu rreġistrati bl-ammont nominali nett mit-tħassir u tniżżil fil-valur fi żmien il-bejgħ. Dan it-tħassir u tniżżil fil-valur għandu jiġi rrapportat, meta jkun jista' jiġi identifikat, taħt il-partita 3.2B. Fil-każ ta' IFM li jirrapportaw self nett mill-provvedimenti, it-trasferimenti għandhom jiġu rreġistrati bil-valur tal-karta tal-bilanċ (jiġifieri l-ammont nominali nett mill-provvedimenti pendenti).

Ir-rekwiżiti tal-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) ikopru dawn l-elementi b'mod parzjali. It-taqsimiet 1.2 tat-Tabella 5a fuq id-dejta tax-xahar u t-Tabella 5b dwar id-dejta trimestrali jkopru dejta fuq il-flussi netti tas-self li altrimenti huwa ttrasferit b'impatt fuq l-istokks tas-self, iżda jeskludu:

(1) self soġġett għal ċessjoni lil, jew akkwiżizzjoni minn, IFM domestika oħra, inklużi trasferimenti intragrupp dovuti għar-ristrutturar tan-negozju korporattiv (eż. it-trasferiment ta' ġabra ta' self minn sussidjarja domestika tal-IFM lill-IFM prinċipali);

(2) trasferimenti ta' self fil-kuntest ta' riorganizzazzjonijiet intragrupp dovuti għal għaqdiet, akkwiżizzjonijiet u diviżjonijiet.

Għall-finijiet tal-mili tar-rapporti tad-dejta, għandhom jiġu rrapportati dawn l-effetti kollha. Għal definizzjoni iktar dettaljata tal-partiti li għandhom jiġu rrapportati, ara l-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u s-Sezzjoni 2.3 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics". Fir-rigward tal-"Bidliet fl-istruttura tas-settur tal-IFM", is-Sezzjoni 1.6.3.4 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics" (u s-Sezzjoni 5.2 relatata tal-Anness 1.1) tipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' trasferimenti intragrupp, li tagħmel distinzjoni bejn il-każijiet li fihom iseħħu trasferimenti bejn unitajiet istituzzjonali separati (eż. qabel ma unità waħda jew iktar ma jibqgħux jeżistu f'għaqda jew akkwiżizzjoni) u dawk li jseħħu meta xi unitajiet ma jibqgħux jeżistu, f'liema każ għandha ssir riklassifikazzjoni statistika. Għall-finijiet tal-kumpilazzjoni tar-rapporti tad-dejta fiż-żewġ każijiet l-implikazzjonijiet huma l-istess u d-dejta għandha tiġi rrapportata taħt il-partita 3.1C (u mhux taħt il-partita 3.2C).

— Il-flussi netti tas-self li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor mingħajr ebda impatt fuq l-istokks tas-self (3.1C)

Din il-partita tinkludi l-ammont nett ta' self li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor matul il-perjodu tar-rapportar mingħajr ebda impatt fuq l-istokks tas-self irrapportati, u hija kkalkolata bħala l-akkwisti wara li jitnaqqsu ċ-ċessjonijiet. It-trasferimenti għandhom jiġu rreġistrati bl-ammont nominali

---

([1]) Din il-konvenzjoni tas-sinjali (li hija l-kontra tar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) hija konsistenti mar-rekwiżit ġenerali dwar id-dejta ta' aġġustament, kif speċifikat iktar 'il fuq — jiġifieri effetti li jwasslu għal żidiet jew tnaqqis fl-ammonti pendenti għandhom jiġu rrapportati b'simbolu pożittiv jew negattiv.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) jippermetti lill-IFM sabiex jirrapportaw self mixtri bil-valur tat-tranżazzjoni tagħhom sakemm din tkun prattika nazzjonali applikata mill-IFM kollha residenti fil-pajjiż. F'każijiet bħal dawn, il-komponenti ta' rivalwazzjoni li jistgħu jiġġarrbu għandhom jiġu rrapportati taħt il-partita 3.2B.

nett mit-tħassir u tniżżil fil-valur fi żmien il-bejgħ. Dan it-tħassir u tniżżil fil-valur għandu jiġi rrapportat, meta jkun jista' jiġi identifikat, taħt l-partita 3.2B. Fil-każ ta' IFM li jirrapportaw self nett mill-provvedimenti, it-trasferimenti għandhom jiġu rreġistrati bil-valur tal-karta tal-bilanċ (jiġifieri l-ammont nominali nett mill-provvedimenti pendenti). Flussi netti dwar l-għoti ta' self bħala kollateral lill-Eurosistema għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-politika monetarja fil-forma ta' pretensjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw fi trasferiment mingħajr dekontabilizzar mill-karta tal-bilanċ huma esklużi minn din il-partita.

Ir-rekwiżiti tal-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) ikopru dawn l-elementi b'mod parzjali. It-Taqsimiet 2.1 tat-Tabella 5a dwar id-dejta tax-xahar u t-Tabella 5b dwar id-dejta trimestrali jkopru dejta fuq il-flussi netti ta' self li huwa ttitolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor mingħajr ebda impatt fuq l-istokks tas-self, iżda self lil unitajiet domestiċi għax-xiri ta' dar mhuwiex identifikat għalih u b'hekk għandu jinsilet għalih mid-databases interni tal-IFM. Barra minn hekk, kif ġie speċifikat iktar 'il fuq, ir-rekwiżiti jeskludu:

1) Self suġġett għal ċessjoni lil, jew akkwiżizzjoni minn, IFM domestika oħra, inklużi trasferimenti intragrupp dovuti għal ristrutturar tan-negozju korporattiv (eż. meta sussidjarja ta' IFM domestika tittrasferixxi grupp ta' self lill-IFM prinċipali);

2) Trasferimenti ta' self fil-kuntest ta' riorganizzazzjonijiet intragrupp dovuti għal għaqdiet, akkwiżizzjonijiet u diviżjonijiet.

Għall-finijiet tal-mili tar-rapporti tad-dejta, għandhom jiġu rrapportati dawn l-effetti kollha.

Għal dettalji addizzjonali fuq il-partiti li jridu jiġu inklużi, ara l-Parti 5 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u s-Sezzjoni 2.3 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics".

(ii) Aġġustamenti oħrajn (3.2)

Dejta fuq aġġustamenti oħrajn trid tiġi rrapportata għal self eliġibbli pendenti fil-karta tal-bilanċ, eskluż self titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li ma ġiex dekontabilizzat.

— Rivalwazzjonijiet dovuti għal bidliet fir-rati tal-kambju (3.2 A)

Ċaqliq fir-rati tal-kambju kontra l-euro jġib miegħu bidliet fil-valur tas-self denominat f'muniti barranin meta jkun espress f'euro. Id-dejta fuq dawn l-effetti għandha tiġi rrapportata b'sinjal negattiv (pożittiv) meta f'termini netti jwasslu għal tnaqqis (żieda) fl-ammonti pendenti, u huma meħtieġa biex tkun tista' ssir rikonċiljazzjoni sħiħa bejn is-self nett u l-bidliet fl-ammonti pendenti.

Dawn l-aġġustamenti mhumiex koperti mir-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Għall-finijiet tar-rapporti tad-dejta, jekk id-dejta (jew anki approssimazzjoni) ma tkunx disponibbli minnufih għall-IFM, dawn jistgħu jiġu kkalkolati skont il-gwida pprovduta fis-Sezzjoni 4.2.2 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics". Il-proċedura ta' stima ssuġġerita tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-kalkoli għall-muniti ewlenin u hija msejsa fuq l-istadji li ġejjin:

1) l-ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tax-xahar li jippreċedi l-bidu tal-perijodu u fl-aħħar tal-perijodu (partiti 1 u 4) jinqasmu skont il-munita ta' denominazzjoni, bl-iffokar ikun fuq il-grupp ta' self denominat f'GBP, USD, CHF u JPY. Jekk din id-dejta ma tkunx faċilment disponibbli, tista' tintua dejta fuq l-ammonti pendenti totali fuq il-karta tal-bilanċ, inkluż self titolizzat jew ttrasferit mod ieħor li ma huwiex dekontabilizzat — partiti 1.1 u 4.1;

2) kull grupp ta' self huwa ttrattat kif ġej. In-numri tal-ekwazzjoni relevanti fil-"Manual on MFI balance sheet statistics" huma pprovduti fil-parentesi:

— l-ammonti pendenti fi tmiem ix-xahar li jiġi qabel ma jibda l-perjodu tar-rapportar u fi tmiem il-perjodu huma kkonvertiti fil-munita oriġinali ta' denominazzjoni, billi jintużaw ir-rati tal-kambju nominali korrispondenti ([1]) (l-ekwazzjonijiet [4.2.2] u [4.2.3]);

([1]) Għandhom jintużaw ir-rati tal-kambju ta' referenza tal-BĊE. Ara l-istqarrija għall-istampa tat-8 ta' Lulju 1998 dwar l-istabbiliment ta' standards tas-suq komuni li hija disponibbli fis-sit tal-BĊE http://www.ecb.europa.eu.

— il-bidla fl-ammonti pendenti matul il-perjodu ta' referenza denominati f'munita barranija hija kkalkolata u kkonvertita lura f'euro billi jintuża l-valur medju tar-rati tal-kambju ta' kuljum matul il-perjodu tar-rapportar (ekwazzjoni [4.2.4]);

— id-differenza bejn il-bidla fl-ammonti pendenti kkonvertiti f'euro, kif ikkalkolata fl-istadju ta' qabel, u l-bidla fl-ammonti pendenti f'euro hija kkalkolata (ekwazzjoni [4.2.5], bis-sinjal oppost);

3) l-aġġustament finali tar-rata tal-kambju huwa stmat bħala s-somma tal-aġġustamenti għal kull munita.

Għal iktar tagħrif, ara s-Sezzjonijiet 1.6.3.5 u 4.2.2 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics".

— Tħassir/tnaqqis tal-valur (3.2B)

Skont il-punt (g) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), "tnizzil fil-valur" tfisser it-tnaqqis dirett tal-ammont riportat ta' self fuq il-karta tal-bilanċ statistika dovut għall-indeboliment tiegħu. "B'mod simili, skont il-punt (h) l-Artikolu 1 tal-istess Regolament "tħassir" tfisser tniżżil fil-valur tal-ammont riportat sħiħ ta' self li jwassal għat-tneħħija tiegħu mill-karta tal-bilanċ." L-effetti tat-tniżżil fil-valur u t-tneħħija għandhom jiġu rrapportati b'sinjal negattiv jew pożittiv meta f'termini netti dan jirriżulta fi tnaqqis jew żieda fl-ammonti pendenti. Din id-dejta hija meħtieġa biex tkun tista' ssir rikonċiljazzjoni sħiħa bejn is-self nett u l-bidliet fl-ammonti pendenti.

Fir-rigward tat-tneħħija u tniżżil fil-valur marbut ma' self pendenti fil-karta tal-bilanċ, tista' tintuża d-dejta miġbura biex tinżamm konformità mar-rekwiżiti minimi tal-Parti 4 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) Tabella 1 A dwar l-aġġustamenti ta' kull xahar tar-rivalutazzjoni). Madankollu, is-separazzjoni tal-impatt tat-tneħħija u tniżżil fil-valur ta' self fuq self titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li mhuwiex dekontabilizzat teħtieġ estrazzjoni ta' dejta separata mid-databases interni tal-IFM.

Fil-prinċipju, dejta fuq ammonti pendenti ta' self eliġibbli (partiti 1 u 4) hija korretta għall-ammonti pendenti ta' provvedimenti f'każijiet li fihom is-self jiġi rreġistrat bħala nett mill-provvedimenti fuq il-karta tal-bilanċ statistika.

— F'każijiet li fihom il-parteċipanti jirrapportaw il-partiti 1.3 u 4.3, id-dejta fuq tħassir u tniżżil fil-valur tas-self għandha tinkorpora t-tħassir tal-kanċellazzjoni fl-imgħoddi fuq self li ma għadux rekuperabbli (b'mod parzjali jew sħiħ) u, barra minn hekk, għandha tinkludi wkoll kwalunkwe telf li jmur lill hinn mill-provvedimenti, jekk dan ikun applikabbli. B'mod simili, meta self provvedut ikun titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor, irid jiġi rreġistrat tħassir jew tniżżil fil-valur li jiġi daqs il-provvedimenti pendenti, bis-sinjal oppost, sabiex jaqbel mal-bidla fil-valur fil-karta tal-bilanċ, ikkoreġut għall-ammonti ta' provvedimenti u l-valur tal-fluss nett. Il-provvedimenti jistgħu jinbidlu maż-żmien minħabba provvedimenti u indebolimenti ġodda għat-telf minn self (nett minn treġġigħ lura possibbli, inkluż dak li jseħħ meta self jitħallas lura mill-mutwatarju). Tali bidliet ma għandhomx jiġu rreġistrati fir-rapporti tad-dejta bħala parti mit-tħassir/tniżżil fil-valur (peress li r-rapporti tad-dejta jibnu mill-ġdid il-valuri gross tal-provvedimenti) ([1]).

Is-separazzjoni tal-impatt tat-tħassir u tniżżil fil-valur tas-self fuq self titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li mhuwiex dekontabilizzat tista' titneħħa jekk ma tistax tiġi estratta dejta separata mid-databases interni tal-IFM.

— Meta tkun il-prattika li l-ammonti pendenti ta' self jiġu rrapportati netti mill-provvedimenti, iżda l-partiti relevanti (1.3 u 4.3) relatati mal-provvedimenti ma jkunux irrapportati (ara l-punt 4(a) iktar 'il fuq), it-tħassir/tniżżil fil-valur irid jinkludi provvedimenti għal indeboliment ġodda u telf minn self fuq il-portafoll tas-self (nett minn treġġigħ lura possibbli, inkluż dak li jseħħ meta self jitħallas lura mill-mutwatarju) ([2]).

([1]) Dan ir-rekwiżit huwa differenti mir-rekwiżiti ta' rapportar taħt ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).
([2]) Dan ir-rekwiżit huwa l-istess bħall-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) mill-IFM li jirreġistraw self nett mill-provvedimenti.

Ma hemmx bżonn li jiġi separat l-impatt tat-tħassir u tniżżil fil-valur fuq self titolizzat jew self ittrasferit b'xi mod ieħor li mhuwiex dekontabilizzat jekk ma tkunx tista' tiġi estratta dejta separata fuq provvedimenti mid-databases interni tal-IFM.

Fil-prinċipju, dawn il-partiti jkopru wkoll rivalutazzjonijiet li jirriżultaw meta s-self ikun titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor u l-valur tat-tranżazzjoni jvarja mill-ammont nominali pendenti meta jseħħ it-trasferiment. Dawn ir-rivalutazzjonijiet għandhom jiġu rrapportati, meta jkunu jistgħu jiġu identifikati, u għandhom jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn il-valur tat-tranżazzjoni u l-ammont nominali pendenti fi żmien il-bejgħ.

Għal iktar tagħrif, ara l-Parti 4 tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u s-Sezzjoni 1.6.3.3 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics".

— Riklassifikazzjonijiet (3.2C)

Ir-riklassifikazzjonijiet jirreġistraw l-effetti kollha l-oħrajn li mhumiex marbutin mas-self nett, kif iddefinit fil-punt 4(b), iżda jirriżultaw f'bidliet fl-ammonti pendenti ta' self fil-karta tal-bilanċ, għajr self titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li ma ġiex dekontabilizzat.

Dawn l-effetti mhumiex koperti mir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u l-impatt tagħhom normalment jiġi stmat fuq bażi aggregata meta jissawru statistiċi makroekonomiċi. Madankollu, huma importanti fil-livell tal-istituzzjonijiet individwali (jew gruppi tat-TLTROs-II) sabiex jiġu rikonċiljati s-self nett u l-bidliet fl-ammonti pendenti.

Għandhom jiġu rrapportati l-effetti li ġejjin, fir-rigward tal-ammonti pendenti ta' self fil-karta tal-bilanċ, bl-esklużjoni ta' self titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor li mhuwiex dekontabilizzat u tapplika l-konvenzjoni tas-soltu ta' reġistrazzjoni tal-effetti li jwasslu għat-tnaqqis (żidiet) fl-ammonti pendenti b'sinjal negattiv (pożittiv).

1) Bidliet fil-klassifikazzjoni tas-settur jew il-post ta' residenza tal-mutwatarji li jirriżultaw f'bidliet fil-pożizzjonijiet pendenti rrapportati li mhumiex dovuti għas-self nett u li b'hekk għandhom jiġu rreġistrati.

2) Bidliet fil-klassifikazzjoni tal-istrumenti. Dawn jistgħu jaffettwaw l-indikaturi wkoll jekk l-ammonti pendenti ta' self jiżdiedu jew jonqsu minħabba, pereżempju, ir-riklassifikazzjoni ta' titolu ta' dejn bħala self jew bħala self jew titolu ta' dejn.

3) L-aġġustamenti li jirriżultaw mill-korrezzjoni ta' żbalji ta' rapportar, skont l-istruzzjonijiet irċevuti mill-BĊN rilevanti bis-saħħa tal-punt (c) tal-Artikolu 8(1).

Skont l-Artikolu 7(6), ir-riorganizzazzjonijiet korporattivi u t-tibdil fil-kompożizzjonijiet tal-gruppi TLTRO-II normalment jirriżulta fil-bżonn li tiġi sottomessa mill-ġdid l-ewwel rapport ta' dejta biex tirrifletti l-istruttura korporattiva ġdida u l-kompożizzjoni tal-grupp TLTRO-II. Għaldaqstant, ebda riklassi-fikazzjonij ma tintua fir-rigward ta' dawk l-avvenimenti.

Għal informazzjoni addizzjonali, ara s-Sezzjonijiet 1.6.3.4 tal-"Manual on MFI balance sheet statistics". Madankollu, id-differenzi kunċettwali enfasizzati iktar 'il fuq għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-derivazzjoni tad-dejta tal-klassifikazzjoni mill-ġdid fil-livell tal-istituzzjonijiet individwali.

## Rapportar TLTRO-II

**Perijodu ta' rapportar** …

**Self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi, bl-esklużjoni ta' self lil unitajiet domestiċi għax-xiri tad-djar (EUR eluf)**

| | | **Self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji** | **Self lil unitajiet domestiċi (inklużi istituzzjonijiet mhux għal skop ta' profitt li jservu unitajiet domestiċi), bl-esklużjoni ta' xiri ta' djar** | partita | formula | validazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Aggregati ewlenin** | | | | | | |
| **1** | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tax-xahar qabel il-bidu tal-perijodu ta' rapportar** | **0** | **0** | **1** | **1 = 1.1 – 1.2 (+1.3)** | |
| **2** | **Self nett eliġibbli fil-perijodu ta' rapportar** | **0** | **0** | **2** | **2 = 2.1 + 2.2** | |
| **3** | **Aġġustament għall-ammonti pendenti: tnaqqis (–) u żidiet (+)** | **0** | **0** | 3 | 3 = 3.1 + 3.2 | |
| **4** | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tal-perijodu ta' rapportar** | **0** | **0** | **4** | **4 = 4.1 – 4.2 (+4.3)** | **4 = 1 + 2 + 3** |
| **Partiti sottostanti** | | | | | | |
| | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tax-xahar qabel il-bidu tal-perijodu ta' rapportar** | | | | | |
| 1,1 | Ammonti pendenti fuq il-karta tal-bilanċ | | | 1,1 | | |
| 1,2 | L-ammonti pendenti ta' self li huwa titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor iżda mhux dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ | | | 1,2 | | |
| 1,3 | Dispożizzjonijiet pendenti kontra self eliġibbli (*) | | | 1,3 | | |
| | **Self nett eliġibbli fil-perijodu ta' rapportar** | | | | | |
| 2,1 | Self gross | | | 2,1 | | |
| 2,2 | Ħlasijiet lura | | | 2,2 | | |
| | **Aġġustament għall-ammonti pendenti: tnaqqis (–) u żidiet (+)** | | | | | |
| 3,1 | Bejgħ u xiri ta' self u trasferimenti ta' self oħrajn u trasferimenti ta' self oħrajn matul il-perjodu tar-rapportar | 0 | 0 | 3,1 | 3.1 = 3.1A + 3.1B + 3.1C | |
| 3.1A | Flussi netti ta' self li huwa titolizzat b'impatt fuq l-istokks tas-self | | | 3.1A | | |
| 3.1B | Flussi netti ta' self li huwa ttrasferit b'xi mod ieħor b'impatt fuq l-istokks tas-self | | | 3.1B | | |
| 3.1C | Flussi netti tas-self li huwa titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor mingħajr ebda impatt fuq l-istokks tas-self | | | 3.1C | | |
| 3,2 | Aġġustamenti oħrajn | 0 | 0 | 3,2 | 3.2 = 3.2A + 3.2B + 3.1C | |
| 3.2A | Rivalutazzjonijiet dovuti għal bidliet fir-rati tal-kambju | | | 3.2A | | |
| 3.2B | Tħassir/tnaqqis tal-valur | | | 3.2B | | |
| 3.2C. | Klassifikazzjonijiet mill-ġdid | | | 3.2C. | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Ammonti pendenti ta' self eliġibbli fl-aħħar tal-perijodu ta' rapportar** | | | |
| 4,1 | Ammonti pendenti fuq il-karta tal-bilanċ ... | | | 4,1 |
| 4,2 | L-ammonti pendenti ta' self li huwa titolizzat jew ittrasferit b'xi mod ieħor iżda mhux dekontabilizzat mill-karta tal-bilanċ ... | | | 4,2 |
| 4,3 | Dispożizzjonijiet pendenti kontra self eliġibbli (*)... | | | 4,3 |

(*) Applikabbli biss f'dawk il-każijiet fejn is-self huwa rrapportat nett mid-dispożizzjonijiet; ara l-istruzzjonijiet tar-rappurtar għal iktar dettall.

# DEĊIŻJONI (UE) 2016/811 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-28 ta' April 2016

## li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2014/34 dwar miżuri relatati ma' operazzjonijiet immirati ta' rifinanzjament fuq żmien itwal (BĊE/2016/11)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 12.1, it-tieni inċiż tal-Artikolu 18.1 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) ([1]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 1(4) tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60), il-Kunsill Governattiv jista', f'kull ħin, jibdel l-istrumenti, ir-rekwiżiti, il-kriterji u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(2) Fid-29 ta' Lulju 2014, fit-twettiq tal-mandat tiegħu għall-istabbiltà tal-prezzijiet u fil-kuntest tal-miżuri mmirati għat-titjib tal-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' trasmissjoni għall-politika monetarja bl-appoġġ ta' self lill-ekonomija reali, il-Kunsill Governattiv adotta d-Deċiżjoni BĊE/2014/34 ([2]). Din id-Deċiżjoni stabbilixxiet sensiela ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs) li għandhom jitwettqu fuq perijodu ta' sentejn.

(3) Fl-10 ta' Marzu 2016, sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-politika monetarja akkomodanti u sabiex tissaħħaħ it-trasmissjoni tal-politika monetarja billi jiġi inċentivat is-self tal-bank lill-ekonomija reali, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jagħmel sensiela ġdida ta' erba' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (TLTROs-II). It-termini għal dawn it-TLTROs-II għandhom jiġu stabbiliti f'deċiżjoni separata. Sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jħallsu lura l-ammonti mislufa taħt it-TLTROs u jissellfu taħt it-TLTROs-II, il-Kunsill Governattiv ddeċieda li jintroduċi f'Ġunju 2016 il-possibbiltà ta' ħlas lura volontarju addizzjonali għat-TLTROs pendenti kollha.

(4) Il-Kunsill Governattiv ddeċieda wkoll li l-ebda obbligu ta' rappurtar ulterjuri ma japplika għall-parteċipanti li ssottometew id-dejta meħtieġa għall-kalkolu tal-ħlas lura bikri obbligatorju f'Settembru 2016.

(5) Sabiex istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom żmien biżżejjed biex jagħmlu preparazzjonijiet operattivi għall-ewwel TLTRO-II, din id-Deċiżjoni ghandha tidħol fis-seħħ mingħajr dewmien bla bżonn.

(6) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni BĊE/2014/34 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċizjoni BĊE/2014/34 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

**Ħlas lura bikri**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, bil-bidu jkun 24 xahar wara kull TLTRO, il-parteċipanti għandu jkollhom, fuq bażi semi-annwali, l-opzjoni li jitterminaw jew inaqqsu l-ammont tat-TLTROs qabel il-maturità. Dati ta' ħlas lura bikri għandhom jikkoinċidu ma' jum il-ħlas ta' operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament, kif speċifikat mill-Eurosistema.

([1]) ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3.
([2]) Deċiżjoni BĊE/2014/34 tad-29 ta' Lulju 2014 dwar miżuri fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament immirati aktar fit-tul (ĠU L 258, 29.8.2014, p. 11).

2. Il-partecipanti għandu jkollhom ukoll l-opzjoni li jitterminaw jew inaqqsu l-ammont ta' TLTROs qabel il-maturità f'data li tikkoinċidi ma' jum il-ħlas tal-ewwel TLTRO mwettaq bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2016/810 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/10) (*). Sabiex jibbenefika mill-proċedura ta' ħlas lura bikri f'din l-ewwel data ta' ħlas lura bikri, parteċipant għandu jinnotifika lill-BĊN relevanti li biħsiebu jħallas lura bil-proċedura ta' ħlas lura bikri fid-data ta' ħlas lura bikri, tal-inqas tliet ġimgħat bil-quddiem ta' dik id-data ta' ħlas lura bikri. Din in-notifika għandha tkun vinkolanti fuq il-parteċipant tliet ġimgħat qabel id-data ta' ħlas lura bikri li tirreferi għaliha. Biex jiġi evitat id-dubju, l-allowance ta' self addizzjonali disponibbli għat-TLTRO li jsir f'Ġunju 2016 u li tiġi kkalkulata skont l-Artikolu 4(3) għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-ammonti mislufin matul it-TLTROs magħmulin minn Marzu 2015 mingħajr tnaqqis ta' kull ammont imħallas lura fl-ewwel data ta' ħlas lura bikri.

3. Fir-rigward ta' dati oħrajn ta' ħlas lura, sabiex jibbenefika mill-proċedura ta' ħlas lura bikri, il-parteċipant għandu jinnotifika lill-BĊN relevanti li biħsiebu jħallas lura bil-proċedura ta' ħlas lura bikri fid-data ta' ħlas lura bikri, tal-inqas ġimagħtejn bil-quddiem ta' dik id-data ta' ħlas lura bikri. Din in-notifika għandha tkun vinkolanti fuq il-parteċipant ġimagħtejn qabel id-data ta' ħlas lura bikri li tirreferi għaliha.

4. Jekk il-partiċipant jonqos milli jħallas sad-data tal-ħlas lura, għal kollox jew parzjalment, l-ammont dovut taħt il-proċedura ta' ħlas lura bikri, tista' tiġi imposta penali finanzjarja. Il-penali finanzjarja applikabbli għandha tiġi kkalkulata skont l-Anness VII tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) (**) u għandha tikkorrispondi mal-penali finanzjarja applikata għal nuqqasijiet ta' konformità ma' obbligi biex jiġi kkollateralizzat b'mod adegwat u mħallas l-ammont li l-kontroparti ġiet assenjat fir-rigward ta' tranżazzjoni mħassra għal għanijiet ta politika monetarja. L-impożizzjoni ta' penali finanzjarja għandha tkun mingħajr ħsara għad-dritt relevanti tal-BĊN li jeżerċita r-rimedji stabbiliti għal meta jseħħ każ ta' inadempjenza kif stabbilit fl-Artikolu 166 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).

(*) Deċiżjoni (UE) 2016/810 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar it-tieni serje ta' operazzjonijiet speċifiċi ta' rifinanzjament għal żmien itwal (BĊE/2016/10) (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 107).

(**) Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3 dwar l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60).";

2. fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1 u 2 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-parteċipanti fit-TLTROs li s-self nett eliġibbli kumulattiv tagħhom fil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2014 u t-30 ta' April 2016 ikun inqas mill-kriterju ta' referenza applikabbli tagħhom fit-30 ta' April 2016 għandhom ikunu meħtieġa jħallsu lura għal kollox l-ammonti inizjali u addizzjonali li ssellfu tat-TLTRO fid-28 ta' Settembru 2016, sakemm l-Eurosistema ma tispeċifikax xi data alternattiva oħra. L-Anness I jispjega l-kalkoli tekniċi.

2. Jekk is-self totali ta' parteċipant fir-rigward ta' provvediment addizzjonali tiegħu fit-TLTROs imwettqin minn Marzu 2015 sa Ġunju 2016 jaqbeż il-provvediment addizzjonali kkalkolat mix-xahar ta' referenza tal-allokazzjoni ta' April 2016, f'dak il-każ l-ammont ta' dan it-teħid b'self addizzjonali eċċessiv għandu jkun pagabbli fid-28 ta' Settembru 2016, sakemm l-Eurosistema ma tispeċifikax xi data alternattiva oħra. L-Anness I jispjega l-kalkoli tekniċi.";

3. Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 5 huwa mibdul b'li ġej:

"5. Jekk il-partiċipant jonqos milli jħallas sad-data tal-ħlas lura, għal kollox jew parzjalment, l-ammont dovut taħt il-proċedura ta' ħlas lura bikri obbligatorja, tista tiġi imposta piena finanzjarja. Il-penali finanzjarja applikabbli għandha tiġi kkalkulata skont l-Anness VII tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60) u għandha tikkorrispondi mal-penali finanzjarja applikata għal nuqqasijiet ta' konformità ma' obbligi biex jiġi kkollateralizzat b'mod adegwat u mħallas l-ammont li l-kontroparti ġiet assenjat fir-rigward ta' tranżazzjoni mħassra għal għanijiet ta politika monetarja. L-impożizzjoni ta' penali finanzjarja għandha tkun mingħajr ħsara għad-dritt relevanti tal-BĊN li jeżerċita r-rimedji stabbiliti għal meta jseħħ każ ta' inadempjenza kif stabbilit fl-Artikolu 166 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 (BĊE/2014/60).";

4. fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa mibdul b'li ġej:

"4. Jekk istituzzjoni tiehu sehem f'TLTRO u sakemm ikollha kreditu pendenti f'TLTRO, din għandha tkun meħtieġa tissottometti formoli ta' rapportar tad-dejta mimlijin kull tliet xhur skont il-paragrafu 1 sakemm tkun intbagħtet id-dejta meħtieġa għad-determinazzjoni tal-obbligu tal-ħlas lura obbligatorju skont l-Artikolu 7.";

5. fl-Artikolu 8, il-paragrafu 8 huwa mibdul b'li ġej:

"8. Sakemm ma jkunx ħallas lura l-ammonti kollha pendenti taħt it-TLTROs tiegħu skont l-Artikolu 6(2), kull parteċipant fit-TLTROs għandu jkun meħtieġ li jsirlu eżami tal-eżattezza dwar id-dejta rrapportata skont il-paragrafu 1. Dan l-eżerċizzju, li jista' jsir fil-kuntest ta' verifika annwali, jista' jsir minn awditur estern. Minflok ma jintuża awditur estern, il-partiċipanti jistgħu jagħmlu pjanijiet għal arranġamenti ekwivalenti, kif approvat mill-Eurosistema. Il-BĊN tal-parteċipant għandu jiġi infurmat bir-riżultat ta' dan l-eżami. Fil-każ ta' parteċipazzjoni tal-grupp TLTRO, ir-riżultati għandhom jiġu maqsuma mal-BĊNi tal-membri tal-grupp TLTRO. Fuq talba tal-BĊN tal-partiċipant, riżultati ddettaljati tal-eżamijiet li jsiru skont dan il-paragrafu għandhom jiġu pprovduti lil dak il-BĊN u, fil-każ ta' parteċipazzjoni tal-grupp, sussegwentement jinqasmu mal-BĊNi tal-membri tal-grupp TLTRO.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Mejju 2016.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' April 2016.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT